# Il-Formazzjoni tal-Kelma fil-Malti: Restrizzjonijiet f’numru ta’ Suffissi Derivattivi magħżula

Raffaello Bezzina

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Arti
fl-Università ta’ Malta
għall-grad tal-M.A. fil-Malti

Frar 2023

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

Fondi tal-UE għal Malta 2014-2020

Ix-xogħol ta' riċerka żvelat f'din il-pubblikazzjoni huwa parzjalment iffinanzjat mill-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR. Il-Proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew - Programm Operattiv II - Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014 – 2020 *"Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà".*

Programm Operattiv II – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet
filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà"
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew
Rata ta' ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali

# Sinteżi

Ir-regoli u r-restrizzjonijiet li jikkundizzjonaw it-tiswir tal-kelma kumplessa normalment jiġu diskussi taħt is-suġġett tal-formazzjoni tal-kelma. Mhux wisq inkiteb fuq dan is-suġġett fil-Malti, speċjalment fil-qasam tal-morfoloġija konkatenattiva u l-affissi derivattivi mislufin. Bis-saħħa tal-korpus tal-MLRS, f'dan l-istudju nanalizza erba' suffissi derivattivi mislufin, *-uż*, *-ezza*, *-erija* u *-aġni*, biex nistabilixxi hemmx restrizzjonijiet ta' natura speċifika fil-Malti li jillimitaw il-mod kif jingħaqdu mal-bażi. Nuri li dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu kkategorizzati fi ħdan qafas stabbilit u li hemm xebh u differenzi, fir-rigward ta' dawn il-formazzjonijiet, bejn il-formazzjonijiet mislufin u dawk lokali. Nagħlaq b'regola tal-formazzjoni tal-kelma (RFK) li tapplika għall-formazzjonijiet eżistenti u għan-neoloġiżmi. Din ir-RFK tispeċifika l-informazzjoni fonoloġika, morfoloġika, sintattika u semantika/pragmatika meħtieġa għall-binja tal-kliem kumpless b'dawn is-suffissi derivattivi.

**Kliem muftieħ**: kelma kumplessa, suffissi derivattivi, formazzjoni tal-kelma, morfoloġija konkatenattiva, restrizzjonijiet

# Abstract

The rules and restrictions that condition the formation of complex words are usually discussed in the domain of word formation. Not much has been written on this subject in Maltese, especially in the field of concatenative morphology and borrowed derivational affixes. With the use of the MLRS corpus, in this study I analyse four borrowed derivative suffixes, *-uż*, *-ezza*, *-erija* and *-aġni*, to establish whether there are restrictions of a specific nature in Maltese that condition their attachment to the base. I show that these restrictions can be categorized within an established framework and that there are similarities and differences, in relation to these formations, between borrowed and local formations. A word formation rule (WFR) is then formulated both for existing formations and also for neologisms. This WFR specifies the phonological, morphological, syntactic and semantic/pragmatic information necessary for the construction of complex words with these derivational suffixes.

**Key words**: complex word, derivational suffixes, word formation, concatenative morphology, restrictions

# Radd il-Ħajr

Hemm numru ta' persuni li nixtieq nirringrazzjahom minn qalbi. Mingħajrhom, dan il-vjaġġ kien ikun bil-wisq itqal. Nibda qabelxejn bit-tutur, Dr Spagnol, li bil-paċenzja u l-kompetenza tiegħu, għenni biex nasal sa fejn wasalt. Kien dejjem lest li niddiskutu flimkien biex l-ideat imħawdin li kelli fil-bidu żviluppaw, immaturaw u wasslu għal dan ix-xogħol strutturat. Il-ħeġġa tiegħu u l-fiduċja li wera fija kienu strumentali biex ma naqtax qalbi u nħares dejjem 'il quddiem.

Hemm letturi u akkademiċi oħra li nixtieq nirringrazzjahom minn qalbi. L-ideat li qasmu miegħi għenuni biex ma nħarisx lejn is-suġġett minn perspettiva waħda iżda nanalizzah b'mod, kemm jista' jkun, oġġettiv u xjentifiku. Fost dawn hemm il-Prof. Ray Fabri li qasam miegħi xi ideat fuq il-metodoloġija u l-Prof. Sandro Caruana li bagħatli xi xogħol minn tiegħu biex jispirani. Magħhom nixtieq nirringrazzja lil Prof. Franz Rainer mill-Università ta' Vjenna, li meta għidtlu fuq xiex qed naħdem, ma qagħadx lura milli jibgħatli xi artikli u kapitli li ma kellix aċċess għalihom.

Magħhom nirringrazzja lil Dr Kurstin Gatt, lettur tal-Għarbi fl-Università ta' Malta, li sab il-ħin biex jirrispondi l-emails tiegħi fuq l-etimoloġija ta' xi kelmiet u lil Dwayne Ellul li b'mod effiċjenti qasam miegħi xi pariri fuq l-ortografija ta' xi varjanti.

Ħajr ukoll lill-Bord tal-Malta Government Scholarship Scheme li emmen fl-ideat tiegħi u għażel li jtini s-sapport finanzjarju li kelli bżonn. B'din l-għajnuna stajt niffoka aktar fuq dan l-istudju u nixtri kotba u xogħlijiet akkademiċi li fuqhom striħajt kemm-il darba.

Fl-aħħar nett nirringrazzja lil dawk li l-aktar kienu qrib tiegħi waqt dan il-vjaġġ – il-familja u l-maħbuba. Ommi, missieri u ħuti kienu dejjem hemm għalija meta kelli bżonn xi ħaġa. Niskuża ruħi magħhom jekk kont imħabbat jew inkwetat u nqasthom f'xi ħaġa. U lil Michela Vella, it-tfajla, li b'ħafna paċenzja u mħabba, kienet dejjem hemm għalija biex tismagħni, tifhimni u tqawwili qalbi. Minkejja l-impenji tagħha, dejjem sabet il-ħin biex taqra xogħli u taqsam miegħi xi kritika u suġġerimenti. Grazzi, Mich!

# Taqsiriet

| **Taqsira** | **Tifsira** |
|---|---|
| A | aġġettiv |
| Aq. | Aquilina (dizzjunarju) |
| dm | De Mauro (dizzjunarju) |
| Fran. | Franċiż |
| Lat. | Latin |
| N | Nom |
| PL. | plural |
| R | Rumanz |
| S | Semitiku |
| Sq. | Sqalli |
| Tal. | Taljan |
| tr | Treccani (dizzjunarju) |
| V | verb |

# Il-Werrej

Sinteżi ..... iii
Radd il-Ħajr ..... iv
Taqsiriet ..... v
Il-Werrej ..... vi
Lista ta’ Tabelli ..... x
Lista ta’ Figuri ..... xii
0. Daħla ..... 1
 0.1. Il-motivazzjoni u l-għanijiet ta’ dan ix-xogħol ..... 1
 0.2. It-tqassim ta’ dan ix-xogħol ..... 3
1. Il-Kelma ..... 5
 1.1. X’inhi l-kelma ..... 5
  1.1.1. Il-lessema ..... 7
  1.1.2. Il-lessiku ..... 8
 1.2. Il-morfema u l-morf ..... 11
  1.2.1. Il-morfema ..... 12
  1.2.2. Il-morf ..... 15
  1.2.3. Xejriet problematiċi ..... 16
  1.2.4. Konklużjoni fuq il-morfema u l-morf ..... 20
 1.3. Il-kliem (morfoloġikament) kumpless ..... 20
 1.4. Mekkaniżmi involuti fil-ħolqien tal-kliem kumpless ..... 24
  1.4.1. Is-sistema introflessiva fil-Malti – għajn oħra ta’ formazzjonijiet kumplessi ġodda? ..... 29
 1.5. Minn xiex inhu kompost il-kliem kumpless ..... 34
  1.5.1. Il-bażi/iz-zokk/l-għerq ..... 34
  1.5.2. L-affissi ..... 37
   1.5.2.1. L-affissojdi ..... 41
   1.5.2.2. L-affissi derivattivi fid-dawl tal-formazzjoni tal-kelma ..... 42
 1.6. Kunċetti periferali ..... 43
  1.6.1. Kliem eżistenti u kliem potenzjali ..... 44
  1.6.2. Il-produttività fid-dawl tal-formazzjoni tal-kelma ..... 45
2. Ir-restrizzjonijiet: Definizzjonijiet u Klassifika ..... 47
 2.1. Introduzzjoni ..... 47
  2.1.1. Introduzzjoni: Ir-regoli tal-formazzjoni tal-kelma (RFK) ..... 48
  2.1.2. Introduzzjoni: Ir-restrizzjonijiet ..... 49
 2.2. Tipoloġija: Bażi + Affiss ..... 50
  2.2.1. Limitazzjonijiet ġenerali ..... 51

2.2.2. Restrizzjonijiet speċifiċi ... 54
2.2.2.1. Xi diffikultajiet ... 54
2.2.2.2. Restrizzjonijiet fonoloġiċi ... 55
2.2.2.2.1. Il-kunċett tal-aploloġija (*haplology*) ... 57
2.2.2.3. Restrizzjonijiet morfoloġiċi ... 58
2.2.2.4. Restrizzjonjiet sintattiċi ... 60
2.2.2.5. Restrizzjonijiet semantiċi ... 61
2.2.2.6. Restrizzjonijiet pragmatiċi ... 63
2.2.2.7. Restrizzjonijiet lessikali ... 64
2.2.2.8. L-ibblukkar ... 65
2.2.2.8.1. Il-każ ta' *serrieq* fil-Malti ... 69
2.2.2.9. Konklużjoni: Restrizzjonijiet Speċifiċi ... 70
2.3. Tipoloġija: Affiss + Affiss ... 72
2.3.1. L-istruttura tal-kelma kumplessa ... 72
2.3.2. Is-suffissi u l-prefissi fil-kelma kumplessa ... 73
2.3.3. L-affissi derivattivi u inflettivi fil-kelma kumplessa ... 74
2.3.4. Approċċi teoretiċi differenti ... 74
2.4. Figuri ... 76
3. Ġabra ta' suffissi u spunti metodoloġiċi ... 79
3.1. Ġabra ta' suffissi mislufin ... 79
3.1.1. L-ewwel ġabra ... 79
3.1.2. It-tieni ġabra ... 86
3.2. Statistika ħafifa fuq il-ġabriet tas-suffissi ... 93
3.2.1. Numru ta' types fil-korpus ... 93
3.2.2. Oriġini/Provenjenza ... 95
3.3. Il-metodoloġija u l-għażla tal-affissi ... 95
3.3.1. Spunti metodoloġiċi ... 95
3.3.2. L-għażla tal-affissi ... 99
4. Is-suffiss *-uż* u r-restrizzjonijiet ... 101
4.1. Punti introduttorji ... 101
4.1.1. Is-suffiss *-uż* fil-letteratura Taljana u lokali ... 101
4.1.2. *-uż* bħala suffiss ... 103
4.1.3. Is-suffiss Taljan *-oso* u r-restrizzjonijiet tiegħu ... 103
4.2. Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-uż* ... 104
4.2.1. Spunti metodoloġiċi ... 108
4.2.2. Osservazzjonijiet fuq il-ġabra ... 109
4.2.2.1. Okkorrenzi ... 109

4.2.2.2. Oriġini ..... 110
4.2.2.3. Il-bażi ..... 110
4.2.2.4. Osservazzjonijiet allomorfiċi ..... 112
4.2.2.4.1. Is-suffiss ..... 112
4.2.2.4.2. Mekkaniżmi allomorfiċi oħrajn ..... 112
4.3. L-analiżi tar-restrizzjonijiet ..... 114
4.3.1. Kliem misluf bis-suffiss *-uż* fil-Malti ..... 114
4.3.2. Formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-uż* ..... 120
4.3.2.1. Kelmtejn fuq kull formazzjoni ..... 121
4.3.2.2. Ir-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet lokali ..... 127
4.4. Konklużjoni ..... 129
5. Is-suffiss *-ezza* u r-restrizzjonijiet ..... 131
5.1. Fuq is-suffiss ..... 131
5.1.1. Fit-Taljan u fil-Malti ..... 131
5.1.2. *-ezza* bħala suffiss ..... 133
5.1.3. Ir-restrizzjonijiet tas-suffiss *-ezza* fit-Taljan ..... 133
5.2. Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-ezza* ..... 136
5.2.1. Spunti metodoloġiċi ..... 141
5.2.2. Osservazzjonijiet fuq il-ġabra ..... 142
5.2.2.1. Okkorrenzi ..... 142
5.2.2.2. Oriġini ..... 145
5.2.2.3. Il-bażi ..... 146
5.2.2.4. Osservazzjonijiet allomorfiċi ..... 147
5.3. L-analiżi tar-restrizzjonijiet ..... 148
5.3.1. Kliem misluf bis-suffiss *-ezza* ..... 148
5.3.2. Formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-ezza* ..... 154
5.3.2.1. Kelmtejn fuq kull formazzjoni ..... 155
5.3.2.2. Ir-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet lokali ..... 159
5.4. Konklużjoni ..... 161
6. Is-suffiss *-erija* u r-restrizzjonijiet ..... 163
6.1. Fil-Malti u fit-Taljan ..... 163
6.1.1. *-erija* fil-Malti ..... 163
6.1.2. *-eria* fit-Taljan ..... 164
6.1.3. -erija bħala suffiss ..... 167
6.2. Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-erija* ..... 168
6.2.1. Spunti metodoloġiċi ..... 171
6.2.2. Osservazzjonijiet fuq il-ġabra ..... 172

6.2.2.1. Okkorrenzi ... 172

6.2.2.2. Oriġini ... 176

6.2.2.3. Il-bażi ... 177

6.3. L-analiżi tar-restrizzjonijiet ... 178

6.3.1. Kliem misluf bis-suffiss *-erija* ... 179

6.3.2. Formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-erija* ... 184

6.3.2.1. Kelmtejn fuq kull formazzjoni ... 185

6.3.2.2. Ir-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet lokali ... 189

6.4. Konklużjoni ... 192

7. Is-suffiss *-aġni* u r-restrizzjonijiet ... 193

7.1. Fuq is-suffiss ... 193

7.1.1. Fit-Taljan u fil-Malti ... 193

7.1.2. *-aġni* bħala suffiss ... 194

7.1.3. Ir-restrizzjonijiet tas-suffiss *-aggine* fit-Taljan ... 195

7.2. Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-aġni* ... 196

7.2.1. Spunti metodoloġiċi ... 198

7.2.2. Osservazzjonijiet fuq il-ġabra ... 198

7.2.2.1. Okkorrenzi ... 199

7.2.2.2. Oriġini ... 199

7.2.2.3. Il-bażi ... 200

7.3. L-analiżi tar-restrizzjonijiet ... 200

7.3.1. Kliem misluf bis-suffiss *-aġni* ... 200

7.3.2. Formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-aġni* ... 202

7.3.2.1. Kelmtejn fuq kull formazzjoni ... 204

7.3.2.2. Ir-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet lokali ... 209

7.4. Konklużjoni ... 212

8. Għeluq ... 213

8.1. Konklużjonijiet fuq l-erba' suffissi analizzati ... 213

8.1.1. Suffiss *-uż* ... 213

8.1.2. Suffiss *-ezza* ... 214

8.1.3. Suffiss *-erija* ... 214

8.1.4. Suffiss *-aġni* ... 215

8.2. Osservazzjonijiet aktar ġenerali ... 215

8.3. Għall-quddiem ... 218

Glossarju ... 220

Referenzi ... 224

# Lista ta’ Tabelli

Tabella nru 1: Definizzjonijiet tal-'morfema' ........ 13
Tabella nru 2: Definizzjonijiet tal-'morf' ........ 15
Tabella nru 3: Kliem sempliċi u kliem kumpless ........ 24
Tabella nru 4: Lista ta’ affissi derivattivi Maltin u l-kriterji ta’ Dixon ........ 40
Tabella nru 5: *Type blocking* fid-diminuttiv ........ 68
Tabella nru 6: Ġabra ta' suffissi mislufin mir-Rumanz ........ 86
Tabella nru 7: Ġabra sistematika ta' suffissi mislufin mir-Rumanz u mill-Ingliż ........ 92
Tabella nru 8: Paradigma tal-forom inflettivi ta’ -*uż* ........ 103
Tabella nru 9: Ġabra ta’ formazzjonijiet bis-suffiss -*uż* fil-korpus ........ 108
Tabella nru 10: Formazzjonijiet mislufin bis-suffiss -*uż* flimkien mal-bażi ........ 117
Tabella nru 11: Formazzjonijiet lokali bis-suffiss -*uż* flimkien mal-bażi ........ 121
Tabella nru 12: L-ibblukkar fil-formazzjonijiet bis-suffiss -*uż* ........ 129
Tabella nru 13: Definizzjoni ta’ -*ezza* skont Treccani ........ 131
Tabella nru 14: Definizzjoni ta’ -*ezza* skont De Mauro ........ 132
Tabella nru 15: Ġabra ta’ formazzjonijiet bis-suffiss -*ezza* fil-korpus ........ 141
Tabella nru 16: Ġabra ta’ formazzjonijiet bis-suffiss -*ezzi* fil-korpus ........ 144
Tabella nru 17: Formazzjonijiet mislufin bis-suffiss -*ezza* flimkien mal-bażi ........ 151
Tabella nru 18: Formazzjonijiet lokali bis-suffiss -*ezza* flimkien mal-bażi ........ 155
Tabella nru 19: Definizzjoni ta’ -*eria* skont Treccani u De Mauro ........ 165
Tabella nru 20: Ġabra ta’ formazzjonijiet bis-suffiss -*erija* fil-korpus ........ 171
Tabella nru 21: Ġabra ta’ formazzjonijiet bis-suffiss -*erja* fil-korpus ........ 173
Tabella nru 22: Ġabra ta’ formazzjonijiet bis-suffiss -*eriji* fil-korpus ........ 175
Tabella nru 23: Formazzjonijiet mislufin bis-suffiss -*erija* flimkien mal-bażi ........ 181
Tabella nru 24: Klassifika tal-formazzjonijiet mislufin skont il-funzjoni ........ 182
Tabella nru 25: Formazzjonijiet lokali bis-suffiss -*erija* flimkien mal-bażi ........ 185
Tabella nru 26: Klassifika tal-formazzjonijiet lokali skont il-funzjoni ........ 190
Tabella nru 27: L-ibblukkar fil-formazzjonijiet bis-suffiss -*erija* ........ 191
Tabella nru 28: Definizzjoni ta’ -*aggine* skont De Mauro ........ 194
Tabella nru 29: Ġabra ta’ formazzjonijiet bis-suffiss -*aġni* fil-korpus ........ 197
Tabella nru 30: Ġabra ta’ formazzjonijiet mifruxin bis-suffiss -*aġni*, li ma jokkorrux fil-korpus ........ 198
Tabella nru 31: Formazzjonijiet mislufin bis-suffiss -*aġni* flimkien mal-bażi ........ 201
Tabella nru 32: Formazzjonjiet lokali bis-suffiss -*aġni* flimkien mal-bażi ........ 203

Tabella nru 33: L-ibblukkar fil-formazzjonijiet bis-suffiss *-aġni* ........................................................ 211

Tabella nru 34: Numru ta' formazzjonijiet lokali għall-erba' suffissi analizzati ................................. 216

# Lista ta' Figuri

Figura nru 1: Mekkaniżmi differenti li joħolqu l-kliem kumpless ........................................................ 29

Figura nru 2: Teoriji rilevanti tal-formazzjoni tal-kelma ...................................................................... 77

Figura nru 3: Tipoloġija tar-restrizzjonijiet speċifiċi.............................................................................. 78

Figura nru 4: Suffissi b'aktar minn 500 type fil-korpus ......................................................................... 94

Figura nru 5: L-oriġini tas-suffissi mislufin ........................................................................................... 95

# 0. Daħla

## 0.1. Il-motivazzjoni u l-għanijiet ta' dan ix-xogħol

Il-lingwa hija l-għodda ewlenija li biha l-bniedem jikkomunika l-ideat u jesprimi l-emozzjonijiet u x-xewqat tiegħu (Sapir, 1921). Ladarba jgħixu f'realtà li tinbidel b'mod kostanti, il-bnedmin għawġu, biddlu u żviluppaw l-lingwa biex dejjem jadattaw maż-żminijiet. Wara kollox, l-aspett tal-kreattività huwa waħda mill-karatteristiċi ewlenin li jiddistingwu l-lingwa tal-bnedmin mill-komunikazzjoni tal-annimali (Crystal, 2010).

Is-simboli ewlenin li l-bnedmin jużaw biex jikkomunikaw huma l-kliem, il-materja prima li biha jinbnew is-sentenzi u tifforma l-lingwa (Booij, 2014). Il-lingwa, mela, hija sistema kumplessa msawra minn elementi differenti li jikkomponuha u tintuża għal skopijiet prattiċi, jiġifieri biex issir il-komunikazzjoni (Aronoff & Lindsay, 2014). Bħal kwalunkwe sistema, għandha diversi regoli, li l-kelliema mhux dejjem huma konxji tagħhom, u li jiddettaw x'inhu u x'mhux possibbli fil-lingwa. Fost oħrajn, hemm regoli li jispeċifikaw l-ordni tal-kostitwenti fis-sentenza, regoli li jiffukaw fuq liema huma s-sekwenzi ta' ħsejjes permissibbli, u regoli li jiddettaw kif jingħaqdu l-morfi flimkien. Dan ix-xogħol ħa jiffoka fuq l-aħħar sett ta' regoli.

Dawn ir-regoli jwassluna biex, ngħidu aħna, flok **silveren* (bħal *golden*) ngħidu *silvery*, u flok **jealousness* (bħal *forgiveness*) ngħidu *jealousy* fl-Ingliż (Dixon, 2014). Fil-Malti, imbagħad, flok **bankatur* ngħidu *bankier* u flok **tustezza* ngħidu *tustaġni*. Bħal kwalunkwe sistema dinamika, kif tosserva Baeskow (2015), dawn ir-regoli mhumiex assoluti iżda jesprimu tendenzi mifruxin li jeżistu flimkien ma' numru relattivament żgħir ta' eċċezzjonijiet.

Fil-Malti, ftit saru studji li jiffukaw fuq dawn ir-regoli li jikkundizzjonaw it-tiswir tal-kelma. Dan minkejja li sar ħafna xogħol fuq dan is-suġġett f'lingwi varji, bħal lingwi Indo-Ewropej, l-Ingliż, it-Taljan, il-Ġermaniż, u anke lingwi li jaqgħu taħt familji lingwistiċi oħra bħall-Athabaskan, lingwa indiġena mill-Amerika ta' Fuq. Fil-letteratura, dawn ir-regoli mhux dejjem jiġu diskussi taħt l-istess kunċett. Ġieli jiġu diskussi f'diskussjonijiet fuq ir-regoli tal-formazzjoni tal-kelma (*word formation rules*, traduzzjoni tiegħi) jew il-morfotattika

(*morphotactics*, traduzzjoni tiegħi). Drabi oħra jiġu diskussi f'xi taqsima fuq il-produttività fil-lingwa jew f'xi taqsima li tiffoka fuq ir-restrizzjonijiet.

L-għan ewlieni ta' dan l-istudju huwa li, ftit ftit, din il-lakuna fir-riċerka tibda timtela u tingħata aktar attenzjoni. Għalhekk, b'mod sistematiku u kemm jista' jkun xjentifiku, nanalizza dawn ir-regoli u nittanta nikkategorizzahom fi ħdan xi qafas stabbilit. Il-mistoqsija l-aktar kruċjali li qed nimmira li nwieġeb hija jekk jeżistux restrizzjonijiet ta' natura speċifika fil-Malti li jirrestrinġu l-mod kif il-morfi jingħaqdu ma' xulxin f'kelma kumplessa. Ix-xewqa hi li dawn ir-restrizzjonijiet jitfgħu xaqq ta' dawl, kemm fuq il-binja ta' kliem stabbilit, kif ukoll fuq in-neoloġiżmi. Nara wkoll hemmx eċċezzjonijiet li jinjoraw dawn ir-regoli.

Hemm diversi dimensjonijiet li jistgħu jiġu analizzati biex nersqu lejn għarfien aħjar tal-mekkaniżmi involuti fit-tiswir tal-kelma Maltija. Fost dawn hemm il-morfoloġija interdiġitata u konkatenattiva, il-morfoloġija derivattiva u inflettiva, kliem b'aktar minn affiss derivattiv wieħed u kliem kompost. Biss, minħabba r-restrizzjonijiet ta' żmien, f'dan ix-xogħol indejjaq il-lenti tal-fokalizzazzjoni u niffoka biss fuq l-affissi derivattivi konkatenattivi, b'mod partikolari, kliem kumpless b'suffiss derivattiv wieħed. Din id-deċiżjoni ħadtha għal żewġ raġunijiet: a) hemm nuqqas kbir ta' xogħlijiet fil-Malti li jiddiskutu l-affissi derivattivi mislufin, u b) iltqajt ma' xi xogħlijiet lokali, u internazzjonali, li servew bħala ispirazzjoni għall-għażliet metodoloġiċi. It-tama hi li din l-għażla twitti t-triq għal studji oħra li jifirxu f'aktar oqsma.

Insemmi fuq fuq xi deċiżjonijiet oħra ewlenin li tajjeb nelenka hawn:

- Il-varjetà ta' Malti li fuqha niffoka hija l-Malti standard u mhux xi djalett partikolari.
- Għajr għal xi ftit eċċezzjonijiet, bħal meta nuża xi intuwizzjonijiet abbażi tal-idjolett, dan huwa studju xjentifiku li jistrieħ fuq data, ħafna minnha miġbura minn dizzjunarji u mill-korpus.
- Għalkemm mhux se nintrabat ma' xi teorija partikolari, uħud mill-osservazzjonijiet, inkluża t-tipoloġija ta' restrizzjonijiet li nippreżenta, huma bbażati fuq approċċi ġenerattivi.

## 0.2. It-tqassim ta' dan ix-xogħol

B'kollox, it-teżi fiha 8 kapitli li jirriflettu żewġ partijiet ewlenin: it-teorija (kapitlu 1 u 2) u l-analiżi (kapitlu 3 - 7). It-teorija tintroduċi l-kunċetti ewlenin u tispjega fid-dettall l-osservazzjonijiet li jsiru fit-tieni parti waqt li l-analiżi tuża l-punti diskussi fil-ħarsa kritika biex tibni konklużjonijiet fuq suffissi derivattivi partikolari.

Niftaħ dan ix-xogħol b'diskussjoni ġenerali fuq kunċetti u termini li huma kruċjali għall-analiżi. Dan il-kapitlu huwa importanti mhux biss għax jiddiskuti f'ċertu dettall ħafna mill-komponenti li jsawru l-kelma kumplessa Maltija, iżda wkoll għax jispeċifika b'liema mod se jintużaw uħud mit-termini li huma ftit jew wisq ambigwi. It-tieni kapitlu jkompli fuq l-ewwel iżda jdejjaq ftit il-ħarsa analitika u jiffoka aktar fuq ir-regoli jew ir-restrizzjonijiet diskussi fil-letteratura fil-qasam tal-formazzjoni tal-kelma. Hawn nagħti ħarsa lejn il-limitazzjonijiet ġenerali u r-restrizzjonijiet speċifiċi u nippreżentahom f'għamla ta' tipoloġija li tikkaratterizzahom b'mod sistematiku. Din hija parti importanti għax isservi bħala punt ta' riferiment li għaliha nirrikorri fl-analiżi ta' kull suffiss derivattiv studjat.

It-tieni parti ewlenija ta' dan ix-xogħol, jiġifieri l-analiżi (kapitlu 3), tiftaħ b'kapitlu metodoloġiku li fih nippreżenta tabella ta' suffissi derivattivi mislufin fil-Malti u nispjega fid-dettall l-għażliet metodoloġiċi li fuqhom jistrieħu l-kapitli li jsegwuh. F'dan il-kapitlu nagħti r-raġunijiet għall-għażla ta' affissi derivattivi magħżula għall-analiżi, jiġifieri *-uż*, *-ezza*, *-erija* u *-aġni*.

Minn kapitlu 4 sa kapitlu 7, naqbad affiss affiss u nanalizza bir-reqqa r-restrizzjonijiet osservati fit-tiżwiġ tal-kelma mal-affiss, dejjem b'rabta mal-kunċetti diskussi fl-ewwel żewġ kapitli. Dawn l-erba' kapitli jsegwu struttura simili. Jibdew b'ħarsa lejn il-letteratura fuq l-affissi inkwistjoni, jippreżentaw ġabra ta' kelmiet rilevanti mill-korpus tal-MLRS (verżjoni 3.0) u jagħlqu b'diskussjoni oġġettiva fuq ir-restrizzjonijiet osservati sija fil-formazzjonijiet kumplessi mislufin mil-lingwa sors u sija fil-formazzjonijiet lokali.

Nagħlaq b'kapitlu li jiġbor l-aktar osservazzjonijiet saljenti marbutin mal-affissi studjati u osservazzjonijiet oħra ġenerali. Nipproponi wkoll għadd ta' oqsma relatati li għad iridu jiġu rriċerkati.

*One should never quarrel about words,*
*and never get involved in questions of terminology.*

(Popper, 1979, p. 310)

# 1. Il-Kelma

L-għan ta' dan il-kapitlu mhuwiex li noffri xi definizzjoni singulari għad-diversi kunċetti ambigwi li huma kruċjali għall-analiżi, bħall-'kelma', il-'lessema', il-'morfema', il-'morf', il-'kelma kumplessa' u l-'bażi/iz-zokk' u l-'affiss', iżda li nixħet ftit dawl fuq il-kumplessità ta' dawn it-termini. Inħares għalhekk lejn kif jintużaw fil-letteratura u nittanta nispeċifika f'liema sens se nużahom fl-analiżi.

## 1.1. X'inhi l-kelma

Minkejja li l-kunċett ta' kelma jista' jidher sempliċistiku u ovvju għal ħafna, mhuwiex. Ix-xogħlijiet ewlenin tal-morfoloġija spiss jiddedikaw xi taqsima għal diskussjoni terminoloġika fuq dan il-kunċett l-aktar bażiku fil-morfoloġija, kif jirreferu għalih Haspelmath u Sims (2011, p. 15). Għal Lieber (2022, p. 264), il-kelma hija "unità lingwistika magħmula minn morfema waħda jew aktar li tista' toqgħod waħedha f'lingwa."[1] Crystal (2010, p. 461) jiddefinixxi l-kelma bħala "l-iżgħar unità tal-grammatika li tista' toqgħod waħedha bħala tlissina kompluta, hija separata bl-ispazju fil-kitba u forsi bil-pawżi fid-diskors."[2] Żewġ definizzjonijiet li jidhru sempliċi imma mhumiex.

Id-dibattitu fuq x'inhi l-kelma u kif niddefinuha għandu tradizzjoni twila warajh. Huwa dibattitu li jikkonċerna mhux biss il-lingwisti iżda wkoll il-psikologi, is-soċjologi u l-istudjużi fil-qasam konjittiv (Ramat, 2020, p. 53). Il-problema mhijiex biss waħda terminoloġika iżda tirrigwarda anke l-użu ambigwu ta' dan it-terminu. Fit-teoloġija, il-'Kelma' hija terminu

---

[1] *"A linguistic unit made up of one or more morphemes that can stand alone in a language."*

[2] *"The smallest unit of grammar that can stand alone as a complete utterance, separated by spaces in written language and potentially by pauses in speech."*

speċifiku li jintuża għall-fini ta' komunikazzjoni bejn id-divin u l-bniedem, u mhux f'sens purament lingwistiku. Dan l-użu baqa' jevolvi sakemm fit-tradizzjoni Kristjana, Kristu stess sar "il-kelma inkarnata", bl-implikazzjonijiet teoloġiċi u liturġiċi li din iġġorr magħha (*"U l-Verb sar bniedem"*) (Sawyer, 1994, p. 4989). L-ambigwità titfaċċa wkoll fid-distinzjoni bejn il-kelma fonoloġika u dik morfoloġika fil-lingwistika stess (Fudge, 1994, p. 5007). Tal-ewwel hija komposta minn sillabi, waqt li tat-tieni minn zkuk, prefissi u suffissi. Dawn it-tnejn kemm-il darba jikkoinċidu iżda mhux dejjem.

Huwa relattivament faċli nidentifikaw il-kelma fil-kitba. F'bosta sistemi ortografiċi l-kelma hija entità separata bl-ispazju mill-kelma ta' qabilha u ta' warajha (Crystal, 2010, p. 16; Fudge, 1994, p. 5007). Biss, anke din l-osservazzjoni hija ftit jew wisq problematika. F'sistemi bħas-Sanskrit, il-kliem mhuwiex separat bl-ispazju fil-kitba, waqt li fil-Malti, hemm bosta nomi li jokkorru mal-artiklu definit (eż. *il-kelb*). F'dan il-każ, għadna qed nitkellmu fuq kelma waħda? U kif nistgħu naslu biex niddeċiedu x'inhi l-kelma f'sekwenza mgħaġġla ta' kliem li jkun qed jingħad u mhux jinkiteb?

Fit-tentattiv li jiddelimitaw il-kelma minn, fost l-oħrajn, il-lessema (ara taqsima 1.1.1.), il-morfema (ara taqsima 1.2.1.), l-affissi (ara taqsima 1.5.2.), u l-kliem kompost (ara taqsima 1.4.), bosta lingwisti proponew għadd ta' modi empiriċi biex nagħrfu l-kelma. Haspelmath (2011, p. 38) jiddiskuti għaxar kriterji morfosintattiċi waqt li Aronoff u Fudeman (2011, p. 38) u Crystal (2010, p. 95) isemmu ħamsa. Mill-għaxar kriterji ta' Haspelmath, Ramat (2020, p. 56) jagħżel erbgħa li skontu huma l-aktar robusti: in-nuqqas ta' possibiltà li jiġu interrotti, il-mobilità, l-iżolabilità u n-nuqqas ta' selettività. Kwalunkwe kelma ma tistax tiġi interrotta b'kelma oħra fiha. Fil-kelma *ktieb*, ngħidu aħna, ma nistgħux ninfilsaw kelma oħra, **ktlapesieb*. Il-mobilità tirreferi għall-possibiltà li kelma tibdel il-pożizzjoni tagħha f'sentenza: a) <u>Għada</u> Mattew se jmur il-Belt; b) Mattew <u>għada</u> se jmur il-Belt; ċ) Mattew se jmur il-Belt <u>għada</u>. Il-kriterju tal-iżolabilità: affiss bħal *-aġni* ma jokkorrix waħdu, f'iżolament. Dan ifisser li mhuwiex kelma, bil-kontra ta' <u>lapes</u> jew <u>qabel</u> li jistgħu jokkorru waħedhom. Fl-aħħar nett, in-nuqqas ta' selettività talludi għall-possibiltà li kelma partikolari tkun tokkorri ma' firxa wiesgħa ta' elementi oħrajn. Eżempju l-kelma *ħafna* tista' tokkorri ma' aġġettiv (eż.

*sabiħ ħafna*), ma' verb (eż. *idumu ħafna*), ma' nom (eż. *ħafna bdiewa*) u oħrajn. L-affissi, mill-banda l-oħra, normalment jokkorru ma' parti tad-diskors waħda, għalkemm mhux dejjem.

Nagħlaq din it-taqsima billi niddiskuti distinzjoni oħra li ssir fil-letteratura vis-à-vis il-kelma, dik bejn (word) token u (word) type (Haspelmath & Sims, 2010, p. 15; Lieber, 2022, p. 4; *inter alia*).

(1) Forsi kellha raġun u forsi ma kellhiex. (MLRS v3.0 literature82)

Jekk ngħoddu kemm hawn kliem f'din is-sentenza, mingħajr ma nagħtu kas ta' jekk kelma tokkorrix aktar minn darba jew le, ngħoddu 7 kelmiet, jew tokens. Jekk imbagħad ngħoddu kwalunkwe kelma darba, irrelevanti minn kemm-il darba tokkorri fis-sentenza, l-ammont ta' types huwa 6 (*forsi* tokkorri darbtejn).

Pari passu ma' dawn iż-żewġ termini, Haspelmath u Sims (2011, p. 15) isemmu wkoll il-forma (grammatikali) (*word-form*) bħala forma aktar konkreta. Hija dik is-sekwenza ta' ħsejjes li tokkorri fil-kitba jew fid-diskors.

### 1.1.1. Il-lessema

Jekk nerġgħu nieħdu l-eżempju (1) mit-taqsima preċedenti, nosservaw li ż-żewġ kelmiet, *kellha* u *kellhiex*, huma forom grammatikali differenti li jirrealizzaw l-istess sens astratt, l-istess lessema. Il-lessema hija binja teoretika li tgħaqqad il-forma konkreta, is-sintassi u t-tifsir tagħha u tbiddel il-forma skont il-kuntest sintattiku (Aronoff & Fudeman, 2011, p. 44). L-implikazzjoni hi li l-lessema fiha nnifisha qatt ma tokkorri, iżda tinkludi u tirrealizza ruħha f'numru ta' forom possibbli (Bauer, 2003, p. 10). B'dan f'moħħna, fl-eżempju (1) ikun hemm 5 lessemi, ladarba *kellha* u *kellhiex* jagħmlu mal-istess lessema.

(2) Il-paradigma ta' KTIEB

| | |
|---|---|
| singular | ktieb |
| plural | kotba |

Jekk nieħdu l-eżempju (2) t'hawn fuq, il-lessema hija KTIEB. Peress li l-lessema hija astratta, hija rrappreżentata, b'konvenzjoni, b'ittri kapitali żgħar (Aronoff & Fudeman, 2011, p. 44; Bauer, 2003, p. 9; Haspelmath & Sims, 2011, p, 15; *inter alia*). Il-forom *ktieb* u *kotba* jiffurmaw parti mill-paradigma tal-lessema KTIEB. Il-paradigma ta' lessema tirreferi għas-sett ta' forom inflettivi kollha ta' lessema waħda (Aronoff & Fudeman, 2011, p. 44). L-istess awturi jgħidu li l-kliem kollu fil-lingwa huwa parti minn paradigma ta' xi lessema.

Fil-letteratura, spiss issir rabta bejn il-lessema u l-lemma, jiġifieri l-kelma li tiġbor għadd ta' forom inflettivi biex tirrappreżentahom f'dizzjunarju. Tant hu hekk li l-lessemi huma l-bażi li fuqhom jintgħażlu l-entrati fid-dizzjunarju (Lieber, 2022, p. 5). Kif niddiskuti aktar 'il quddiem (ara taqsima 1.4. u 1.5.2.3.), ladarba l-mekkaniżmu derivattiv jipproduċi lessemi ġodda li mhumiex prevedibbli, il-lessemi kumplessi derivati minn lessemi sempliċi (għad-distinzjoni bejn lessema sempliċi u kumplessa ara taqsima 1.3.), iridu jitniżżlu kollha u b'mod separat fid-dizzjunarju. Il-lessemi kumplessi ġeneralment jiddenotaw kunċetti ġodda li huma differenti mill-kunċetti ta' lessemi korrispondenti waqt li l-forom li jiffurmaw parti minn paradigma ta' lessema partikolari ma joħolqux lessemi ġodda u huma ffurmati bil-mekkaniżmu tal-grammatika, skont il-kuntest sintattiku (Haspelmath & Sims, 2010, p. 17). Dan jispjega għaliex il-forom ta' lessema partikolari ma jinsabux fid-dizzjunarju.

S'issa ddiskutejna żewġ kunċetti relatati mal-kelma: il-lessema u l-forma (grammatikali). Kif jargumenta Bauer (2003, p. 10), in-natura speċifika u preċiża tal-lessema u tal-forom mhux dejjem hi rilevanti. Għalhekk, il-kelma 'kelma' hawnhekk qed tintuża bħala terminu umbrella li jiġbor fi ħdanu l-lessema u l-forom. Din hi l-pożizzjoni li nadotta f'dan ix-xogħol — it-terminu 'kelma' nużah b'tifsira mhux daqstant speċifika waqt li nagħmel użu minn 'lessema' u minn 'forma (grammatikali)' meta neħtieġ l-implikazzjonijiet speċifiċi tagħhom.

### 1.1.2. Il-lessiku

S'issa tkellimna fuq il-modi kif nidentifikaw il-kelma u s-sensi differenti li ġġorr magħha. Hemm dimensjoni oħra rilevanti għall-kelma, li għandha x'taqsam mal-mod kif il-kliem jiġi maħżun ġol-moħħ u kif jiġi aċċessat u proċessat fil-mument meħtieġ. Fil-letteratura

(Aronoff & Fudeman, 2011, p. 54; Haspelmath & Sims, 2010, p. 60; Lieber, 2022, p. 15; *inter alia*), din id-dimensjoni tiġi diskussa f'taqsimiet fuq il-lessiku.

Fil-letteratura bl-Ingliż, fost oħrajn, it-terminu 'lessiku' huwa ambigwu u jista' jirreferi kemm għall-ktieb li fih ġabra tal-kliem f'lingwa, kif ukoll għad-dizzjunarju mentali f'moħħ il-kelliema (Aronoff & Fudeman, 2011, p. 54). Biss, kemm Haspelmath & Sims (2010, p. 60), kif ukoll Lieber (2022, p. 15) jużaw dan it-terminu b'rabta mal-ħażna mentali f'moħħ il-kelliema. Fil-fatt, tal-ewwel jiddefinixxu l-lessiku bħala l-lista ta' elementi li l-kelliema jridu jkunu jafu flimkien mar-regoli tal-grammatika[3], waqt li Lieber iżżid li fil-lessiku mentali, apparti sempliċiment elenku ta' kliem, ikun hemm ukoll tagħrif fuq il-pronunzja, il-parti tad-diskors, is-sintassi u l-kuntesti li fihom tista' tiġi utilizzata kelma partikolari. Din l-ambigwità ma titfaċċax fil-Malti ladarba dan it-terminu jintuża aktar b'referenza għall-ħażna mentali.[4]

Dibattitu importanti vis-à-vis il-lessiku jikkonċerna l-kontenut tiegħu. Fuq naħa hemm lingwisti, fosthom Baudouin de Courtenay, li jargumentaw li l-lessiku huwa magħmul minn elementi monomorfemiċi, jiġifieri bażijiet u affissi. Kliem morfoloġikament kumpless (ara taqsima 1.3.) mhuwiex parti mil-lessiku u huwa derivat b'regola minflok aċċessat b'mod sħiħ. Fuq in-naħa l-oħra, lingwisti bħal Bloomfield, jargumentaw li fil-lessiku hemm maħżun il-kliem morfoloġikament kumpless kollu, anke dak prevedibbli (Aronoff & Fudeman, 2011, p. 55; Haspelmath & Sims, 2010, p. 60; Lieber, 2022, p. 20).

Fuq dan id-dibattitu m'iniex se nelabora wisq ladarba mhuwiex direttament rilevanti għall-għanijiet ta' dan ix-xogħol. Biss, nagħlaq din it-taqsima billi nelenka xi punti fuq dan id-dibattitu b'rabta mal-Malti:

- Jekk inżommu mal-ipoteżi li l-morfemi huma l-elementi bażiċi li jsawru l-lessiku u li l-kliem kumpless jissawwar permezz ta' regola, mela kelmiet bħal *tustaġni* u *xemxata*

[3] "*The list of elements that speakers have to know in addition to the rules of grammar* (p. 334)."

[4] Fost l-eċċezzjonijiet, hemm id-dizzjunarju ta' Mikiel Anton Vassalli bl-isem ta' '*Lexicon*' li ħareġ għall-ewwel darba fl-1796.

mhumiex maħżuna bħala forom sħaħ iżda jiġu aċċessati u jinbnew permezz tal-mekkaniżmu konkatenattiv. Hija ipoteżi problematika għal bosta raġunijiet, fosthom li t-tifsira ta' kelma kumplessa mhux dejjem tkun kompożizzjonali u f'dawn il-każijiet, jeħtieġ li tiġi maħżuna sħiħa ladarba ma timxix mar-regola. Ngħidu aħna, il-formazzjoni Maltija *goaler*, jeħtieġ li tinħażen sħiħa għax għandha xejriet semantiċi differenti minn formazzjonijiet oħra bis-suffiss *-er*, bħal *driver* u *driller*. Fil-fatt, *goaler* mhuwiex xi ħadd li jiskorja l-*goals* (li kieku kellna nimxu mat-tifsira kompożizzjonali) imma xi ħadd li jipprova jevitahom.

- Problema oħra marbuta ma' din l-ipoteżi hija l-mekkaniżmu introflessiv fil-Malti (ara taqsima 1.4.1.). Jekk nieħdu kelma derivata bħal *maħżun*, l-idea tas-segmentabilità tal-morfi li fuqha tistrieħ din l-ipoteżi, ma tkunx possibbli jew tieħu xejra differenti ħafna. Din id-diffikultà titfaċċa wkoll fi proċessi morfoloġiċi oħra bħall-konverżjoni u f'formazzjonijiet li fihom tokkorri l-morfema zero (Haspelmath & Sims, 2010, p. 63).

- Mill-banda l-oħra, l-ipoteżi li l-kliem kumpless kollu hu maħżun fil-lessiku hija ħielsa mill-problemi abbinati mal-ipoteżi l-oħra. Ngħidu aħna, ladarba l-lessiku hu magħmul minn kliem sempliċi u kumpless, u mhux mill-morfemi, it-tifsira ta' binja kumplessa m'hemmx għalfejn tkun kompożizzjonali.

- Biss, din l-ipoteżi hija problematika wkoll. Haspelmath u Sims (2010, p. 67) jargumentaw li teorija bħal din mhijiex eleganti minkejja li hi aktar realistika mil-lat konjittiv. Problema oħra hi n-natura sintetika tal-verb Malti li miegħu jistgħu jingħaqdu numru ta' affissi inflettivi. Simili għal-lingwi agglutinattivi bħat-Tork, il-paradigma tal-verb Malti tista' tkun komposta minn għadd kbir ta' forom grammatikali. Ngħidu aħna, mal-verb *seraq* jistgħu jingħaqdu l-morfemi tal-persuna (eż. *serqet*), tal-għadd (eż. *serqu*), kif ukoll tal-oġġett dirett (eż. *seraqha*) u tal-oġġett indirett (eż. *serqilha*). Meta tikkunsidra dawn il-possibilitajiet kombinatorji, l-ipoteżi li l-forom grammatikali kollha huma memorizzati fil-lessiku tibda tidher impossibbli.

- L-aħħar pożizzjoni hija intermedja – hija l-ipoteżi li fil-lessiku nsibu kemm forom grammatikali u kemm morfemi. Skont din l-ipoteżi, fil-lessiku hemm elenku ta' kliem kumpless li mhuwiex daqstant regolari u hemm ukoll il-morfemi li bihom jistgħu jiġu aċċessati u mibnijin il-formazzjonijiet kumplessi li huma aktar frekwenti. Lieber (2022, p. 20) tippreżenta bosta evidenza favur din l-ipoteżi, fosthom xi studji li wrew li pazjenti bl-afasja jipproċessaw il-kliem kumpless differenti minn kliem sempliċi li jokkorri aktar ta' spiss. Din l-ipoteżi timxi id ma' id mat-teorija ta' Hay (2002), imsejħa *Complexity Based Ordering* (ara taqsima 2.3.4.), li tistrieħ fuq il-frekwenza tal-binjiet

kumplessi biex tiddetermina l-mod kif jiġi aċċessat il-kliem kumpless u l-ordni tal-affissi fil-kelma.

Dawn l-ipoteżi differenti jixhdu l-ħtieġa ta' studji empiriċi biex nanalizzaw kif jiġu maħżuna u aċċessati l-kliem sempliċi u kumpless f'moħħ il-kelliema. Id-dinja moderna toffrilna bosta għodod xjentifiċi li bihom nistgħu nagħmlu analiżi psikolingwistika ta' din ix-xeħta, fosthom permezz ta' tekniki bħal PET u l-fMRI (fuq dawn, ara Lieber, 2022, p. 16).

## 1.2. Il-morfema u l-morf

Il-morfema spiss titqies bħala kunċett bażiku li jinsab fil-qalba tal-fergħa morfoloġika u li fuqha jinbnew għadd ta' xejriet teoretiċi kumplessi. Nibda għalhekk billi niddefinixxi l-morfema, u magħha l-morf, permezz ta' analiżi komparattiva li biha nqabbel x'inhuma l-fatturi li fuqhom hemm qbil fil-letteratura waqt li nippreżenta wkoll xi aspetti problematiċi u punti ta' morfologi differenti li mhumiex kongruwenti.

Għal din ir-raġuni, iddeċidejt li nanalizza u nqabbel tliet xogħlijiet riċenti ta' morfologi ewlenin li jiddiskutu dan il-kunċett minn lenti pjuttost oġġettiva. M'iniex neskludi li hemm aktar xogħlijiet ta' natura morfoloġika li jiffukaw proprju fuq il-morfema u l-morf (ngħidu aħna, Booij, 2015; Embick, 2015; Matthews, 1991 u oħrajn). Biss, għal diversi raġunijiet, fosthom il-qafas metodoloġiku li jadottaw, kif ukoll id-data tal-pubblikazzjoni tagħhom, iddeċidejt li dawn it-tliet xogħlijiet huma biżżejjed biex nasal għall-konklużjonijiet tiegħi. Dawn ix-xogħlijiet huma tal-lingwisti Stephen Anderson (2015), Laurie Bauer (2016) u Martin Haspelmath (2020). L-għan għalhekk, huwa li nasal għal definizzjonijiet neċessarji ta' dawn il-kunċetti fundamentali li fuqhom nistrieħ biex niddiskuti kunċetti morfoloġiċi aktar kumplessi.

### 1.2.1. Il-morfema

It-terminu 'morfema' huwa, fi kliem Haspelmath, ftit jew wisq ambigwu (2020, p. 118) u, fi kliem Bauer, aktarx li qatt ma kien hemm qbil wieħed fuqu (2016, p. 331).[5] Mhux hekk biss. Ħafna xogħlijiet fil-qasam morfoloġiku ma tawx l-attenzjoni mistħoqqa lin-natura tal-morfema u l-istatus ontoloġiku u epistemoloġiku tagħha (Anderson, 2015, p. 1).[6]

Nibda billi nippreżenta xi definizzjonijiet tat-terminu 'morfema' li, għal raġunijiet prattiċi, se nħallihom fil-lingwa oriġinali u nippreżentahom f'ordni kronoloġika. Id-definizzjonijiet li nniżżel hawn mhumiex biss tat-tliet morfologi li semmejt qabel iżda se nimraħ lil hinn, anke permezz ta' xogħlijiet oħra tal-istess awturi, biex ma nillimitax ruħi għal ftit definizzjonijiet. Nagħlaq billi nagħti xi konklużjonijiet minn tiegħi.

| **Il-morfema** | | |
|---|---|---|
| 1. | In this book, morpheme is used for an element which represents a correlation between form and meaning at a level lower than the word. The morpheme is an abstract unit realised by morphs or, if by a number of conditioned items, by allomorphs. Not all authorities use morpheme only in the abstract sense. For some it is equivalent to morph. | Bauer, 2003, p. 334 |
| 2. | The smallest contrastive unit of grammar. | Crystal, 2010, p. 453 |
| 3. | The smallest meaningful part of a linguistic expression that can be identified by segmentation; a frequently occurring subtype of morphological pattern. | Haspelmath & Sims, 2010, p. 335 |
| 4. | ... the notion 'morpheme', traditionally defined as the minimal meaning-bearing unit of a language | Booij, 2015, p. 2 |
| 5. | A morpheme is the smallest meaning-bearing unit of language. The term thus refers to the smallest component of a word that (a) seems to contribute some sort of meaning, or a grammatical function to the | Glottopedia, 2018. |

[5] "[...] *it should be noted that there has probably never been a single understanding of the morpheme, but rather a range of interpretations of the term* [...]"

[6] *"It is somewhat surprising that many surveys of the field of morphology [...] devote scant attention to the nature of the morpheme, its ontological and epistemological status."*

| | | |
|---|---|---|
| | word to which it belongs, and (b) cannot itself be decomposed into smaller morphemes. | |

**Tabella nru 1:** Definizzjonijiet tal-'morfema'

Minn dawn id-definizzjonijiet nistgħu noħorġu għadd ta' punti li, tista' tgħid, hemm qbil fuqhom bejn il-lingwisti. Ngħidu aħna, f'kull definizzjoni t'hawn fuq hemm referenza għall-morfema bħala l-iżgħar unità (*"smallest [...] part"*, *"smallest [...] unit"*) li ġġorr xi tifsira (*"meaning-bearing unit"*, *"contribute some sort of meaning"*). Mela, skont dawn id-definizzjonijiet, u kif jikkonkludi Anderson (2015, p. 4), il-morfema hija l-iżgħar unità atomika ta' xi forma lingwistika, li ma tistax tinqasam f'partijiet iżgħar u li tgħaqqad kontenut semantiku ma' numru ta' allomorfi li jesprimu dak il-kontenut. Kull morfema għandha kontenut semantiku determinat, waqt li kull allomorf għandu forma fonoloġika determinata.

Biss, din il-konklużjoni, flimkien ma' wħud mid-definizzjonijiet li ppreżentajt fit-tabella, ma jaqblux mal-konklużjonijiet li jiġbed Haspelmath fuq il-morfema (2020, p. 120). F'dan ix-xogħol, Haspelmath jiffoka fuq l-użu tat-terminu 'morfema' fil-letteratura u josserva li jintuża b'mod inkonsistenti. Hawn, Haspelmath jagħraf li t-terminu 'morfema' jintuża fi tliet sensi differenti u li mhux dejjem issir id-distinzjoni meħtieġa bejniethom, anke f'xogħlijiet differenti ta' awtur wieħed.

It-tliet sensi differenti, li jġorr miegħu t-terminu 'morfema', skont Haspelmath, huma dawn:

1. bħala morf
2. bħala grupp ta' morfi b'kontenut sintattiku-semantiku identiku
3. bħala l-iżgħar element li jirrappreżenta kontenut (morfo-)sintattiku

<u>L-ewwel sens</u> jintuża b'referenza għal forom konkreti bħall-affissi u z-zkuk, bħal meta ngħidu li kelma komposta tinqasam f'żewġ morfemi jew aktar. <u>It-tieni sens</u> huwa prominenti ħafna f'diskussjonijiet li jittrattaw l-allomorfi. F'dan il-kuntest, il-morfema hija entità astratta. Mhijiex forma iżda ġabra ta' morfi. U mhijiex konkreta. Jekk nieħdu l-morfema bħala din l-entità astratta, ma nistgħux ngħidu li l-kelma tista' tinqasam f'morfemi jew li l-morfema

għandha xi forma partikolari, jew li l-morfemi jokkorru f'ordni partikolari, proprju għaliex il-morfema hija entità astratta u mhix entità fiżika. Biex nirreferu għal dik il-forma fiżika li tirrappreżenta kunċett grammatikali, ngħidu aħna, il-forma -*i* tal-plural (fi kliem bħal *torti*, *pupi*), Haspelmath jissuġġerixxi li nużaw it-terminu 'morf' (l-ewwel sens), kif se niddiskuti aktar 'il quddiem.

It-tielet sens, imbagħad, joqrob lejn it-tieni sens iżda huwa ftit aktar astratt, skont Haspelmath. Fuq dan, mhux se nelabora wisq għax inħoss li d-deskrizzjoni li jagħti Haspelmath b'referenza għal dan is-sens, hija ftit jew wisq xotta.

Haspelmath jargumenta li l-morfema hija kunċett astratt, u mhix konkreta. Għalhekk, kunċetti grammatikali astratti bħall-{Plural} għandhom jiġu definiti f'termini ta' morfemi (it-tieni sens) u mhux morfi (l-ewwel sens), li jiġi abbinat ma' forom aktar konkreti.

Dan is-suġġeriment, mela, joħloq ukoll xi diskrepanzi ma' wħud mid-definizzjonijiet li tajt qabel li mhux dejjem jagħmlu d-distinzjoni bejn il-morfema bħala entità astratta u l-morf bħala forma konkreta. Biex nagħti eżempju, dan is-suġġeriment mhuwiex kongruwenti mad-definizzjoni li jagħti Haspelmath stess, flimkien mal-lingwista Andrea Sims (Haspelmath & Sims, 2010, p. 335) meta jgħidu li l-morfema tista' tiġi identifikata permezz tas-segmentazzjoni, idea li mhix kongruwenti mal-kunċett tal-astrazzjoni.

Punt interessanti li jagħmel Anderson (2015, p. 2) b'rabta mal-morfema, u li jmur lil hinn minn aspetti terminoloġiċi, huwa li l-morfema għandha kontenut intuwittiv għall-aħħar. Dan narawh meta wieħed iqis il-ħeffa li biha l-istudenti jirnexxilhom jidentifikaw il-morfemi f'kelma kumplessa.[7] Osservazzjoni bħal din hija interessanti għax timplika li minkejja d-diffikultajiet ontoloġiċi u terminoloġiċi, dan il-kunċett aktarx għandu xejriet konjittivi innati għall-bniedem.

---

[7] "*Considering the facility with which they can carry out that exercise after being given only a few examples, the notion seems to have a good deal of intuitive content.*"

### 1.2.2. Il-morf

Bħalma għamilt jien u niddiskuti l-morfema, nibda billi nniżżel għadd ta' definizzjonijiet tat-terminu 'morf' kif sibthom fl-oriġinal. Ngħaddi mbagħad biex nislet xi konklużjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u nagħlaq billi nippreżenta xi argumenti li jagħmel Haspelmath (2020) fid-dawl tal-morf.

| **Il-morf** | | |
|---|---|---|
| 1. | A morph is a constituent element of a word-form. It is the realisation of a morpheme. | Bauer, 2003, p. 334 |
| 2. | The physical form of a morpheme. | Crystal, 2010, p. 453 |
| 3. | A concrete primitive element of morphological analysis. | Haspelmath & Sims, 2010, p. 334 |
| 4. | Morph is a term which refers to alternative forms or realizations of a single morpheme. | Glottopedia, 2018. |
| 5. | A morph is a minimal linguistic form. | Haspelmath, 2020, p. 117 |

**Tabella nru 2:** Definizzjonijiet tal-'morf'

Konklużjoni ċara li toħroġ minn dawn id-definizzjonijiet hi li l-morf hija entità konkreta ("*physical form*", "*concrete*"), li titlaq mill-astratt u tirrealizza ruħha f'forma li tista' taraha miktuba jew tismagħha. Ir-rabta mal-morfema hija wkoll evidenti, għax, wara kollox, il-morf tirrealizza, jew tagħti forma lill-morfema, li kif stabbilejna, hija entità b'xejriet astratti.

Haspelmath (2020, p. 118) jibda d-diskussjoni fuq il-morf billi jippreżenta xi eżempji ta' morfi minn lingwi differenti. Fl-Ingliż, *cat-s* 'qtates' tista' tinqasam f'żewġ morfi differenti, iz-zokk *cat* u s-suffiss *-s* waqt li fil-Yauyos Quecha, *allqu-kuna* 'klieb' tista' wkoll tinqasam f'żewġ morfi, iz-zokk *allqu* u s-suffiss *-kuna*. Jeżistu żewġ kunċetti ewlenin fil-lingwistika li jistgħu jiġu definiti f'termini ta' morfi: iz-zokk u l-affiss. Għal Haspelmath, iz-zokk huwa morf li jiddenota oġġett, azzjoni jew proprjetà. L-affiss huwa morf marbut li mhuwiex zokk.

Hawnhekk issir enfasi partikolari fuq l-użu tat-terminu 'morf' u mhux 'morfema' biex issir referenza għaz-zokk u l-affiss. Skont Haspelmath, iz-zkuk u l-affissi spiss jiġu trattati bħala tipi ta' morfemi fil-letteratura (ara eż. Booij, 2005) mentri minħabba n-natura konkreta tagħhom, għandhom minflok jiġu trattati bħala morfi. Morfi oħra li mhumiex zkuk jew affissi huma l-prepożizzjonijiet, il-partiċelli u l-klitiks. M'hemmx terminu partikolari li jiġbor morfi li ma jaqgħux taħt il-kategoriji ta' zkuk jew affissi.

1.2.3. Xejriet problematiċi

Minkejja li l-morfema għandha post ċentrali fil-morfoloġija, hemm bosta aspetti problematiċi li jeħtieġu diskussjoni. F'din it-taqsima, niddiskuti ħames diffikultajiet ewlenin marbutin mal-morfema u l-morf b'referenza speċjali għall-analiżi morfoloġika fil-Malti.

<u>L-ewwel problema</u> hija dik terminoloġika. Kif diġà rajna, il-morfema biddlet it-tifsiriet tagħha biex takkomoda lingwisti u oqfsa teoretiċi differenti. Il-morfema għal Baudouin hija differenti mill-morfema fit-tradizzjoni Franċiża, li kienet teskludi elementi lessikali (Bauer, 2016, p. 335). Biddlet ukoll l-ilwien u l-konnotazzjonijiet tagħha meta, ngħidu aħna, għaddiet mill-Istrutturaliżmu Amerikan għal dak Ewropew (Anderson, 2015, p. 5). Fil-kuntest tal-morfoloġija Maltija, din id-diffikultà terminoloġika tippersisti sew minħabba l-preżenza ta' żewġ mekkaniżmi morfoloġiċi differenti, dak konkatenattiv u dak introflessiv (ara taqsima 1.4.1.).

Fis-sistema konkatenattiva Maltija, jintużaw it-termini 'zokk' u 'affiss' biex niddeskrivu l-għaqda bejn il-parti lessikali tal-kelma u l-affiss li jżid tifsira grammatikali, kemm jekk hi derivattiva u kemm jekk inflettiva. Meta l-Malti jħaddem din is-sistema, ikun jixbah proċessi grammatikali f'lingwi oħra bħall-Ingliż, it-Taljan u oħrajn. It-terminoloġija taqdina sew biex, pereżempju, ngħidu li s-suffiss -*ant* jingħaqad maz-zokk *kant* biex noħorġu n-nom tal-aġent, *kantant*.

Id-diffikultà titfaċċa fis-sistema introflessiva. Mhux kulħadd jaqbel mat-tendenza li ninterpretaw l-għerq Semitiku bħala morf. Ngħidu aħna, għal Haspelmath (2020, p. 123),

għerq bħal *k-t-b* ma jistax ikun morf ladarba mhuwiex kontinwu (*continuous*). F'dan il-kuntest, ma jissuġġerix xi alternattiva jew terminoloġija ġdida b'referenza għall-għerq iżda, sempliċiment jikkonkludi li dan ma jistax jissejjaħ 'morf'. Din id-diffikultà li tikkonċerna l-morfoloġija introflessiva se nkompli niddiskutiha fil-punt li jmiss.

<u>It-tieni problema</u> tikkonċerna l-morfoloġija introflessiva. L-idea li normalment tingħata tal-morfi bħala sekwenzi konkatenattivi hija problematika (*beads on a string approach*), meta wieħed jikkunsidra pari li mhumiex konkatenattivi bħal *foot-feet, ħmar-ħmir*. L-apofonija, il-mutazzjoni konsonantali u r-reduplikazzjoni huma kollha fenomeni morfoloġiċi li jwasslu sens grammatikali ġdid u li jirrendu problematika l-idea bażika tal-morfoloġija bħala magna konkatenattiva. Haspelmath (2020, p. 123) jargumenta li dawn il-pari jistgħu jiġu kkunsidrati bħala proċessi u mhux bħala morfi.

Huwa u jiddiskuti dan il-proċess fid-dawl tal-morfema klassika, Anderson (2015, p. 9) jipproponi li l-apofonija (li tinkludi l-ablaut, il-gradazzjoni u l-mutazzjoni) bħal f'*sing-sang-song*, tista' tiġi analizzata b'diversi modi iżda "*none of them [are] entirely satisfactory from the point of view of the traditional morpheme*." Mod wieħed kif din il-bidla morfoloġika tista' tiġi interpretata huwa bis-saħħa tal-kunċett tal-morf sostitut (*replacive morph*) li f'kelma bħal *sang*, ma għandux kontenut fonetiku/fonoloġiku, iżda huwa sempliċiment proċess. Biss, huwa diffiċli li wieħed jikkonċepixxi kif dan il-proċess ta' sostituzzjoni huwa konsistenti mal-idea tal-morfema klassika bħala tiżwiġa ta' ħoss u sens partikolari.

Anke Bauer (2016, p. 335) jiddiskuti din l-idea mifruxa tal-morfoloġija bħala sistema konkatenattiva. Għalkemm lingwi bħat-Tork jidħlu kexxun fl-analiżi morfoloġika konkatenattiva, mhux il-lingwi kollha jaħdmu bl-istess mod. Ngħidu aħna, *kitab* fl-Għarbi hija magħmula mill-għerq *k-t-b* u struttura vokalika infilsata fih. L-idea tal-morfema klassika, mela, hija problematika għax ħafna aspetti tal-lingwi, forom grammatikali u proċessi morfoloġiċi ma jistgħux jiġu analizzati b'dan il-mod.

It-tielet diffikultà tikkonċerna l-morfi battala (*empty morphs,* traduzzjoni tiegħi)**.** Dawn huma segmenti bla tifsira li, normalment, jokkorru bejn morf u ieħor. Insibuhom, ngħidu aħna, fid-diminuttiv, fi kliem bħal *barunċell* u *tamburlin* (Bezzina, 2020, p. 105).[8] Ma jistgħux jissejħu morfi ladarba m'għandhomx kontenut sintattiku-semantiku (Haspelmath, p. 124). Bauer (2016, p. 345) jgħid li l-funzjoni ta' dawn l-elementi lingwistiċi hi aktarx fonoloġika u mhux morfoloġika. Iżid li dawn it-tip ta' morfi huma problematiċi fid-dawl tal-morfema klassika.

Kemm Bauer (2016, p. 344), kif ukoll Anderson (2015, p. 7), jissuġġerixxu li aktarx dawn l-elementi kellhom funzjoni fil-lingwa sors. Dan jimplika li kliem li fih jokkorru dawn l-elementi ġie misluf direttament mingħajr wisq bidliet fil-forma. Anderson (2015, p. 8) jikkonkludi li dawn il-formazzjonijiet issibhom f'diversi lingwi u jirrendu problematika l-idea li l-morfemi jkollhom dejjem kontenut semantiku.

Ir-raba' diffikultà tikkonċerna l-morf zero (*zero morphs*) - meta xi aspett tal-kontenut ma jkunx rifless fil-forma. Fir-Russu, ngħidu aħna, insibu l-par *dáma* (mara) > *dam* (pl. nisa). Minkejja ż-żieda ta' kunċett grammatikali tal-plural fil-kelma *dam*, ma nsibu l-ebda forma konkreta li qed tirrappreżenta jew tirrealizza l-idea tal-plural li nsibu fil-kelma *dam*. Anderson (2015, p. 8) jargumenta li f'dan l-eżempju teżisti tendenza li nargumentaw li hemm morfema li ġġorr sens iżda li m'għandhiex kontenut fonoloġiku. Dan l-argument, però, mhuwiex tant konsistenti mal-idea tal-morfema klassika. L-idea tal-morf zero ma toffrix soluzzjoni għall-problema, iżda ttiha tikketta. Fil-Malti, il-morf zero jitfaċċa fi kliem bħal *Ġermaniż,* aġġettiv li qed iwassal l-idea tal-maskil singular, minkejja li m'hemmx forma li tirrealizza dan il-kunċett.

Fuq il-morf zero, Bauer jgħid (2016, p. 347) - "*a zero morph has no form and therefore cannot be a sign and so cannot be part of a morpheme*." Kemm se nagħtu importanza lill-kunċett tal-forma fil-kuntest usa' tas-sinjal lingwistiku? Jekk nadottaw il-kunċett tal-

---

[8] Xi ħaġa simili nsibuha fis-7 forma verbali introflessiva. It-T fi kliem bħal *nTrifes* u *nsTema'* għandha biss funzjoni fonoloġika.

morfema bħala sinjal, ma nistgħux naċċettaw li jkollna l-morf zero. Haspelmath jasal għal din il-konklużjoni meta jgħid li "*morphologists sometimes say that a "morpheme" may be realized by zero, but again, it should be clear that a form cannot be zero (because it is a pairing of a shape and a meaning)*."

Il-ħames problema tikkonċerna fenomenu morfoloġiku magħruf bħala esponenza kumulattiva (*cumulative exponence*) - meta forma singulari tirrealizza għadd ta' sensi differenti. Ngħidu aħna, is-suffiss *-ō* fil-kelma *amō* 'inħobb' fil-Latin jirrealizza l-persuna, l-għadd, it-temp, l-aspett, il-modalità u l-vuċi (Anderson, 2015, p. 7). Dan il-proċess huwa problematiku għax l-idea klassika tal-morfema taqsam kwalunkwe kelma b'mod eżawrjenti f'sekwenza ta' partijiet fonetiċi fuq naħa, u f'sekwenza ta' elementi li jġorru tifsira fuq in-naħa l-oħra.  Mhux hekk biss, iżda l-idea tal-morfema klassika timplika li għandu jkun hemm relazzjoni diretta (*one-to-one*) bejn iż-żewġ partijiet.

Mhux hekk qed jiġri fil-każ ta' *amō.* Is-suffiss jirrealizza għadd ta' tifsiriet u għalhekk tintilef ir-relazzjoni singulari bejn il-parti fonetika u l-parti semantika. Din il-problema hija marbuta ma' diffikultà oħra, dik tas-sinkretiżmu (Bauer, 2016, p. 343). Dan il-fenomenu jokkorri f'kelma bħal *xtrajt*. Is-suffiss *-t* jista' jirreferi kemm għall-ewwel persuna singular, kif ukoll għat-tieni persuna singular. Huwa l-kuntest sintattiku u/jew pragmatiku li jista' jgħinna niddistingwu bejniethom. Minkejja d-diffikultà li jintroduċi dan il-fenomenu vis-à-vis l-idea tal-morfema klassika, Bauer jikkonkludi li l-istampa morfoloġika kienet tkun ħafna anqas ekonomika li kieku kien hemm morf għal kull sens grammatikali biex tissalvagwardja l-kunċett koerenti tal-morfema fil-qafas klassiku.

Fuq din id-diffikultà, Bauer iżid li hemm xi problemi mil-lat terminoloġiku. In-nomenklatura għall-morfi li jġorru bosta tifsiriet distintivi b'mod kumulattiv tvarja minn lingwista għal ieħor. Uħud jużaw it-terminu *portmanteau morph*, waqt li oħrajn bħal Nida (1958, p. 257), tirriserva dan it-terminu għal meta morf singulari jkun kompost minn tiżwiġa storika ta' żewġ kelmiet.

#### 1.2.4. Konklużjoni fuq il-morfema u l-morf

Permezz ta' dawn l-osservazzjonijiet li ddiskutejt, nelenka hawn xi konklużjonijiet u xi punti li se jiggwidawni għall-bqija tal-istudju.

- Waħda mid-diffikultajiet ewlenin vis-à-vis il-morfema u l-morf hija n-nuqqas ta' standardizzazzjoni tat-termini nnifishom. Kemm it-terminu 'morfema', kif ukoll 'morf' iwasslu sensi differenti u jintużaw b'konnotazzjonijiet differenti li jvarjaw minn awtur għal ieħor, ġieli anke f'xogħlijiet differenti tal-istess awtur. Din l-osservazzjoni ssir minn ħafna lingwisti, ngħidu aħna, Mugdan (1986) u Matthews (1991, p. 120) li jgħid, "*the term 'morpheme' has a complex history and it is not always clear in which sense it is being used...Present usage is confused*."

- Inħoss il-ħtieġa, għalhekk, li kemm nista', nipprova nkun konsistenti fl-użu tat-terminoloġija morfoloġika bażika, speċjalment fejn jidħlu t-termini 'morfema' u 'morf'. Dan l-element ta' konsistenza nosservawh f'oqsma oħra lingwistiċi bħall-fonetika. Id-diversi ħsejjes bażiċi (il-fonemi) li jistgħu jiġu maħluqin mill-fomm, għandhom mod wieħed universali kif jiġu rrappreżentati fil-kitba, permezz tal-Alfabett Fonetiku Internazzjonali.

- Għal raġunijiet prattiċi u abbażi tal-approċċ metodoloġiku li jadotta, se nipprova nimxi mat-terminoloġija proposta minn Haspelmath (2020). Il-morf, u mhux il-morfema, għandu jkun it-terminu li jintuża biex nirreferi għall-'*minimal linguistic form'*. Minħabba n-natura konkreta taz-zokk u l-affissi, nipprova nirreferi għalihom, b'mod konsistenti, bħala morfi.

- Mill-banda l-oħra, bit-terminu 'morfema', se nipprova nqarreb kemm nista' lejn it-tieni sens li jsemmi Haspelmath (2020, p. 120). Il-morfema, mela, tirreferi għal grupp ta' morfi b'kontenut sintattiku-semantiku identiku u tiġbor fi ħdanha kunċetti grammatikali astratti bħall-{Plural}.

### 1.3. Il-kliem (morfoloġikament) kumpless

It-terminu 'kelma (morfoloġikament) kumplessa' jokkorri kemm-il darba f'xogħlijiet ta' natura morfoloġika iżda ftit huma x-xogħlijiet li jistqarru b'mod espliċitu f'liema sens jużawh jew għal xiex ikunu qegħdin jirreferu. Minħabba n-natura ambigwa u inkonsistenti ta' dan it-

terminu, niddiskuti hawn żewġ aspetti: a) x'jiddistingwi kelma sempliċi minn kelma kumplessa, u b) l-inkonsistenzi u d-diffikultajiet fl-użu tat-terminu, biex nasal nagħraf kif nużah fl-analiżi.

Minkejja li l-eżistenza tal-kliem kumpless diġà assumejnieha fil-Malti (tant li diġà użajt it-terminu diversi drabi fit-taqsimiet preċedenti), hemm lingwi analitiċi bħall-Vjetnamiż u l-Yoruba (Aronoff, 2011, p. 11; Haspelmath & Sims, 2010, p. 4) li m'għandhomx kliem morfoloġikament kumpless. Din il-varjetà tipoloġika tikxef il-ħtieġa li nagħrfu d-distinzjoni bejn kelma sempliċi u waħda kumplessa. Hija distinzjoni li titfaċċa diversi drabi fil-letteratura, tant li bosta lingwisti jqiegħdu ż-żewġ termini f'kuntrast ma' xulxin (eż. Bauer, 2001, p. 63; Kaisse, 2005, p. 40), iżda ftit jispeċifikaw fid-dettall x'inhi d-distinzjoni bejniethom jew jiddiskutu l-kriterji li bihom nikklassifikaw kelma bħala sempliċi jew kumplessa.

Għal din ir-raġuni, nibda billi niddiskuti xi definizzjonijiet mil-letteratura. Lieber (2022, p. 253) tiddefinixxi l-kelma kumplessa bħala kwalunkwe kelma magħmula minn aktar minn morfema waħda,[9] waqt li Aronoff u Fudeman (2011, p. 261), fid-definizzjoni tagħhom ta' dan it-terminu, ikomplu jispeċifikaw li tista' tkun komposta minn żewġt izkuk (kliem kompost) jew minn kelma u affiss.

Haspelmath u Sims (2010, p. 322) u Booij (2014, p. 2) idaħħlu dimensjoni oħra fid-definizzjonijiet tagħhom. Għal tal-ewwel, il-kelma kumplessa hija kelma waħda minn grupp ta' kliem li fih hemm korrelazzjoni sistematika bejn il-forma fonoloġika tiegħu u t-tifsir. Anke Booij isemmi dan meta jargumenta li, f'kuntrast mal-kliem sempliċi, teżisti fil-kelma kumplessa relazzjoni li mhix arbitrarja, bejn is-segmenti u t-tifsir. Din id-dimensjoni jaffermaha Rainer (2015, p. 1775) meta jasserixxi li l-kliem kumpless jiddistingwi ruħu mill-kliem sempliċi mil-lat semantiku, ladarba tal-ewwel kemm-il darba jkun fih tifsira

[9] *"A word made up of more than one morpheme."*

relazzjonali,[10] jiġifieri relazzjoni semantika bejn il-bażi u l-affiss. Rainer jeżemplifika dan permezz ta' *writer* 'kittieb' u *mixer* 'mixer' mill-Ingliż, żewġ kelmiet li mil-lat relazzjonali jġorru l-istess kontenut semantiku għax it-tnejn jistgħu jiġu interpretati bħala 'xi ħaġa/xi ħadd li jagħmel/tagħmel hekk', (eż. *il-kittieb jikteb*, *il-mixer iħawwad*).

Aspett ieħor li jiddistingwi l-kelma sempliċi minn dik kumplessa jirrigwarda l-ħolqien ta' kliem ġdid. Skont Bauer (2001, p. 63), Baayen u Lieber (1991, p. 815) u oħrajn, kliem sempliċi ġdid jissawwar permezz tal-faċilità kreattiva fil-bniedem u mhux permezz tal-morfoloġija, bil-mekkaniżmu tal-affissazzjoni (ara taqsima 1.4.) jew bi proċessi oħrajn. Jekk, ngħidu aħna, jiġi skopert xi materjal ġdid fid-dinja, aktarx li l-proċess tal-lessikalizzazzjoni joħloq kelma sempliċi ġdida li tkun arbitarja u li ma jkollhiex rabta ma' lessema eżistenti. Mill-banda l-oħra, jekk, ipotetikament, noħloq duttrina jew filosofija ġdida, aktarx li l-mekkaniżmu morfoloġiku produttiv mhux se jsib diffikultà joħroġ bin-nom, Bezziniżmu, mibni b'analoġija ma' Marxiżmu u Calviniżmu, fost oħrajn.

Skont dawn id-definizzjonijiet u l-argumenti mressqa, nistgħu nikklassifikaw kelmiet bħal *arblu*, *kompjuter*, *lapes*, *sabiħ* u *xemx* bħala kelmiet sempliċi waqt li kelmiet bħal *fittaġni*, *traskuraġni* u *famuż*, *perikoluż* bħala kelmiet morfoloġikament kumplessi. Kif nistgħu naraw mill-aħħar żewġ pari ta' kliem, l-affissi *-aġni* u *-esk* qed iżidu tifsira sistematika mal-lessema, li mhix arbitrarja u li, semantikament, iżżid mal-lessema sens relazzjonali ġdid li jkun simili ħafna f'formazzjonijiet oħra bl-istess affiss.

F'lingwi b'sistemi konkatenattivi, din id-distinzjoni tinħass aktar faċli minn lingwi bħall-Malti li jagħmlu użu minn sistema introflessiva. Ngħidu aħna, kemm nistgħu nargumentaw li l-kelmiet *seraq*, *kotba* u *sieqha* huma kelmiet kumplessi? Hemm min jargumenta li l-kelma *seraq* hija komposta mill-morfema lessikali (l-għerq) u l-forma/il-morfema tat-tielet persuna fil-perfett. Jekk hu hekk, mela l-kelma *seraq* hija kelma kumplessa għax fiha żewġ morfi, osservazzjoni li skont id-definizzjoni li ddiskutejt ta' Lieber, hija l-kriterju ewlieni biex

---

[10] "[...] *complex words differ from simplex words semantically in that they often contain a relational meaning*."

niddistingwu bejn kelma sempliċi u kelma kumplessa. L-istess argument jista' jsir b'referenza għall-kelma *kotba*, li fiha żewġ morfemi, dik lessikali u dik inflettiva tal-plural. Anke *sieqha* hija problematika minħabba l-użu tal-klitik. Mill-qari li għamilt, l-ebda xogħol ma jinkludi jew jiddiskuti formazzjonijiet li fihom il-klitiks vis-à-vis il-kliem kumpless. Biss, jekk nikkunsidraw formazzjonijiet b'affissi inflettivi bħala kliem kumpless, ma naħsibx li għandha tkun problema li nikkunsidraw formazzjonijiet komposti mill-klitiks bħala kelmiet kumplessi.

Jekk imbagħad naqbdu l-istess tliet eżempji u nanalizzawhom fid-dawl tad-definizzjonijet ta' Haspelmath u Sims, u Booij (diskussi f'din it-taqsima), l-argument li hemm korrelazzjoni bejn il-forma u t-tifsir fi kliem bħal *seraq*, *kiser* u *fetaħ* mhux daqstant konvinċenti jew loġiku. Fuq din id-diffikultà m'iniex se nelabora wisq aktar, iżda nħoss il-ħtieġa ta' aktar diskussjonijiet akkademiċi serji. Dan il-punt jorbot ukoll mat-tieni aspett li ridt niddiskuti f'din it-taqsima – l-użu inkonsistenti tat-terminu.

Frott in-nuqqas ta' qbil rigward x'jikklassifika bħala kelma kumplessa, hemm element ta' ambigwità fl-użu tat-terminu fil-letteratura. Fuq naħa, hemm xogħlijiet li jagħmlu użu mit-terminu biex jirreferu għal formazzjonijiet b'affissi derivattivi u kliem kompost biss (eż. Encyclopedia.com (n.d.); Scalise & Guevara, 2005, p. 147) waqt li oħrajn jużaw it-terminu b'referenza għal formazzjonijiet b'affissi inflettivi, derivattivi u l-kliem kompost (eż. Booij, 2014, pp. 2-3; Leminen et al., 2016).

Fuq l-affissi inflettivi u derivattivi, kif ukoll fuq il-kliem kompost nitkellem aktar 'il quddiem. Għal raġunijiet prattiċi, fejn ikolli bżonnu, f'dan ix-xogħol nuża t-terminu 'kliem kumpless' u mhux 'kliem morfoloġikament kumpless'. Wara kollox, it-tnejn jintużaw minflok xulxin fil-letteratura. Abbażi tal-inkonsistenzi fl-użu tat-terminu 'kelma kumplessa', u abbażi tan-natura problematika tiegħu rigward is-sistema introflessiva tal-Malti, fl-analiżi tiegħi nuża dan it-terminu biex nirreferi għal kliem kompost, kliem b'affissi konkatenattivi derivattivi (eż. *fittaġni*, *studentesk*) u kliem b'affissi konkatenattivi inflettivi (eż. *bottijiet*) . Għalissa noqgħod lura milli nirreferi għal kelmiet bħal *seraq* u *frieket* bħala kliem morfoloġikament kumpless.

Nagħlaq din it-taqsima billi niġbor l-aktar differenzi saljenti u nippreżentahom b'mod sistematiku f'din it-tabella:

| Kliem sempliċi | Kliem (morfoloġikament) kumpless |
|---|---|
| • Jidher li jokkorri fil-lingwi kollha<br>• Aktarx li hu kompost minn morfema waħda biss, mingħajr tifsira relazzjonali<br>• Jinkludi xi neoloġiżmi ffurmati minn bażi ġdida<br>• Terminu li jintuża b'mod konsistenti u mingħajr ebda ambigwità | • Ma jokkorrix fil-lingwi kollha<br>• Hu kompost minn żewġ morfemi jew aktar u jinkludi fih tifsira relazzjonali<br>• Il-maġġorparti tal-formazzjonijiet ġodda huma ffurmati skont is-sintassi u kuntesti relazzjonali ġodda<br>• Terminu li jintuża b'mod inkonsistenti u hu, sa ċertu punt, ambigwu. Mhux ix-xogħlijiet kollha fil-letteratura jikkunsidraw formazzjonijiet b'affissi inflettivi bħala kliem (morfoloġikament) kumpless. |

**Tabella nru 3:** Kliem sempliċi u kliem kumpless

## 1.4. Mekkaniżmi involuti fil-ħolqien tal-kliem kumpless

Fit-taqsima preċedenti ddiskutejt il-kriterji neċessarji li jiddistingwu l-kelma kumplessa mill-kelma sempliċi. F'din it-taqsima, niddiskuti l-mekkaniżmi li jiffurmaw il-kliem ġdid (*word-formation*), fosthom il-mekkaniżmu li joħloq il-kliem kompost. Ladarba l-mekkaniżmu morfoloġiku li fuqu se jiffoka dan ix-xogħol jikkonċerna l-aktar il-kliem kumpless imsawwar bl-affissi derivattivi, nibda nirfina l-ħarsa analitika u nersaq biex niddiskuti f'aktar dettall il-proċess konkatenattiv tal-affissazzjoni. Fl-aħħar, nagħlaq billi nagħti ħarsa wiesgħa u ġenerali lejn proċessi oħra diskussi fil-letteratura li jiffurmaw kliem ġdid, fosthom ir-reduplikazzjoni, l-akronimi u t-tilqim.

Jekk inżommu mad-deċiżjoni li ħadt fit-taqsima preċedenti li, apparti l-formazzjonijiet b'affissi derivattivi u l-kliem kompost, nikkunsidraw magħhom il-formazzjonijiet b'affissi inflettivi bħala kliem kumpless, u abbażi ta' Booij (2014, p. 3), nistgħu naqsmu l-kliem kumpless f'żewġ kategoriji: il-formazzjoni tal-kelma u l-inflessjoni (ara figura nru 1). Bl-ewwel proċess jinħalqu lessemi ġodda li jespandu l-lessiku tal-lingwa. Tiftixa fuq Google tat-

terminu '*word-formation*' (il-formazzjoni tal-kelma), tagħti hekk: "fil-lingwistika, il-formazzjoni tal-kelma tirreferi għal modi kif kliem ġdid jiġi ffurmat abbażi ta' kliem jew morfemi oħra."[11] Fuq l-inflessjoni mhux se nelabora wisq u nużaha biss biex neżemplifika xi kunċetti f'kapitlu 2.

Skont Lieber u Štekauer (2014, p. 3), Olsen (2014, p. 26) u kif jinnota Dixon (2014, p. 11), il-kategorija tal-formazzjoni tal-kelma terġa' tinqasam f'żewġ proċessi ewlenin: il-proċess li bih jiġi ffurmat il-kliem kompost (*compounding*) u d-derivazzjoni. Ladarba kif aċċennajt diġà, il-lenti se tiffoka l-aktar fuq il-proċess konkatenattiv tal-affissazzjoni derivattiva, ngħid kelmtejn fuq il-proċess li joħloq il-kliem kompost, mingħajr ma nelabora wisq.

Bauer (2003, p. 40) jiddefinixxi l-kelma komposta bħala "il-formazzjoni ta' lessema ġdida li sseħħ bit-tqegħid ta' żewġ lessemi jew aktar ħdejn xulxin."[12] Olsen (2014, p. 26) tgħid li l-prodott ta' dan il-proċess lingwistiku huwa kelma kumplessa magħmula minn żewġ lessemi jew aktar fuq il-livell tal-kelma (eż. *cheek bone* fl-Ingliż). Ladarba dan il-proċess joħloq lessema ġdida li ġġorr tifsira singulari, u li aktarx hi opaka, teħtieġ entrata għaliha fid-dizzjunarju (Dixon, 2014, p. 12).

Kemm il-kliem kompost, kif ukoll il-kliem li fih xi affiss, huma strutturi li, mil-lat morfosintattiku, fihom ras (*head*) ewlenija (Olsen, 2014, p. 27). F'lingwi Ġermaniċi bħall-Ingliż, ngħidu aħna, il-parti tal-lemin tal-kelma komposta tiffunzjona bħala r-ras semantika u formali waqt li l-parti tax-xellug timmodifika l-formazzjoni (Booij, 2020, p. 239). Mill-banda l-oħra, fil-Malti, ir-ras ewlenija hija, fil-maġġorparti, il-parti tax-xellug tal-kelma komposta (Amaira, 2014, p. 53; Fabri, 1996, p. 232), kif naraw mill-eżempji, *karozza bomba*, *kliem ix-xiħ* u *ras il-ħmar*.

---

[11] "*In linguistics, word formation refers to the ways in which new words are formed on the basis of other words or morphemes*." (Nordquist, 2020)

[12] "[...] *the formation of a new lexeme by adjoining two or more lexemes*."

Brincat u Mifsud (2016, p. 3354) jargumentaw li l-kliem kompost fil-Malti tal-lum huwa limitat għal xi kalki li jiffurmaw b'mod parallel għal kliem kompost li hu kurrenti fil-midja u li ġej mit-Taljan u l-Ingliż. Eżempji bħal: *ittra bomba*, *linji gwida* u *student ħaddiem*, huma kalki li skont l-awturi, ġew introdotti fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet bil-għan li jiżviluppaw ir-riżorsi lingwistiċi lokali biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet lessikali ġodda tas-soċjetà moderna. L-implikazzjoni hi ċara. Sakemm m'hemmx il-ħtieġa li nesprimu kunċett magħruf li f'lingwi oħra (li għandhom kuntatt mal-Malti) jiġi espress permezz ta' kliem kompost, is-sistema Maltija rari tifforma kliem kompost ġdid, u minflok tistrieħ fuq il-mekkaniżmu derivattiv biex tifforma kliem ġdid.

Niddiskuti issa l-mekkaniżmu ewlieni l-ieħor li joħloq kliem ġdid, id-derivazzjoni bl-affissazzjoni. Skont Booij (2020, p. 238), il-mekkaniżmu tal-affissazzjoni jintuża l-aktar biex jiġi derivat kliem li jappartjeni għall-erba' partijiet tad-diskors prinċipali: nomi, verbi, aġġettivi u avverbji. Il-maġġorparti tal-kliem li minnhom jiġu derivati dawn il-lessemi l-ġodda jkunu jew nomi, jew verbi, jew aġġettivi. Jista' jagħti l-każ li ż-żewġ kelmiet, kemm dik sempliċi u kemm dik kumplessa jkunu jaqgħu taħt l-istess parti tad-diskors, anke wara li jiżdied affiss derivattiv mal-kelma sempliċi (ara taqsima 1.5.2.). Nagħti hawn xi eżempji mill-Malti biex nuri dan:

(3) korrett$_{(A)}$ - korrettezza$_{(N)}$
ġgant$_{(N)}$ - ġgantesk$_{(A)}$
eduka$_{(V)}$ - edukatur$_{(N)}$
pastizz$_{(N)}$ - pastizzerija$_{(N)}$
vapur$_{(N)}$ - vapurett$_{(N)}$

Fuq it-tipi differenti ta' affissi (prefissi, suffissi, infissi eċċ) u kif dawn jiddistingwu ruħhom mill-klitiks u l-affissojdi nitkellem aktar 'il quddiem. Għalissa nieqaf hawn fuq il-mekkaniżmu tal-affissazzjoni u nagħlaq billi niddiskuti punt kruċjali li jiddistingwi dan il-mekkaniżmu minn dak li joħloq il-kliem kompost. Semantikament, skont Olsen (2014, p. 27), hemm tendenza li toftom il-kostruzzjoni tal-affissazzjoni minn dik tal-kliem kompost. L-affiss iżid komponent b'tifsira ġenerali mal-kelma sempliċi. Is-suffiss -*atur*, pereżempju, jiddenota l-aġent f'xi

azzjoni waqt li l-prefiss *in-*, jinnega xi aspett tal-kelma sempliċi. Dawn l-affissi mela, kull meta jiżdiedu ma' kelma sempliċi, aktarx li ħa jżidu aspett semantiku ġdid li jkun trasparenti u joħroġ fid-dieher fil-kostruzzjonijiet kollha li fihom jintuża (qabbel, eż. *ammiratur*, *konsumatur*, *operatur*). Dan il-kunċett introduċejtu f'taqsima 1.3. meta rajna li, f'kuntrast mal-kelma sempliċi, il-kliem kompost aktarx ikollu fih tifsira relazzjonali. Mill-banda l-oħra, fil-kliem kompost, ir-rabta bejn iż-żewġ kostitwenti ma tkunx daqstant trasparenti u rari tkun relazzjonali. Diffiċli ngħidu li hemm xi tifsira relazzjonali fil-formazzjonijiet *ħass ħażin* jew *kaxxa infernali*.

Apparti l-proċess tal-affissazzjoni u dak li joħloq kliem kompost, hemm proċessi oħra li jestendu l-vokabolarju fil-lingwa. Dawn jinkludu r-reduplikazzjoni, l-akronimi, it-tilqim (*blending*), it-tqarwiż (*clipping*), ir-retroformazzjoni (*backformation*) u l-konverżjoni (*conversion*). Biss, kif jasserixxu Haspelmath u Sims (2010, p. 40), mhux il-proċessi kollha involuti fil-ħolqien ta' kliem ġdid jaqgħu taħt id-dominju tal-istruttura morfoloġika. L-akronimi, it-tilqim u t-tqarwiż ma jidħlux fi studji morfoloġiċi għax il-prodott tagħhom m'għandux tifsira differenti mill-kliem korrispondenti li minnhom jitnisslu. Kif semmejt diġà, għal raġunijiet prattiċi, l-analiżi teskludi dawn il-proċessi. Ngħid biss kelmtejn fuq tlieta, b'referenza għall-Malti:

- Ir-reduplikazzjoni, skont Aronoff u Fudeman (2011, p. 81), hija proċess li fih, parti kontinwa mill-bidu jew mill-aħħar tal-kelma tiġi kkupjata fil-formazzjoni l-ġdida. M'hemmx wisq eżempji minn dan fil-Malti (eż. *bużbużnannu*, *importantississimu*, *pitpitgħada*). Booij (2020, p. 238) u Haspelmath u Sims (2010, p. 38), isemmu tip ieħor ta' reduplikazzjoni, meta l-kelma nnifisha tiġi mtennija kollha. Din il-konfigurazzjoni, skont Booij (2020, p. 251), iġġorr riperkussjonijiet semantiċi marbutin mal-intensità u r-repetizzjoni. Booij ikompli jargumenta li għalkemm dan huwa mekkaniżmu komuni ħafna fil-formazzjoni tal-kelma fost il-lingwi tad-dinja (ara wkoll Sailaja, 2014, p. 449), ma tantx huwa komuni f'lingwi Ġermaniċi bħall-Ingliż. Abbażi tal-eżempji li tagħti Sailaja mit-Taljan (*neri neri*, 'suwed ħafna') u mill-Ispanjol (*coche-coche*, 'karozza tajba ħafna'), ma nsibx diffikultà biex nikklassifika eżempji bħal *ftit ftit* u *għodu għodu*, kif naraw minn dawn l-eżempji mill-korpus, bħala reduplikazzjoni:

(4) Beethoven ftit ftit tilef il-popolarità mal-Vjenniżi li kien għad għandhom nostalġija għal Mozart u bdiet togħġobhom il-mużika iżjed frivola ta' Rossini. (MLRS v3.0 academic236).

Salvu tar-razzett wasal għodu għodu fil-kunvent ta' Fra Mudest u baqa' sejjer dritt għand il-Pirjol. (MLRS v3.0 literature5).

- L-akronimi jinħalqu bi proċess li jieħu l-ewwel ittra ta' sensiela ta' kliem u jgħaqqadhom flimkien biex jiffurmaw kelma ġdida (Aronoff & Fudeman, 2011, p. 120). Kif għidt qabel u kif jerġgħu jikkonfermaw Aronoff u Fudeman, peress li l-formazzjoni tal-akronimi tiddependi mill-ortografija u mhux mill-pronunzja, dan il-proċess ma jaqax strettament taħt il-kappa tal-formazzjoni tal-kelma. Hemm żewġ tipi ewlenin li jaqgħu taħt l-akronimi: a) l-akronimi, meta t-taqsira tinqara bħala kelma waħda (eż. l-UNESCO), u b) l-inizjaliżmi, meta t-taqsira tinqara ittra ittra (eż. il-UĦM).

- Fuq il-mekkaniżmu tat-tilqim, Aronoff u Fudeman (2011, p. 119), jgħidu li huwa proċess li jifforma kliem ġdid billi jgħaqqad partijiet ta' kliem differenti ġo kelma waħda. Eżempju klassiku mill-Ingliż huwa dak ta' *smog*, magħmul minn *smoke* u *fog*. Fl-Ingliż, fil-fatt, dan il-mekkaniżmu huwa komuni u produttiv, kif jistqarru Aronoff u Fudeman u kif naraw mill-eżempju riċenti, *macne*, magħmul minn *mask* u *acne*. Skont Brincat u Mifsud (2016, p. 3359), dan il-proċess ma jokkorrix wisq fil-Malti u nsibuh f'xi formazzjonijiet sporadiċi li huma ħolqien ta' persuni litterati, bħal *Maltraljan*, magħmul minn *Malt(i)* u *(Aws)traljan,* u *żinnternet*, magħmul minn *żinn* u *(i)nternet* (Brincat & Mifsud, 2016, p. 3359). Eżempji oħra jinkludu: *kantawtur*, *traġikomiku* u *żlaċċu*.

Nagħlaq din it-taqsima b'figura li tiġbor il-mekkaniżmi u l-proċessi diskussi u tippreżentahom b'mod grafiku. Ladarba proċessi bħat-tilqim u t-tqarwiż mhumiex mekkaniżmi morfoloġiċi, mhumiex inklużi fiha. Il-figura hija adattata minn Haspelmath u Sims (2010, p. 19):




**Figura nru 1:** Mekkaniżmi differenti li joħolqu l-kliem kumpless

1.4.1. Is-sistema introflessiva fil-Malti – għajn oħra ta' formazzjonijiet kumplessi ġodda?

Hemm ħafna xogħlijiet fil-letteratura lokali u internazzjonali li jiddiskutu l-Malti bħala lingwa li kienet f'kuntatt qawwi ma' sistemi lingwistiċi oħrajn. Comrie (2009, p. 3), ngħidu aħna, jgħid li l-Malti jokkupa pożizzjoni intermedja bejn il-lingwi Semitiċi, b'mod partikolari l-Għarbi, u l-lingwi Rumanzi, speċifikament it-Taljan u l-Isqalli. Aktar riċenti, Lucas u Čéplö (2020, p. 265), jistqarru li m'hemmx kontroversja bejn il-lingwisti kontemporanji fuq l-istorja ta' kuntatt fil-Malti, jiġifieri li l-Malti beda bħala varjetà tal-Għarbi mitkellem u li għadda minn bidliet estensivi, riżultat tal-kuntatt intensiv mal-varjetajiet Rumanzi, u aktar tard mal-Ingliż.[13]

Frott dan il-kuntatt, illum nistgħu nosservaw it-taħlit fil-livelli kollha lingwistiċi. Niddiskuti hawn it-taħlit osservat fil-morfoloġija. Sinkronikament, skont Mifsud (1995b, p. 152), il-komponent morfoloġiku Għarbi jista' jitqies bħala n-nukleu tal-Malti, biss, huwa komponent fossilizzat li mhuwiex produttiv. Din il-fossilizzazzjoni tal-komponent morfoloġiku Għarbi

---

[13] *"From a historical point of view, Maltese is a variety of spoken Arabic, albeit one that has undergone far-reaching changes as a result of sustained and intensive contact with Italo-Romance varieties, and more recently also with English. This is a fact about which there is no controversy among contemporary linguists."*

seħħet għal bosta raġunijiet, fosthom l-iżolament ġeografiku u t-tendenza soċjali li tmil lejn il-kultura Ewropea minflok dik Għarbija. Il-fossilizzazzjoni tal-influwenza lingwistika Għarbija xprunat l-introduzzjoni ta' formazzjonijiet esterni għall-Għarbi fis-sistema Maltija. Il-Malti, mela, tbiegħed mill-istruttura tipika Għarbija u beda jimxi f'direzzjoni li xxaqleb aktar lejn il-morfoloġija konkatenattiva tar-Rumanz u tal-Ingliż, speċjalment meta kien hemm il-bżonn ta' formazzjonijiet ġodda li kellhom xeħta sofistikata, moderna jew kolta (*learned*). Dan it-taħlit ma jidhirx biss fil-morfoloġija (fuq it-taħlit fis-sistema verbali, ara, Mifsud, 1995a; Spagnol, 2011) imma huwa evidenti wkoll fil-lessiku (Lucas & Čéplö, 2020, p. 287; Mifsud, 1995b, p. 152).

Għal raġunijiet prattiċi, m'iniex se nelabora fuq l-influwenzi morfoloġiċi partikolari li ħallew l-Isqalli, it-Taljan u l-Ingliż fuq il-Malti (fuq dan ara Lucas & Čéplö, 2020, pp. 267-280 u Mifsud, 1995b, p. 159). Minflok, nittanta niddiskuti żewġ punti rilevanti għall-formazzjoni tal-kelma kumplessa fil-Malti: a) kif is-sistemi morfoloġiċi konkatenattivi tar-Rumanz u l-Ingliż ħallew impatt fuq il-morfoloġija introflessiva tal-għerq, u b) jekk għadx hemm kliem kumpless li morfoloġikament jiġi kompost bis-sistema introflessiva.

Nibda fuq l-ewwel punt. Kif għidna diġà, il-kuntatt u t-tlaqqigħ ta' tliet lingwi u aktar f'lingwa waħda wassal mhux biss għall-introduzzjoni ta' ruxxmata kliem missellef minn għejun mhux-Semitiċi iżda wkoll għal bidliet fis-sistema morfoloġika nnifisha. M'għandniex naħsbu li dan huwa każ uniku għall-Malti, tant li anke s-sistemi morfoloġiċi tal-lingwi Ġermaniċi ġew influwenzati mill-kuntatt tagħhom mal-Grieg, il-Latin u l-Franċiż (Booij, 2020, p. 238). Biex nagħti eżempju aktar speċifiku, Dixon jistqarr li l-affissi fl-Ingliż ġejjin minn żewġ sorsi – lokali u mhux-lokali. Is-suffiss *-ness*, baqa' jevolvi mill-Ingliż Qadim (*Old English*) waqt li prefissi bħal *re-* daħal mill-Franċiż, li ħadu mil-Latin. Biss, li jiddistingwi l-Malti mill-Ingliż hu l-fatt li l-kuntatt tal-Malti ma' lingwi oħra laqqa' flimkien sistemi morfoloġiċi li ma jaħdmux bl-istess mod iżda, tista' tgħid, jinsabu fuq in-naħa opposta tal-ispettru.

Ngħid kelma fuq iż-żewġ tipi ta' mekkaniżmi morfoloġiċi. Skont Haspelmath u Sims (2010, p. 34), hemm żewġ tipi ta' mekkaniżmi morfoloġiċi: il-konkatenazzjoni, meta żewġ morfemi

jitpoġġew wara xulxin, u s-sistema mhux-konkatenattiva li tiġbor il-bqija. Tajjeb nifhmu li hemm ħafna lingwi li għandhom taħlita tat-tnejn minkejja li, tipoloġikament, il-maġġorparti tal-proċessi morfoloġiċi f'lingwa partikolari aktarx jistrieħu fuq sistema u mhux fuq oħra. Jekk nerġgħu nħarsu lejn l-Ingliż, naraw li l-maġġorparti tal-kliem kumpless huwa ffurmat bil-mekkaniżmu konkatenattiv għajr għal xi eċċezzjonjiet. Kontra tal-Malti, dawn l-eċċezzjonijiet ma ġewx introdotti sforz it-taħlit ma' lingwi oħra, iżda, tista' tgħid, kienu hemm minn dejjem. Bauer isemmi dawn l-eċċezzjonijiet u jelenka xi pari li aktar jistgħu jitqiesu bħala proċessi milli bħala binjiet konkatenattivi (ara (5)).

(5) ínsult$_{(N)}$ insúlt$_{(V)}$
house /haʊs/$_{(N)}$ house /haʊz/$_{(V)}$
song$_{(N)}$ sing$_{(V)}$

Minkejja li l-mekkaniżmu konkatenattiv huwa xi ftit jew wisq preżenti fil-morfoloġija inflettiva u derivattiva li l-Malti wiret mill-Għarbi (ngħidu aħna, is-suffiss tal-plural *-iet* bħal f'*mix<u>jiet</u>* u l-aġġettiv relattiv *-i* bħal f'*xemx<u>i</u>*), is-sistema li tifforma l-bażi tal-morfoloġija derivattiva Maltija xorta tibqa' s-sistema introflessiva, mibnija fuq l-għerq u l-forom. Kien il-kuntatt u t-taħlit li rrenda l-proċess konkatenattiv bħala l-mekkaniżmu derivattiv l-aktar produttiv fil-Malti.

Biex nifhmu kemm dan it-tiżwiġ taż-żewġ sistemi morfoloġiċi ġo sistema waħda huwa, sa ċertu punt, partikolari, nagħmel analiżi komparattiva konċiża bejn il-familja Afro-Ażjatika u l-familja Indo-Ewropea, vis-à-vis il-formazzjoni tal-kelma. Hi u tiddiskuti l-formazzjoni tal-kelma fil-familja Afro-Ażjatika, Shay (2014, p. 574) timplika li wieħed mill-aktar proċessi ċentrali f'din il-familja hu d-derivazzjoni bl-għerq (*root-and-pattern derivation*, *root-plus-vowel derivation*, *non-concatenative morphology or templatic morphology*). Tkompli tgħid li dan il-proċess, kif deskritt fil-lingwi Semitiċi, Berberi u l-Eġizzjan, jikkonsisti f'sett diskontinwu ta' konsonanti li jġorr il-kontenut semantiku bażiku u li miegħu tiżdied forma li tikkonsisti f'vokali waħda jew aktar, u ġieli anke konsonanti. Ir-riżultat ta' dan il-proċess huwa z-zokk li miegħu jistgħu jiżdiedu proċessi oħra derivattivi skont il-kuntest, fosthom il-

prefissazzjoni, is-suffissazzjoni u l-proċess li joħloq il-kliem kompost. Dan, tista' tgħid, huwa l-proċess li jiddeskrivi mingħajr problemi l-parti Għarbija tal-morfoloġija Maltija.

Mill-banda l-oħra, fil-familja Indo-Ewropea, li taħtha jaqgħu, fost l-oħrajn, l-Isqalli, it-Taljan u l-Ingliż, il-proċess tad-derivazzjoni mill-għerq (*root-and-pattern derivation*) ma jissemmiex u minflok jingħataw prominenza r-reduplikazzjoni, l-affissazzjoni u l-proċess li joħloq kliem kompost (Booij, 2020; Sailaja, 2014; *inter alia*). Sailaja (p. 446) tgħid li l-aktar proċess mifrux fil-kostruzzjoni ta' lessemi kumplessi ġodda huwa d-derivazzjoni bl-affissazzjoni. Iż-żewġ familji, mela, ħallew fil-Malti żewġ sistemi morfoloġiċi li huma inkongruwenti għal xulxin – l-Għarbi ħalla s-sistema tal-għerq u l-forom waqt li r-Rumanz u l-Ingliż ikkonsolidaw is-sistema lineari tal-morfi konkatenattivi, biz-zkuk u l-affissi.

Biex nikkonkludi din il-parti nistgħu ngħidu li n-numru ta' lessemi kumplessi derivati, magħmulin minn zokk u affiss, li daħlu mill-Isqalli u t-Taljan, tant kienu numerużi, influwenti u bżonjużi, li ħallew effett fuq il-komponent Għarbi morfoloġiku u rrendewh inqas produttiv. Suffissi Rumanzi bħal *-abbli*/*-ibbli*, *-attiv*/*-ittiv* u *-iżmu* (ara taqsima 3.1. għal-lista pjuttost eżawrjenti ta' suffissi mislufin), firxu l-għeruq fil-lingwa Maltija, tant li nsibuhom f'numru mdaqqas ta' kliem kumpless. Għal bosta raġunijiet, fosthom dawk elenkati hawn, il-moħħ Malti nattiv ipprefera jagħmel użu minn dawn l-affissi derivattivi (konkatenattivi) mislufin milli juża l-morfoloġija introflessiva Għarbija biex inissel lessemi ġodda:

- Għall-bidu tal-kuntatt mal-lingwi Ewropej, meta n-numru ta' kliem missellef mill-Isqalli, Taljan jew l-Ingliż kien relattivament baxx, il-moħħ Malti nattiv kien, inkonxjament, isaffi l-kelmiet b'tali mod li joqogħdu għall-istruttura ta' tliet konsonanti jew erbgħa tal-għerq. Biss, dan kien proċess li jeħtieġ ċertu preċiżjoni u żmien (ara l-verbi ta' Tip A f'Mifsud, 1995b). Meta beda dieħel għadd kbir ta' kliem missellef, aktarx li dan il-proċess ta' tagħrib kien meqjus diffiċli u s-sistema konkatenattiva tal-forom kumplessi mislufin ma ġietx mittiefsa wisq. Kien hawn li aktarx beda l-proċess inkonxju tal-identifikazzjoni ta' morfi bl-istess tifsira f'serja ta' forom kumplessi.
- Mil-lat soċjali, il-Maltin ippreferew jassimilaw ruħhom kulturalment (kif naraw mir-reliġjon u t-tradizzjonijiet) mad-dinja Ewropea minn dik Għarbija. Wara

kollox, il-Maltin għamlu żmien twil maħkumin minn kulturi Ewropej. Dan seta' wassal biex, konxjament jew inkonxjament, il-Maltin jagħżlu li jirrikorru għal-lingwi u l-morfoloġija Indo-Ewropea biex jilħqu l-bżonnijiet lessikali l-ġodda (ta' xeħta aktarx moderna u/jew sofistikata).

- Skont Mifsud (1995b, p. 153), hija karatteristika tal-morfoloġija Maltija li tfittex sistema li hi ġdida u aktar libera minn dik preżenti, biex teħles mir-restrizzjonijiet imposti mill-għerq. B'hekk tkun qed tiffaċilita s-self neċessarju mil-lingwi Ewropej mingħajr il-ħtieġa li jgħaddu minn passatur dejjaq u jibdlu l-forma tagħhom radikalment biex ikunu konformi mal-istruttura tal-għerq.

Il-produttività u n-natura bżonjuża ta' dawn l-affissi huma kkonfermati mill-għadd ta' formazzjonijiet ibridi li fihom, l-affiss Rumanz żdied mal-kelma t'oriġini Semitika biex ġiet derivata lessema ġdida. Dawn l-eżempji huma meħudin minn Brincat u Mifsud (2016, p. 3361):

(6) fenek$_{(S)}$ + -*ata*$_{(R)}$= fenkata
ħmar$_{(S)}$ + -*un*$_{(R)}$ = ħmarun
tella'$_{(S)}$ + -*ar*$_{(R)}$ = tellar

Nagħlaq din it-taqsima billi, b'mod dirett, inwieġeb għat-tieni punt li xtaqt niddiskuti f'din it-taqsima, jiġifieri jekk għadx hemm kliem kumpless li morfoloġikament jiġi kompost bis-sistema introflessiva/ mhux-konkatenattiva Għarbija. Kif implikajt diġà, is-sistema introflessiva tal-għerq (*root-and-pattern derivation*) hija wieħed mill-proċessi ewlenin fil-formazzjoni tal-kelma (Lieber & Štekauer, 2014, p. 3). Fil-Malti, però, għar-raġunijiet diskussi qabel, il-kliem kumpless li jirrifletti s-soċjetà moderna u sofistikata daħal fil-Malti bħala forom kumplessi, magħmul minn zokk u affiss wieħed jew aktar. Meta l-affissi saru internalizzati fil-moħħ nattiv, bdew jiżdiedu ma' kliem ieħor, kemm t'oriġini Semitika u kemm mhux-Semitika, skont il-bżonn. Minħabba l-faċilità ta' dan il-proċess, is-sistema introflessiva ma baqgħetx produttiva, għajr għal xi okkorrenzi fil-letteratura, li huma, fil-maġġorparti tagħhom, hapax legomena, bħal *impallma* (Mifsud, 1995a, p. 77).

## 1.5. Minn xiex inhu kompost il-kliem kumpless

F'din it-taqsima nħares lejn il-kelma kumplessa mil-lat ta' morfi, jiġifieri niddiskuti fuq fuq iż-żewġ komponenti ewlenin li jsawruha – il-bażi u l-affiss. Din it-tip ta' analiżi taqa' taħt l-approċċ analitiku fil-morfoloġija li normalment jiġi assoċjat mal-istrutturaliżmu Amerikan tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin (Aronoff & Fudeman, 2011, p. 12). Kif jammetti Haspelmath (2021, p. 9), ftit lingwisti waqfu jaħsbu jew urew interess fid-diffikultà biex jiġu stabbiliti termini tekniċi f'dan il-qasam (b'mod speċjali fir-rigward tal-affiss), li jkunu trasparenti u konsistenti. L-għan ta' din il-ktiba mhuwiex li nikkontribwixxi għal dan id-dibattitu imma li nispeċifika liema terminoloġija nuża fl-analiżi għall-fini ta' konsistenza, speċjalment b'referenza għall-Malti. Ngħid ukoll kelmtejn fuq il-bażi u l-affissi mil-lat teoretiku, lil hinn mit-terminoloġija. Nibda billi niddiskuti l-bażi/iz-zokk/l-għerq biex imbagħad ngħaddi għall-affiss u kif dan jiddistingwi ruħu mill-affissojdi fost oħrajn.

### 1.5.1. Il-bażi/iz-zokk/l-għerq

Fil-letteratura Ingliża jintużaw tliet termini li lkoll jirreferu għal dik il-parti tal-kelma li tibqa' wara li jitneħħew xi affissi mill-kelma kumplessa – *root*, *stem* u *base* (Bauer, 1983, p. 20). Huma termini li jintgħażlu minn xulxin u minkejja li jitilqu mill-istess kunċett, għandhom sens tekniku partikolari. It-terminu '*root*' jirreferi għal dik il-forma li ma tistax tiġi analizzata aktar f'termini ta' morfoloġija derivattiva jew inflettiva; hija dik il-parti li tibqa' meta jitneħħew l-affissi derivattivi u inflettivi kollha (Bauer, Lieber & Plag, 2015, p. 17).[14] Dan l-element huwa dik il-parti bażika li dejjem tkun preżenti fi kwalunkwe lessema, kif naraw mill-eżempju mogħti hawn (meħud minn Bauer, 1983, p. 20):

(7) *untouchables* = il-komponent '*touch*' huwa r-*root* tal-kelma kumplessa

---

[14] "*A root is the centre of a word, a lexically contentful morph, which is not further analysable; it is what remains when all affixes are removed.*"

It-terminu '*stem*', imbagħad, jintuża l-aktar fil-qasam tal-morfoloġija inflettiva (Bauer, 1983, p. 20). Fl-eżempju (7) hawn fuq, dan it-terminu jintuża biex jirreferi għall-parti '*untouchable*' li magħha jiżdied is-suffiss inflettiv '*-s*'. Biss, tajjeb ngħidu li, minkejja din il-pożizzjoni ta' Bauer (u oħrajn) fuq dan it-terminu, Kiparsky (2020, p. 1) jargumenta li l-istampa mhijiex daqstant sempliċi u li fil-fatt hemm diversi tifsiriet ta' dan it-terminu li huma kollha kostruzzjonijiet teoretiċi, kostruzzjonijiet li la huma universali u lanqas ippruvati b'esperimenti empiriċi.

It-terminu '*base*', mill-banda l-oħra, huwa terminu relattiv li jirreferi għal kwalunkwe forma li magħha jista' jingħaqad kwalunkwe affiss, sija derivattiv u sija inflettiv. Dan jimplika li kull *root* jew *stem* tista' tkun *base*. Jekk nieħdu l-eżempju (7) t'hawn fuq, nistgħu ngħidu li l-komponent '*touchable*' huwa l-*base* li miegħu jiżdied il-prefiss '*un-*'. Biss, f'dan il-proċess, il-komponent '*touchable*', la nistgħu nirreferu għalih bħala r-*root* peress li jista' jiġi analizzat aktar u lanqas bħala l-*istem* ladarba l-proċess qed iżid prefiss derivattiv u mhux inflettiv.

Nittanta issa napplika din it-terminoloġija b'rabta mal-Malti, permezz tal-eżempji (8) hawn taħt:

(8a) konsumaturi
(8b) maqtulin

Fuq (8a) nistgħu ngħidu li *konsum* hija r-*root* għax ma tistax tiġi analizzata aktar, *konsumatur* hija l-*istem* ladarba magħha qed jiżdied is-suffiss inflettiv *-i*, waqt li l-*base* tista' tkun kemm *konsum* fil-proċess li fih jiżdied is-suffiss tal-aġent *-atur*, kif ukoll *konsumatur* fil-proċess li fih jiżdied is-suffiss tal-plural *-i*. Huwa ftit aktar diffiċli biex ninterpretaw l-eżempju fi (8b) permezz ta' dawn it-termini. M'hemmx dubju li r-*root* tiġi √qtl ladarba huma dawn il-konsonanti li jwasslu l-idea semantika bażika. Hija wkoll l-aktar parti għerja u li ma tistax tiġi analizzata aktar. Il-kunċett ta' *stem* huwa ftit problematiku f'dan ir-rigward peress li qed nitkellmu fuq sistema introflessiva mibnija fuq forom (*binyamin*). It-terminu *base* huwa wkoll, xi ftit jew wisq problematiku b'rabta ma' dan l-eżempju, biss nistgħu ngħidu li l-konsonanti tal-għerq √qtl qed jaġixxu bħala l-bażi li fuqhom qed tinbena l-kelma maqtulin

permezz tal-morfoloġija introflessiva (tal-għadd, ġens u l-persuna) u derivattiva (parteċipju passiv). Fuq din id-diffikultà terminoloġika vis-à-vis il-letteratura internazzjonali m'iniex se nelabora aktar iżda minflok ngħid kelmtejn fuq kif jintużaw dawn it-termini fil-letteratura lokali.

Ħarsa lejn ix-xogħlijiet lokali, inkluż il-grammatiki u kitbiet ta' natura akkademika turina li dawn it-termini fil-Malti, l-aktar *root* 'għerq' u *stem* 'zokk', iġorru implikazzjonijiet differenti u għalhekk, jintużaw b'mod differenti minn kif jintużaw f'sistemi konkatenattivi, bħall-Ingliż. Tal-ewwel jitfaċċa l-aktar fis-sistema introflessiva meta nirreferu għat-tifsira bażika mwassla permezz tal-konsonanti tal-għerq (bħal √*qtl*). L-użu tat-terminu 'għerq' b'referenza għal sekwenza diskontinwa ta' konsonanti li ġeneralment iġorru t-tifsira semantika bażika hija drawwa mifruxa sew fis-sistemi introflessivi u tispikka l-aktar fil-familja Afro-Ażjatika, fil-lingwi Semitiċi u Berberi (Shay, 2014, p. 575). Tat-tieni, imbagħad, jintuża fis-sistema derivattiva konkatenattiva biex nirreferu għal dik is-sekwenza li twassal it-tifsira bażika (bħal *eduk-*) (ara, ngħidu aħna, Brincat & Mifsud, 2016, p. 3354; Gatt & Fabri, 2018, p. 144; *inter alia*).

Skont it-terminoloġija diskussa qabel (Bauer, 1983, p. 20), dawn iż-żewġ elementi (jiġifieri √*qtl* u *eduk-*) huma t-tnejn *roots* 'għeruq'. Jekk, mill-banda l-oħra, nirriservaw it-terminu *stem* 'zokk' għal dik il-parti tal-kelma li magħha jiżdied suffiss inflettiv, nistgħu nużawh b'referenza għal *qatl,* qabel ma jiżdiedu s-suffissi inflettivi tal-ġens/persuna, bħal *qatlet* jew *qatlu*, u *edukatur* fil-proċess li fih jiżdied is-suffiss inflettiv tal-plural -*i* biex niffurmaw *edukaturi*.

F'dan ix-xogħol, għal raġunijiet prattiċi u biex inkun konsistenti mal-letteratura lokali, nuża t-terminu 'għerq' biex nirreferi għas-sistema diskontinwa ta' tliet konsonanti jew erbgħa li jwasslu s-sens bażiku (bħal √*qtl*) waqt li t-terminu 'zokk' nużah biex nirreferi għal dik l-entità, komposta minn sillaba waħda jew aktar, li tkun nieqsa minn kwalunkwe affiss, sija derivattiv u sija inflettiv (bħal *eduk-*). Nuża wkoll it-terminu 'bażi', kważi b'mod interkambjabbli ma' 'zokk' u 'għerq', bit-tifsira li toqrob ħafna lejn id-definizzjoni ta' dan it-terminu proposta

minn Haspelmath u Sims (2010, p. 36) – il-bażi ta' kelma morfoloġikament kumplessa hija dak l-element li fuqu tinħadem operazzjoni morfoloġika.[15]

Nagħlaq din it-taqsima billi niddiskuti d-delimitazzjoni tal-bażi fi kliem li daħal fil-Malti bħala formazzjonijiet kumplessi. Minkejja li l-identifikazzjoni tal-bażi hija operazzjoni faċli f'lingwi konkatenattivi bħall-Ingliż li jibnu l-kliem kumpless fuq kliem sempliċi li hu stabbilit fil-lingwa, fil-Malti jokkorru bosta formazzjonijiet li huma kumplessi u li daħlu fil-Malti bħala morfemi lessikali. Dawn huma formazzjonijiet bħal *burdata* u *pixkerija* li l-bażi aġġettivali, nominali jew verbali ekwivalenti tagħhom (jiġifieri **burd* u **pixk*) ma tokkorrix fil-Malti. F'dawn il-każijiet, ikun aktar prattiku li nħarsu lejn l-affiss u l-karatteristiċi tiegħu biex issir is-segmentazzjoni tal-kelma f'bażi u f'affiss.

1.5.2. L-affissi

L-affiss, skont Bauer (2014, p. 118), huwa segment magħmul minn materjal fonoloġiku li jokkorri ta' spiss, li mhuwiex bażi/zokk/għerq u li meta nsibuh f'xi kelma, iħalli effett relattivament konsistenti fuq it-tifsira tal-kelma li magħha jingħaqad.[16] Mil-lat semantiku, aktarx li dan l-effett ikun ta' natura astratta (Pharies, 2015, p. 1862), ngħidu aħna, tifsira astratta li turi ċ-ċokon – id-diminuttiv, jew tifsira astratta li turi kwalità b'konnotazzjoni negattiva – il-peġġorattiv. Id-definizzjoni ta' Lieber għal dan it-terminu (2022, p. 251) tispeċifika li l-affiss huwa morf marbut. Dan jimplika li l-affiss mhuwiex kelma u ma jistax jokkorri għalih waħdu bħala tlissina, sakemm ma tkunx qed issir referenza għal xi affiss partikolari, jew meta, maż-żmien, xi affiss isir kelma (bħal *eks* u *viċi*).

Fil-letteratura (Haspelmath & Sims, 2010, p. 20; Lieber, 2022, p. 37; fost oħrajn) niltaqgħu ma' termini differenti li jirreferu għall-affissi skont il-pożizzjoni tagħhom fil-kelma. Affissi li jokkorru wara l-bażi jissejħu *suffissi* (bħal *-aġni* u *-esk*) waqt li dawk li jokkorru qabel jissejħu

[15] *"The base of a morphologically complex word is the element to which a morphological operation applies."*
[16] *"An affix is a recurrent piece of phonological material, not itself a root, which when found in a word has a relatively consistent effect on the meaning of the word in which it is found."*

*prefissi* (bħal *diż-* u *in-*). Hemm ukoll tip ta' affissi li jokkorru fil-bażi u jissejħu infissi (eż., *-t-* tat-tmien forma) waqt li ċ-ċirkumfissi jinqasmu f'żewġ biċċiet u jitqiegħdu fuq iż-żewġ naħat tal-bażi (eż., sa ċertu punt, in-negattiv fil-Malti, *ma* ... *-x*).

L-eżistenza tal-affissi fis-sistema lingwistika twassal għal żewġ mistoqsijiet li huma kruċjali għad-delimitazzjoni ta' dan il-kunċett u l-identifikazzjoni ta' dawn il-komponenti fil-kelma kumplessa. Il-mistoqsijiet huma: a) x'inhuma l-karatteristiċi li jiddistingwu l-affiss minn morfi oħra bħall-bażi u mill-kliem kompost, u b) x'inhuma l-karatteristiċi li jagħżlu bejn tipi differenti ta' affissi bħas-suffissi u l-prefissi.

Nibda mill-ewwel punt. Hu u jiddiskuti l-kwalitajiet li jiddelimitaw l-affiss, Dixon (2014, p. 47) jelenka erba' kriterji neċessarji li lkoll iridu jiġu sodisfatti biex komponent lingwistiku jissejjaħ affiss. L-ewwel żewġ kundizzjonijiet li jridu jkunu sodisfatti biex sekwenza ta' segmenti morfoloġiċi tiġi identifikata bħala bażi+affiss huma li s-sekwenza tkun kelma waħda grammatikali (kriterju i) u kelma waħda fonoloġika (kriterju ii). Kelma grammatikali waħda jkollha dawn il-karatteristiċi: fiha jkun hemm bażi waħda (jew aktar) li fuqha jinbnew proċessi morfoloġiċi diversi, ikollha tifsira koerenti li tkun konvenzjonali u li l-komponenti, il-morfi tagħha jokkorru dejjem flimkien, f'ordni fissa. Kelma fonoloġika waħda, imbagħad, tiġi identifikata permezz tal-aċċent lessikali ladarba din normalment ikollha aċċent primarju wieħed.

It-tielet kundizzjoni neċessarja biex nidentifikaw affiss hija li jkun hemm effett semantiku u/jew sintattiku prevedibbli fuq il-bażi/kelma li miegħu jingħaqad (kriterju iii). Dan jorbot mal-osservazzjonijiet ta' Bauer u Pharies li bihom bdejt din it-taqsima. L-aħħar kundizzjoni neċessarja biex forma tiġi identifikata bħala affiss derivattiv hija li jrid ikun hemm numru ta' okkorrenzi tas-segment partikolari (kriterju iv). Din il-kundizzjoni tista' tiġi evalwata bis-saħħa tal-korpus, fost oħrajn.

L-istess awtur jiddiskuti wkoll erba' kriterji suffiċjenti li mhumiex neċessarji, kwalunkwe komponent li jissodisfa dawn il-kriterji suffiċjenti huwa affiss imma mhux kull affiss irid

jissodisfahom. Insemmi hawn tnejn minnhom. L-ewwel kundizzjoni sufficjenti hija li l-affiss ikun produttiv (kriterju v). Ngħidu aħna, jekk fil-Malti jidħol aġġettiv ġdid u miegħu nistgħu nżidu komponent derivattiv konkatenattiv, dak il-komponent aktarx jista' jissejjaħ affiss. It-tieni kundizzjoni sufficjenti hija marbuta mal-punt li għamilt diġà li l-affissi derivattivi huma morfi marbuta u ma jistgħux jokkorru waħedhom, ma jistgħux joqogħdu bħala kelma għalihom (kriterju vi).

Ngħaddi issa mit-teorija għal analiżi ħafifa tal-affissi fil-Malti. Permezz ta' din it-tabella, nanalizza liema minn dawn is-sekwenzi ta' ħsejjes jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ddiskutejt u għalhekk jistgħu jiġu identifikati bħala affissi. Ta' min niftakru li biex komponent lingwistiku jissejjaħ affiss irid jissodisfa l-erba' kriterji neċessarji. M'hemmx għalfejn joqgħod għaż-żewġ kriterji sufficjenti.

L-għan ta' din l-analiżi mhux li noħorġu b'lista eżawrjenti ta' affissi fil-Malti jew li neskludu xi segmenti minn din il-lista imma li nittantaw inħaddmu l-kriterji ta' Dixon b'rabta mal-Malti. 'Il quddiem jista' jsir studju li jiffoka biss fuq dawn il-kriterji biex noqorbu lejn xi għamla ta' lista definita.

| Affiss | Eżempji | Kriterju i<br>Kelma waħda grammatikali | Kriterju ii<br>Kelma waħda fonoloġika | Kriterju iii<br>Effett semantiku prevedibbli | Kriterju iv<br>Numru ta' okkorrenzi | Kriterju v<br>Produttiv | Kriterju vi<br>Huma morfi marbuta |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| -aġni | *guffaġni, redikolaġni, traskuraġni* | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| -erija | *biċċerija, librerija, spiżerija* | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| -ezza | *ċertezza, privatezza, segretezza* | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| -uż | *diżastruż, perikoluż, reliġjuż* | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| diż- | *diżonestà, diżrispett,* | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *dižunur* | | | | | | |
| viċi- | *viċi kap, viċi president, viċi sindku* | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | × |
| buż- | *bużnannu* | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | × | ✓ |

**Tabella nru 4:** Lista ta' affissi derivattivi Maltin u l-kriterji ta' Dixon

Skont dan l-eżerċizzju, dawn is-segmenti kollha jistgħu jissejħu affissi għax isegwu l-erba' kriterji neċessarji. Anke s-segment *viċi-*, li wħud iqisuh semiaffiss jew suffissojd (ara, ngħidu aħna, Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008, p. 7), iħares l-erba' kriterji neċessarji u għalhekk jista' jissejjaħ prefiss fil-Malti. Wara kollox, anke Dixon (2014, p. 162) ma jsib l-ebda problema jirreferi għal dan is-segment bħala prefiss fl-Ingliż. Fuq is-semiaffissi u s-suffissojdi nitkellem fid-dettall fit-taqsima li jmiss.

Nagħlaq din it-taqsima billi nagħmel analiżi komparattiva ħafifa bejn il-karatteristiċi li jiddistingwu l-prefissi mis-suffissi. Apparti l-pożizzjoni tagħhom b'rabta mal-bażi, dawn iż-żewġ tipi ta' affissi jiddistingwu ruħhom abbażi tal-effett li jħallu fuq il-parti tad-diskors tal-kelma kumplessa. Filwaqt li s-suffissi jistgħu jibdlu l-parti tad-diskors tal-kelma sempliċi li magħha jingħaqdu, il-prefissi ma jibdlux il-kategorija sintattika tal-bażi (Scalise, 1986, p. 79). Din l-istqarrija nanalizzawha vis-à-vis il-Malti permezz tal-eżempji (9) hawn:

(9a) pur$_{(A)}$ - purezza$_{(N)}$, ġgant$_{(N)}$ - ġgantesk$_{(A)}$, vapur$_{(N)}$ - vapurett$_{(N)}$
(9b) grazzja$_{(N)}$ - diżgrazzja$_{(N)}$, loġiku$_{(A)}$ - illoġiku$_{(A)}$

Is-suffissi (ara (9a)) jistgħu jikkawżaw bidla fil-parti tad-diskors waqt li l-formazzjonijiet kumplessi li jinkludu biss prefiss iżommu l-parti tad-diskors tal-bażi li magħha jingħaqdu. Distinzjoni oħra bejn il-prefissi u s-suffissi tikkonċerna l-parti tad-diskors tal-bażi (Scalise, 1986, p. 80). Il-prefissi, normalment, huma aktar liberi biex jingħaqdu ma' bażijiet li jappartjenu għall-parti tad-diskors differenti, bħal aġġettivi, nomi jew verbi (ara (10a)) waqt li suffiss partikolari għandu tendenza jingħaqad ma' bażijiet li jappartjenu għall-istess parti tad-diskors (ara (10b)):

(10a) onest$_{(A)}$ - diżonest$_{(A)}$, ordni$_{(N)}$ - diżordni$_{(N)}$, rispett$_{(N)}$ - diżrispett$_{(N)}$
(10b) laxk$_{(A)}$ - laxkezza$_{(N)}$, rikk$_{(A)}$ - rikkezza$_{(N)}$, skars$_{(A)}$ - skarsezza$_{(N)}$

1.5.2.1. L-affissojdi

Fit-taqsima preċedenti ddiskutejt is-segment *viċi-* li, abbażi tal-kundizzjonijiet proposti minn Dixon (2014), jien qistu prefiss. Biss, l-istatus ta' dan is-segment huwa dibattibbli u mhux kulħadd jaqbel ma' din il-pożizzjoni (ara, Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008, p. 7). Għal din ir-raġuni, ngħid kelmtejn fuq l-affissojdi/is-semiaffissi u nittanta nagħmel ftit osservazzjonijiet vis-à-vis il-Malti.

Bauer (2014, p. 121) u Ralli (2020, p. 217) iqisu l-affissojdi bħala kategorija għaliha li l-karatteristiċi tagħha jixbhu kemm il-lessemi u kemm l-affissi. Minkejja din l-affermazzjoni, Ralli tammetti li l-istatus tal-affissojdi huwa kontroversjali u li mhux l-iskulari kollha jikklassifikaw dawn is-segmenti bħala kategorija distinta mil-lessemi u l-affissi. Din id-diffikultà tikkomplika ruħha għax, kif jistqarr Bauer, m'hemmx definizzjoni waħda għal dan il-kunċett u kull skular jadotta definizzjoni li tvarja fir-restrittività tagħha. Dixon (2014, p. 60), ngħidu aħna, jasal għall-konklużjoni li bosta segmenti li normalment jitqiesu bħala affissojdi joqogħdu għall-karatteristiċi tal-affissi (ara taqsima 1.5.2.). Għalih, huma ftit is-segmenti li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala affissi u li għandna minflok insejħulhom affissojdi. Mill-banda l-oħra, Ralli (2020) targumenta li l-kategorija tal-affissojdi hija neċessarja, tant li fl-analiżi tagħha ta' tliet segmenti Griegi tikkonkludi li dawn huma tabilħaqq eżempji ta' affissojdi u li hemm linja diviżorja ċara bejn l-affissojdi u l-lessemi fuq naħa u l-affissojdi u l-affissi fuq in-naħa l-oħra.

Stevens (2005, p. 3) jipproponi ħames kwalitajiet li nsibu fl-affissojdi: li jistgħu jipparteċipaw f'formazzjonijiet ġodda (i), li jeżistu f'relazzjoni ma' morfema libera li tkun identika (ii), li t-tifsira tagħhom tkun aktar ġenerali u astratta mill-morfema libera li għaliha jkunu jappartjenu (iii), li jkunu f'kompetizzjoni jew f'distribuzzjoni libera ma' affiss partikolari (iv), u li dijakronikament ikunu għaddew minn żvilupp semantiku mill-affiss/lessema li minnha evolvew (v).

Għal raġunijiet prattiċi, mhuwiex l-għan ta' dan ix-xogħol li nidentifika l-affissojdi jew li nagħmel elenku tagħhom fil-Malti. Wara kollox, Ralli (2020, p. 220) stess tistqarr li l-identifikazzjoni tal-affissojdi tistrieħ fuq il-morfoloġija tal-lingwa li tkun qed tiġi analizzata. L-implikazzjoni hi li mhux kull lingwa tista' tidentifika l-affissojdi b'xi metodu universali u għalhekk, studju serju fuq l-affissojdi fil-Malti jeħtieġ jikkunsidra bosta fatturi morfoloġiċi u lingwistiċi partikolari għall-Malti. Biss, abbażi tal-klassifika ta' Stevens li saret f'analiżi tal-Ġermaniż, is-segment *viċi-* ma jistax jissejjaħ affissojd ladarba m'għandux il-karatteristiċi kollha tal-affissojdi.

1.5.2.2. L-affissi derivattivi fid-dawl tal-formazzjoni tal-kelma

L-għan ta' din it-taqsima mhuwiex li niddiskuti l-fatturi li jiddistingwu l-affissi derivattivi minn dawk inflettivi (fuq dan, ara Bezzina, 2020, p. 7; Hacken, 2014; *inter alia*), iżda li nagħmel xi osservazzjonijiet fuq l-affissi derivattivi b'rabta mal-formazzjoni tal-kelma fil-Malti. Dawn l-osservazzjonijiet ikomplu jibnu fuq id-diskussjoni dwar l-affissazzjoni u d-derivazzjoni (f'taqsima 1.4.) u għandhom iservu bħala ġustifikazzjoni parzjali tal-affissi magħżula għall-analiżi.

Fix-xogħol tagħha fuq ir-regoli u t-tendenzi osservati fil-formazzjoni tal-kelma, Baeskow tgħid li hija s-sistema derivattiva, u mhux inflettiva, li l-aktar tingħata attenzjoni f'dan il-qasam minħabba l-effetti morfosintattiċi, fonoloġiċi u semantiċi osservati fit-tiżwiġ ta' morf derivattiv mal-bażi. Minkejja n-natura idjosinkratika tal-mekkaniżmu derivattiv, li tipikament iħalli diversi lakuni fil-paradigma, ir-restrizzjonijiet li nintroduċi f'kapitlu 2 rari japplikaw għal eżempju singulari iżda joperaw fuq firxa wiesgħa ta' kelmiet derivati. Dawn ir-restrizzjonijiet lingwistiċi jistgħu jintużaw kemm biex jinħalaq kliem kumpless ġdid fil-lingwa, kif ukoll biex jiġu studjati kelmiet eżistenti b'affissi derivattivi (2015, p. 803). Din l-osservazzjoni timxi id f'id ma' tendenza ġenerali ħafna fil-lingwa li bħala sistema dinamika, nosservaw fiha regoli li mhumiex assoluti iżda jirrappreżentaw tendenzi mifruxin li jokkorru flimkien ma' bosta eċċezzjonijiet.

Fil-Malti, it-tendenza li l-formazzjoni tal-kelma tistrieħ fuq id-derivazzjoni hija kkonfermata minn Brincat u Mifsud (2016, p. 3354) meta jistqarru li ġenetikament, id-derivazzjoni hija l-fortizza ewlenija involuta fil-formazzjoni tal-kelma.[17] Din l-istqarrija, flimkien mal-osservazzjoni li l-formazzjoni tal-kelma fil-Malti qed ixxaqleb aktar lejn is-sistema konkatenattiva Ewropea (ara taqsima 1.4.1.) awtomatikament tistedinna niffukaw il-ħarsa tagħna fuq l-affissi derivattivi konkatenattivi mislufin. Din id-deċiżjoni hija megħjuna mill-fatt li fil-Malti nsibu għadd kbir ta' affissi derivattivi mislufin mir-Rumanz u għadd iżgħar mislufin mill-Ingliż (Lucas & Čéplö, 2020, p. 276). Il-varjetà ta' affissi mislufin li nsibu fil-Malti jiffaċilitaw l-analiżi fuq ir-restrizzjonijiet li, sa ċertu punt, teħtieġ analiżi komparattiva mas-sors oriġinali.

Nagħlaq fuq l-affissi derivattivi billi niddiskuti l-proċess storiku marbut mas-self ta' kliem kumpless. Rainer (2015, p. 1777) jaqsam dan il-proċess fi tnejn. L-ewwel ikun hemm influss ta' kliem kumpless li jidħol bi ftit jew xejn modifikazzjonijiet. Wara li jkun daħal għadd ta' kliem li fih ikun hemm segmenti simili, tiġi estratta internament il-binja morfoloġika mill-kliem misluf.[18] Dan il-proċess, aktarx inkonxju, jikkummenta fuqu Booij (2020, p. 9) hu u jafferma li l-affissi ma jiġux mislufin b'mod iżolat. Minflok, il-lingwa l-ewwel tissellef numru ta' kliem kumpless u wara li jidħol numru ta' kliem bl-istess affiss, dan l-affiss jiġi identifikat abbażi tal-korrispondenza bejn il-forma u t-tifsir. Malli tintlaħaq din it-tarġa, tiġi introdotta l-possibiltà li dawn l-affissi jintużaw b'mod produttiv ma' bażijiet oħra. Huwa possibbli ħafna li dan ġara fil-każ tal-Malti (ara Lucas & Čéplö, 2020, p. 276) u fir-rigward tal-affissi li nanalizza fl-analiżi.

## 1.6. Kunċetti periferali

F'din it-taqsima niddiskuti żewġ aspetti li, għalkemm mingħajrhom l-analiżi xorta tista' ssir, huma pjuttost rilevanti għas-suġġett. Tant hu hekk, li b'xi mod jew ieħor, jissemmew kważi

[17] "[…] *derivation is genetically the stronghold of Maltese word-formation*."

[18] "*Strictly speaking, in such cases only the complex words are borrowed (lexical borrowing), while the pattern is extracted language-internally from the borrowed words in a second step*."

dejjem f'xogħlijiet internazzjonali fuq dan is-suġġett u jgħinu qatigħ biex l-analiżi tkun aktar loġika u tiġi mifhuma aħjar. Nibda billi niddiskuti d-distinzjoni bejn il-kliem eżistenti u dak potenzjali u nagħlaq billi niddiskuti fuq fuq il-kunċett tal-produttività.

1.6.1. Kliem eżistenti u kliem potenzjali

Fit-taqsima ta' qabel din, imxejt fuq Baeskow (2015) biex nargumenta li r-restrizzjonijiet involuti fil-formazzjoni tal-kelma kumplessa jistgħu jiġu analizzati kemm fid-dawl ta' kelmiet li jokkorru fil-lingwa, kif ukoll b'rabta m'oħrajn li għad irid jinħalqu. Din l-osservazzjoni torbot ma' distinzjoni bipartita mifruxa fil-morfoloġija li tifred il-kliem kumpless eżistenti (*actual words*) mill-formazzjonijiet potenzjali (*potential words*) (Haspelmath & Sims, 2010, p. 71; Rainer, 2012). Rainer (2012, p. 165) jgħid li l-kliem morfoloġikament kumpless għandu żewġ modi kif jista' jokkorri u li r-regoli tal-formazzjoni tal-kelma f'lingwa partikolari normalment jistgħu jiġu applikati għal numru akbar ta' kelmiet potenzjali li mhumiex attestati imma li jistgħu jokkorru sporadikament skont l-esiġenzi tal-kuntest. Fid-definizzjoni tiegħu tal-'kelma potenzjali', Bauer (2004, p. 86) jafferma dan u jgħid li kelma potenzjali tkun possibbli jekk tosserva r-restrizzjonijiet ta' affiss partikolari u, minkejja li tkun grammatikali, ma tkunx attestata.

Kif għidna, kelmiet potenzjali huma kelmiet li jistgħu jokkorru (għax joqogħdu għar-restrizzjonijiet ta' proċess morfoloġiku partikolari), imma ma jokkorrux. Xi formazzjonijiet fil-Malti li huma possibbli imma li mhumiex attestati fil-korpus tal-MLRS u ma jinsabux fuq l-internet b'tiftixa fuq Google, huma **futurità* u **restrittività*. Tal-aħħar, fil-fatt, minkejja li ma sibtha użata mkien, għamilt użu minnha f'taqsima 1.5.2.1. Biss huwa diffiċli nargumentaw li dawn iż-żewġ formazzjonijiet huma kelmiet eżistenti ladarba, skont Haspelmath u Sims (2010, p. 71) u Rainer (2012, p. 165), kelma trid tkun attestata u mifruxa biex titqies eżistenti.

### 1.6.2. Il-produttività fid-dawl tal-formazzjoni tal-kelma

L-aspett kreattiv tal-lingwa, waħda mill-karatteristiċi li tiddistingwi l-lingwa umana mis-sistemi l-oħrajn ta' komunikazzjoni fost l-annimali, hu evidenti sew fil-formazzjoni tal-kelma. Bħala kelliema fluwenti ta' lingwa partikolari, għandna l-abbiltà li noħolqu u nifhmu formazzjonijiet kumplessi ġodda mingħajr wisq diffikultà (Randall, 1980, p. 523). Din l-abbiltà normalment titkejjel f'termini ta' produttività. Proċessi marbutin mal-formazzjoni tal-kelma li jintużaw mill-kelliema nattivi biex joħolqu kliem ġdid huma produttivi waqt li proċessi morfoloġiċi li m'għadhomx jintużaw biex joħolqu kliem ġdid mhumiex aktar produttivi (Lieber, 2022, p. 73).

Skont din il-linja ta' ħsieb, affiss derivattiv jista' jitqies produttiv jekk, kull tant żmien, jingħaqad ma' bażi biex jifforma formazzjoni li ma kinitx teżisti qabel. Dan il-proċess, kif jgħid Dixon (2014, p. 27), irid iseħħ b'mod naturali, inkonxjament, fl-użu regolari tal-lingwa. Jekk dan l-użu ġdid ta' affiss stabbilit jinfirex u jokkorri aktar, għandu jibda jitqies bħala forma aċċettabbli fl-inventorju tal-lingwa. L-aktar eżempju kkwotat fil-letteratura Ingliża ta' affiss li huwa produttiv huwa dak ta' *-ness*, waqt li l-affiss derivattiv *-th* jiġi kklassifikat bħala affiss mhux produttiv. Fil-Malti, is-suffiss *-aġni* nistgħu nqisuh bħala eżempju ta' proċess li huwa produttiv (ara kapitlu 7.) waqt li, kif jgħid Mifsud (1995b, p. 154), il-parteċipju attiv fil-Malti ma jistax jitqies aktar produttiv, tant li m'hemmx kelma waħda mislufa li addottat din il-formazzjoni introflessiva.

Kif naraw mill-affissi *-ness* u *-th* fl-Ingliż, il-fenomenu tal-produttività jispikka l-aktar fil-preżenza ta' żewġ proċessi morfoloġiċi li huma simili fil-funzjoni tagħhom. Kemm *-ness* (eż. *happiness*) u kemm *-th* (eż. *warmth*) jirreferu għal 'l-istat li tkun X'. Dan l-istess fenomenu nosservawh anke fil-Malti. Ngħidu aħna, il-binja morfoloġika tan-nom tal-aġent (1v22$^{\bar{a}}$3) hija klassi magħluqa waqt li s-suffissi konkatenattivi Rumanzi li jesprimu l-aġent, bħal *-ar*, *-atur*, *-ur*, *-ant* u *-ist*, jistgħu jitqiesu produttivi u joħolqu diversi kelmiet skont il-kuntest. Abbażi ta' din it-tendenza morfoloġika, Aronoff (2020, p. 56) jagħmel referenza għat-teorija evoluzzjonarja ta' Darwin u l-prinċipju tal-esklużjoni kompetittiva. Meta żewġ speċi

jikkompetu għall-istess bżonnijiet, speċi minnhom tkun aktar effiċjenti mill-oħra, imġiba li twassal għall-estinzjoni tal-ispeċi inferjuri. Dan il-prinċipju ġie applikat għal-lingwa fl-aħħar deċennju u jista' jiġi applikat, mingħajr diffikultà, hawnhekk.

Apparti d-diffikultajiet formali abbinati mas-sistema introflessiva, hemm fatturi oħra li jikkundizzjonaw il-produttività ta' formazzjoni morfoloġika. Mifsud (1995b, p. 152) isemmi tnejn ewlenin: il-ħtieġa semantika u l-addattabilità formali. B'referenza għall-produttività tal-affissi derivattivi, Dixon (2014, p. 28) jelenka ħamsa:

i. It-tifsira tal-formazzjoni u l-ħtieġa li jħossu l-kelliema biex jużawha
ii. Ir-restrizzjonijiet semantiċi li japplikaw għal kwalunkwe affiss
iii. Ir-restrizzjonijiet fonoloġiċi tal-bażi/kelma li magħha jingħaqad l-affiss
iv. Il-provenjenza tal-affiss u jekk il-bażi li magħha se jingħaqad huwiex tal-istess oriġini
v. Jekk l-affiss partikolari huwiex f'kompetizzjoni ma' affiss jew proċess ieħor li għandu funzjoni simili

It-terminu 'produttività' għandu diversi sfumaturi fil-morfoloġija u l-ambigwità tiegħu tista' tfixkel mhux ftit l-analiżi. Biżżejjed insemmi l-implikazzjonijiet empiriċi li għandu dan it-terminu, implikazzjonijiet li introduċa Baayen (1989) bil-formula matematika li biha nistgħu nkejlu l-produttività. Minħabba dan l-element ta' ambigwità, ikun għaqli li nispeċifika minn issa f'liema sens nużah. Fl-analiżi, sakemm ma ngħidx mod ieħor, it-terminu 'produttività' nużah abbażi ta' Dixon, Lieber u Randall (ara aktar 'il fuq), u ta' Gatt u Fabri (2018), jiġifieri biex nagħmel referenza għall-kwantità ta' forom ġodda li l-proċessi morfoloġiċi diskussi jistgħu jiġġeneraw.[19]

[19] "*The term 'productivity' is here operationally defined as referring to the extent to which morphological processes are used by speakers to generate novel forms*" (Gatt & Fabri, 2018, p. 144).

*It is well known that not all affixes can be attached to all bases.*

(Bauer, 2001, p. 126)

# 2. Ir-restrizzjonijiet: Definizzjonijiet u Klassifika

## 2.1. Introduzzjoni

Fl-ewwel kapitlu ddiskutejt, fost oħrajn, il-mekkaniżmi morfoloġiċi li jiffurmaw kliem kumpless ġdid u kif il-kelma kumplessa tinqasam mil-lat ta' morfi. Għalkemm ma elaborajtx wisq fuqhom, introduċejt l-idea li l-kliem morfoloġikament kumpless fil-lingwa huwa kkundizzjonat minn regoli u minn restrizzjonijiet. Dawn il-fatturi jħallu effett dirett fuq il-produttività ta' affiss derivattiv partikolari. Nagħti xi eżempji li huma ħolqien tiegħi biex imbagħad nelabora fuq is-suġġett:

(11a) *sbuħaġni, *suldateski, ?Dunkarmesk, *Naxxariż, ?Yorkiż, ?vulkanologu,
(11b) *atfortunsi*issmsfortunatu

Dawn l-eżempji huma biżżejjed biex nitilqu mill-osservazzjoni li mhux kull binja/sekwenza magħmula minn affiss tista' tiġi miżjuda ma' kwalunkwe bażi/kelma fil-lingwa. Fil-letteratura, osservazzjonijiet ta' din ix-xorti jsiru jew fi studji dwar il-produttività, jew fuq il-morfotattika, jew fi studji li jiffukaw fuq ir-regoli tal-formazzjoni tal-kelma jew f'oħrajn li jiddiskutu r-restrizzjonijiet. L-anqas wieħed li jixref minnhom huwa t-terminu 'morfotattika' li, b'analoġija mat-terminu 'fonotattika', jirreferi għall-istudju fuq ir-regoli li jiddettaw is-sekwenza possibbli ta' morfi li jistgħu jingħaqdu ma' xulxin f'kelma kumplessa.

Dan il-kapitlu jinqasam hekk. Nibda billi ngħid kelmtejn fuq ir-regoli tal-formazzjoni tal-kelma u r-restrizzjonijiet mil-lat teoretiku (taqsima 2.1.), nelabora fuq ir-restrizzjonijiet li jikkundizzjonaw it-tiżwiġ tal-affissi derivattivi mal-bażi/kelma (taqsima 2.2.) u nagħlaq b'xi ftit osservazzjonijiet fuq ir-restrizzjonijiet involuti fit-tiżwiġ ta' affiss m'affiss ieħor (taqsima 2.3.). Fl-aħħar nett, inpoġġi żewġ figuri li jiġbru dak kollu li jiġi diskuss f'dan il-kapitlu u jippreżentawh b'mod konċiż u skematiku. L-ewwel figura (figura nru 2) hija aktar ġenerali u

tippreżenta t-teoriji u l-fatturi differenti involuti fil-formazzjoni tal-kelma. It-tieni figura (figura nru 3) hija aktar speċifika u tiffoka biss fuq it-tipoloġija tar-restrizzjonijiet speċifiċi.

### 2.1.1. Introduzzjoni: Ir-regoli tal-formazzjoni tal-kelma (RFK)

Gaeta (2015, p. 859) jgħid li l-istudju fuq il-formazzjoni tal-kliem normalment jiffoka fuq ir-restrizzjonijiet li huma riżultat tar-regoli tal-formazzjoni tal-kelma (*word formation rules*, traduzzjoni tiegħi). Tant hu hekk, li saru bosta studji fuq dawn ir-restrizzjonijiet li anke ħadu pożizzjoni ċentrali fil-qasam tar-regoli tal-formazzjoni tal-kelma. Lieber (2022, p. 40) tgħid li dawn ir-regoli jispeċifikaw b'mod espliċitu l-informazzjoni kategorika, semantika u fonoloġika li l-kelliema nattivi jkollhom fuq il-kwalitajiet tal-bażi li magħha jingħaqdu l-affissi u l-kwalitajiet tal-kelma li tiġi ffurmata.[20]

It-terminu nnifsu ġie maħluq minn Aronoff li, abbażi tar-regoli sintattiċi involuti fil-ħolqien ta' sentenzi ġodda, għaraf li aktarx hemm ukoll regoli involuti fil-ħolqien ta' kliem kumpless ġdid (Bauer, 2005, p. 318). Scalise u Guevara (2005, p. 158) jippreżentaw il-parti formali ta' dawn ir-regoli – huma mekkaniżmi li jaqilbu kelma sempliċi (l-*input*) għal waħda kumplessa (l-*output*). Ir-RFK hija bħal tip ta' 'istruzzjoni' li tbiddel il-parti tad-diskors tal-bażi (f'ħafna mid-drabi) u fl-istess waqt, hija operazzjoni fonoloġika u semantika fuq il-bażi. Tal-ewwel iżżid l-affiss mal-bażi waqt li l-operazzjoni semantika tibdel it-tifsir. Skont dan kollu, il-forma tar-RFK tkun xi ħaġa hekk:

(12a) Suffissazzjoni: $[\text{KELMA}]_X \rightarrow [[\text{KELMA/BAŻI}]_X + \text{SUFFISS}]_Y$
eż. fitt → fittaġni
(12b) Prefissazzjoni: $[\text{KELMA}]_X \rightarrow [\text{PREFISS} + [\text{KELMA/BAŻI}]_X]_X$
eż. onest → diżonest

[20] "[...] *a word formation rule, a rule which makes explicit all the categorial, semantic, and phonological information that native speakers know about the kind of base that an affix attaches to and about the kind of word it creates*."

Il-kunċett tar-RFK ħa rwol ċentrali fit-teoriji ġenerattivi tal-formazzjoni tal-kelma, fil-grammatika ġenerattiva. Din l-iskola ta' ħsieb, qabdet l-osservazzjoni mifruxa fl-approċċi tradizzjonali li l-kombinazzjoni tal-affissi derivattivi mal-bażi mhix arbitrarja, iżda sa ċertu punt sistematika, u introduċiet ir-RFK bħala mekkaniżmu formali li jiddetermina s-sekwenza ta' morfi biex jiġu ffurmati l-kliem. Dawn ir-regoli, flimkien mal-lista ta' morfemi, jagħtu l-kelmiet kollha potenzjali f'lingwa partikolari (Baeskow, 2015, p. 807). L-osservazzjonijiet li nagħmel f'dan ix-xogħol mhumiex se jsiru fid-dawl ta' din it-teorija iżda nuża l-aktar kunċetti fundamentali tagħha biex inwettaq l-analiżi.

2.1.2. Introduzzjoni: Ir-restrizzjonijiet

Fit-taqsima preċedenti użajt lil Gaeta biex nuri li hemm rabta diretta bejn ir-RFK u r-restrizzjonijiet. Ladarba l-mistoqsija l-aktar kruċjali li qed nimmira li nwieġeb hija jekk hemmx restrizzjonijiet mifruxin fil-Malti li jirrestrinġu l-mod kif il-morfi jingħaqdu ma' xulxin f'kelma kumplessa, nelenka hawn xi punti fuq ir-restrizzjonijiet mil-lat teoretiku:

- Haspelmath u Sims (2010, p. 341) jiddefinixxu r-restrizzjonijiet bħala kundizzjonijiet li jispeċifikaw id-dominju ta' proċess jew regola morfoloġika. Jeżemplifikaw dan billi jgħidu li xi affissi jingħaqdu biss ma' bażijiet li jkollhom forma fonoloġika partikolari jew semantika speċifika.

- Rainer (2005, p. 335) jirreferi għall-grupp ta' bażijiet/kliem li magħhom jista' jingħaqad affiss partikolari bħala d-dominju ta' dik is-sekwenza (*the pattern's domain*, traduzzjoni tiegħi). Il-karatteristiċi u l-fatturi li jiddelimitaw id-dominju ta' sekwenza partikolari huma r-restrizzjonijiet.

- Id-delimitazzjoni tad-dominju ta' proċess morfoloġiku jew affiss speċifiku, jiġifieri l-identifikazzjoni tar-restrizzjonijiet huwa, skont Rainer (2005), wieħed mill-eżerċizzji l-aktar importanti u diffiċli li xogħlijiet fuq il-formazzjoni tal-kelma jridu jagħmlu.

- Kif argumentajt f'taqsima 1.5.2.2., u abbażi ta' Haspelmath u Sims (2010, p. 118), dawn ir-restrizzjonijiet marbutin ma' regoli morfoloġiċi speċifiċi, jillimitaw b'mod sinifikanti n-neoloġiżmi u l-formazzjonijiet kumplessi ġodda. Dan ifisser li kwalunkwe kelma kumplessa li tinħalaq, aktarx tgħaddi minn għarbiel dejjaq, jiġifieri tkun kostretta tosserva dawn ir-restrizzjonijiet, anke jekk b'mod inkonxju, biex tinbena b'dak il-mod.

Għalkemm il-letteratura mhux dejjem tkun ċara, mill-qari li għamilt (ara, ngħidu aħna, Hay & Plag, 2004; Manova, 2015, p. 1; Plag & Baayen, 2009, p. 1) jidher li hemm xi għamla ta' distinzjoni mil-lat teoretiku bejn ir-restrizzjonijiet li joperaw fuq kliem kumpless kompost minn affiss wieħed (ara (11a)) u bejn l-affissi stess fi kliem kumpless kompost minn żewġ affissi jew aktar (ara (11b)). Kif għidt qabel, l-analiżi telabora fuq tal-ewwel waqt li nagħmel biss xi osservazzjonijiet qosra fuq ir-restrizzjonijiet involuti fit-tiżwiġ ta' affiss m'ieħor.

## 2.2. Tipoloġija: Bażi + Affiss

Hemm żewġ tipi ta' restrizzjonijiet involuti fit-tiżwiġ ta' affiss ma' bażi/kelma: fuq naħa hemm limitazzjonijiet ta' natura ġenerali, waqt li fuq l-oħra hemm restrizzjonijiet speċifiċi li joħorġu mill-analiżi ta' tendenzi li jokkorru f'lingwa waħda (ara l-figura nru 3). Tal-ewwel jissejħu wkoll 'restrizzjonijiet universali' waqt li għal tat-tieni, ġieli jintuża t-terminu 'restrizzjonijiet selezzjonali' (*selectional restrictions*) (Rainer, 2005, p. 335) jew 'restrizzjonijiet speċifiċi' (*affix-specific restrictions*) (Gaeta, 2015, p. 859). Kif se naraw, dawn tal-aħħar, huma r-riżultat tal-interazzjoni bejn il-morfoloġija u komponenti lingwistiċi oħra. L-uniku xogħol lokali li jagħmel referenza għal dawn iż-żewġ tipi ta' restrizzjonijiet huwa ta' Gatt u Fabri (2018, p. 147).

Nota terminoloġika. Mill-qari li għamilt, kien Rainer (2005) l-ewwel wieħed li għamel distinzjoni terminoloġika bejn il-fatturi ġenerali u dawk speċifiċi. Tal-ewwel sejħilhom *constraints* (limitazzjonijiet) waqt li tat-tieni rrefera għalihom bħala *restrictions* (restrizzjonijiet). Gaeta (2015) jimxi fuq il-passi ta' Rainer u juża din id-distinzjoni terminoloġika fix-xogħol tiegħu; it-terminu '*constraints*' jużah biex jirreferi għall-fatturi aktar ġenerali li huma indipendenti minn kunsiderazzjonijiet partikolari lingwistiċi waqt li t-terminu '*restrictions*' jużah meta jrid jagħmel referenza għall-fatturi aktar speċifiċi fl-ambitu tagħhom.

Anke Bauer (2001, p. 126) jagħmel distinzjoni bejn dawn iż-żewġ termini, iżda r-raġuni hija differenti minn dik ta' Rainer. Minħabba li l-ispjega mhix daqstant ċara mhux se nelabora

fuq dan. Mill-banda l-oħra, hemm xogħlijiet bħal ta' Melissaropoulou u Ralli (2010, p. 350) li jimxu fuq id-distinzjoni ta' Rainer iżda jużaw terminoloġija differenti. Flok '*constraints*' jużaw '*language-independent constraints*' waqt li flok '*restrictions*' jużaw '*language-specific constraints*'.

Għal raġunijiet prattiċi, f'dan ix-xogħol nuża d-distinzjoni ta' Rainer. It-terminu 'limitazzjonijiet (ġenerali)' nużah biex nirreferi għall-fatturi aktar ġenerali waqt li 'restrizzjonijiet (speċifiċi)' nużah biex nirreferi għal dawk il-fatturi li jiddependu aktar fuq il-lingwa partikolari. Ladarba l-għan ewlieni ta' dan ix-xogħol huwa li nistudja r-restrizzjonijiet speċifiċi f'xi suffissi derivattivi, niddiskuti r-restrizzjonijiet speċifiċi fid-dettall, waqt li l-limitazzjonijiet niddiskutihom fuq fuq.

2.2.1. Limitazzjonijiet ġenerali

Fil-letteratura, il-limitazzjonijiet (ġenerali) jiġu diskussi fid-dawl tal-grammatika ġenerattiva. Rainer (2005, p. 335) jgħid li dawn il-limitazzjonijiet bdew jitfaċċaw fis-sittinijiet, meta, il-morfoloġija ġenerattiva kienet iddominata mix-xewqa li jiġu ridotti n-numru ta' regoli biex minflok jiġu sostitwiti minn numru iżgħar ta' limitazzjonijiet universali. Plag (1999, p. 45) jargumenta li ladarba d-dixxiplina ġenerattiva hija relattivament ġdida, ħafna mill-ipoteżijiet differenti relatati mal-limitazzjonijiet huma dubjużi jew mhumiex sostenibbli. Għal din ir-raġuni, u oħrajn, Bauer (2001, p. 128) jikkonkludi li dawn il-limitazzjonijiet mhumiex daqstant effettivi biex jiddeterminaw il-produttività ta' proċess morfoloġiku partikolari u li l-aktar fatturi rilevanti huma preċiżament dawk li mhumiex ġenerali iżda speċifiċi – ir-restrizzjonijiet (ara taqsima 2.2.2.). Jidher li anke Rainer (p. 336) jaqbel ma' din il-konklużjoni u jgħid li ħafna minn dawn il-limitazzjonijiet kienu difettużi mill-bidu minħabba n-nuqqas ta' studji empiriċi u li meta l-approċċ li jagħti aktar importanza lill-kunsiderazzjonijiet aktar

ġenerali fuq ir-regoli beda jgħib fil-grammatika ġenerattiva, dawn il-limitazzjonijiet mietu l-mewta li kien ħaqqhom.[21]

Minkejja l-qagħda problematika ta' dawn il-limitazzjonijiet, niddiskuti tnejn mill-għaxra li jelenka Plag (1999, p. 45): l-ipoteżi msejħa *Unitary Base Hypothesis* (*UBH*) u l-limitazzjonijiet li jippressuponu saffi ta' provenjenza differenti (*stratal constraints* jew *level-ordering hypothesis*). Tal-aħħar tikkonċerna aktar it-tiżwiġ ta' affiss m'affiss ieħor u mhux affiss ma' bażi, iżda niddiskutiha hawn għax il-letteratura tippreżentaha bħala tip ta' limitazzjoni ġenerali.

Nibda mill-*UBH*. Skont din l-ipoteżi, affiss partikolari ma jistax jingħaqad ma' bażijiet li jappartjenu għal kwalunkwe parti tad-diskors (Scalise & Guevara, 2005, p. 162). Effettivament, tgħid Lieber (2022, p. 209), skont din l-ipoteżi, m'għandhomx jeżistu lingwi li fihom, affiss jew proċess morfoloġiku partikolari jista' jingħaqad ma' bażijiet li jkunu jappartjenu għall-parti tad-diskors differenti, bħal, aġġettiv u nom jew nom u verb. Biss, sakemm ma nassumux l-eżistenza ta' affissi polisemiċi (kif jagħmlu Scalise u Guevara), hemm diversi affissi li jistgħu jingħaqdu ma' aktar minn tip ta' bażi waħda. Lieber issemmi s-suffiss *-er* fl-Ingliż li jista' jingħaqad ma' verbi (eż. *writer*) u ma' nomi (eż. *villager*). Anke fil-Malti hemm affissi ta' din ix-xorti, fosthom is-suffiss *-aġni* (ara kapitlu 7.). Għal din ir-raġuni, din l-ipoteżi bdiet titqies wisq b'saħħitha, u jew twarrbet jew ġiet modifikata b'diversi modi minn lingwisti differenti.

Limitazzjoni ġenerali oħra li spiss tiġi diskussa fil-letteratura b'rabta mal-possibilitajiet kombinatorji tal-affissi hija dik li tippressuponi żewġ tipi ta' affissi fl-Ingliż. Dawn il-mudelli jippostulaw li l-lessiku huwa magħmul minn strutturi partikolari li jiddeterminaw il-fatturi kombinatorji tal-affissi. Dan il-mudell imur lura għal xogħlijiet bħal ta' Chomsky u Halle (1968) li jiddistingwu bejn żewġ tipi ta' affissi fil-lingwa Ingliża. Id-distinzjoni ssir fuq bażi

[21] *"Most of these constraints were flawed from the beginning by an insufficient empirical underpinning, and when the conditions-on-rules approach went out of fashion in generative grammar, they met the quiet death they deserved."*

etimoloġika u fatturi fonoloġiċi, bħall-effett li l-affissi jħallu fuq l-aċċent primarju fil-kelma. Skont Saarinen u Hay (2014, p. 374), dawn il-fatturi jwasslu għal żewġ klassijiet differenti ta' affissi derivattivi li jaġixxu b'mod differenti meta jiltaqgħu mal-bażi u ma' xulxin. L-ewwel klassi, jew tip, ta' affissi fl-Ingliż, ngħidu aħna, huma dawk l-affissi li huma ta' oriġini Latina u li meta jintisġu mal-bażi, ikunu anqas trasparenti mil-lat fonoloġiku u semantiku. Skont Plag u Baayen (2009, p. 3), l-affissi li jaqgħu taħt din il-klassi jistgħu jikkawżaw bidla fl-aċċent primarju u alternanzi morfofonoloġiċi oħra fil-kelma. Huma wkoll relattivament anqas produttivi u huma anqas kompożizzjonali meta mqabblin mal-affissi fl-Ingliż li jaqgħu taħt it-tieni klassi, affissi li huma ta' oriġini Ġermanika (Hay & Plag, 2004, p. 567).

Il-konklużjoni l-aktar kruċjali li tagħmel il-letteratura (Hay & Plag, 2004, p. 567; Plag & Baayen, 2009, p. 4) fir-rigward tal-ordni tal-affissi hi li l-affissi li jaqgħu taħt l-ewwel kategorija ma jistgħux jokkorru wara l-affissi li huma tat-tieni kategorija. Ngħidu aħna, jekk nieħdu l-eżempju li jingħata ta' spiss fid-dawl ta' din it-teorija, il-kelma bl-Ingliż **atom-less-ity*, ma tista' tokkorri qatt minħabba l-preżenza ta' suffiss tat-tieni klassi (*-less*) li jitqiegħed qabel suffiss tal-ewwel klassi (*-ity*), skont din il-klassifika.

Din it-teorija spiss ġiet kritikata għal bosta raġunijiet, fosthom għax a) il-maġġorparti tax-xogħlijiet li saru fid-dawl ta' din it-teorija saru fuq l-Ingliż biss, b) mhuwiex ċar x'inhu l-kriterju determinanti li jiddistingwi klassi minn oħra, u ċ) minħabba n-numru kbir ta' eċċezzjonijiet li jeżistu. Interessanti ħafna l-argument li jippreżenta Talamo (2015, p. 178) huwa u jiddiskuti din it-teorija vis-à-vis it-Taljan. Permezz ta' Gaeta (2005, p. 231) hu jikkonkludi li dan l-approċċ fil-kuntest tal-morfoloġija Taljana mhuwiex possibbli u ma jistax jiġi ġustifikat f'termini etimoloġiċi. Talamo jsostni li l-unika qasma valida li saret fit-Taljan bejn l-affissi kienet permezz ta' regoli fonoloġiċi speċifiċi li jappartjenu għar-restrizzjonijiet speċifiċi.

Minkejja l-influwenza dominanti li ħalliet din l-ipoteżi fuq il-potenzjal kombinatorju tal-affissi fl-Ingliż, m'iniex se nelabora aktar fuqha ladarba tikkonċerna studji li jiffukaw fuq kliem kumpless b'żewġ affissi jew aktar. Kif speċifikajt qabel, l-għan ta' dan ix-xogħol huwa li

niffoka fuq kliem kumpless b'affiss wieħed u r-restrizzjonijiet speċifiċi involuti (u mhux il-limitazzjonijiet ġenerali). Biss, ikun interessanti li jsiru studji fil-Malti li jkomplu jibnu fuq dawn il-mudelli u jaraw, ngħidu aħna, hemmx klassijiet differenti ta' affissi derivattivi fil-Malti, u jekk jeżistux, hemmx ordni partikolari li jsegwu.

2.2.2. Restrizzjonijiet speċifiċi

Sabiex nifhmu r-restrizzjonijiet lingwistiċi (speċifiċi) li jiddeterminaw it-tiżwiġ ta' affiss ma' bażi, f'din it-taqsima niddiskuti t-tipoloġija tal-lingwisti Bauer (2001), Rainer (2005) u Gaeta (2015), fost oħrajn. Minkejja li t-tielet jibni fuq it-tieni wieħed, joffri perspettivi differenti u osservazzjonijiet friski li m'hemmx f'Rainer. Inżid ukoll xi osservazzjonijiet ta' Plag (1999) li jiddiskuti fatturi rilevanti li jiddettaw il-kumbinazzjonijiet tal-affissi mal-bażijiet u nuża lil Haspelmath u Sims (2010) u lil Lieber (2022) biex inżewwaq l-argumenti b'bosta eżempji minn lingwi differenti.

Dawn ir-restrizzjonijiet jirrelataw mal-livelli differenti tal-analiżi lingwistika. Niddiskuti għalhekk, f'din l-ordni: ir-restrizzjonijiet fonoloġiċi, morfoloġiċi, sintattiċi, semantiċi, pragmatiċi u lessikali (ara l-figura nru 3). Qabelxejn iżda, niddiskuti xi problemi ġenerali li normalment jissemmew fil-letteratura b'rabta ma' dawn ir-restrizzjonijiet.

2.2.2.1. Xi diffikultajiet

Qabel niddiskuti fid-dettall it-tipoloġija tar-restrizzjonijiet, ikun għaqli li nsemmi xi aspetti problematiċi li jikkonċernaw in-natura teoretika ta' dawn ir-restrizzjonijiet. Mill-erba' diffikultajiet li jiddiskuti Rainer (2005, p. 342), nelabora hawn fuq tnejn minnhom.

Teoretikament, hemm żewġ perspettivi opposti kif jiġu interpretati jew analizzati r-restrizzjonijiet speċifiċi fil-morfoloġija derivattiva. L-ewwel perspettiva kienet ifformulata minn Fabb (1988) li qies l-affiss bħala l-element li fuqu jiddependu r-restrizzjonijiet. Huwa s-suffiss partikolari li jagħżel il-bażi li magħha jingħaqad skont ir-restrizzjonijiet involuti. Mill-banda l-oħra, il-perspettiva opposta introduċieha Plag li argumenta li fit-tagħqid ta' bażi ma'

suffiss, huwa l-bażi li jagħżel is-suffiss u jibblokka suffissi oħra. Biss, kif jargumentaw Melissaropoulou u Ralli (2010, p. 347) bis-saħħa ta' xi eżempji mill-Grieg, il-perspettiva ta' Plag hija problematika ladarba hemm diversi bażijiet li jingħaqdu mal-istess suffiss derivattiv. Għal din ir-raġuni, l-awturi jikkonkludu li huwa aktar ekonomiku li nippreżumu li huwa l-affiss li jagħżel bażi partikolari u mhux bil-maqlub. Abbażi ta' din il-konklużjoni, fl-analiżi nadotta din il-perspettiva u niffoka fuq affissi partikolari biex nifhem ir-restrizzjonijiet li jikkundizzjonawhom.

Id-diffikultà l-oħra li nsemmi hawn u li jiddiskuti Rainer tikkonċerna l-ordni temporali tar-restrizzjonijiet, jiġifieri jekk ir-restrizzjonijiet jiġux analizzati fil-proċess tat-tiżwiġ tal-affiss mal-bażi (*input*) jew jiġux analizzati abbażi tal-kelma kumplessa maħluqa (*output*). Tradizzjonalment, ir-restrizzjonijiet kienu studjati fid-dawl tal-proċess innifsu u mhux abbażi tal-kelma kumplessa, liema perspettiva bdiet tingħata aktar attenzjoni fil-qafas tal-*Optimality Theory*. Biss, kif jikkummenta Rainer stess, aktarx li ż-żewġ tipi ta' restrizzjonijiet jokkorru f'lingwa partikolari. Fil-Malti, ngħidu aħna, is-suffiss *-ezza* huwa ristrett li jingħaqad ma' bażi li tkun jew aġġettiv jew partiċipju (ara kapitlu 5., taqsima 5.3.). Huwa aktar loġiku li ninterpretaw restrizzjoni bħal din qabel jiżdied l-affiss u mhux f'termini tal-kelma kumpless innifisha (eż. *ċertezza*, *delikatezza*). Mill-banda l-oħra, aktar jagħmel sens li ninterpretaw is-suffiss *-iż* meta jintuża biex jirreferi għal xi ħadd li ġej minn pajjiż partikolari, bħal *Ġermaniż* u *Irlandiż*, skont is-semantika tar-referent tal-kelma kumplessa nnifisha u mhux skont il-kwalitajiet tal-bażi qabel iseħħ il-proċess tal-affissazzjoni.

2.2.2.2. Restrizzjonijiet fonoloġiċi

Din it-taqsima tinqasam fi tnejn. Niddiskuti l-ewwel ir-restrizzjonijiet fonoloġiċi speċifiċi kif preżentati fil-letteratura. Wara, niddiskuti l-fenomenu tal-aploloġija (*haplology*, traduzzjoni tiegħi), kunċett li jista' jiġi definit f'termini ta' restrizzjonijiet fonoloġiċi wkoll.

Kif targumenta Raffelsiefen (2015, p. 894), ir-restrizzjonijiet fonoloġiċi jikkonċernaw każijiet, li fihom, ir-regoli marbutin mal-affissazzjoni huma sensittivi għall-istruttura tal-ħoss. Haspelmath u Sims (2010, p. 118) jargumentaw li teżisti raġuni sempliċi għal dawn ir-

restrizzjonijiet: ċerti formazzjonijiet ta' kliem kumpless huma impossibbli għax joħolqu diffikultajiet fl-ipproċessar fonetiku (kemm fil-pronunzja, kif ukoll fil-perċezzjoni). Bauer (2001, p. 128) u Gaeta (2015, p. 868) jaqsmu dawn ir-restrizzjonijiet fi tlieta.

Tal-ewwel tip huma dawk li huma kkundizzjonati mill-forma segmentali tal-bażi. L-okkorrenza ta' xi segmenti fonetiċi fil-bażi jaf iħaffu jew ixekklu l-proċess tal-affissazzjoni ta' suffiss partikolari. Is-suffiss *-eer* fl-Ingliż, ngħidu aħna, jingħaqad ma' bażijiet li jispiċċaw b'ostruwent dentali mniffes (Rainer, 2005, p. 344) waqt li s-suffiss nominali *-te* fl-Olandiż, ma jistax jingħaqad ma' aġġettivi li jispiċċaw b'xi vokali (Bauer, 2001, p. 129).

Kemm Gaeta (2015, p. 868), kif ukoll Haspelmath u Sims (2010, p. 118) josservaw li ġeneralment, il-prefissi huma anqas sensittivi għal dan it-tip ta' restrizzjoni fonoloġika. Mhux hekk biss, iżda Haspelmath u Sims iżidu li dawn ir-restrizzjonijiet huma aktar komuni fis-suffissi derivattivi milli inflettivi.

It-tieni tip ta' restrizzjonijiet fonoloġiċi huma dawk li jikkundizzjonaw il-proċess ta' affissazzjoni skont il-forma suprasegmentali tal-bażi. B'mod aktar dirett, hawn qed nitkellmu fuq il-pożizzjoni tal-aċċent primarju fil-kelma. L-eżempju li normalment jingħata fil-letteratura (Bauer, 2001, p. 129; Gaeta, 2015, p. 868; Plag, 1999, p. 43; *inter alia*) huwa s-suffiss nominali *-al* fl-Ingliż, li nsibu f'formazzjonijiet bħal *arrival* u *recital*. Dan is-suffiss jokkorri biss ma' verbi li l-aċċent primarju tagħhom jaqa' fuq l-aħħar sillaba.

It-tielet u l-aħħar tip ta' restrizzjoni fonoloġika skont il-klassifika ta' Bauer u ta' Gaeta tikkonċerna l-kwantità ta' sillabi fil-bażi. Haspelmath u Sims (2010, p. 119) jeżemplifikaw dan permezz tas-suffiss Ingliż *-en* li jingħaqad biss ma' bażijiet monosillabiċi. L-awturi jżidu li, minkejja n-natura fonoloġika ta' din ir-restrizzjoni, ma jidhirx li hemm motivazzjoni fonetika wara dan il-fenomenu. Eżempju ieħor mill-Ingliż jagħtih Gaeta (2015, p. 868) permezz tas-suffiss *-eer* li jingħaqad biss ma' bażijiet ta' żewġ sillabi. Għalhekk insibu *profiteer* u *racketeer* iżda mhux * *fraudeer* u **gaineer*. Fil-Malti, eżempju ta' din it-tip ta' restrizzjoni fonoloġika tokkorri fil-morfoloġija inflettiva. Is-suffiss tal-plural *-ijiet* jingħaqad biss ma' bażijiet

monosillabiċi meta l-bażi tkun ta' provenjenza Ingliża, (eż. *fann-ijiet*, *trakk-ijiet* iżda mhux **kompjuter-ijiet* jew **ħelikopter-ijiet*).

2.2.2.2.1. Il-kunċett tal-aploloġija (*haplology*)

Plag (1999, p. 43) jargumenta li dan il-fenomenu huwa aktar ġenerali mir-restrizzjonijiet fonoloġiċi diskussi qabel. Iżid li, normalment, każijiet ta' aploloġija huma espressi permezz ta' regoli speċifiċi, iżda minħabba s-similaritajiet li jeżistu bejn eżempji individwali ta' aploloġija, regola ġenerali tkun aktar f'lokha. Plag jiddefinixxi dan il-fenomenu bħala "*the avoidance of similar-sounding sequences within and across words*."

Gaeta (2015, p. 863) ikompli jibni fuq dan u jargumenta li jeżistu tendenzi, li ġew osservati f'bosta lingwi, fejn l-okkorrenza ta' suffiss ma' bażi li jispiċċa b'sekwenza fonoloġika li tkun tixbah dik tas-suffiss, hija projbita. Ngħidu aħna, fit-Taljan, is-suffiss *-iano* ma jistax jokkorri wara bażi li tispiċċa bis-sekwenza fonoloġika *iano*. Għalhekk, *Gadda* → *gaddiano*, iżda *Flaiano*→??*flaianiano*.

Bħal Plag (1999), Bauer, Lieber u Plag (2015, p.189) jiddefinixxu dan il-kunċett bħala mekkaniżmu li jevita strutturi fonoloġiċi identiċi f'kelma kumplessa, li ħafna drabi tokkorri meta jiżdied suffiss. Dawn l-awturi jiddistingwu bejn tliet tipi ta' effetti li huma kawża tal-aploloġija.

L-ewwel tip ta' effett li hu riżultat tal-aploloġija jidher f'suffissi li jużaw allomorf partikolari biex jevitaw sekwenzi fonoloġiċi identiċi. Ngħidu aħna, is-suffiss aġġettivali *-al* fl-Ingliż, jitfaċċa bħala *-ar* meta l-bażi tkun tispiċċa bil-ħoss /l/ (eż. *arteriole* tiġi *arteriolar*, mhux **arteriolal*).

It-tieni tip ta' effett, li skont l-awturi huwa aktar komuni mill-ewwel, huwa tibdil fonoloġiku fil-bażi. Il-markatur tal-femminil *-ress* fl-Ingliż, jikkawża bidliet fil-bażi meta jkun jispiċċa b'sekwenza fonoloġika identika. Insibu għalhekk, binjiet bħal *murderess* u mhux **murdereress*, u *sorceress* minflok **sorcereress*.

Fl-aħħar, insibu binjiet li mhumiex possibbli frott xi sekwenza fonoloġika li mhix permissibbli. L-awturi jagħtu diversi eżempji mill-Ingliż permezz tas-suffissi *-al*, *-eer* u *-ish* fost oħrajn. Dawn ma jippermettux li l-formazzjoni tal-kelma kumplessa tkun tispiċċa b'sillaba li jkollha l-istess onset u coda.

Kif turi Cutajar (2018, p. 132) fit-teżi tagħha, jidher li dan il-mekkaniżmu lingwistiku jokkorri anke fil-Malti. Il-formazzjoni tad-diminuttiv **kuxxinin* mhijiex possibbli minħabba d-duplikazzjoni ta' sekwenza fonetika (in + in). Minflokha nsibu l-formazzjoni *kuxxinett*.

2.2.2.3. Restrizzjonijiet morfoloġiċi

Fir-rigward ta' dawn ir-restrizzjonijiet, Rainer (2005, p. 345) jgħid li l-formazzjoni ta' kelma kumplessa taf tkun sensittiva għal preżenza ta' morfema partikolari fil-bażi, jew għall-istruttura morfoloġika tal-bażi nnifisha. Bauer (2001, p. 130) u Gaeta (2015, p. 130) jaqblu li r-restrizzjonijiet morfoloġiċi jistgħu jiġu kklassifikati fi tliet tipi.

L-ewwel. Il-bażi tal-kelma tkun tappartjeni għal xi kategorija grammatikali partikolari bħall-ġens, jew tkun taqa' taħt kategorija etimoloġika partikolari. Id-diminuttiv sarkastiku fl-Ebrajk li għandu l-forma KKaKKaK, ngħidu aħna, jista' jiġi derivat minn nomi maskili biss. Mill-banda l-oħra, restrizzjonijiet li jiddependu mill-etimoloġija tal-kelma nsibuhom f'bosta lingwi. Fl-Olandiż, is-suffissi *-aar* u *-aard* jingħaqdu ma' zkuk Ġermaniċi biss. Is-suffiss *-adoros* fil-Grieg Modern jingħaqad biss ma' kliem t'oriġini Rumanza waqt li s-suffiss *-ant* fir-Russu jingħaqad esklussivament ma' bażijiet mislufin u mhux ma' dawk nattivi (Bauer, 2001, p. 130). Hi u tiddiskuti dawn ir-restrizzjonijiet fid-dawl tal-Ingliż, Lieber (2022, p. 77) iġġib l-eżempju tas-suffiss *-ic* li jifforma aġġettivi min-nomi (bħal *parasitic* u *dramatic*). Dan is-suffiss, skont l-awtur, ma jistax jingħaqad ma' bażijiet nattivi, iżda jokkorri biss ma' kliem li hu misluf mill-Franċiż jew il-Latin.

Fid-dawl ta' dawn ir-restrizzjonijiet li jiddependu mill-etimoloġija tal-kelma, Bauer jinnota li "ħafna mill-kelliema m'għandhomx informazzjoni fuq il-provenjenza tal-kliem fil-lessiku mentali tagħhom".[22] Għal Bauer, kliem ta' provenjenza differenti jsib ruħu ġo klassijiet sinkroniċi speċifiċi li jintgħażlu minn xulxin abbażi tal-imġiba tagħhom. Tant hu hekk, li dawn il-kategoriji etimoloġiċi ġieli jwasslu għal numru ta' eċċezzjonijiet, jiġifieri jaċċettaw kliem li jkollu etimoloġija differenti mill-maġġorparti tal-kliem f'dik il-klassi partikolari. Ninnutaw li, minkejja l-importanza tal-etimoloġija bħala fattur li jista' jwassal għal numru ta' restrizzjonijiet speċifiċi, din qatt ma tista' tħoll u torbot minħabba n-numru ta' eċċezzjonijiet li jeżistu.

Hemm bosta eżempji fil-Malti ta' kliem kumpless li joqgħod għal dawn ir-restrizzjonijiet morfoloġiċi. Għajr għal xi ftit eċċezzjonijiet, is-suffissi *-aġni* u *-ata* (eċċezzjonijiet bħal, *ksuħaġni*, *libaġni, żbubaġni* u *fenkata*, *xemxata*), fost oħrajn, jokkorru l-aktar ma' kliem t'oriġini Rumanza. Tant hu hekk li jeżistu formazzjonijiet kumplessi li għandhom bażi Rumanza u li ma jokkorrux fir-Rumanz iżda ssibhom fil-Malti, bħal *vojtaġni* u *tostaġni* (Brincat u Mifsud, 2016, p. 3361). L-akkrexxittiv fil-Malti joqgħod għal restrizzjoni oħra morfoloġika. Minn eżempji bħal *kuċċarun* u *ħmarun*, ninnutaw li l-kelma kumplessa nnifisha (l-*output*) (ara taqsima 2.2.2.1.), tkun dejjem ta' ġens maskili.

It-tieni. Ir-restrizzjonijiet ikunu jiddependu mill-istruttura morfoloġika tal-bażi. Huwa evidenti li ċerti affissi jistgħu jingħaqdu biss ma' bażijiet li jkunu derivati jew ma' bażijiet li ma jkunux derivati. Ngħidu aħna, il-prefiss tal-Punjabi *gair-* 'mhux' jingħaqad biss ma' bażijiet derivati. Il-formazzjoni *gairsarkaarii* '*non-governmental*, mhux tal-gvern' hija mibnija fuq *sarkaarii* '*governmental*, tal-gvern', forma li minnha nnifisha diġà hija kumplessa. Haspelmath u Sims (2010, p. 120) jippreżentaw eżempju mir-Russu. Il-markatur tal-femminil *-ja* jista' jingħaqad biss ma' bażijiet li diġà huma derivati bis-suffiss *-un*. Il-forma *govorunja* 'kelliema' hija derivata minn *govorun* 'kelliem' li ġejja minn *govorit* 'tkellem'.

---

[22] "[...] *most speakers do not have in their mental lexicons information about the sources of the words they use* [...]"

It-tielet. Jeżistu restrizzjonijiet li jibbażaw fuq il-preżenza jew in-nuqqas ta' affiss partikolari fil-bażi. Dawn jistgħu jerġgħu jiġu kklassifikati f'żewġ tipi ewlenin. Fuq naħa hemm affissi li jeħtieġu l-preżenza ta' affiss ieħor fil-bażi qabel jistgħu jiġu miżjuda. Gaeta (2015, p. 869) isejjaħ dan il-fenomenu bħala korrelazzjoni pożittiva waqt li Bauer jimxi fuq Williams (1981) biex jirreferi għal dan il-proċess bħala *potentiation*. Is-suffiss Olandiż tal-femminil *-ster* jista' jokkorri biss wara s-suffiss *-aard* waqt li l-markatur tal-femminil fid-Daniż *-trice* jokkorri biss f'bażijiet li jispiċċaw bis-suffiss *-ør* .

Mill-banda l-oħra, jeżistu affissi li "jagħlqu" l-possibiltà li jiżdiedu affissi oħrajn. Dawn jissejħu *closing morphemes*, kunċett li jitqies bħala idjosinkratiku għal ċerti affissi.[23] Is-suffiss Bulgaru *-ski* li jifforma aġġettivi denominali (*pisatel* 'kittieb' → *pisatelski* 'tal-kittieb') jokkorri dejjem fit-tarf tal-kelma u ma jaċċettax aktar affissi warajh.

2.2.2.4. Restrizzjonijiet sintattiċi

Fil-bidu tat-taqsima fuq ir-restrizzjonijiet sintattiċi, Bauer (2001, p. 133) jgħid li d-distinzjoni bejn dawn ir-restrizzjonijiet u dawk morfoloġiċi hi ftit jew wisq illużorja. Biss, fil-letteratura (Bauer, 2001; Gaeta, 2015; Rainer, 2005; *inter alia*), il-fattur ewlieni diskuss fid-dawl tar-restrizzjonijiet sintattiċi huma l-partijiet tad-diskors.

Dan jirreferi għal kif ċerti affissi jokkorru biss ma' ċertu partijiet tad-diskors, ngħidu aħna, ma' nomi, verbi jew aġġettivi. Bauer (2001, p. 133) jikkwota lil Aronoff biex jargumenta li din ir-restrizzjoni hija fundamentali għar-RFK: "RFK qatt ma tista' topera fuq din jew fuq l-oħra."[24] Bauer ikompli jgħid li minkejja li l-istatus uffiċjali ta' din l-istqarrija hija pjuttost oskura, m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-parti tad-diskors tal-bażi hija kruċjali f'dan is-suġġett. Hu u jenfasizza l-importanza tal-partijiet tad-diskors fid-dawl tad-delimitazzjoni bejn

---

[23] "[...] *the closing property is viewed as an idiosyncratic feature of certain morphemes that prohibits further derivation.*" (Rainer, 2005, p. 346)

[24] "*A WFR will never operate on either this or that.*"

restrizzjonijiet speċifiċi differenti fl-RFK, Rainer (2005, p. 347) jgħid li l-użu frekwenti ta' termini bħal *denominali*, *deverbali* u *deaġġettivali* huma prova ta' dan kollu.

Fattur ieħor li jaqa' taħt ir-restrizzjonijiet sintattiċi huwa t-tranżittività tal-bażi verbali. Bauer iġib l-eżempju tas-suffiss *-baar* fl-Olandiż li bħas-suffiss Ingliż *-able*, jista' jintuża biss ma' verbi tranżittivi u mhux ma' dawk intranżittivi. Għalhekk, il-formazzjoni **becomable* fl-Ingliż mhijiex possibbli. Fil-lingwa Apalai, imbagħad, l-affiss li jwassal it-tifsira ta' 'aġent ta' azzjoni li qed issir issa', għandu żewġ forom. Is-suffiss *-ne* jintuża ma' verbi tranżittivi, filwaqt li s-suffiss *-kety* jintuża ma' verbi intranżittivi.

Gaeta (2015, p. 870) jibqa' xettiku fuq it-tikketta li tingħata lil dawn ir-restrizzjonijiet. Juża l-eżempju ta' *visitable* - **goable* biex jargumenta li r-raġuni aħħarija hija waħda semantika u mhux sintattika. Minkejja li l-argument li jressaq Gaeta huwa wieħed loġiku, ikun jagħmel sens li xorta nqisu dawn il-fatturi (it-tranżittività tal-verbi u l-parti tad-diskors tal-bażi) bħala sintattiċi u mhux semantiċi, kif wara kollox jagħmel l-istess awtur. Skont din id-deċiżjoni, nistgħu ngħidu li, eżempju, is-suffiss *-ità* fil-Malti huwa ristrett sintattikament għax jingħaqad biss ma' bażijiet aġġettivali (Camilleri, 1993, p. 43). Dan, skont Haspelmath u Sims (2010, p. 35) jista' jiġi rrappreżentat permezz tan-notazzjoni (13), fejn '–' tirrappreżenta l-affiss u 'A' tindika l-parti tad-diskors (aġġettiv) u l-pożizzjoni tal-bażi f'relazzjoni mal-affiss:

(13) Il-potenzjal kombinatorju ta' *-ità* [ A – ]

2.2.2.5. Restrizzjonijiet semantiċi

B'mod ġenerali, ir-restrizzjonijiet semantiċi jibbażaw fuq il-preżenza jew in-nuqqas ta' tifsira partikolari fil-bażi li tinfluwenza l-formazzjoni tal-kelma kumplessa. Gaeta (2015, p. 871) jargumenta li l-irwol tas-semantika fid-dawl ta' dawn ir-restrizzjonijiet speċifiċi hu mifrux sew u jinħass f'bosta lingwi. Hu jara rabta bejn dawn ir-restrizzjonijiet semantiċi u t-tagħrif tagħna fuq id-dinja. Ħafna binjiet u formazzjonijiet mhumiex possibbli għax ma nistgħux nikkonċepuhom abbażi tal-għarfien li għandna fuq kif taħdem id-dinja.

Nippreżenta hawn xi eżempji minn lingwi differenti. Rainer juri (2005, p. 349) kif is-suffiss relattiv -*uno* fl-Ispanjol, jingħaqad, kważi b'mod esklussiv, ma' nomi li jirreferu għall-annimali: *vaca* 'baqra' tista' ssir *vacuno* 'relatat mal-baqar'. Abbażi ta' dan l-eżempju, l-awtur jargumenta li teżisti tendenza li kliem li jappartjeni għall-istess kategorija semantika, jagħżel l-istess affiss.

Biex jeżemplifikaw l-idea li mhux kull sekwenza ta' bażi + affiss tagħmel sens, Haspelmath u Sims (2010, p. 119) jargumentaw li fil-Ġermaniż, ma jagħmilx sens li jiżdied is-suffiss femminili -*in* ma' nomi bħal *Baum* 'siġra' għax f'din il-lingwa, ma ssirx distinzjoni grammatikali bejn is-siġar abbażi tal-ġeneru. Biss, hemm ukoll restrizzjonijiet semantiċi li huma ftit jew wisq arbitrarji. Fir-Russu, is-suffiss li jesprimi n-nom kwalitattiv -*stvo*, jingħaqad ma' aġġettivi li jiddenotaw kwalitajiet umani u mhux ma' aġġettivi li jiddenotaw kwalitajiet fiżiċi t'oġġetti: il-formazzjoni *bogat-stov*, nom kwalitattiv li joħroġ minn *bogatyj* 'sinjur' hija possibbli waqt li nomi kwalitattivi oħra bħal **priemlem-stov*, nom kwalitattiv derivat mill-aġġettiv *priemlemyj* 'aċċettabbli' mhuwiex. L-awturi jinnotaw li f'dan il-każ, m'hemmx raġuni intrinsika għalfejn is-suffiss -*stvo* ma jistax jingħaqad ma' aġġettivi oħrajn.

Gaeta (2015, p. 871) joffri aktar eżempji li jixbhu lil dawk ta' Rainer. Is-suffiss -*eto* fit-Taljan jingħaqad biss ma' ismijiet ta' ħxejjex u frott u jifforma nomi li jirreferu għal grupp ta' pjanti tal-istess tip. Hekk, *arancia* 'larinġa' issir *aranceto* 'grupp ta' siġar tal-larinġ'. Simili għal dan, fil-lingwa Awstraljana Mangarayi, is-suffiss -*ŋuŋuŋ* jingħaqad biss ma' bażijiet li jirreferu għal post jew lingwa: *Guwiɲilen-ŋuŋuŋ* 'xi ħadd minn Queensland'.

Fil-letteratura, jingħataw bosta eżempji mill-Ingliż biex jelaboraw fuq dawn ir-restrizzjonijiet semantiċi. Nagħlaq din it-taqsima billi nippreżenta wħud minn dawn l-eżempji. Haspelmath u Sims (2010, p. 119) iġibu l-eżempju bil-prefiss *de*- li jingħaqad biss ma' bażijiet verbali li jiddenotaw azzjoni li potenzjalment hija riversibbli. Mela, filwaqt li *decolonize* 'terġa' lura milli tikkolonizza' hija possibbli, **deassassinate*, jiġifieri meta toqtol xi ħadd u terġa' tqajmu mill-mewt, mhijiex. Fuq l-istess binarju, Gaeta (2015, p. 871) jippreżenta restrizzjoni simili bis-suffiss *un*-. Dan il-prefiss ma jistax jokkorri ma' bażijiet verbali li ma jistgħux juru tifsira

riversibbli. Ngħidu aħna, il-formazzjoni **unkill* 'treġġa' lura mill-mewt' mhijiex possibbli għax skont l-għarfien enċiklopediku, il-mewt ma tista' qatt tiġi riversata.

Hi u tanalizza dan il-prefiss fl-Ingliż, Lieber (2022, p. 40) tippreżenta raġuni semantika oħra għalfejn ċerti formazzjonijiet b'dan il-prefiss mhumiex possibbli. Skontha, il-prefiss *un-* jingħaqad biss ma' bażijiet verbali li jimplikaw riżultat li mhux permanenti. Dan ir-raġunament huwa kongruwenti ma' ta' Gaeta għax, jekk nieħdu l-eżempju ta' *kill* 'toqtol', din il-frażi verbali tirriżulta f'azzjoni permanenti, raġunament li wkoll jrendi l-formazzjoni **unkill* 'treġġa' lura mill-mewt' bħala inaċċettabbli. F'kuntrast ma' dan, il-binja *untie*, 'tħoll' hija possibbli għax timplika riżultat li huwa temporanju.

2.2.2.6. Restrizzjonijiet pragmatiċi

Hu u jiddiskuti l-fatturi pragmatiċi li jistgħu jinfluwenzaw l-okkorrenzi tal-affissi ma' bażijiet differenti, Bauer (2001, p. 135) jargumenta li mhux daqstant faċli biex issir distinzjoni bejn dawn ir-restrizzjonijiet u dawk semantiċi. Bauer jara r-restrizzjonijiet semantiċi bħala mekkaniżmi li jaħdmu id f'id man-natura lingwistika tal-bażi waqt li r-restrizzjonijiet pragmatiċi għandhom x'jaqsmu mal-mod kif il-kliem jintuża jew in-natura tar-referent tagħhom fid-dinja fiżika.

Bauer jeżemplifika r-restrizzjonijiet pragmatiċi permezz tal-markatur tas-singular *-c* fil-lingwa Abkhaz. Dan is-suffiss normalment jintuża biex issir referenza għal entità waħda minn tip li normalment jokkorru fi gruppi. Ngħidu aħna, *à-šxə-c* tfisser 'żunżana waħda' waqt li l-bażi tagħha tirreferi għal grupp sħiħ, jiġifieri 'żunżan, kollettiv', għax l-għarfien enċiklopediku jgħidilna li dawn normalment insibuhom f'numri kbar jew fi gruppi.

Eżempju ieħor li nsibuh kemm f'Bauer (2001, p. 135), f'Gaeta (2015, p. 871) u f'Lieber (2022, p. 77) hu dak tas-suffiss *-ginay* fil-lingwa Dyirbal. Dan is-suffiss, li jfisser 'mgħotti bi, mimli bi' huwa ristrett għal bażijiet li jiddenotaw xi ħaġa maħmuġa bħal *gunaginay*, 'mgħotti għalkollox bil-ħmieġ'. Osservazzjoni li tagħmel Lieber hi li restrizzjoni bħal din hi pragmatika

għax tiddependi min-normi soċjali u t-twemmin kulturali. F'dan ir-rigward, il-kuntest hu kruċjali biex jiddetermina ma' liema bażijiet dan is-suffiss jista' jokkorri.

Haspelmath u Sims (2010, p. 120) jippreżentaw dimensjoni oħra fir-rigward tar-restrizzjonijiet pragmatiċi. Huma jargumentaw li biex binja magħmula minn zokk u affiss tiġi kkunsidrata tajba, jeħtieġ li l-ewwel, tinħass il-ħtieġa għaliha. Fil-Ġermaniż, ngħidu aħna, binjiet bis-suffiss femminili *-in* li z-zokk tagħhom ikun jirreferi għal ċertu annimali żgħar u primittivi bħad-dud, mhumiex aċċettati. Ma jinħassx il-bżonn li ssir distinzjoni bejn il-maskil u l-femminil f'dawn l-organiżmi partikolari. L-awturi jargumentaw li, minkejja li derivazzjonijiet bħal dawn huma potenzjalment possibbli għax mhux diffiċli li wieħed isib kuntest speċifiku fejn dawn il-binjiet huma neċessarji, il-kelliem nattiv rari jiġi bżonnhom fid-diskors.

2.2.2.7. Restrizzjonijiet lessikali

Dawn ir-restrizzjonijiet jirreferu għal grupp ta' affissi li mhumiex daqstant produttivi u li għalhekk, jokkorru biss f'numru definit ta' kliem. Bauer (2001, p. 134) jagħti l-eżempju tas-suffiss nominali *-th* fl-Ingliż, suffiss li mhuwiex produttiv, tant li kwalunkwe kelliem jista' jagħmel ġabra tal-kliem kollu li jista' jieħu dan is-suffiss, ngħidu aħna, *death*, *month*, *wealth* u *youth*.

Bauer jagħti eżempji oħra ta' affissi li huma aktar restrittivi mill-eżempju li tajt qabel. Dawn, skont l-awtur, jokkorru biss ma' numru verament żgħir ta' kliem. Fl-Olandiż, il-formazzjoni *dievegge* 'ħalliel li jisraq mill-bwiet tan-nies', hija derivata minn *dief* 'ħalliel'. M'hemmx kliem ieħor li jieħu dan is-suffiss. Jekk nerġgħu nħarsu lejn l-Ingliż, Bauer jagħti żewġ eżempji oħra, is-suffiss *-ric* li jingħaqad biss ma' *bishop* u s-suffiss *-ter* li nisbuh biss fil-kelmiet *laughter* u *slaughter*.

Filwaqt li jagħti dawn l-istess eżempji li semmejt, Gaeta (2015, p. 870) jargumenta li hemm sors ieħor ta' restrizzjonijiet lessikali. Dawn għandhom x'jaqsmu mal-proprjetajiet taz-zkuk inkwistjoni, jiġifieri jiddependu mill-mod kif il-partijiet tad-diskors huma organizzati fil-

lessiku mentali, fost oħrajn. Gaeta ma jagħtix eżempji speċifiċi ta' dan is-sors ta' restrizzjonijiet lessikali.

Anke fil-Malti nsibu xi affissi li jokkorru ma' numru verament żgħir ta' bażijiet. Hemm min iqis is-suffiss *-tur* fi kliem bħal *ġuvintur* bħala eżempju ta' affiss ristrett lessikalment (M. Spagnol, komunikazzjoni personali, 11 ta' Marzu, 2022). Miegħu nistgħu nżidu s-suffiss *-ojde* li skont il-korpus jokkorri biss ma' 9 bażijiet (ara tabella nru 6), dejjem jekk dan is-segment inqisuh bħala suffiss u mhux bħala suffissojd (ara taqsima 1.5.2.1.).

2.2.2.8. L-ibblukkar

Apparti r-restrizzjonijiet speċifiċi diskussi s'issa, hemm mekkaniżmu ieħor diskuss fil-qasam morfoloġiku li jikkundizzjona t-tiżwiġ bejn l-għadd kważi infinit ta' bażijiet ma' kwalunkwe affiss produttiv. Nibda billi nagħti eżempji ta' formazzjonijiet kumplessi, mibnijin b'żewġ affissi differenti, li mbagħad nuża biex nintroduċi dan il-mekkaniżmu:

(14) is-suffiss nominali *-ità* normalment jingħaqad ma' bażijiet aġġettivali:
  a. ġeneruż$_{(A)}$ - ġenerożità$_{(N)}$
  b. glorjuż$_{(A)}$ - *glorjożità$_{(N)}$

(15) is-suffiss *-erija* jingħaqad ma' kwalunkwe bażi nominali biex, fost oħrajn, jifforma nomi tal-post:
  a. birra$_{(N)}$ - birrerija$_{(N)}$
  b. ktieb$_{(N)}$ - *ktiberija$_{(N)}$

Il-mekkaniżmu morfoloġiku tal-affissassjoni li sawwar dawn il-formazzjonijiet hu mifrux sew u joħloq diversi types differenti fil-Malti. Biss, l-eżempji (14b) u (15b) juruna li ċertu formazzjonijiet kumplessi, minkejja li huma possibbli u li aktarx jinftiehmu mill-kelliema nattivi, mhumiex attestati fil-Malti. Aronoff (1976, p. 43), jirreferi għal dan il-kunċett bħala l-ibblukkar (*blocking*), li jiddefinixxi bħala "in-nuqqas ta' okkorrenza ta' forma, sempliċiment

minħabba l-eżistenza ta' oħra."[25] Aktar riċenti, l-istess morfologu, flimkien ma' Fudeman (2011, p. 260), jgħidu li dan il-fenomenu huwa dak "il-proċess li minħabba fih, kelma potenzjali tiġi mwaqqfa u ma tokkorrix għax forma oħra bl-istess tifsira u funzjoni teżisti diġà."[26] Ir-regola derivattiva produttiva ma tapplikax, mhux minħabba xi restrizzjoni speċifika, iżda minħabba l-eżistenza ta' kelma stabbilita li ġġorr it-tifsira tal-forma potenzjali (Haspelmath & Sims, 2010, p. 125; Rainer, 2005, p. 336; *inter alia*). Fil-każ ta' (14a) u (15b), il-kelmiet stabbiliti huma *glorja* u *librerija*.

Bosta lingwisti jattribwixxu dan il-fenomenu għat-tendenza osservata fil-lingwa li tkun ekonomika u li ma jkunx hemm ħafna kliem li jġorr l-istess tifsira, jiġifieri li jkunu sinonimi assoluti (Aronoff, 2011, p. 236; Haspelmath & Sims, 2010, p. 125). Skont din il-linja ta' ħsieb, l-eżistenza tal-pari sinonimi *glorja* - **glorjożità* u *librerija* - **ktiberija* tmur kontra dan il-prinċipju tal-ekonomija lingwistika. Mill-banda l-oħra, il-formazzjonijiet kumplessi f'(14a) u (15a) m'għandhomx sinonimi jew forom oħra li jwasslu l-istess tifsira, u għalhekk, mhumiex qed jiġu blukkati. Interessanti li għal Aronoff, dan il-mekkaniżmu jestendi lil hinn mill-morfoloġija derivattiva u nsibuh anke fil-morfoloġija inflettiva u fis-sintassi. Il-frażi '*il-ġurnata ta' qabel ilbieraħ*', ngħidu aħna, minkejja li tinftiehem, ma tintużax fil-Malti Standard għax tiġi blukkata mill-kelma '*ilbiraħtlula*'.

Fil-letteratura, dan il-kunċett spiss ġie diskuss b'referenza għal-lingwi bħall-Ingliż (Lieber, 2022, p. 217), il-Ġermaniż (Rainer, 2005, p. 336) u bħat-Taljan (Scalise, 2008, p. 92), iżda qatt b'referenza għall-Malti. F'dawn ix-xogħlijiet, hemm numru ta' osservazzjonijiet u diffikultajiet li ta' min niddiskutuhom vis-à-vis il-Malti.

Żewġ fatturi ċentrali għal dan is-suġġett huma l-**kwalitajiet tal-kelma li qed tiġi blukkata** u l-**kwalitajiet tal-kelma li qed tibblukkaha**. Fuq tal-ewwel jidher li hemm qbil fil-letteratura.

---

[25] " [...] *the nonoccurrence of one form due to the simple existence of another*."

[26] *"The process by which a potential word is prevented from occurring in a language because another form with the same meaning and function already exists."*

Rainer (p. 337), ngħidu aħna, jargumenta li l-kelma blukkata tkun iffurmata abbażi ta' xi mekkaniżmu produttiv tal-formazzjoni tal-kelma fil-lingwa, inkella, ma tagħmilx sens li ngħidu li qed tiġi blukkata. Dan rajnieh fl-eżempji (14b) u (15b) hawn fuq. Kemm **glorjożità*, kif ukoll, **ktiberija*, inbnew skont ir-restrizzjonijiet ġenerali u speċifiċi fil-Malti u f'rifless ta' binjiet oħra b'dawk l-affissi derivattivi. Hekk **glorjożità* nbniet fuq *kumplessità*, *lokalità* u *obeżità* waqt li **ktiberija* nbniet fuq *pastizzerija*, *pixkerija*, *spiżerija* u *stamperija* fost oħrajn.

Fuq tat-tieni, imbagħad, jidher li hemm nuqqas ta' qbil. Għal Lieber (2022, p. 2017), il-kelma li qed tibblokka trid tkun waħda sempliċi (*grace* flok **graciosity* u *fury* flok **furiosity* fl-Ingliż) waqt li għal Rainer (2005, p. 337), tista' tkun kemm sempliċi u kemm kumplessa. Inħoss li l-argument ta' Rainer huwa aktar korrett, ladarba, kif naraw minn (15b) (*librerija*), il-kelma li tibblokka tista' tkun minnha nnifisha kumplessa.

Distinzjoni oħra ċentrali għas-suġġett li ġiet introdotta minn Rainer (1988) hija dik bejn ***token blocking* u *type blocking***. Skont l-istess awtur (2005, p. 336), tal-ewwel tirreferi għal meta l-kelma morfoloġikament kumplessa tiġi blukkata minn kelma sinonima waqt li tat-tieni tirreferi għal meta l-ibblukkar tal-kelma kumplessa jseħħ meta mekkaniżmu ieħor morfoloġiku jieħu preċedenza. Mhux kulħadd jaqbel ma' din id-distinzjoni jew ma' din it-terminoloġija. Rainer stess, f'xogħol aktar riċenti (2012, p. 179), filwaqt li jżomm ma' din id-distinzjoni bejn iż-żewġ kunċetti, jagħtihom titli differenti. Għal tal-ewwel, jiġifieri *token blocking* jipproponi 'l-ibblukkar b'kelma' (*blocking by word*) waqt li għal tat-tieni jibda juża t-terminu 'l-ibblukkar b'regola' (*blocking by rule*). L-awtur stess jammetti li din id-diffikultà terminoloġika ġejja mill-fatt li s'issa ma ġietx postulata teorija konvinċenti fid-dawl ta' dan il-mekkaniżmu.

Għal raġunijiet prattiċi, u għax inħoss li l-proposta terminoloġika f'Rainer (2012, p. 179) mhijiex daqstant ċara jew konvinċenti, f'dan ix-xogħol se nkun qed nuża t-terminoloġija, '*token blocking*' u '*type blocking*'. It-terminu '*token blocking*' se nużah biex nirreferi għal meta kelma morfoloġikament kumplessa tiġi blukkata minn kelma stabbilita li hija minnha nnifisha sempliċi jew kumplessa waqt li '*type blocking*' se nużah meta kelma

morfoloġikament kumplessa tiġi blukkata minn formazzjoni kumplessa oħra li tinbena fuq l-istess bażi b'affiss differenti.

Ladarba l-kunċett ta' *token blocking* iddiskutejtu diġà (ara eżempji (14) u (15) aktar 'il fuq), imiss issa li nittanta napplika l-fenomenu tat-*type blocking* għall-Malti. Kif implikajt diġà, it-*type blocking* japplika għal formazzjonijiet kumplessi li jinbnew fuq l-istess bażi. Għalhekk, nittanta neżemplifika dan il-kunċett bid-diminuttiv, ladarba hemm diversi suffissi sinonimi li jwasslu l-idea taċ-ċokon.

| **Suffiss *-in/-ina*** | **Suffiss *-ett/-etta*** |
|---|---|
| popol-in<br>*popol-ett | artikol-ett<br>*artikol-in |
| platt-in<br>*platt-ett | busk-ett<br>*busk-in |

**Tabella nru 5:** *Type blocking* fid-diminuttiv

Minn dawn l-eżempji joħroġ ċar li minkejja l-qrubija fit-tifsir bejn is-suffissi *-in* u *-ett*, l-użu ta' wieħed minnhom jibblokka l-użu potenzjali tal-affiss l-ieħor. F'dan il-kuntest, m'iniex se nidħol fir-restrizzjonijiet speċifiċi bejn affiss u ieħor tad-diminuttiv (għal ftit osservazzjonijiet fuq dan, ara Bezzina, 2020, p. 82), biss, nistgħu nikkonkludu li l-użu ħażin ta' affiss partikolari jistona sew u l-mekkaniżmu tat-*type blocking* jinħass sew f'dawn l-eżempji.

Diffikultà ewlenija f'dan is-suġġett hija n-**natura diskreta tal-ibblukkar**. Kif nuri aktar 'il quddiem, mhux dejjem huwa l-każ li l-eżistenza ta' kelma sempliċi jew kumplessa tibblokka l-possibiltà li tinħalaq formazzjoni kumplessa oħra, speċjalment meta ż-żewġ formazzjonijiet jkollhom konnotazzjonijiet semantiċi li jvarjaw (Aronoff, 2011, p. 236). Fi kliem Aronoff u Lindsay (2014, p. 70), ma jkunx ġust li nirriduċu l-interazzjoni kumplessa bejn suffissi differenti u bejn pari ta' kliem individwali b'mod li l-eżistenza ta' kelma tibblokka għalkollox il-formazzjoni ta' oħra, speċjalment meta din iġġorr sens li ma jġorrx l-affiss l-ieħor. Fl-Ingliż (Lieber, 2022, p. 218), ngħidu aħna, minkejja li l-kelmiet *brothers* u *brethren* huma żewġ forom inflettivi li jwasslu l-idea tal-plural, il-konnotazzjonijiet semantiċi tagħhom huma differenti u l-kuntest li fihom jintuża jvarja. Din id-diffikultà, li titfaċċa l-aktar fil-kuntest tat-

*token blocking*, wasslet lil Bauer (2001, p. 137) biex jasserixxi li l-kunċett tal-ibblukkar ma jaħdimx dejjem u jikkwota lil Di Sciullo u lil Williams li jgħidu, "Jibqa' misteru x'inhu eżattament l-ibblukkar, u mhuwiex ċar f'liema ċirkostanzi jixref."[27]

F'każijiet fejn iż-żewġ forom, jew aktar, ma jiddistakkawx ruħhom semantikament, xi morfologi (Giegerich, 2001, p. 66; Rainer, 2005, p. 337) jippostulaw korrelazzjoni bejn il-frekwenza u l-ibblukkar. Rainer jasal jargumenta li l-frekwenza huwa fattur deċiżiv li jikkundizzjona t-*token blocking*. Jekk il-kelma li tibblokka tkun frekwenti ħafna, l-effett tal-ibblukkar ikun aktar b'saħħtu. F'każijiet fejn ikun hemm involuti kelmiet bi frekwenza baxxa, formazzjonijiet doppji huma aktar aċċettabbli. Studji empiriċi ta' natura psikolingwistika jistgħu jixħtu aktar dawl fuq il-fattur tal-frekwenza b'rabta ma' dan il-mekkaniżmu morfoloġiku.

2.2.2.8.1. Il-każ ta' *serrieq* fil-Malti

Fil-letteratura (Bauer, 2001, p. 136; Rainer, 2005, p. 336; *inter alia*), l-aktar eżempju kkwotat f'diskussjonijiet fuq l-ibblukkar huwa dak ta' *stealer* fl-Ingliż. L-argument imressaq huwa li l-formazzjoni *stealer* mhijiex aċċettata minħabba l-eżistenza tal-kelma *thief*. Il-formazzjoni *stealer* tintuża biss minn tfal jew kelliema mhux nattivi li għad m'għandhomx ħakma tajba tal-lingwa u li għadhom ma internalizzawx is-sinonimu stabbilit. Tista' titfaċċa wkoll f'kitbiet letterarji għal raġunijiet stilistiċi.

Anke fil-Malti nosservaw l-ibblukkar fil-lessema li twassal l-istess idea, jiġifieri *ħalliel*. L-għerq √srq seta' faċilment iżżewweġ mal-forma tal-aġent $1v22^{\bar{a}}3$ biex bil-morfoloġija introflessiva tissawwar il-kelma *serrieq*. Biss, minn lenti sinkronika, jidher li din il-formazzjoni qed tiġi blukkata mill-kelma *ħalliel*. Dan l-eżempju huwa interessanti mhux biss għax huwa osservat f'bosta lingwi, jiġifieri hemm tendenza lingwistika mifruxa (*cross-linguistic*), iżda wkoll għax il-formazzjoni *serrieq* fil-Malti ġġorr sens differenti ħafna, dik ta' *saw*, *handsaw* (Aquilina,

[27] *"It remains a mystery what blocking actually is, and it is quite unclear under what circumstances it obtains."*

1987-1991, p. 1298). Mill-qari li għamilt, għadni ma ltqajtx ma' okkorrenza simili f'lingwa oħra fejn il-kelma blukkata hija frekwenti iżda ġġorr semantika għalkollox differenti. Għal din ir-raġuni, il-Malti jaf joffri kontribuzzjoni ġdida għal dan is-suġġett.

2.2.2.9. Konklużjoni: Restrizzjonijiet Speċifiċi

L-għan ta' din it-taqsima huwa li niġbed xi konklużjonijiet abbażi tar-restrizzjonijiet speċifiċi li ddiskutejt. Din it-taqsima tinqasam f'żewġ partijiet. Fl-ewwel biċċa nagħmel osservazzjonijiet ġenerali li jsiru b'lenti usa' u li jikkunsidraw it-tipi kollha ta' restrizzjonijiet. Fit-tieni parti nagħmel osservazzjonijiet li jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet speċifiċi, jiġifieri fonoloġiċi, morfoloġiċi, sintattiċi, semantiċi, pragmatiċi u lessikali. Dawn il-punti konklussivi neħodhom miegħi biex 'il quddiem nagħmel l-osservazzjonijiet tiegħi b'rabta mal-mekkaniżmu derivattiv tal-affissazzjoni fil-Malti.

Konklużjonijiet ġenerali:

- Abbażi tal-letteratura diskussa, jidher li hemm qbil bejn il-lingwisti li kitbu fuq dan is-suġġett li jeżistu tipi differenti ta' restrizzjonijiet speċifiċi. Mhux hekk biss, iżda wħud minnhom, bħar-restrizzjonijiet fonoloġiċi, morfoloġiċi u semantiċi huma kostanti, jiġifieri jissemmew dejjem f'xogħlijiet li jittrattaw dan is-suġġett.
- Minkejja t-tipi differenti ta' restrizzjonijiet, mhux diffiċli wieħed jinnota li hemm rabta kważi sfiqa bejniethom. Ngħidu aħna, hemm rabta bejn ir-restrizzjonijiet sintattiċi ma' dawk morfoloġiċi. Mhux hekk biss iżda meta tanalizzahom b'ċerta reqqa, tintebaħ li l-kundizzjonament primarju tar-restrizzjonijiet sintattiċi aktarx ikun semantiku. Insemmi wkoll il-qrubija bejn ir-restrizzjonijiet semantiċi u pragmatiċi.
- Abbażi tad-diversi eżempji varjati (u minn familji ta' lingwi differenti) li ddiskutejt hawn, nistgħu nikkonkludu li dawn ir-restrizzjonijiet jinsabu f'numru sew ta' lingwi.

Konklużjonijiet aktar speċifiċi:

- M'hemmx qbil rigward il-klassifikazzjoni tar-restrizzjonijiet fonoloġiċi fil-letteratura. L-aktar klassifikazzjoni strutturata u loġika hija dik ta' Bauer u Gaeta. Skonthom, hemm tliet tipi ta' restrizzjonijiet ta' natura fonoloġika: dawk li jiddependu mill-binja segmentali tal-bażi, dawk li jiddependu mill-binja suprasegmentali, jiġifieri l-pożizzjoni tal-aċċent primarju fil-kelma u dawk li jagħtu importanza lin-numru ta' sillabi fil-kelma. Hemm ukoll il-kunċett tal-aploloġija li nistenna li jitfaċċa fl-osservazzjonijiet tiegħi fuq il-formazzjoni tal-kliem fil-Malti.

- Bauer u Gaeta jaqblu li hemm tliet tipi ta' restrizzjonijiet morfoloġiċi: restrizzjonijiet li huma kkundizzjonati mill-kategorija grammatikali jew l-etimoloġija tal-bażi, dawk li huma kkundizzjonati mill-istruttura morfoloġika tal-bażi u dawk li jiddependu mill-preżenza ta' suffiss ieħor fil-formazzjoni li jew 'jinkuraġixxi' ż-żieda ta' affiss ieħor (*potentiation*) jew jagħlaq il-possibiltà li jiżdied affiss ieħor (kunċett tal-*closing morpheme*).

- Minħabba n-nuqqas ta' qbil fil-letteratura rigward id-delimitazzjoni tar-restrizzjonijiet sintattiċi, għal raġunijiet prattiċi, nuża dawn ir-restrizzjonijiet biex nikklassifika fenomeni lingwistiċi li jikkonċernaw żewġ fatturi: il-parti tad-diskors u t-tranżittività tal-bażi.

- Ir-restrizzjonijiet semantiċi jiddependu fuq komponenti partikolari ta' tifsir li jinsabu fil-bażi u li jiddeterminaw jekk jistax jiżdied affiss partikolari jew le. Ċerti affissi jistgħu jingħaqdu biss ma' kategoriji semantiċi partikolari waqt li oħrajn ma jistgħux jokkorru ma' ċerti bażijiet għax il-formazzjoni ta' zokk u affiss ma tkunx possibbli abbażi tal-għarfien enċiklopediku uman.

- Mhux faċli li ssir distinzjoni bejn ir-restrizzjonijiet pragmatiċi u dawk semantiċi. Mill-inferenzi li jagħmlu l-awturi huma u jiddiskutu x-xebh u d-differenzi ta' bejniethom, l-effetti pragmatiċi jistrieħu aktar fuq il-kuntest dinji u jeħtieġu aktar informazzjoni fuq in-natura tar-referent fid-dinja fiżika minn dawk semantiċi.

- Is-sors ewlieni tar-restrizzjonijiet lessikali huma s-suffissi li jokkorru għal numru definit ta' drabi. Dawn mhumiex suffissi produttivi u l-bażijiet li magħhom jokkorru jistgħu jiġu elenkati faċilment.

- L-ibblukkar huwa proċess lingwistiku li jibblokka kliem potenzjali, li hu possibbli u li aktarx jinftiehem mill-kelliema nattivi, minħabba l-eżistenza ta' kliem li jwassal l-istess sens. Minkejja li ġew proposti distinzjonijiet differenti, f'dan ix-xogħol nuża d-distinzjoni ta' Rainer li tiddistingwi bejn *token blocking* u *type blocking*. Tal-ewwel tirreferi għal meta l-kelma kumplessa tiġi blukkata minn kelma sinonima li tkun sempliċi jew kumplessa iżda li twassal l-istess sens. *Type blocking*, imbagħad, jirreferi għal meta l-ibblukkar tal-kelma kumplessa jseħħ meta mekkaniżmu ieħor morfoloġiku jieħu preċedenza fuq bażi partikolari. Dan il-fenomenu qatt ma ġie studjat b'rabta mal-Malti u l-eżempju *serrieq* huwa interessanti għax minkejja li hija kelma blukkata mil-lessema *ħalliel*, xorta waħda tokkorri fil-Malti b'semantika għalkollox differenti.

## 2.3. Tipoloġija: Affiss + Affiss

Minkejja li s-suġġett ewlieni ta' dan ix-xogħol huma r-restrizzjonijiet involuti fit-tiżwiġ ta' affiss ma' bażi, jixraq li niddiskuti fuq fuq xi restrizzjonijiet involuti fit-tagħqid ta' affiss ma' affiss ieħor f'kelma kumplessa. Hemm żewġ aspetti ewlenin rilevanti: a) il-mod ta' kif jitpoġġew il-bażi u l-affissi biex tinbena kelma kumplessa li fiha aktar minn affiss wieħed, u b) il-possibilitajiet kombinatorji u l-ordni tal-affissi derivattivi meta jokkorru ħdejn xulxin.

Abbażi ta' dawn iż-żewġ aspetti, din it-taqsima tinqasam hekk. Nibda billi niddiskuti l-ewwel aspett (taqsima 2.3.1.), ngħaddi biex niddiskuti r-relazzjoni bejn il-prefissi u s-suffissi (taqsima 2.3.2.) u r-relazzjoni bejn is-suffissi derivattivi u inflettivi meta jokkorru ħdejn xulxin (taqsima 2.3.3.). Nagħlaq din il-parti billi nsemmi tliet approċċi teoretiċi differenti relatati mat-tieni aspett (taqsima 2.3.4.).

### 2.3.1. L-istruttura tal-kelma kumplessa

Hemm diversi possibilitajiet kif inħarsu lejn l-istruttura tal-kelma fi kliem magħmul minn bażi u żewġ affissi, jew aktar, bħal *negozjanti* jew *diżinteressat*. Dixon (2014, p. 4) jargumenta li xi minn daqqiet, il-binja tad-derivazzjonijiet trid tokkorri f'ordni fissa waqt li drabi oħra, l-ordni

mhuwiex fattur importanti. Ngħidu aħna, hemm żewġ modi kif ninterpretaw l-istruttura tal-kelma kumplessa *diżinteressat*:

| | | |
|---|---|---|
| (16) | bażi: interess | bażi: interess |
| | żid *diż-*: diżinteress | żid *-at*: interessat |
| | żid *-at*: diżinteressat | żid *diż-*: diżinteressat |

Aktarx li ż-żewġ modi ta' interpretazzjoni huma possibbli ladarba fil-Malti jeżistu kemm *diżinteress*, kif ukoll *interessat*. Biss dan mhux dejjem hu l-każ. Lieber (2022, p. 40), ngħidu aħna, targumenta li fil-każ tal-kelma Ingliża *unhappiness*, l-ewwel irid jingħaqad il-prefiss *un-* mal-bażi u mbagħad jista' jingħaqad is-suffiss, minħabba li l-prefiss *un-* ma jistax jingħaqad ma' nomi (f'dal-każ, *happiness*), u jokkorri biss ma' aġġettivi (f'dal-każ, *happy*).

2.3.2. Is-suffissi u l-prefissi fil-kelma kumplessa

Mill-qari li għamilt jidher li hemm tendenza lingwistika mifruxa li tippreferi s-suffissi fuq il-prefissi. Hu u jasserixxi din l-osservazzjoni, Bauer (2014, p. 128) isemmi li hemm evidenza li l-aktar parti importanti fil-kelma hija l-bidu tagħha. Hija l-bidu tal-kelma li twitti t-triq biex is-semmiegħ jibda jipproċessa l-kelma fil-ħażna mentali biex ikun jista' jsib il-kontenut rilevanti (semantiku u l-bqija) bl-aktar mod effiċjenti. Jekk il-bidu tal-kelma tkun prefiss, il-proċess mentali jtul aktar. Din jaf tkun ir-raġuni ewlenija għall-fatt li, b'mod ġenerali, il-lingwi jippreferu s-suffissi mill-prefissi. Tant hu hekk li hemm ħafna iżjed lingwi li għandhom suffissi u m'għandhomx prefissi milli bil-kontra. Intant, f'lingwi fejn jokkorru t-tnejn, aktarx li s-suffissi huma aktar komuni. Dan jikkonfermawh Martin u Culberston (2020, p. 1108) li abbażi ta' database kbira ta' lingwi, juru li 55% tal-lingwi jippreferu s-suffissi waqt li 16% biss għandhom preferenza għall-prefissi.

Il-morfoloġija derivattiva konkatenattiva fil-Malti tistrieħ aktar fuq is-suffissi milli fuq il-prefissi. Din l-istqarrija hija kongruwenti kemm ma' dak li għidt qabel, kif ukoll mat-tendenza Indo-Ewropea li wkoll tmil lejn is-suffissazzjoni fl-użu tal-mekkaniżmi derivattivi (Sailaja,

2014, p. 451). Dan il-paragun hu kruċjali għax, wara kollox, il-morfoloġija konkatenattiva derivattiva fil-Malti hi, fil-maġġorparti, Indo-Ewropea.

### 2.3.3. L-affissi derivattivi u inflettivi fil-kelma kumplessa

Tendenza oħra mifruxa osservata fi kliem kumpless b'żewġ affissi jew aktar tikkonċerna l-ordni tal-affissi derivattivi u inflettivi meta jokkorru ħdejn xulxin. B'mod ġenerali, affissi derivattivi jokkorru eqreb tal-bażi mill-affissi inflettivi. Fi kliem ieħor, meta jokkorru ħdejn xulxin b'mod konkatenattiv, l-affiss inflettiv jitfaċċa wara l-affiss derivattiv (Arregi & Nevins, 2018, p. 626; Rice, 2011, p. 169; Saarinen & Hay, 2014, p. 371; *inter alia*). Skont Saarinen u Hay, huma verament ftit l-eċċezzjonijiet għal din it-tendenza. Dan il-fenomenu hu tant mifrux u magħruf li Greenberg (1963), niżżlu bħala wieħed mill-kunċetti universali: Kunċett Universali 28 - Derivazzjoni ġewwa l-Inflessjoni.

Spjegazzjoni li spiss tingħata għal din l-okkorrenza hija li l-affissi jingħaqdu b'mod inkrimentali u b'mod li jirriflettu l-funzjoni sintattika. Ladarba huma meqjusin aktar sintattiċi mill-affissi derivattivi, l-affissi inflettivi jiżdiedu l-aħħar.

Anke fil-Malti nosservaw din it-tendenza. Fil-kelma kumplessa *negozjanti*, ngħidu aħna, is-suffiss inflettiv tal-plural jokkorri wara s-suffiss derivattiv tal-aġent. Ma jidhirx li hemm eċċezzjonijiet.

### 2.3.4. Approċċi teoretiċi differenti

Meta diversi affissi jingħaqdu mal-istess bażi, il-mistoqsija tqum waħedha – f'liema ordni jitfaċċaw fir-rigward ta' xulxin? Din id-diffikultà ma titfaċċax fi kliem magħmul minn prefiss + bażi + suffiss iżda meta jingħaqdu aktar minn żewġ prefissi jew suffissi ma' bażi waħda (eż. bażi + suffiss + suffiss). Apparti l-limitazzjonijiet li jippressuponu saffi ta' provenjenza differenti (ara taqsima 2.2.1.), fil-letteratura jissemmew tliet approċċi ewlenin.

L-ewwel approċċ għandu x'jaqsam mar-restrizzjonijiet speċifiċi tal-affissi (ara taqsima 2.2.2.). Ir-restrizzjonijiet morfoloġiċi, fonoloġiċi, semantiċi, u l-bqija, ta' affiss partikolari

mhux biss jirrestringu l-possibilitajiet tat-tagħqid bejn l-affiss u l-bażi iżda wkoll bejn affiss u affiss ieħor. Is-suffiss *-ità* fil-Malti, ngħidu aħna, għandu tendenza jingħaqad ma' suffissi aġġettivali meta jokkorri wara suffissi derivattivi oħrajn (eż. *ċentralità*, *ġenerożità* u *diviżibilità*). Din hija restrizzjoni sintattika.

It-tieni teorija diskussa b'referenza mal-ordni tal-affissi tikkonċerna l-ambitu semantiku (*semantic scope*, traduzzjoni tiegħi). Skont din it-teorija, kull affiss li jiżdied ma' kelma kumplessa, jadotta t-tifsira tal-kelma li magħha jingħaqad, inkluż tal-affissi li jkunu magħqudin diġà mal-bażi. Kull affiss li jiżdied huwa usa' fl-ambitu tiegħu mill-bażi u l-affissi l-oħra. F'din it-teorija, mela, huwa t-tifsir ta' kull affiss li jiddetermina l-ordni tal-affissi (Bauer, 2014, p. 132; Rice, 2011, p. 174). Skont din il-mixja ta' ħsieb, is-suffiss derivattiv *-ità* huwa usa' fl-ambitu tiegħu mill-affiss *-ali* u mill-bażi *ċentru* fil-kelma *ċentralità*.

It-tielet mudell teoretiku kien ir-risposta ta' Hay li, fix-xogħol seminali tagħha (2002, p. 534), targumenta kontra l-limitazzjonijiet li jippressuponu saffi ta' provenjenza differenti għax, skontha, huma restrittivi wisq u l-assunzjonijiet dwar l-astrazzjoni involuta mhumiex korretti. F'din il-linja ta' ħsieb, tintroduċi teorija mibnija fuq ir-restrizzjonijiet tal-ipproċessar. Hija teorija li tamalgama l-kunċett tal-frekwenza mal-irwol tal-fonoloġija fil-proċess morfoloġiku biex tasal tispjega, bi ftit eċċezzjonijiet, ir-restrizzjonijiet fl-ordni tal-affissi. It-teorija, imsejħa *Complexity-Based Ordering*, tgħid li l-affissi jistgħu jiġu elenkati f'forma ta' ġerarkija skont il-kumplessità fl-ipproċessar tal-kelma. L-affissi li jistgħu faċilment jiġu separati minn mal-bażi jokkorru aktar 'l isfel fil-ġerarkija mill-affissi li jsibuha aktar diffiċli biex jinfirdu minn mal-bażi (Hay & Plag, 2004, p. 571). Il-ġerarkija tinbena bis-saħħa ta' fatturi ekstralingwistiċi bħalma huma l-produttività u l-parsabilità tal-affiss inkwistjoni.

Skont Plag u Baayen, (2009, p. 4), il-konsegwenza ewlenija li għandha din it-teorija fuq l-ordni tal-affissi, hi, li dawk l-affissi li huwa aktar diffiċli biex jiġu separati minn mal-bażi (*less parsable affixes*) ma jistgħux jingħaqdu, jew jokkorru wara affissi li jsibuha aktar faċli jinfirdu mill-bażi (*more parsable affixes*). Nikkwota hawnhekk l-idea oriġinali ta' Hay (2002, pp. 527-

528) fid-dawl ta’ din it-teorija: “*Phrased in terms of processing, an affix that can be easily parsed out should not occur inside an affix that cannot*.”

Jidher li din it-teorija ntlaqgħet sew mill-komunità lingwistika, tant li huma bosta l-lingwisti li applikaw il-prinċipji tagħha f’lingwi differenti, fosthom it-Taljan (Talamo, 2015) u r-Russu (Sims & Parker, 2015). Wara kollox, kif juru dawn l-istudji, hija teorija psikolingwistika li faċli tiġi studjata għax tistrieħ fuq fatturi empiriċi li jistgħu jiġu analizzati xjentifikament. Mill-qari li għamilt, ma jidhirx li ħadd qatt ppruva jistudja din it-teorija b’referenza għall-Malti.

## 2.4. Figuri

Kif semmejt fil-bidu tal-kapitlu, nagħlaq din id-diskussjoni teoretika fuq ir-restrizzjonijiet b’żewġ figuri li, b’mod konċiż, jippreżentaw it-teoriji u l-oqfsa rilevanti għall-formazzjoni tal-kelma/binja tal-kliem kumpless u li ddiskutejt f’dan il-kapitlu.

L-ewwel figura (figura nru 2) hi aktar ġenerali u tippreżenta oqfsa rilevanti għall-formazzjoni tal-kelma. Fiha nippreżenta l-oqfsa u teoriji ewlenin, diskussi fil-letteratura, vis-à-vis il-kliem kumpless magħmul minn bażi u affiss derivattiv wieħed, u l-kliem kumpless li fih aktar minn żewġ affissi derivattivi. Hemm żewġ teoriji ewlenin li huma diskussi fid-dawl tal-kliem kumpless b’affiss derivattiv wieħed: il-limitazzjonijiet ġenerali u r-restrizzjonijiet speċifiċi. Mill-banda l-oħra, f’dan il-kapitlu semmejt erba’ teoriji/ipoteżijiet ewlenin li normalment jiġu diskussi b’referenza għall-kliem li jkun fih aktar minn affiss derivattiv wieħed u kif dawn jiġu ordnati wara xulxin.

It-tieni figura (figura nru 3) hija aktar speċifika mill-ewwel waħda u tiffoka biss fuq it-tipoloġija tar-restrizzjonijiet speċifiċi. Nippreżenta hawn is-seba’ restrizzjonijiet speċifiċi ewlenin diskussi fit-taqsima 2.2.2., u ngħid kelma fuq kull waħda. Ir-restrizzjonijiet morfoloġiċi u fonoloġiċi nerġa’ naqsamhom ladarba hemm tipi differenti li jaqgħu taħt dawn it-tabelli.




**Figura nru 2:** Teoriji rilevanti tal-formazzjoni tal-kelma




**Figura nru 3:** Tipoloġija tar-restrizzjonijiet speċifiċi

# 3. Ġabra ta' suffissi u spunti metodoloġiċi

Dan il-kapitlu jinqasam fi tliet partijiet ewlenin. Fl-ewwel parti nippreżenta ġabra ta' suffissi derivattivi mislufin li nsibu fil-Malti. Pass bħal dawn huwa importanti ladarba, sa fejn naf jien, lista eżawrjenti ta' suffissi ma saritx għall-Malti. Fit-tieni nagħmel għadd ta' osservazzjonijiet u nippreżenta xi numri relatati ma' dawn il-ġabriet. Nagħlaq il-kapitlu b'taqsima li fiha niġġustifika xi deċiżjonijiet relatati mal-analiżi u niġġustifika l-għażla tas-suffissi li nanalizza fid-dettall f'dan ix-xogħol.

## 3.1. Ġabra ta' suffissi mislufin

Lucas u Čéplö (2020, p. 276) jagħrfu li fil-Malti hemm għadd kbir ta' suffissi derivattivi mislufin mir-Rumanz. Minkejja din l-osservazzjoni, l-awturi stess jirrimarkaw li lista definittiva li tiġbor flimkien dawn l-affissi għadha qatt ma saret għall-Malti. Abbażi ta' dan, nippreżenta żewġ tabelli b'ġabra ta' suffissi derivattivi mislufin. L-ewwel ġabra tinbena bl-użu ta' xi listi, u tabelli, ta' suffiss derivattivi li sibt fil-letteratura lokali. It-tieni ġabra hija adattament tal-ewwel ġabra għax tippreżenta dawn is-suffissi derivattivi b'mod aktar sistematiku.

Ladarba huma ġabriet ta' suffissi mislufin, neskludi suffissi derivattivi ta' oriġini Għarbija. Neskludi wkoll il-prefissi derivattivi u s-suffissi mislufin b'funzjoni verbali ladarba l-analiżi tar-restrizzjonijiet tiffoka biss fuq is-suffissi u ma tinkludix suffissi verbali. It-tabelli nru 6 u nru 7, mela, huma ġabriet ta' suffissi konkatenattivi mislufin li huma jew nominali jew aġġettivali jew avverbjali. Hemm anke xi ftit li għandhom funzjoni parteċipjali (bħal *-ut*) u oħrajn li jindikaw nom verbali tal-unità (bħal *-tura*).

### 3.1.1. L-ewwel ġabra

Skont dawn il-kriterji u l-letteratura disponibbli, bnejt l-ewwel ġabra bl-użu ta' ħames sorsi ewlenin. Primarjament fosthom hemm it-teżi ta' Camilleri (1993), li permezz tad-dizzjunarju ta' Aquilina (1987-1991), telenka 63 suffiss nominali Rumanzi fil-Malti, u tippreżentahom

f'tabella (ara pp. 16-21). Dawn kollha inkludejthom fil-lista. Lista oħra li sibt utli għal dan l-istħarriġ hija dik ta' Brincat u Mifsud (2016), li fit-taqsima fuq l-istrat lingwistiku Rumanz fil-Malti, jippreżentaw l-aktar suffissi Rumanzi komuni (ara p. 3360). Sors ieħor kien it-teżi ta' Sammut (2015) li fix-xogħol tagħha tippreżenta tabella bi wħud mis-suffissi aġġettivali fil-Malti. Minn din it-tabella (ara p. 38), eskludejt suffissi bħal *-i* u *-ani/-ieni* li mhumiex ta' oriġini Rumanza.

Dawn it-tliet sorsi kienu biżżejjed biex nibni l-ġabra għal dan ix-xogħol. Biss, ħarist lejn żewġ sorsi oħra li wkoll jinkludu xi forma ta' lista bl-affissi derivattivi biex il-lista tkun, kemm jista' jkun, eżawrjenti. Saade (2020) jippreżenta żewġ tabelli qosra (ara p. 454 u p. 455) b'xi wħud mill-affissi derivattivi Rumanzi. Borg u Azzopardi-Alexander (1997) jagħtu lista qasira ta' suffissi nominali Rumanzi (ara p. 287). Mill-qari li għamilt, ma jidhirx li hemm ġabriet, tabelli jew listi oħrajn rilevanti għal dan it-taħriġ.

Wara li dort bir-reqqa dawn il-ħames sorsi, wasalt għal lista ta' 72 suffiss derivattiv misluf li nsibu fil-Malti. Kif speċifikajt qabel, dan in-numru jeskludi s-suffissi verbali. Dawn is-suffissi nippreżentahom f'tabella nru 6 li tinqasam f'erba' kolonni.

L-ewwel kolonna tippreżenta s-suffissi alfabetikament. Il-varjanti tal-istess suffiss qegħdin ġo kaxxa waħda (eż. *-abbli/-ibbli*). Għall-konsistenza, ġbart ukoll u preżentajt f'ringiela waħda suffissi differenti li sibt f'sorsi differenti iżda huma varjanti ta' xulxin (eż. *-atura/-tura*). L-għan ta' dan kien li t-tabella tkun kemm jista' jkun konċiża mingħajr ma nesskludi l-ebda varjant. F'dawn il-każijiet, indikajt is-sors fil-parentesi. Għal raġunijiet prattiċi, il-forom inflettivi tal-istess suffiss ma poġġejthomx flimkien (eż. *-ell* u *-ella*). Sfortunatament, innutajt li f'dan ir-rigward, is-sorsi mhux dejjem kienu konsistenti. Ngħidu aħna, la nsibu l-forma inflettiva *-grafa/-ografa* (eż. *fotografa*) u lanqas *-iża* (eż. *Ingliża*). Is-suffissi fl-ewwel kolonna ħallejthom kif sibthom fl-oriġinal, fis-sors, ħlief għal dawk li ġibt minn Brincat u Mifsud (2016). Dawn neħħejtilhom id-daqqa tal-aċċent għall-fini ta' konsistenza (eż. minn *-ázz* għal *-azz*).

Fit-tieni kolonna niżżilt xi eżempji ta' kliem kumpless li fih jokkorri s-suffiss derivattiv imsemmi f'dik ir-ringiela. Meta s-suffiss jissemma f'sorsi differenti, fejn hu possibbli, nagħti eżempju minn kull sors. F'dawn, nindika s-sors fil-parentesi. Fejn is-suffiss jidher biss f'sors wieħed (ara t-tielet kolonna), ma nindikax is-sors fit-tieni kolonna. L-inizjali fil-parentesi jfissru hekk:

- (BAA) – Borg u Azzopardi-Alexander (1997)
- (BM) – Brincat u Mifsud (2016)
- (C) – Camilleri (1993)
- (Se) – Saade (2020)
- (St) – Sammut (2015)

It-tielet kolonna tindika s-sors li minnu ħadt is-suffiss. Kif iddiskutejt qabel, il-lista nbniet bl-użu ta' ħames sorsi li fihom sibt xi għamla ta' lista jew tabella. Ma neskludix li hemm xogħlijiet oħra lokali li jsemmu jew jiddiskutu xi affiss minnhom. Ngħidu aħna, Mifsud (2009, p. 314), f'diskussjoni fuq il-produttività, isemmi s-suffiss aġġettivali *-uż*.

Ir-raba' kolonna saret bis-saħħa tal-korpus tal-MLRS. Għal kull suffiss, hemm in-numru ta' types li nsibu fil-korpus. Varjanti differenti tal-istess suffissi fittixthom kollha u huma preżentati għalihom. Ngħidu aħna, il-varjant *-abbli* għandu 976 type fil-korpus waqt li *-ibbli* għandu 529. Għal din it-tabella, it-tiftixiet saru mingħajr kunsiderazzjonijiet inflettivi (eż. *-aġni* biss, mingħajr *-aġnijiet*) u mingħajr kunsiderazzjonijiet ortografiċi (eż. *-età* biss, mingħajr *-eta*; *-iżmu* biss, mingħajr *-izmu*). Dan in-numru jinkludi wkoll types li mhumiex rilevanti, ngħidu aħna, il-kelma *paġna* li tokkorri bħala type fit-tiftixa għal formazzjonijiet kumplessi bis-suffiss *-aġni* jew il-verb *japprezza* għas-suffiss *-ezza*.

Hemm numru ta' suffissi li, meta fittixthom fil-korpus, is-sistema bdiet teħel u tgħidli li hemm problema (*system error*). Aktarx li, f'dawn il-każijiet, is-sistema mhix b'saħħitha biżżejjed biex tagħti rendikont tat-types li jokkorru għax in-numru tagħhom huwa kbir. Dawn il-varjanti jew suffissi li t-tiftixa tagħhom kienet problematika, nindikahom fir-raba' kolonna bit-tabella, 'Problema fis-sistema.'

| Suffiss | Eżempju | Sors | Numru ta' types fil-korpus |
|---|---|---|---|
| -abbli/-ibbli | *probabbli*(BM), *taxxabbli*(St), *sostenibbli*(St) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Sammut | 976, 529 |
| -aġġ/-eġġ | *ekwipaġġ*(C), *arpeġġ*(C), *arbitraġġ*(Se) | ▪ Camilleri<br>▪ Saade | 474, 110 |
| -aġni | *guffaġni*(BAA), *vojtaġni*(BM), *tustaġni*(C) | ▪ Borg & Azzopardi-Alexander<br>▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri | 78 |
| -ajr | *xlukkajr* | ▪ Camilleri | 104 |
| -al | *kriminal* | ▪ Brincat & Mifsud | Problema fis-sistema |
| -ali | *abitwali*(BM), *professjonali*(St) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Sammut | Problema fis-sistema |
| -an/-jan | *Afrikan*, *Eġizzjan* | ▪ Camilleri | Problema fis-sistema, 598 |
| -ant/-ent | *dilettant*, *esponent* | ▪ Camilleri | 1450, Problema fis-sistema |
| -anti/-enti | *penetranti*(BM), *governanti*(C), *insistenti*(St) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri<br>▪ Sammut | 1702, 2643 |
| -ament/-iment(C)<br>-ment(Se) | *notament*(C), *inseriment*(C), *serjament*(Se) | ▪ Camilleri<br>▪ Saade | 3223, 730, Problema fis-sistema |
| -ar(BM + C + Se)<br>-ier(BM + Se) | *nutar*(BM), *arluġġar*(Se), *arġentier*(BM), *kaxxier*(C) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri<br>▪ Saade | Problema fis-sistema, 862 |
| -ari | *popolari*, *supplimentari* | ▪ Sammut | 1379 |
| -arju/-orju | *xenarju*(C), | ▪ Camilleri | 1024, 399 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *interrogatorju*(C), *finanzjarju*(St) | ▪ Sammut | |
| -at | *attentat*(C) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri | Problema fis-sistema |
| -ata | *brikkunata*(BAA), *fenkata*(C), *passiġġata*(Se) | ▪ Borg & Azzopardi-Alexander<br>▪ Camilleri<br>▪ Saade | 7471 |
| -atriċi | *ambaxxatriċi* | ▪ Camilleri | 139 |
| -attiv/-ittiv | *indikattiv*, *pożittiv* | ▪ Brincat & Mifsud | 521, 100 |
| -atur/-tur | *akkużatur*(C), *kaċċatur*(Se) | ▪ Camilleri<br>▪ Saade | Problema fis-sistema |
| -atura(BM)<br>-tura(Se) | *ċekkjatura*(BM), *sparatura*(Se) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Saade | 1002 |
| -azz | *sakranazz*(BM), *pupazz*(Se) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Saade | 409 |
| -azzjoni(BAA + BM)<br>-ezzjoni/-izzjoni/-uzzjoni (C)<br>-zzjoni(Se) | *fissazzjoni*(BAA), *premjazzjoni*(C), *prestazzjoni*(BM),<br>*oġġezzjoni*, *ġurisdizzjoni*, *lokuzzjoni*(C),<br>*organizzazzjoni* (Se) | ▪ Borg & Azzopardi-Alexander<br>▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri<br>▪ Saade | Problema fis-sistema, Problema fis-sistema, 241, 599, 347 |
| -ea | *Ġudea* | ▪ Camilleri | 868 |
| -ell | *indovinell* | ▪ Camilleri | 754 |
| -ella | *sardinella* | ▪ Camilleri | 734 |
| -enza/-anza(C)<br>-nza(Se) | *permanenza*(C), *arroganza*(C), *speranza*(Se) | ▪ Camilleri<br>▪ Saade | Problema fis-sistema, 595 |
| -erija<br>-erja | *stramberija*(BAA), *profumerija*(C), *kattiverja*(BAA) | ▪ Borg & Azzopardi-Alexander<br>▪ Camilleri | 333, 172 |
| -esk | *ġgantesk* | ▪ Sammut | 88 |
| -essa(BM + | *studentessa*(BM), | ▪ Brincat & Mifsud | 270, 164 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| C)<br>-issa(BM) | *dukessa*(C), *barunissa*(BM) | ▪ Camilleri | |
| -età(BAA + C + Se)<br>-ità(C + Se)<br>-tà(C) | *varjetà*(BAA, C), *lealtà*(Se) | ▪ Borg & Azzopardi-Alexander<br>▪ Camilleri<br>▪ Saade | 190, 2456, 3456 |
| -ett | *fjurett* | ▪ Camilleri | 876 |
| -etta | *barbetta*(C), *trumbetta*(Se) | ▪ Camilleri<br>▪ Saade | 796 |
| -evoli | *konsiderevoli* | ▪ Sammut | 137 |
| -ew | *Fariżew* | ▪ Camilleri | Problema fis-sistema |
| -ezza/-izza | *bellezza*(C), *skurizza*(C), *ċertezza*(BAA, Se) | ▪ Borg & Azzopardi-Alexander<br>▪ Camilleri<br>▪ Saade | 339, 1174 |
| -ġenesi | *ovoġenesi* | ▪ Camilleri | 12 |
| -grafija/-ografija | *biblijografija* | ▪ Camilleri | 122, 102 |
| -grafu/-ografu | *stilografu* | ▪ Camilleri | 81, 37 |
| -iċi | *pittriċi*(BM), *attriċi*(St), *matriċi*(St) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Saade<br>▪ Sammut | 2866 |
| -iera | *passiġġiera* | ▪ Camilleri | 435 |
| -ija | *garanzija* | ▪ Camilleri | Problema fis-sistema |
| -ika | *melodika* | ▪ Camilleri | 3638 |
| -iku | *kantiku*(C), *politiku*(St) | ▪ Camilleri<br>▪ Sammut | 2689 |
| -in | *biskuttin* | ▪ Camilleri<br>▪ Saade | 7461 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| -ina | *ċikkulatina* | ▪ Camilleri | 2715 |
| -ist | *attivist*(BAA), *dentist*(BM), *attivist*(C) | ▪ Borg & Azzopardi-Alexander<br>▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri | 884 |
| -ista | *xjentista*(BM), *ċiklista*(C) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri | 1182 |
| -ita | *Iżraelita* | ▪ Camilleri | 1948 |
| -ite | *meteorite* | ▪ Camilleri | 482 |
| -itù | *servitù* | ▪ Camilleri | 22 |
| -iva | *inizjattiva* | ▪ Camilleri | 1418 |
| -iż | *Ingliż*(BM), *Franċiż*(C) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri | 646 |
| -iżmu | *xettiċiżmu*(BAA), *realiżmu*(BM), *sadiżmu*(C), *senswaliżmu*(Se) | ▪ Borg & Azzopardi-Alexander<br>▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri<br>▪ Saade | 1046 |
| -izju | *ġentilizju* | ▪ Camilleri | 59 |
| -izzju | *preġudizzju* | ▪ Brincat & Mifsud | 72 |
| -joni | *deċiżjoni*(BM), *tensjoni*(C) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri | Problema fis-sistema |
| -ju | *karbonju* | ▪ Camilleri | Problema fis-sistema |
| -loġija | *oftalmoloġija* | ▪ Camilleri | 377 |
| -logu | *djalettologu* | ▪ Camilleri | 113 |
| -metrija | *radjumetrija* | ▪ Camilleri | 70 |
| -ojde | *asterojde* | ▪ Camilleri | 9 |
| -ott | *pulizjott*(C), *ġuvnott*(Se) | ▪ Camilleri<br>▪ Saade | 274 |
| -skopija | *stereoskopija* | ▪ Camilleri | 31 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| -skopju | *astroskopju* | ▪ Camilleri | 26 |
| -tomija | *flebotomija* | ▪ Camilleri | 43 |
| -udni | *platitudni*(BM), *solitudni*(C) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri | 67 |
| -un | *ħmarun*(BM), *berittun*(C), *darun*(Se) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Camilleri<br>▪ Saade | Problema fis-sistema |
| -unazz | *pastażunazz* | ▪ Camilleri | 1 |
| -ur | *difensur*(C) | ▪ Camilleri<br>▪ Brincat & Mifsud | Problema fis-sistema |
| -ura | *bravura* | ▪ Borg & Azzopardi-Alexander | 1610 |
| -uri | *superjuri* | ▪ Sammut | Problema fis-sistema |
| -ut | *spellut*(BM) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Saade | 1157 |
| -uż | *kurjuż*(BM), *nkejjuż*(St), *prezzjuż*(St) | ▪ Brincat & Mifsud<br>▪ Saade<br>▪ Sammut | 653 |

**Tabella nru 6:** Ġabra ta' suffissi mislufin mir-Rumanz

### 3.1.2. It-tieni ġabra

Abbażi tal-lista ta' hawn fuq (ara tabella nru 6), nippreżenta lista aktar sistematika tas-suffissi derivattivi (aġġettivali, nominali u avverbjali) fil-Malti. F'din il-lista nirfina l-ġabra ta' qabilha billi: a) innaqqas, kemm nista', il-forom allomorfiċi ta' kull suffiss, b) inneħħi l-forom inflettivi tal-istess suffiss (eż. *-ika*, *-iku*) u nippreżenta biss il-forma li l-aktar tokkorri (għal dan l-eżempju, *-iku*), u ċ) naqsam is-suffissi skont il-funzjoni tagħhom. Dan ifisser li wħud mis-suffissi, bħal *-ment*, jokkorru aktar minn darba ladarba għandhom aktar minn funzjoni waħda.

Għalkemm ma neskludix li hemm suffissi derivattivi oħra li l-Malti ssellef, din il-ġabra hija t-tentattiv tiegħi li nippreżenta lista, kemm jista' jkun, eżawrjenti. Biex nilħaq dan it-tir, nuża lista tas-suffissi derivattivi fit-Taljan mis-sit ta' Treccani li magħha nqabbel l-elenku tiegħi. Permezz ta' din l-analiżi komparattiva, intbaħt li hemm suffissi derivattivi rilevanti li ma inkludejthomx fl-ewwel lista (f'tabella nru 6). Dawn huma s-suffissi aġġettivali *-issimu*/*-issmu* u *-ott*, u s-suffissi nominali *-anza* u *-ożi*/-osi. Il-lista t'hawn taħt tinkludi wkoll suffissi mill-Ingliż (*-er* u *-ing*) ladarba dawn, għalkemm marġinali, nistgħu nargumentaw li daħlu fil-Malti.

Biex nippreżenta dan kollu, naqsam il-ġabra f'żewġ partijiet ewlenin: dawk li ġejjin mit-Taljan/Sqalli u dawk li ġejjin mill-Ingliż. Għal kull suffiss mogħti (l-ewwel kolonna), nagħti s-suffiss fil-lingwa sors (it-tieni kolonna), xi noti fuq is-semantika/is-sinifikat (it-tielet kolonna) u xi eżempji (r-raba' kolonna). L-ordni hija alfabetika.

Xi punti fuq it-tieni u t-tielet kolonni. Għalkemm hawn nagħti s-suffiss kif inhu fit-Taljan, ma neskludix li ħafna minn dawn is-suffissi daħlu mill-Isqalli, jew possibilment, bl-influwenza tat-tnejn. Minħabba dan, ikun jixraq li jsiru studji etimoloġiċi biex jidentifikaw is-sors, jiġifieri l-varjetà partikolari li minnha daħal kull suffiss. Is-suffiss *-iż* (eż. f'*Ġermaniż*), ngħidu aħna, aktarx li daħal mill-Isqalli u mhux mit-Taljan (< *-ese*).

Għat-tifsira ta' kull suffiss (it-tielet kolonna), nistrieħ l-aktar fuq dak li jgħidu d-dizzjunarji online ta' Treccani u ta' De Mauro b'rabta mal-lingwa sors. Biss, tajjeb inżommu f'moħħna li wħud minnhom, aktarx, għaddew minn żviluppi semantiċi fil-Malti. Punt ieħor rilevanti għat-tielet kolonna huwa li ħdejn it-tifsira ta' wħud minnhom hemm it-taqsira fil-parentesi: (tras.). Din it-taqsira tintuża għal dawk is-suffissi li huma traspożizzjonali (*transpositional affixes*, traduzzjoni tiegħi). Kontra ta' suffissi oħra li għandhom funzjoni semantika li tispikka, bħad-diminuttiv, dawn is-suffissi ma jkollhomx wisq piż semantiku u l-funzjoni primarja tagħhom tkun li jbiddlu l-parti tad-diskors tal-bażi (Lieber, 2022, p. 43).

| Mit-Taljan/Sqalli | | | |
|---|---|---|---|
| Aġġettivali | | | |
| **Suffiss** | **Fis-sors** | **Sens/semantika** | **Eżempji** |
| -abbli/-ibbli | -bile | jindika attitudni, possibiltà jew opportunità | *aċċettabbli, kredibbli* |
| -ajr | -aro/-aio[28] | jindika relazzjoni man-nom tal-bażi (tras.) | *ħabsajr, sindikajr* |
| -ali | -ale | jindika relazzjoni man-nom tal-bażi (tras.) | *funzjonali, industrijali* |
| -anti/-enti | -ante/-ente | jifforma aġġettivi jew nomi tal-aġent | *brillanti, kummidjant* |
| -ari | -are | jifforma aġġettivi li juru relazzjoni (tras.) | *eżemplari, familjari* |
| -arju | -ario | jindika relazzjoni man-nom tal-bażi (tras.) | *letterarju, sanitarju* |
| -attiv/-ittiv | -tivo | jindika relazzjoni mal-verb tal-bażi (tras.) | *edukattiv, sensittiv* |
| -evoli | -evole | jindika attitudni, kapaċità, possibiltà jew neċessità | *konsiderevoli, pjaċevoli* |
| -iku | -ico | jindika relazzjoni man-nom tal-bażi (tras.) | *filosofiku, ġurnalistiku* |
| -issimu/-issmu | -issimo | sens intensiv, grad superlattiv | *bravissimu, importantissmu* |
| -ita | -ita | suffiss li jindika abitant jew membru ta' reliġjon | *Ġiżwita, Iżraelita* |
| -iż | -ese | abitant jew lingwa | *Franċiż, Portugiż* |
| -ott | -ota | abitant jew lingwa | *Ċiprijott* |
| -uri | -ore | jindika relazzjoni man-nom tal-bażi (tras.) | *maġġuri, superjuri* |

[28] Skont Aquilina (1987-1991, p. 14)

| | | | |
|---|---|---|---|
| -uż | -oso | xi ħadd jew xi ħaġa li fihom tispikka xi kwalità | *famuż, reliġjuż* |
| **Nominali** | | | |
| **Suffiss** | **Fis-sors** | **Sens/semantika** | **Eżempji** |
| -aġni | -aggine | jesprimi kwalità astratta, ħafna drabi, b'konnotazzjoni negattiva | *fittaġni, traskuraġni* |
| -aġġ | -aggio | jintuża l-aktar biex jesprimi proċessi tekniċi | *arbitraġġ, riċiklaġġ* |
| -an | -ano | professjoni, provenjenza jew abitant | *Amerikan, kappillan* |
| -anza/-enza | -anza | jesprimi nomi astratti mnisslin mill-verb jew l-aġġettiv (tras.) | *injoranza, dipendenza* |
| -ar/-ier | -iere | jesprimi l-aġent, il-professjoni | *ġardinar, kaxxier* |
| -ata | -ata | jindika azzjoni jew avveniment wieħed | *passiġġata, xalata* |
| -at[1] | -ato | kariga, pożizzjoni | *ċelibat, konsulat* |
| -at[2] | -ato | parteċipju passiv | *preparat, studjat* |
| -azz | -azzo | dispreġjattiv | *pupazz, sakranazz* |
| -ell | -ello | diminuttiv | *biskuttell, indovinell* |
| -erija/-erja | -eria | postijiet, oġġetti fil-kollettiv jew kwalità | *biċċerija, inġinerija, stramberija* |
| -esk | -esco | jesprimi relazzjoni jew kwalità | *ġgantesk, pulizjesk* |
| -essa/-issa | -essa | jifforma l-femminil | *poetessa, prinċipessa* |
| -età/-ità | -età | jesprimi nomi astratti mnisslin mill-verb (tras.) | *varjetà, opportunità* |
| -ett | -etto | diminuttiv | *fuljett, važett* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| -ezza | -ezza | jesprimi kwalità (tras.) | *ċertezza*, *laxkezza* |
| -ja | -ia | jintuża l-aktar f'formazzjonijiet femminili mnisslin minn aġġettivi (tras.) | *korteżija*, *traġedja* |
| -ika | -ica | dixxiplina jew attività | *lingwistika*, *robotika* |
| -in | -ino | diminuttiv | *biskuttin*, *festin* |
| -ist | -ista | jesprimi l-aġent jew il-persuna li ssegwi xi ideoloġija | *ġurnalist*, *soċjalist* |
| -it | -ito | partiċipju passiv | *projbit* |
| -ita | -ita | jindika abitant jew membru ta' reliġjon | *ġiżwita*, *Iżraelita* |
| -ite | -ite | jintuża f'diversi dixxiplini fosthom fil-mediċina, fil-minerali u fil-kimika organika | *bronkite*, *pulmonite* |
| -iż | -ese | abitant jew lingwa | *Franċiż*, *Ingliż* |
| -iżmu | -ismo | jesprimi kunċett astratt, mod ta' ħsieb jew movimenti reliġjużi, soċjali, filosofiċi eċċ. | *idealiżmu*, *ottimiżmu* |
| -izzju | -izio | suffiss derivattiv ta' oriġini Latina | *eżerċizzju*, *ġudizzju* |
| -joni | -ione | suffiss preżenti f'nomi femminili mnisslin mill-verb (tras.) | *diskussjoni*, *invażjoni* |
| -ment | -mente | jindika l-att li jesprimi l-verb (tras.) | *inseriment*, *rikonoxximent* |
| -ojd(e) | -oide | simili għal xi ħaġa | *asterojde*, *suffissojd* |
| -ożi/-osi | -osi | jindika kundizzjoni jew stat (terminoloġija medika) | *ipnożi/ipnosi* *trombożo/trombosi* |
| -ott[1] | -ota | abitant | *Ċiprijott* |
| -ott[2] | -otto | diminuttiv | *ġuvnott*, *pulizjott* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| -tudni | -itudine | suffiss preżenti f'nomi astratti ta' oriġini Latina | *gratitudni, manswetudni* |
| -tur | -tore | jesprimi l-aġent jew l-għodda | *konsumatur, preżentatur* |
| -tura | -tura | jindika l-azzjoni jew ir-riżultat | *rankatura, sparatura* |
| -un | -one | akkrexxittiv | *ħmarun, furkettun* |
| -ura | -ura | joħloq nomi femminili mnisslin minn verb u jindika riżultat jew l-effett | *bravura, skultura* |
| -ut | -uto | parteċipju passiv | *spellut, splodut* |
| -zzjoni | -zione | jindika l-azzjoni jew ir-riżultat (tras.) | *amministrazzjoni, edukazzjoni* |
| **Avverbjali** | | | |
| **Suffiss** | **Fis-sors** | **Sens/semantika** | **Eżempji** |
| -ment | -mente | il-mod, manjiera | *kontinwament, serjament* |
| **Suffissojdi** | | | |
| **Suffissojd** | **Fis-sors** | **Sens/semantika** | **Eżempji** |
| -ġenesi | -genesi | marbut mal-oriġini, il-formazzjoni, l-iżvilupp | *metanoġenesi, ovoġenesi* |
| -grafija | -grafia | kitba, rappreżentazzjoni grafika, studju | *ġeografija, kaligrafija* |
| -grafu | -grafo | professjoni | *radjografu, vidjografu* |
| -loġija | -logia | studju sistematiku, teorija | *fonoloġija, psikoloġija* |
| -logu | -logo | esperti, studjużi | *morfologu, teologu* |
| -metrija | -metria | kejl, grad | *simetrija, trigonometrija* |
| -skopija | -scopia | osservazzjoni jew eżami ta' xi organu | *endoskopija, kolonoskopija* |
| -skopju | -scopio | strument użat għall- | *astroskopju,* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | osservazzjoni ta' xi organu | *mikroskopju* |
| -tomija | -tomia | diviżjoni, separazzjoni, amputazzjoni | *lobotomija, vasektomija* |
| **Mill-Ingliż** | | | |
| **Nominali** | | | |
| **Suffiss** | **Fis-sors** | **Sens/semantika** | **Eżempji** |
| -er | -er | jesprimi l-aġent jew l-għodda | *parker, printer* |
| -ing | -ing | jesprimi l-azzjoni jew ir-riżultat tal-proċess | *buking, welding* |

**Tabella nru 7:** Ġabra sistematika ta' suffissi mislufin mir-Rumanz u mill-Ingliż

Xi ftit osservazzjonijiet fuq din il-lista. Qabelxejn, waqt li huwa minnu li dawn is-66 segment jitqiesu bħala suffissi jew suffissojdi fil-letteratura lokali u fit-Taljan (skont id-dizzjunarju ta' Treccani u/jew De Mauro), ikun xieraq li jsiru studji sistematiċi biex janalizzaw il-kuntest u l-frekwenza ta' dawn is-segmenti biex jistabilixxu jekk tabilħaqq jistgħux jitqiesu bħala suffissi Maltin. Fost il-kriterji li jistgħu jintużaw hemm dawk ta' Dixon li ddiskutejt f'taqsima 1.5.2.

Fuq is-suffissojdi. Għalkemm ikklassifikajt 9 segmenti bħala suffissodji, tajjeb niftakru li l-karatteristiċi tal-affissojdi huma dibattibbli u li fil-letteratura jeżistu diversi definizzjonijiet għal dan il-kunċett (ara taqsima 1.5.2.1.). Għal din ir-raġuni, ikun għaqli li jsiru aktar studji fuq il-fenomenu tal-affissjodi fil-Malti.

Kif semmejt qabel, għal dan l-eżerċizzju, irreferejt għal ġabra ta' suffissi Taljani derivattivi mis-sit ta' Treccani. F'din il-lista, kien hemm għadd ta' suffissi li ma inkludejthomx fil-lista tiegħi għax ma jokkorrux fil-Malti jew huma verament rari. Fost dawn hemm: *-aglia* (aktarx li, l-unika kelma li tokkorri fil-Malti b'dan is-suffiss hija *marmalja*), *-astro*, *-errimo*, *-frago* (aktarx li, l-uniku type li jokkorri fil-Malti huwa *nawfragu*). Hemm ukoll is-suffiss peġġorattiv *-aċċ* minn *-accio* li fil-Malti nsibuh fil-kelma *żubbaċċ*, kif ukoll żewġ suffissi li jesprimu d-diminuttiv, *-ozz* minn *-uzzo* u *-uċċu* minn *-uccio*. Għal dawn tal-aħħar, Cutajar (2019) targumenta li jeżisti biss type wieħed fil-Malti għal kull suffiss, *filjozz* u *reuċċu*,

rispettivament. Diffiċli targumenta li dawn huma suffissi Maltin minħabba n-numru baxx ta' types li jokkorru.

Osservazzjoni oħra hi li hemm numru ta' suffissi li jokkorru f'aktar minn kategorija waħda. Fost dawn jispikkaw is-suffissi li joqogħdu ma' kliem li jesprimi abitant jew lingwa, bħal *-ita*, *-iż* u *-ott*. Hemm ukoll is-suffiss *-ment* li huwa kemm nominali u kemm avverbjali, skont il-kuntest.

Nagħlaq din it-taqsima billi, fuq fuq, nikkummenta fuq fenemonu li jikkonċerna wħud minn dawn is-suffissi u li jiddiskutih fid-dettall Mifsud (2009, p. 320). Is-suffissi *-ali*, *-anti*, *-enti*, *-ari* u *-uri* jieħdu forma oħra fil-Malti meta jintużaw f'kuntest nominali, ngħidu aħna, *kriminal* (minn *kriminali*) u *militar* (minn *militari*). Kif jixhdu dawn l-eżempji, dawn l-aġġettivi integraw fis-sistema Maltija b'analoġija ta' pari oħra (bħal, *dawl* - *dawli*) u ffurmaw varjant ieħor bit-twaqqigħ tal-aħħar vokali.

## 3.2. Statistika ħafifa fuq il-ġabriet tas-suffissi

Abbażi tal-informazzjoni preżentata fiż-żewġ tabelli (tabellu nru 6 u nru 7), nislet hawn xi osservazzjonijiet u nippreżenta statistika li, b'mod konċiż, tixħet dawl fuq il-kwantità ta' types, in-numru ta' sillabi u l-oriġini ta' dawn is-suffissi. Din il-parti mhijiex direttament rilevanti għall-analiżi fuq ir-restrizzjonijiet iżda għandha tgħin biex il-ġabra tkun mifhuma aħjar. B'mod aktar speċifiku, din it-taqsima tgħinna nagħrfu żewġ affarijiet: a) li l-Malti ssellef kliem kumpless, silet minnhom l-affiss u għaqqdu ma' bażijiet oħra skont il-ħtieġa, u b) li minkejja l-varjetà kbira ta' suffissi mislufin, mhux kollha jokkorru bl-istess frekwenza.

### 3.2.1. Numru ta' types fil-korpus

Nibda b'analiżi li tiffoka fuq in-numru ta' types li għandu kull affiss fil-korpus. Ladarba fit-tieni ġabra ma nagħtix in-numru ta' types, din l-analiżi tistrieħ biss fuq l-ewwel ġabra. Minn din il-ġabra ta' suffissi, hemm madwar 27 li għandu anqas minn 500 type fil-korpus (ara figura nru 4 hawn taħt). Għall-argument, is-suffiss *-aġni* għandu 78 type waqt li *-atriċi*

għandu 139. Dawn it-27 suffiss huma: *-aġni, -ajr, -atriċi, -azz, -erija, -erja, -esk, -essa/-issa, -evoli, -ġenesi, -grafija/-ografija, -grafu/-ografu, -iera, -ite, -itù, -izju, -izzju, -loġija, -logu, -metrija, -ojde, -ott, -skopija, -skopju, -tomija, -udni, -unazz*.

Hemm imbagħad 45 suffiss li għandu aktar minn 500 type fil-korpus. Ma' dawn qed ninkludi wkoll dawk il-varjanti preżentati f'ringiela waħda li meta jingħaddu flimkien, jaqbżu l-500. Is-suffissi *-aġġ/-eġġ*, ngħidu aħna, għandhom 474 u 110 type rispettivament. Ladarba dawn, meta jingħaddu flimkien, jaqbżu l-500, nikklassifikahom ma' din il-kategorija. Ninkludi wkoll dawk il-varjanti/suffissi li t-tiftixa tagħhom fil-korpus kienet problematika (tat *system error*). Dawn, kif rajna f'taqsima 3.1.1., aktarx li s-sistema mhix kapaċi telenkahom għax għandhom numru mdaqqas ta' types fil-korpus.

Din l-analiżi hi kruċjali għad-dibattitu li jikkonċerna l-identifikazzjoni ta' segment bħala affiss ladarba, abbażi ta' Dixon (ara taqsima 1.5.2.), waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji biex segment jiġi kkunsidrat bħala affiss derivattiv hija li jkun hemm numru ta' okkorrenzi bih. Biss, tajjeb niftakru li dawn in-numri jinkludu types li mhumiex rilevanti u li studji dettaljati li jeħtieġu n-numru veru u propru ta' types, iridu jduru t-types kollha manwalment biex jiddeterminaw liema minnhom huma rilevanti.




**Figura nru 4:** Suffissi b'aktar minn 500 type fil-korpus

### 3.2.2. Oriġini/Provenjenza

Ħarsa lejn it-tieni ġabra turi li l-maġġorparti tas-suffissi preżentati (64 minn 66) huma t'oriġini Rumanza, b'mod speċifiku mit-Taljan jew mill-Isqalli. Hemm biss żewġ suffissi li mhumiex ġejjin mir-Rumanz iżda mislufin mill-Ingliż: *-er* u *-ing*. Biss, ma neskludix li hemm suffissi derivattivi oħra mislufin mill-Ingliż li, riċentament, qed jaqbdu l-għeruq fil-Malti. Osservazzjoni interessanti li tiddistingwi s-suffissi mislufin mill-Ingliż minn dawk mislufin mir-Rumanz hi li, tal-ewwel, ma jiġbdux l-aċċent fuqhom, bħalma jagħmlu dawk Rumanzi. Għalkemm hemm xi eċċezzjonijiet (eż. suffiss *-iku* f'*stor<u>iku</u>*), il-maġġorparti tal-formazzjonijiet bis-suffiss Rumanzi għandhom l-aċċent primarju fuq is-suffiss innifsu.




**Figura nru 5:** L-oriġini tas-suffissi mislufin

## 3.3. Il-metodoloġija u l-għażla tal-affissi

F'din it-taqsima, li biha nagħlaq dan il-kapitlu, nippreżenta l-metodoloġija u l-għażliet kollha li permezz tagħhom nagħmel l-analiżi tal-affissi magħżula. L-għan ta' dawn l-għażliet huwa li l-analiżi tkun waħda sistematika kemm jista' jkun.

### 3.3.1. Spunti metodoloġiċi

Kull lingwa hija sistema magħmula minn komponenti differenti li jaħdmu flimkien, ħafna drabi inkonxjament u kważi b'mod awtomatiku. Biss kif jistqarru diversi lingwisti, fosthom Aronoff u Fudeman (2011, p. 10), kull lingwa taħdem b'mod differenti u għandha l-istorja mżewqa tagħha. Minkejja l-isforzi lingwistiċi biex jinstabu karatteristiċi simili f'lingwi minn

familji differenti, ikun għaqli li nagħmel din l-analiżi b'mod miftuħ biex napprezzaw il-karattru uniku u d-diversità tal-lingwi, fosthom tal-Malti. Għal din ir-raġuni, għalkemm uħud mill-osservazzjonijiet huma bbażati fuq approċċi ġenerattivi, għażilt li ma nintrabatx wisq ma' xi teorija partikolari fl-analiżi, iżda nistudja l-affissi magħżula fid-dawl tar-restrizzjonijiet speċifiċi diskussi f'taqsima 2.2.2., u ndaħħal osservazzjonijiet li saru b'referenza għall-Malti fejn meħtieġ.

Bħala kelliem nattiv tal-lingwa analizzata f'dan ix-xogħol, jista' jagħti l-każ li ċertu osservazzjonijiet li jidhru 'ovvji', jaqbżuli jew ma nniżżilhomx. Għal din ir-raġuni, u bħalma għamilt f'Bezzina (2020, p. 81), l-analiżi tar-restrizzjonijiet nersaq lejha bħallikieku tiffoka fuq lingwa li m'iniex midħla tagħha. Dan għandu jgħin biex inħares lejn l-informazzjoni b'mod aktar oġġettiv u nnaqqas il-possibiltà li nissoponi xi affarijiet li mbagħad jistgħu jikkundizzjonaw b'mod żbaljat il-konklużjonijiet.

Wara li f'taqsima 3.3.2., niġġustifika l-għażla tas-suffissi magħżula għall-istudju, fil-kapitli li jmiss nanalizza kull wieħed f'ċertu dettall. Biex nilħaq l-għan ewlieni ta' dan l-eżerċizzju, li nistudja r-restrizzjonijiet speċifiċi osservati fi kliem kumpless b'suffiss wieħed, naqsam il-metodoloġija f'5 tarġiet prinċipali. L-analiżi tas-suffissi lkoll jsegwu dawn il-5 tarġiet. Meta nħoss il-bżonn ta' għażliet metodoloġiċi oħra fl-analiżi, inniżżilhom u niddiskutihom f'dak il-kapitlu partikolari.

1) Bħala studju xjentifiku, nibda l-analiżi ta' kull suffiss vis-à-vis ir-restrizzjonijiet b'ħarsa lejn il-letteratura, sija lokali u sija mhux lokali. Ngħid kelmtejn fuq xi nkiteb fuq is-suffiss f'lingwi oħra, primarjament fit-Taljan u niddiskuti xi restrizzjonijiet kif preżentati fil-letteratura. F'din il-parti introduttorja, ninkludi diskussjoni teoretika ħafifa fuq is-suffiss innifsu billi, fost oħrajn, napplika l-kriterji li jiddistingwih bħala morf għalih (ara taqsima 1.5.2.).
2) Wara din il-ħarsa kritika ħafifa, ikun imiss li nħares b'mod oġġettiv lejn numru estensiv ta' types li jokkorru għal kull suffiss permezz ta' ġabra ta' formazzjonijiet rilevanti. Din il-ħarsa dettaljata jaf tkun indikattiva ta' xi restrizzjonijiet li jispikkaw jew ta' oħrajn li l-Malti wiret mil-lingwa sors.

Għas-suffissi magħżula, il-ġabra tinbena b'ħarsa lejn it-types differenti li jokkorru għal kull suffiss fuq il-korpus tal-Malti (v3.0 2016) li jinsab fuq is-sit tal-MLRS. Huwa minnu li dan l-istħarriġ seta' jsir bid-dizzjunarju t'Aquilina (1987-1991), kif għamlet Camilleri (1993) fix-xogħol tagħha, biss il-korpus huwa aktar effiċjenti minn dan il-lat. Il-faċilità li, fi ftit sekondi, bis-saħħa tal-għażla *'frequency breakdown*' idomm lista tal-kliem u l-formazzjonijiet kollha li jispiċċaw b'suffiss partikolari tgħin qatigħ biex l-analiżi tkun kemm jista' jkun estensiva. Barra minn hekk, il-korpus jagħti wkoll għadd ta' eżempji f'kuntest li jgħinu mhux ftit l-analiżi.

Biss, minkejja t-tajjeb tiegħu, anke l-korpus għandu xi nuqqasijiet. Fost il-limiti tiegħu, ma ninsewx li din il-verżjoni tal-korpus ilha mis-sena 2016. Huwa possibbli ħafna li minn dak iż-żmien 'l hawn, inħalqu formazzjonijiet kumplessi ġodda li jinsabu mifruxin bil-fomm u forsi anke fil-letteratura. Din tal-aħħar titfa' dawl fuq diffikultà oħra tal-korpus Malti. Hija sistema li tirrifletti biss l-Malti miktub u teskludi l-Malti mitkellem.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-aktar għażla għaqlija kienet li nitlaq mill-korpus biex ikolli aċċess għal numru ta' types u nirreferi wkoll għal sorsi oħra biex il-ġabra tkun, kemm jista' jkun, eżawrjenti. Fost dawn is-sorsi, u kif jagħmlu Aronoff (2020, p. 60) u Caruana (2022, p. 8), nuża l-internet, b'mod partikolari Google, biex nagħmel tiftixiet għal formazzjonijiet partikolari skont il-ħtieġa u biex nagħti xi eżempji tal-formazzjonijiet f'kuntest. Xi minn daqqiet nagħmel referenza wkoll għall-idjolett.

Kif jispjega Saade (2019, p. 76), il-pass li jmiss kien li nħares bir-reqqa lejn it-types u ndurhom manwalment biex nelimina dawk li mhumiex rilevanti. Wara, niġbor flimkien il-varjanti kollha fl-istess ringiela, anke dawk ortografikament żbaljati. Kif jammetti Saade stess, dan il-pass huwa tedjanti iżda neċessarju. Fl-analiżi ta' kull suffiss nuri li n-numru ta' types jonqos drastikament minħabba dawn id-deċiżjonijiet. Eżempju, għas-suffiss -*ezza*, inżomm 30.7% biss tat-types li jokkorru fil-korpus wara dan il-proċess manwali.

Il-ġabra tat-types ta' kull suffiss tinqasam f'erba' kolonni. L-<u>ewwel kolonna</u> tippreżenta t-types f'ordni li tirrifletti n-numru ta' tokens fil-korpus. It-<u>tieni kolonna</u> tiġbor il-varjanti ortografiċi, anke żbaljati jew dawk li normalment ma jinkitbux hekk (immarkati bis-sinjal ! fil-ġabra) tat-types. Anke dawn il-varjanti huma preżentati f'ordni li tirrifletti n-numru ta' tokens. It-<u>tielet kolonna</u> tagħti n-numru ta' tokens fil-korpus, inkluż tal-varjanti. Ngħidu aħna, il-formazzjoni *sigurezza*, li għandha 1309 tokens, għandha 4 varjanti: *sikurezza* (342 token), *sicurezza* (9 tokens), *sugurezza* (3 tokens) u *sigirezza* (token wieħed). Dawn in-numri huma lkoll mogħtijin fit-tielet kolonna u huma separati b'virgola. Tajjeb ngħid li dawn in-numri jeskludu forom inflettivi ta' kull varjant. Jekk fl-

ewwel kolonna hemm il-kelma *ċertezza*, in-numru fit-tielet kolonna jeskludi forom bħal *ċertezzi*.

Ir-raba' kolonna tippreżenta xi noti fuq l-oriġini tal-formazzjoni. B'mod sistematiku, nibda b'tiftixa tal-formazzjoni fit-Taljan fid-dizzjunarju ta' Treccani (https://www.treccani.it/vocabolario/) ((tr) fil-ġabra). Għal xi definizzjonijiet, id-dizzjunarju Treccani jniżżel is-sors tal-kelma mil-Latin jew minn lingwi oħra bħall-Franċiż. F'dawk il-każijiet, ninkludi dan it-tagħrif f'din il-kolonna. Fejn meħtieġ, nagħmel ukoll referenza għad-dizzjunarju ta' De Mauro (https://dizionario.internazionale.it/) ((dm) fil-ġabra). Dan il-pass nieħdu meta ma nsibx xi formazzjoni partikolari fuq Treccani. Barra minn hekk, infittex il-formazzjonijiet kollha fuq id-dizzjunarju t'Aquilina (1987-1991). Għall-prattiċità, meta l-informazzjoni li jagħti Aquilina fuq l-oriġini ta' kelma tkun taqbel ma' ta' Treccani jew ta' De Mauro, inħalli barra 'l Aquilina. Għal dawk il-formazzjonijiet li ma nsibhomx fuq Treccani jew fuq De Mauro, inniżżel li huma formazzjonijiet lokali. Uħud minn dawn, Aquilina jikkonfermahom bħala formazzjonijiet lokali fid-dizzjunarju.

Kien jagħmel sens ukoll li nivverifika l-etimoloġija ta' dawk il-formazzjonijiet, li skont Aquilina huma mnisslin mill-Isqalli, f'xi dizzjunarju tal-Isqalli. Għall-prattiċità, użajt l-edizzjoni elettronika (2020) tad-'*Dizionario siciliano-italiano*' ta' Antonino Traina (1868).

3) Wara din il-ġabra, niddiskuti xi deċiżjonijiet partikolari li nieħu fid-dawl ta' kull suffiss magħżul. Niddiskuti wkoll il-ġabra u nippreżenta xi persentaġġi li jissintetizzaw l-informazzjoni dwar l-okkorrenzi, l-oriġini u l-bażi tal-formazzjonijiet. Għal uħud mis-suffissi, niddiskuti wkoll xi fenomeni allomorfiċi osservati. Wara kollox, Baeskow (2015, p. 808) stess tgħid li fid-dominju tal-formazzjoni tal-kelma, il-mekkaniżmu tal-allomorfija huwa komuni ħafna u jintuża biex jimmodifika l-kelma skont l-ambjent fonoloġiku.

4) Wara dawn it-3 tarġiet, ngħaddi għall-parti ċentrali tal-analiżi – studju dettaljat ta' kull suffiss mil-lenti tar-restrizzjonijiet speċifiċi. Qabelxejn nibda billi nippreżenta ġabra bil-formazzjonijiet rilevanti flimkien mal-bażi korrispondenti tagħhom. Din il-ġabra mbagħad nużaha biex, b'mod sistematiku u abbażi tad-diskussjoni f'taqsima 2.2.2., nara hemmx restrizzjonijiet fonoloġiċi, morfoloġiċi, sintattiċi, semantiċi u pragmatiċi.

5) Ir-raba' tarġa terġa' tirrepeti ruħha għall-analiżi tal-formazzjonijiet lokali. Hawn nanalizza bir-reqqa l-formazzjonijiet lokali biex nara jekk ir-restrizzjonijiet jokkorrux ukoll ma' dawn il-formazzjonijiet li ma jeżistux fil-lingwa sors. Fejn meħtieġ, apparti r-restrizzjonijiet speċifiċi l-oħra, niddiskuti wkoll il-kunċett tal-ibblukkar vis-à-vis il-ġabra ta' formazzjonijiet. Meta nista', nagħti wkoll xi eżempji mill-korpus ta' dawn il-formazzjonijiet użati f'kuntest. Għażilt li dawn l-eżempji nneħħilhom l-iżbalji ortografiċi biex il-qari jkun aktar mexxej.

### 3.3.2. L-għażla tal-affissi

Ladarba mhuwiex prattiku li nagħmel stħarriġ fid-dettall tas-suffissi kollha miġbura hawn fuq (ara taqsima 3.1.), nagħżel biss 4 minnhom u nistudjahom bir-reqqa. Ix-xewqa hi li l-konklużjonijiet li nislet minn din l-analiżi tkun indikattiva ta' x'qed jiġri u tixħet dawl ġenerali fuq ir-restrizzjonijiet fil-Malti u fuq il-kelma kumplessa. L-analiżi tal-ftit, mela, għandha tkun indikattiva tal-mekkaniżmi l-aktar saljenti fil-proċess tal-affissazzjoni.

L-għażla tas-suffissi studjati kienet motivata minn għadd ta' raġunijiet, kemm loġiċi u kemm prattiċi. Niddiskuti hawn dawn ir-raġunijiet għal kull suffiss magħżul.

Is-suffiss aġġettivali denominali ***-uż*** huwa pjuttost mifrux fil-Malti, tant li fil-korpus hemm 653 type b'dan is-suffiss. Wara l-proċess manwali ta' proċessar (tneħħija ta' formazzjonijiet li ma fihomx suffiss u l-ġbir ta' varjanti ortografiċi taħt type wieħed), xorta jibqa' numru mdaqqas ta' formazzjonijiet li minnhom jistgħu jinsiltu diversi osservazzjonijiet ġenerali. Raġuni oħra li xprunat l-għażla ta' dan is-suffiss kienet ix-xogħol ta' Katsouda (2016) li tagħmel analiżi tas-suffiss misluf *-ozos* fil-Grieg. Kemm *-uż* fil-Malti u kemm *-ozos* fil-Grieg tnisslu mis-suffiss Taljan *-oso*. Minħabba din il-qrubija, dan ix-xogħol serva bħala punt ta' riferiment u ta' ispirazzjoni, speċjalment fejn tidħol il-metodoloġija. Niftakru li fil-Malti m'hemmx xogħlijiet li jagħmlu analiżi tar-restrizzjonijiet ta' xi affiss fil-proċess tal-affissazzjoni.

Biex invarja l-funzjoni sintattika, nanalizza wkoll suffiss nominali deaġġettivali. Minħabba n-numru ta' types fil-korpus, l-għażla waqgħet fuq is-suffiss ***-ezza***. Hemm b'kollox 339 type differenti fil-korpus –numru mdaqqas ta' formazzjonijiet li minnhom nista' nislet diversi ġeneralizzazzjonijiet. Huwa wkoll numru prattiku għax jagħmilha possibbli li ndur bir-reqqa l-formazzjonijiet kollha, anke l-hapax legomena. Barra minn hekk, huwa suffiss li hu diskuss f'ċertu dettall fit-Taljan fil-ktieb '*La Formazione delle parole in Italiano*' (2014), speċjalment fid-dawl tar-restrizzjonijiet. Dan iħaffef l-analiżi komparattiva bejn ir-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet fit-Taljan u fil-Malti.

Nanalizza wkoll ir-restrizzjonijiet tas-suffiss nominali ***-erija***. Minkejja li jista' jingħaqad ma' bażijiet aġġettivali u verbali, il-maġġorparti tal-bażijiet li jingħaqad magħhom huma nominali. Jista' għalhekk jissejjaħ suffiss nominali denominali. Dan is-suffiss intgħażel għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, għax fil-korpus għandu 333 types, numru prattiku ta' formazzjonijiet li mhux diffiċli tanalizzahom u toħroġ b'ġeneralizzazzjonijiet, mingħajr ma teskludi grupp ta' formazzjonijiet, lanqas il-hapax legomena. It-tieni, b'kuntrast ma' *-uż* u *-ezza*, huwa suffiss li għandu diversi funzjonijiet. Ikun interessanti, għalhekk, li nanalizza kif jaħdmu ir-restrizzjonijiet fid-dawl tad-diversi funzjonijiet li għandu *-erija*.

Fl-aħħar nett nanalizza r-restrizzjonijiet tas-suffiss ***-aġni***. Dan is-suffiss nominali deaġġettivali, intgħażel għal żewġ raġunijiet. Qabelxejn huwa suffiss li, sa ċertu punt, huwa produttiv fil-Malti għax ħoloq numru ta' formazzjonijiet lokali. Tajjeb li nara hemmx restrizzjonijiet f'dawn il-formazzjonijiet lokali u jekk dawn humiex simili tar-restrizzjonijiet osservati fil-formazzjonijiet mislufin mil-lingwa sors. Ir-raġuni l-oħra hi li l-letteratura Taljana tiddiskuti dan is-suffiss b'rabta mas-suffiss *-erija*, speċjalment fil-qasam tar-restrizzjonijiet. Għal din ir-raġuni, nanalizza dan is-suffiss biex din l-analiżi komparattiva tkun tista' ssir anke fil-Malti.

# 4. Is-suffiss *-uż* u r-restrizzjonijiet

F'dan il-kapitlu nippreżenta l-analiżi morfoloġika dettaljata tas-suffiss *-uż*. Nuża l-korpus tal-MLRS (verżjoni 3.0) biex nistudja dan is-suffiss minn lenti qabelxejn sinkronika u noffri osservazzjonijiet relatati mar-restrizzjonijiet speċifiċi.

Il-kapitlu jinqasam fi tlieta. Ladarba s-suffiss *-uż* fil-Malti huwa misluf mir-Rumanz, jixraq li nibda d-diskussjoni billi nippreżenta xi punti mil-letteratura fuq is-suffiss Taljan *-oso*. Fit-tieni parti nippreżenta ġabra ta' kliem b'dan is-suffiss u nagħmel xi osservazzjonijiet fuq l-okkorrenzi, l-oriġini, il-bażi u l-allomorfija. L-aħħar parti hija ddedikata għall-analiżi tar-restrizzjonijiet. Niddiskuti sija l-formazzjonijiet kumplessi bis-suffiss *-uż* li huma mislufin u sija l-formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-uż*.

## 4.1. Punti introduttorji

Qabel niddiskuti fid-dettall ir-restrizzjonijiet osservati fil-formazzjonijiet b'dan is-suffiss, ngħid kelmtejn fuq is-suffiss *-oso* fit-Taljan u *-uż* fil-Malti. Nagħmel ukoll xi osservazzjonijiet li jintrabtu mal-kunċetti introduttorji li ddiskutejt fl-ewwel kapitlu u nagħlaq it-taqsima billi niddiskuti r-restrizzjonijiet tas-suffiss kif preżentati fil-letteratura Taljana.

### 4.1.1. Is-suffiss *-uż* fil-letteratura Taljana u lokali

Pharies (2015) isemmi li l-lingwi Rumanzi, fosthom it-Taljan, huma forom kurrenti ta' entità lingwistika li għandha eluf ta' snin, dik li llum nafuha bħala l-lingwa Latina. L-awtur jargumenta li ħafna mis-suffissi patrimonjali, jiġifieri dawk li bdew bħala suffissi Latini, għaddew minn bidliet grammatikali u semantiċi meta sabu ruħhom fil-lingwi Rumanzi. Biss, is-suffiss *-oso* huwa wieħed mill-ftit li ma ġarrabx bidliet grammatikali jew semantiċi f'dan il-proċess (p. 1857). Għalhekk nagħti ħarsa ħafifa lejn is-suffiss *-oso* fil-letteratura Taljana biex nifhmu l-partikolaritajiet lingwistiċi ta' dan is-suffiss u jekk hemmx restrizzjonijiet li baqgħu jiġu osservati, anke f'dawk il-forom li nħalqu lokalment.

Fuq *-oso* fit-Taljan, is-sit Treccani jgħid li huwa suffiss preżenti f'diversi aġġettivi mislufin mil-Latin u f'oħrajn li ffurmaw wara, li jiddenotaw il-preżenza jew l-abbundanza tal-kwalità jew il-kundizzjoni espressa min-nom li minnhom ġew derivati.[29] Biex nuri dan, nippreżenta parti mid-definizzjoni ta' żewġ kelmiet kumplessi Taljani b'dan is-suffiss, *ambizioso* u *fiducioso*:

- ***ambizióso*** *agg. [dal lat. ambitiosus, der. di ambitio «ambizione»]. – Dominato dall'ambizione: quel ragazzo è troppo a.; un carattere a. [...]*
- ***fiducioso*** *agg. [der. di fiducia]. – Pieno di fiducia: essere f. in sé stesso, nelle proprie risorse [...]*

Iż-żewġ definizzjonijiet jikkonfermaw li l-aġġettivi fit-Taljan b'dan is-suffiss jiddenotaw referent li fih jispikkaw xi karatteristiċi jew li fih jixirfu kwalitajiet partikolari li huma evidenti.

Dan il-punt jikkonfermah Wandruszka (2004) li fuq is-suffiss *-oso* jagħmel żewġ osservazzjonijiet ewlenin. L-ewwel, li s-suffiss *-oso* għandu tifsira speċifika kostanti li turi livell ta' intensità u li l-interpretazzjoni semantika tal-aġġettiv hija marbuta man-nom li minnu tnissel (p. 382). It-tieni, li l-funzjoni primarja ta' dan is-suffiss hija l-formazzjoni ta' aġġettivi kwalifikattivi, jew aġġettivi li juru xi forma ta' relazzjoni (p. 393).

Fuq is-suffiss *-uż* fil-Malti ma nkitibx wisq. Fid-dizzjunarju, Aquilina (1987-1991, p. 1497) jgħid li huwa suffiss aġġettivali u li ġej jew mit-Taljan *-oso/-osa/-osi* jew mill-Isqalli *-usu/-usa/-usi*. Serracino-Inglott (1975-1989, p. 525) iniżżel li huwa suffiss aġġettivali li jiżdied ma' xi nomi neo-latini biex jagħmilhom aġġettivi. Jagħti l-eżempji *fama - famuż* u *vistu - vistuż*. Fuq l-etimoloġija hemm qbil ma' Aquilina, jiġifieri li dan is-suffiss ġej mit-Taljan *-oso* jew mill-Isqalli *-usu.* B'rabta mal-produttività, Sammut (2015, p. 22) tirreferi għall-argument ta' Mifsud li l-mekkaniżmu Għarbi tal-aġġettiv relattiv li jinbena permezz tas-suffiss *-i*, bħal f'*raħli* u *demmi*, qiegħed f'kompetizzjoni ma' suffissi aġġettivali Rumanzi, fosthom *-iż*, *-uż*, *-iku* u *-ali*.

---

[29] *"Suffisso presente in parecchi aggettivi derivati dal latino, o formati in epoche posteriori [...] i quali denotano per lo più presenza o abbondanza della qualità o della condizione espresse dal sostantivo da cui derivano."*

4.1.2. *-uż* bħala suffiss

Abbażi tad-diskussjoni fuq il-kelma kumplessa (ara taqsima 1.3.), m'għandhiex tkun problema li nikklassifika kelmiet bħal *bżonjuż*, *perikoluż* jew *spazjuż* bħala kelmiet kumplessi. Huma formazzjonijiet magħmulin minn żewġ elementi, jew morfemi u li fihom hemm struttura interna fil-forma ta' relazzjoni semantika konsistenti bejn il-bażi u l-affiss.

Lanqas m'għandu jkun hemm diffikultà dwar l-istatus tas-segment *-uż* bħala suffiss. Wara kollox, huwa materjal fonoloġiku li meta jokkorri f'kelma, iħalli effett relattivament konsistenti fuq it-tifsira tagħha. Huwa wkoll morf marbut li ma jistax jokkorri waħdu. Kif urejt fit-taqsima 1.5.2., is-suffiss *-uż* jissodisfa l-erba' kriterji neċessarji ta' Dixon u b'hekk huwa affiss u mhux affissojd jew sempliċiment segment fonetiku bla funzjoni grammatikali.

Dan is-suffiss aġġettivali jinfletti għall-ġens u l-għadd. Nippreżenta hawn il-paradigma tal-inflessjoni permezz ta' tabella.

<table>
<tr><th></th><th>Singular</th><th>Plural</th></tr>
<tr><td>Maskil</td><td>-uż</td><td rowspan="2">-użi</td></tr>
<tr><td>Femminil</td><td>-uża</td></tr>
</table>

**Tabella nru 8:** Paradigma tal-forom inflettivi ta' *-uż*

4.1.3. Is-suffiss Taljan *-oso* u r-restrizzjonijiet tiegħu

Katsouda (2016, p. 235) tiddiskuti bir-reqqa s-suffiss Rumanz *-oso* mil-lat tar-restrizzjonijiet. Niddiskuti fid-dettall dawn ir-restrizzjonijiet biex: a) ikolli idea liema huma l-aktar restrizzjonijiet saljenti, u b) nanalizza liema minn dawn ir-restrizzjonijiet intirtu fil-Malti fil-formazzjonijiet li ssellef u jekk ġewx osservati fil-kelmiet kumplessi li fihom dan is-suffiss u li nħalqu lokalment.

Jidher li, kemm fit-Taljan u kemm fil-Latin, dan is-suffiss isegwi restrizzjoni **sintattika** - dik li jokkorri ma' bażijiet nominali. Katsouda tagħti dan l-eżempju mil-Latin:

- *glori(a)* ‘glorja’ + -ōsus > Lat. *gloriōsus* ‘glorjuż’ [[glori(a)$_N$]-ōsus]$_A$

Biss, Katsouda tikkwota lil Montermini u targumenta li hemm fit-Taljan xi formazzjonijiet li nħalqu aktar riċenti u li jinbnew fuq bażi verbali u mhux nominali. Kelmiet kumplessi bħal *pensoso* ‘mħasseb’, inbnew fuq bażi verbali (f’dan il-każ, il-verb *pensare* ‘taħseb’) iżda formazzjonijiet ta’ dan it-tip mhumiex daqstant komuni.

Restrizzjoni oħra, li tista’ tiġi kklassifikata bħala waħda **semantika**, tikkonċerna l-kwalitajiet tan-nom li miegħu jista’ jingħaqad is-suffiss. Skont Katsouda (2016, p. 236) u Wandruszka (2004, p. 398), il-bażijiet nominali jkunu nomi komuni, konkreti jew astratti. Terġa’, Katsouda tkompli tispeċifika li l-bażi nominali tkun inanimata, minkejja li, kif tosserva l-awtriċi, hemm formazzjonijiet aktar riċenti fit-Taljan li nbnew fuq bażijiet ta’ nomi animati, bħal, *serposo* ‘mimli bis-sriep’.

Restrizzjoni speċifika oħra li jiddiskutu fil-letteratura tikkonċerna l-konnotazzjonijiet tal-formazzjonijiet. Skont Katsouda u Wandruszka, hemm aktar formazzjonijiet b’konnotazzjoni peġġorattiva/negattiva. Din ir-restrizzjoni nikklassifikaha bħala waħda **semantika** wkoll.

## 4.2. Ġabra ta’ formazzjonijiet bis-suffiss -*uż*

Nippreżenta l-ġabra ta’ formazzjonijiet fil-Malti bis-suffiss -*uż* permezz tal-korpus. It-tqassim ta’ din it-tabella huwa spjegat f’taqsima 3.3.1. u f’taqsima 4.2.1.

| | **-*uż* types** | **Varjanti** | **Numru ta’ tokens** | **Noti fuq l-oriġini** |
|---|---|---|---|---|
| 1. | perikoluż | perikuluż<br>perikluż[!] | 5096,<br>19, 14 | (tr) Tal. *pericoloso* < Lat. *periculosus* |
| 2. | famuż | | 3172 | (tr) Tal. *famoso* < Lat. *famosus* |
| 3. | reliġjuż | | 3103 | (tr) Tal. *religioso* < Lat. *religiosus* |
| 4. | diżastruż | disastruż | 1105,<br>39 | (tr) Tal. *disastroso* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 5. | prezzjuż | | 852 | (tr) Tal. *prezioso* < Lat. *pretiosus* |
| 6. | ambizzjuż | ambizjuż[!] | 780, 9 | (tr) Tal. *ambizioso* < Lat. *ambitiosus* |
| 7. | bżonnjuż[!] | bżonjuż | 776, 226 | (tr) Tal. *bisognoso* |
| 8. | fidućjuż | | 775 | (tr) Tal. *fiducioso* |
| 9. | dinjituż | | 663 | (tr) Tal. *dignitoso* < Lat. *dignitosus* |
| 10. | skandaluż | | 650 | (tr) Tal. *scandaloso* |
| 11. | difettuż | diffettuż[!] | 623, 21 | (tr) Tal. *difettoso* |
| 12. | spazzjuż[!] | spazjuż | 551, 79 | (tr) Tal. *spazioso* < Lat. *spatiosus* |
| 13. | suspettuż | | 543 | (tr) Tal. *sospettoso* |
| 14. | kuraġġuż | kuraġġjuż | 490, 227 | (tr) Tal. *coraggioso* |
| 15. | vizzjuż | | 460 | (tr) Tal. *vizioso* < Lat. *vitiosus* |
| 16. | kurjuż | | 451 | (tr) Tal. *curioso* < Lat. *curiosus* |
| 17. | dubjuż | dubbjuż | 433, 16 | (tr) Tal. *dubbioso* < Lat. *dubiosus* |
| 18. | misterjuż | | 422 | (tr) Tal. *misterioso* |
| 19. | spirituż | | 397 | (tr) Tal. *spiritoso* |
| 20. | prestiġjuż | prestiġġjuż[!]<br>prestiġġuż[!]<br>prestġġjuż[!] | 392, 321, 17, 10 | (tr) Tal. *prestigioso* < Lat. *praestigiosus* |
| 21. | brijuż | brijjuż[!] | 382, 37 | (tr) Tal. *brioso*; (Aq.) Sq. *briusu* |
| 22. | lussuż | | 362 | (tr) Tal. *lussuoso* |
| 23. | rigoruż | | 334 | (tr) Tal. *rigoroso* |
| 24. | insidjuż | | 316 | (tr) Tal. *insidioso* < Lat. *insidiosus* |
| 25. | prużuntuż | | 311 | (tr) Tal. *presuntuoso* < Lat. *praesumptuosus* |
| 26. | riskjuż | | 279 | (tr) Tal. *rischioso* |
| 27. | gustuż | | 260 | (tr) Tal. *gustoso*; (Aq.) Sq. *gustusu* |
| 28. | anzjuż | | 236 | (tr) Tal. *ansioso* < Lat. *anxiosus* |
| 29. | glorjuż | | 236 | (tr) Tal. *glorioso* < Lat. *gloriosus* |
| 30. | nervuż | | 230 | (tr) Tal. *nervoso* < Lat. *nervosus* |
| 31. | velenuż | | 223 | (tr) Tal. *velenoso* < Lat. *venenosus* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 32. | voluminuż | volumuż[!] | 206, 11 | (tr) Tal. voluminoso < Lat. voluminosus |
| 33. | studjuż | istudjuż | 204, 79 | (tr) Tal. *studioso* < Lat. *studiosus* |
| 34. | żuffjettuż | | 197 | formazzjoni lokali |
| 35. | metikoluż | | 190 | (tr) Tal. *meticoloso* < Lat. *meticulosus* |
| 36. | vantaġġjuż | vantaġġuż | 190, 67 | (tr) Tal. *vantaggioso* |
| 37. | kapriċċuż | kapriċċjuż | 174, 103 | (tr) Tal. *capriccioso* |
| 38. | arjuż | | 170 | (tr) Tal. *arioso*; (Aq.) Sq. *ariusu* |
| 39. | malizzjuż | malizjuż[!] | 151, 14 | (tr) Tal. *malizioso* < Lat. *malitiosus* |
| 40. | polemikuż | | 147 | formazzjoni lokali |
| 41. | avventuruż | | 143 | (tr) Tal. *avventuroso* |
| 42. | numeruż | | 133 | (tr) Tal. *numeroso* < Lat. *numerosus* |
| 43. | grandjuż | | 130 | (tr) Tal. *grandioso* |
| 44. | libelluż | | 128 | formazzjoni lokali |
| 45. | armonjuż | | 123 | (tr) Tal. *armonioso* |
| 46. | oneruż | onoruż | 119, 11 | (tr) Tal. *oneroso* < Lat. *onerosus* |
| 47. | mafjuż | | 116 | (tr) Tal. *mafioso* |
| 48. | sustanzjuż | | 113 | (tr) Tal. *sostanzioso* |
| 49. | meraviljuż | | 110 | (tr) Tal. *meraviglioso* |
| 50. | mirakoluż | mirakuluż | 98, 12 | (tr) Tal. *miracoloso* < Lat. *miraculosus* |
| 51. | inġurjuż | | 86 | (tr) Tal. *ingiurioso* < Lat. *iniuriosus* |
| 52. | doveruż | | 85 | (tr) Tal. *doveroso* |
| 53. | maestuż | majestuż[!] | 84, 63 | (tr) Tal. *maestoso* |
| 54. | skabruż | | 84 | (tr) Tal. *scabroso* < Lat. *scabrosus* |
| 55. | aċiduż | | 83 | formazzjoni lokali |
| 56. | paċenzjuż | | 77 | (Aq.) Sq. *pacenziusu* |
| 57. | diffikultuż | | 75 | (tr) Tal. *difficoltoso/difficultoso* |
| 58. | silenzjuż | | 74 | (tr) Tal. *silenzioso* < Lat. *silentiosus* |
| 59. | skrupluż | | 68 | (tr) Tal. *scrupoloso* < Lat. *scrupulosus* |
| 60. | dannuż | | 67 | (tr) Tal. *dannoso* < Lat. *damnosus*; (Aq.) Sq. *dannusu* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 61. | storbjuż | | 60 | formazzjoni lokali |
| 62. | pjetuż | | 59 | (tr) Tal. *pietoso* |
| 63. | laborjuż | laboruż | 56, 9 | (tr) Tal. *laborioso* < Lat. *laboriosus* |
| 64. | mostruż | | 51 | (tr) Tal. *mostruoso* < Lat. *monstruosus* |
| 65. | dekoruż | | 46 | (tr) Tal. *decoroso* < Lat. *decorosus* |
| 66. | umduż | | 46 | formazzjoni lokali |
| 67. | kuxjenzjuż | | 37 | (tr) Tal. *coscienzioso* |
| 68. | ribelluż | | 37 | formazzjoni lokali |
| 69. | skifuż | | 37 | (tr) Tal. *schifoso* |
| 70. | infettuż | | 33 | formazzjoni lokali |
| 71. | rispettuż | | 33 | (tr) Tal. *rispettoso* |
| 72. | gassuż | | 32 | (tr) Tal. *gassoso* |
| 73. | likuruż | | 30 | (tr) Tal. *liquoroso* |
| 74. | fibruż | | 28 | (tr) Tal. *fibroso* |
| 75. | kumplimentuż | komplimentuż | 28, 9 | (tr) Tal. *complimentoso* |
| 76. | pompuż | | 28 | (tr) Tal. *pomposo* < Lat. *pomposus* |
| 77. | inġenjuż | | 27 | (tr) Tal. *ingegnoso* |
| 78. | muntanjuż | | 27 | (tr) Tal. *montagnoso* < Lat. *montaniosus* |
| 79. | żvantaġġuż | żvantaġġjuż | 27, 14 | (tr) Tal. *svantaggioso* |
| 80. | inkejjuż | | 25 | formazzjoni lokali |
| 81. | kontaġġjuż | kontaġġuż<br>kontaġjuż[!] | 24, 11, 10 | (tr) Tal. *contagioso* < Lat. *contagiosus* |
| 82. | doloruż | | 22 | (tr) Tal. *doloroso* < Lat. *dolorosus* |
| 83. | traffikuż | | 22 | formazzjoni lokali |
| 84. | vigoruż | | 22 | (tr) Tal. *vigoroso* |
| 85. | delizzjuż | | 21 | (tr) Tal. *delizioso* < Lat. *deliciosus* |
| 86. | odjuż | | 21 | (tr) Tal. *odioso* < Lat. *odiosus*; (Aq.) Sq. *odiusu* |
| 87. | kriminuż | | 20 | (tr) Tal. *criminoso* < Lat. *criminosus* |
| 88. | lebbruż | | 20 | (tr) Tal. *lebbroso/lebroso* < Lat. *leprosus* |
| 89. | pikuż | | 20 | (tr) Tal. *piccoso* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 90. | superstizzjuż | | 20 | (tr) Tal. *superstizioso* < Lat. *superstitiosus* |
| 91. | kremuż | | 17 | (tr) Tal. *cremoso* |
| 92. | litiġjuż | litiguż[!] | 17, 13 | (tr) Tal. *litigioso* < Lat. *litigiosus* |
| 93. | poruż | | 17 | (tr) Tal. *poroso* |
| 94. | grazzjuż | | 16 | (tr) Tal. *grazioso* < Lat. *gratiosus* |
| 95. | panikuż | | 16 | formazzjoni lokali |
| 96. | virtuż | | 16 | (tr) Tal. *virtuoso* < Lat. *virtuosus* |
| 97. | favoluż | | 15 | (tr) Tal. *favoloso* < Lat. *fabulosus* |
| 98. | melodjuż | | 15 | (tr) Tal. *melodioso* |
| 99. | orgoljuż | | 15 | (tr) Tal. *orgoglioso* |
| 100. | furjuż | | 13 | (tr) Tal. *furioso* < Lat. *furiosus* |
| 101. | sedizzjuż | | 12 | (tr) Tal. *sedizioso* < Lat. *seditiosus* |
| 102. | viskuż | | 12 | (tr) Tal. *viscoso* < Lat. *viscosus* |
| 103. | interreliġjuż | | 11 | (tr) Tal. *interreligioso* |
| 104. | klamoruż | | 10 | (tr) Tal. *clamoroso* < Lat. *clamorosus* |
| 105. | kustinjuż | | 10 | formazzjoni lokali |
| 106. | vanituż | | 10 | (tr) Tal. *vanitoso* |
| 107. | luminuż | | 9 | (tr) Tal. *luminoso* |
| 108. | tedjuż | | 9 | (tr) Tal. *tedioso* < Lat. *taediosus* |
| 109. | amoruż | | 8 | (tr) Tal. *amoroso* |

**Tabella nru 9:** Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-uż* fil-korpus

### 4.2.1. Spunti metodoloġiċi

Il-ġabra tal-formazzjonijiet li jokkorru bis-suffiss *-uż* saret bis-saħħa tal-korpus tal-MLRS u d-dizzjunarju online Treccani (https://www.treccani.it/vocabolario/) li fih fittixt il-formazzjonijiet korrispondenti fit-Taljan. Meta kien meħtieġ, fittixt il-formazzjonijiet fuq id-dizzjunarju online ta' De Mauro (https://dizionario.internazionale.it/). Użajt ukoll lil Aquilina (1987-1991) biex infittex kull eżempju u niċċekkja jekk il-kelmiet miġbura humiex fid-dizzjunarju.

Għal dan is-suffiss partikolari użajt it-tiftixa – *uż fil-korpus li tani 653 type differenti. Minnhom, iddeċidejt li nħares biss lejn l-ewwel 200 ladarba l-maġġorparti ta' dawk li jiġu wara huma varjanti ortografiċi żbaljati ta' dawk li jaqgħu taħt l-ewwel 200. Eżempju, **fidiċjuż*, **disażtruż*, **skrupoluż*, **sustanjuż* u ħafna oħrajn. Hekk jew b'hekk, ħarsa lejn 200 eżempju għandha tkun biżżejjed biex minnhom jixirfu tendenzi u osservazzjonijiet marbutin mar-restrizzjonijiet. Għal din ir-raġuni eskludejt anke l-possibilitajiet inflettivi tal-affiss, jiġifieri -*uża* u -*użi* u l-varjanti ortografiċi żbaljati -*uz*, -*uza* u -*uzi*.

Il-pass li jmiss kien li ndur bir-reqqa l-ewwel 200 type u nneħħi dawk il-kelmiet li fihom tokkorri s-sekwenza '*uż*' iżda ma tintużax bħala suffiss, ngħidu aħna, *inkluż*, *mehmuż*, *maqbuż* u *qażquż*. Dan ifisser li qed neskludi wkoll formazzjonijiet li huma parteċipji irregolari bħal *inkluż*, *konkluż* u *konfuż*. Wara dan l-eżerċizzju, ġbart flimkien il-varjanti ta' kull token, anke jekk huma żbaljati ortografikament, għal-lista aktar ċara u konċiża. L-elenku finali jiġbor fih 109 token, preżentati f'ordni skont l-okkorrenza tagħhom fil-korpus. L-ewwel fil-lista hija l-formazzjoni *perikoluż* li tokkorri 5,096 darba fil-korpus waqt li fil-qiegħ nett hemm *amoruż* li tokkorri 8 darbiet.

4.2.2. Osservazzjonijiet fuq il-ġabra

Nippreżenta issa statistika li b'mod konċiż tagħti rendikont tal-okkorrenzi, l-oriġini u l-bażi tal-kliem kumpless li fih jokkorri s-suffiss. Ninkludi wkoll analiżi allomorfika qasira abbażi ta' Bezzina (2020). Din it-taqsima teskludi għalkollox osservazzjonijiet fuq ir-restrizzjonijiet li niddiskuti fid-dettall fit-taqsima li jmiss.

4.2.2.1. Okkorrenzi

Interessanti li t-tokens tal-ewwel 5 (*perikoluż*, *famuż*, *reliġjuż*, *diżastruż*, *prezzjuż*) formazzjonijiet flimkien jammontaw għal kważi 43% (42.7%) tat-tokens tal-109 formazzjonijiet f'daqqa (13,328/31,196). Raġuni għal dan ma jidhirx li hemm, biss huwa evidenti li dawn il-5 kelmiet huma mifruxin fil-lingwa.

4.2.2.2. Oriġini

Kelmtejn fuq l-oriġini tal-formazzjonijiet. Mill-ġabra ta' formazzjonijiet kumplessi b'dan is-suffiss, il-maġġorparti, jiġifieri 97 minn 109, huma mislufin mit-Taljan u/jew mill-Isqalli. Dawn fittixthom kemm f'Aquilina (1987-1991) kif ukoll fid-dizzjunarju ta' Treccani. Xi drabi, bħal fil-każ ta' *perikoluż* u *famuż*, Treccani jagħti wkoll il-kelma sors fil-Latin li niżżilthom fl-istess kolonna. Għall-prattiċità, għażilt li ma nagħtix l-oriġini tal-kelma kif jagħtiha Aquilina meta din tkun taqbel ma' ta' Treccani.

Minn dawn is-97 formazzjoni, hemm 6 li Aquilina jagħti x'jifhem li huma mnisslin mill-Isqalli u mhux mit-Taljan: *brijuż*, *gustuż*, *arjuż*, *paċenzjuż*, *dannuż* u *odjuż*. Dawn jokkorru kollha fid-dizzjunarju tal-Isqalli ta' Traina (1868), bl-eċċezzjoni ta' *paċenzjuż*. Fil-każ ta' *gustuż*, għalkemm teżisti *gustoso* fit-Taljan (skont Treccani) u *gustusu* fl-Isqalli (skont Aquilina u Traina, 1868, p. 1937), is-sens huwa kemxejn differenti u jintużaw aktar f'kuntest ta' togħma milli b'referenza għal xi ħadd li huwa fiżikament attraenti. Dan, mela, huwa għamla ta' żvilupp semantiku.

Għal xi raġuni, hemm 3 kelmiet fil-lista li Aquilina ma jinkludihomx fid-dizzjunarju: *doveruż, laborjuż/laboruż* u *luminuż*. Għażilt li xorta ninkludihom ladarba jokkorru fil-korpus għal numru ta' drabi.

Fl-aħħar nett, hemm 12-il kelma li mhumiex fi Treccani jew De Mauro, u ma jokkorrux fit-Taljan għax huma kelmiet kumplessi li nħalqu lokalment (11.0%). Fuq dawn nitkellem f'aktar dettall f'taqsima 4.3.2.

4.2.2.3. Il-bażi

Hemm għadd ta' formazzjonijiet fit-tabella nru 9 li l-bażi nominali korrispondenti mhijiex attestata fil-Malti. Dan il-fenomenu jiddiskutih Caruana (2022, p. 19) b'referenza għan-nominalizzazzjonijiet bis-suffiss -*ata*. Fost l-eżempji li jagħti hemm *battikata*, *burdata*, *ċamata* u *kruċjata*. Diffiċli ngħidu li l-forom **battik*, **burd*, **ċam* jew **kruċj* iġorru tifsira

awtonoma fil-Malti. Skont l-awtur, dawn il-forom kumplessi bis-suffiss -*ata* daħlu bħala morfemi lessikali fil-Malti u ma jistgħux jiġu segmentati bħall-forom kumplessi oħra.

Fl-istess linja ta' ħsieb, nirreferi għal xi kelmiet fit-tabella bħala morfermi lessikali ladarba huwa diffiċli nidentifikaw il-bażi għax, skont Aquilina (1987-1991), ma tokkorrix b'mod indipendenti fil-Malti. Permezz ta' tiftixa tal-bażi fid-dizzjunarju t'Aquilina, nikklassifika 10 mill-109 kelmiet bħala morfemi lessikali. Dawn huma: *insidjuż*, *metikoluż*, *skabruż*, *laborjuż*, *skifuż*, *vigoruż*, *favoluż*, *orgoljuż*, *klamoruż* u *amoruż.* Għalkemm ma nsibuhomx fid-dizzjunarju t'Aquilina, uħud minnhom, fosthom *klamoruż* (*klamur*) u *orgoljuż* (*orgolju*) għandhom bażi attestata fil-korpus. Oħrajn, bħal *metikoluż*, jibnu kelma kumplessa oħra billi jżidu suffiss derivattiv ma' -*uż*, *metikolożità*.

Hemm imbagħad sett ta' kliem li l-identifikazzjoni tal-bażi tiegħu hija kemxejn aktar problematika. Jekk nieħdu l-bażi bħala dak l-element li fuqu tinħadem operazzjoni morfoloġika (ara taqsima 1.5.1.), huwa diffiċli nidentifikaw kelma sempliċi korrispondenti għal dawn il-kelmiet. Biss, dawn il-formazzjonijiet ġew mislufin flimkien ma' formazzjonijiet kumplessi korrispondenti b'suffissi oħra. Dan mhuwiex fenomenu uniku għall-Malti iżda nsibuh f'lingwi oħra, fosthom l-Ingliż (ara Dixon, 2014, p. 244). Minn dawn hemm 10 li huma: *ambizzjuż* (*ambizzjoni*), *kurjuż* (*kurżità*), *rigoruż* (*rigoriżmu*), *prużuntuż* (*prużunzjoni*), *anzjuż* (*ansjetà*), *grandjuż* (*grandissmu*, *grandizza*), *kriminuż* (*kriminal*, *kriminologu*), *superstizzjuż* (*superstizzjoni*), *sedizzjuż* (*sedizjoni*) u *tedjuż* (*tedjanti*).

Fuq livell astratt, huwa aktar faċli nargumentaw li dawn l-10 kelmiet għandhom xi forma ta' bażi mill-10 ta' qabilhom li jien ikklassifikajt bħala morfemi lessikali, ladarba miz-zokk tagħhom joħorġu forom kumplessi oħrajn.

Id-89 formazzjoni l-oħra għandhom bażi nominali li hija kelma sempliċi u li tikkorrispondi mal-kelma kumplessa. Dawn nistgħu nippreżentawhom bħala pari li jikkonsistu mill-bażi nominali u mill-kelma aġġettivali kumplessa. Ngħidu aħna: *arja* - *arjuż*, *difett* - *difettuż* u *riskju* - *riskjuż*.

#### 4.2.2.4. Osservazzjonijiet allomorfiċi

Abbażi tal-ġabra ta' formazzjonijiet kumplessi bis-suffiss *-uż*, nagħmel ftit osservazzjonijiet fuq l-alternanzi fonoloġiċi li nsibu. Din it-taqsima nibbażaha fuq l-osservazzjonijiet li għamilt f'Bezzina (2020). Ħafna mill-fenomeni diskussi hawn, fosthom il-bidliet vokaliċi u t-tniffis finali huma mifruxin sew fil-Malti u ma jokkorrux wisq fi kliem kumpless bis-suffiss *-uż*.

##### 4.2.2.4.1. Is-suffiss

L-eżempji miġbura jagħtu l-impressjoni li s-suffiss għandu żewġ varjanti allomorfiċi: *-uż* ~ *-już*. Tal-ewwel jidher f'eżempji bħal *diżastruż*, *lussuż* u *suspettuż* waqt li tat-tieni jitfaċċa f'oħrajn bħal *ambizzjuż*, *bżonjuż, muntanjuż* u *prezzjuż*. Dawk li fihom titfaċċa is-sekwenza '*już*' jistgħu jinqasmu fi tnejn: dawk li, bħal *bżonjuż* u *prezzjuż*, il-<j> mhijiex parti mill-bażi (*bżonn* u *prezz*) u dawk li l-konsonanti <j> tokkorri fil-bażi, bħal *muntanjuż* (*muntanja*). Iż-żewġ tipi però, huma formazzjonijiet li fit-Taljan għandhom il-fonema /j/ (*ambizioso* u *prezioso*) jew il-fonema /ɲ/ (*bisognoso* u *montagnoso*) qabel is-suffiss *-oso*. Ħarsa lejn l-eżempji fil-Malti turi li din hija regola li ma jidhirx li għandha eċċezzjonijiet. Fid-dawl tal-argument li għamilt vis-á-vis is-segment *-tejn* fl-analiżi tal-imtenni, (ara Bezzina, 2020, p. 60) u ladarba din l-okkorrenza, jiġifieri is-segment *-już*, insibuha mifruxa sew fil-Malti, fosthom fil-plural (eż. *disinji* u *impenji*) u fil-parteċipji (eż. *iddisinjat* u *impenjat*), tkun aktar loġika l-konklużjoni li nqis din l-alternanza bħala allomorfija fil-bażi u mhux fis-suffiss.

Għalkemm ma jitfaċċax fil-ġabra ta' formazzjonijiet (ara tabella nru 9), hemm ukoll il-varjant anqas komuni *-wuż* li jidher fi kliem bħal *virtwuż* u *affettwuż*. Il-korpus ma jagħtix wisq tokens b'dan il-varjant u għal din ir-raġuni, huwa diffiċli nistabilixxu hemmx distribuzzjoni kumplimentarja u jekk dan il-varjant huwiex allomorf tas-suffiss jew nistgħux nattribwixxu l-allomorfija għall-bażi, bħal fil-każ ta' *-już*.

##### 4.2.2.4.2. Mekkaniżmi allomorfiċi oħrajn

Hemm imbagħad mekkaniżmi oħrajn li jispjegaw xi alternanzi li hemm bejn il-binja tal-qiegħ, in-nom fil-Malti li minnu titnissel il-forma kumplessa, u l-forma kumplessa bis-suffiss *-uż*.

Fil-pari *periklu* - *perikoluż* u *skandlu* - *skandaluż*, hemm alternanza tat-tip V ~ Ø (vokali ~ xejn). Skont l-argumenti li ressaqt f'Bezzina (2020, p. 98), nargumenta li hija aktar possibbli l-ipoteżi li f'dawn iż-żewġ eżempji nsibu tneħħija u mhux epenteżi. Sutcliffe (1936, p. 13) jargumenta li kliem li beda jintuża ta' spiss u adatta aktar għall-fonetika Maltija, iwaqqa' l-vokali qasira fis-sillaba ta' qabel tal-aħħar. L-implikazzjoni hi li l-kelmiet *perikoluż* u *skandaluż* daħlu aktar tard fil-Malti u ma laħqux adattaw għall-fonetika Maltija. Li kieku ġara hekk, aktarx kien ikollna l-kelmiet, **perikluż* u **skandluż*.

Alternanza oħra tinvolvi l-bidla minn /ɔ/ għal /ʊ/ f'par bħal *gost* - *gustuż*. Il-vokali warranija, semimiftuħa u ttundjata /ɔ/ tibdel il-kwalità tagħha u togħla meta jiżdied suffiss li jiġbed l-aċċent fuqu. Meta vokali partikolari tokkorri f'sillaba mhix aċċentata, ikun hemm bidliet kwalitattivi u kwantitattivi. F'dan l-eżempju, il-vokali togħla 'l fuq ladarba mexa l-aċċent u s-sillaba m'għadhiex prominenti.

Hemm bidliet oħra fil-vokali li ma jaqgħux taħt bidliet kwalitattivi imma kwantitattivi. F'pari bħal *avventura* - *avventuruż*, *prestiġju* - *prestiġjuż* u *velenu* - *velenuż* hemm bidla fit-tul tal-vokali min-nom għall-aġġettiv. Il-vokali twal /uː/, /iː/ u /ɛː/ jiqsaru u jsiru /ʊ/, /ɪ/ u /ɛ/ rispettivament fis-sillaba korrispondenti. Hemm korrelazzjoni diretta bejn il-pożizzjoni tal-aċċent u t-tul tal-vokali. Meta sillaba ma tibqax aċċentata, il-vokali ta' ġo fiha tiqsar, proċess li, abbażi ta' Zsiga (2013), ikklassifikajtu bħala lenizzjoni (Bezzina, 2020, p. 72).[30]

Fenonemu allomorfiku ieħor huwa t-tniffis finali li jidher f'pari bħal *kuraġġ* - *kuraġġuż*/*kuraġġjuż*. It-tniffis ta' ostruwenti f'tarf il-kelma hija karatteristika mifruxa sew fil-Malti. Nippreżenta l-bażi ta' dan l-eżempju fonetikament biex il-varjazzjoni tkun evidenti: /kʊrɐtʃtʃ/ ~ /kʊrɐdʒdʒ/ jew /kʊrɐdʒdʒj/.

[30] Mhux kulħadd jaqbel mal-użu tat-terminu *lenizzjoni*. Hemm min jużah biss b'referenza għall-konsonanti, u mhux għall-vokali (R. Fabri, komunikazzjoni personali, 15 ta' Mejju, 2023).

## 4.3. L-analiżi tar-restrizzjonijiet

Din it-taqsima tinqasam fi tnejn. Niddiskuti l-ewwel ir-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet kumplessi mislufin mit-Taljan u/jew mill-Isqalli. Ngħaddi mbagħad biex nanalizza r-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet kumplessi bis-suffiss *-uż* li ma jokkorrux fir-Rumanz jew fl-Isqalli. Dawn, kif niddiskuti f'aktar dettall fit-taqsima korrispondenti, huma forom li nħalqu lokalment fuq bażi Rumanza jew Għarbija.

### 4.3.1. Kliem misluf bis-suffiss *-uż* fil-Malti

F'taqsima 4.2.2.2., urejt li l-maġġorparti tal-formazzjonijiet mislufin jokkorru fit-Taljan u/jew fl-Isqalli. Kif targumenta Katsouda għall-Grieg (2016, p. 241), uħud minn dawn il-formazzjonijiet attestati fit-Taljan u/jew fl-Isqalli għandhom forma korrispondenti fil-Latin.

Nibda l-analiżi fuq ir-restrizzjonijiet billi nippreżenta tabella li telenka dawn il-formazzjonijiet mislufin flimkien mal-bażi nominali korrispondenti. Il-bażijiet li nagħti huma kollha attestati f'Aquilina (1987-1991). Wara nagħmel l-analiżi tar-restrizzjonijiet billi, b'mod sistematiku, naqbad restrizzjoni restrizzjoni u nara hemmx tendenzi li jixirfu mill-eżempji miġbura.

Għal raġunijiet prattiċi, neskludi minn din l-analiżi dawk il-formazzjonijiet li f'taqsima 4.2.2.3., ikklassifikajt bħala morfemi lessikali u dawk li l-identifikazzjoni tal-bażi tagħhom hija problematika. Kif għidt qabel, neskludi wkoll il-formazzjonijiet lokali li niddiskuti fid-dettall fit-taqsima 4.3.2. L-ordni tal-kliem tirrifletti n-numru ta' tokens fil-korpus.

| | ***-uż* types** | **Varjanti** | **Bażi nominali** |
|---|---|---|---|
| 1. | perikoluż | perikuluż<br>perikluż[!] | periklu |
| 2. | famuż | | fama |
| 3. | reliġjuż | | reliġjon |
| 4. | diżastruż | disastruż | diżastru |
| 5. | prezzjuż | | prezz |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | bżonnjuż[!] | bżonjuż | bżonn |
| 7. | fiduċjuż | | fiduċja |
| 8. | dinjituż | | dinjità |
| 9. | skandaluż | | skandlu |
| 10. | difettuż | diffettuż[!] | difett |
| 11. | spazzjuż[!] | spazjuż | spazju |
| 12. | suspettuż | | suspett |
| 13. | kuraġġuż | kuraġġjuż | kuraġġ |
| 14. | vizzjuż | | vizzju |
| 15. | dubjuż | dubbjuż | dubju |
| 16. | misterjuż | | misteru |
| 17. | spirituż | | spirtu |
| 18. | prestiġjuż | prestiġġjuż[!]<br>prestiġġuż[!]<br>prestġġjuż[!] | prestiġju |
| 19. | brijuż | brijjuż[!] | briju |
| 20. | lussuż | | lussu |
| 21. | riskjuż | | riskju |
| 22. | gustuż | | gost |
| 23. | glorjuż | | glorja |
| 24. | nervuż | | nerv |
| 25. | velenuż | | velenu |
| 26. | voluminuż | volumuż[!] | volum |
| 27. | studjuż | istudjuż | studju |
| 28. | vantaġġjuż | vantaġġuż | vantaġġ |
| 29. | kapriċċuż | kapriċċjuż | kapriċċ |
| 30. | arjuż | | arja |
| 31. | malizzjuż | malizjuż[!] | malizzja |
| 32. | avventuruż | | avventura |
| 33. | numeruż | | numru |
| 34. | armonjuż | | armonija |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 35. | oneruż | onoruż | unur |
| 36. | mafjuż | | mafja |
| 37. | sustanzjuż | | sustanza |
| 38. | meraviljuż | | meravilja |
| 39. | mirakoluż | mirakuluż | miraklu |
| 40. | inġurjuż | | inġurja |
| 41. | doveruż | | dover |
| 42. | maestuż | majestuż[!] | maestà |
| 43. | paċenzjuż | | paċenzja |
| 44. | diffikultuż | | diffikultà |
| 45. | silenzjuż | | silenzju |
| 46. | skrupluż | | skruplu |
| 47. | dannuż | | dannu |
| 48. | pjetuż | | pjetà |
| 49. | mostruż | | mostru |
| 50. | dekoruż | | dekor |
| 51. | kuxjenzjuż | | kuxjenza |
| 52. | rispettuż | | rispett |
| 53. | gassuż | | gass |
| 54. | likuruż | | likur |
| 55. | fibruż | | fibra |
| 56. | kumplimentuż | komplimentuż | kumpliment |
| 57. | pompuż | | pompa |
| 58. | inġenjuż | | ġenju |
| 59. | muntanjuż | | muntanja |
| 60. | żvantaġġuż | żvantaġġjuż | żvantaġġ |
| 61. | kontaġġjuż | kontaġġuż<br>kontaġjuż[!] | kontaġju |
| 62. | doloruż | | dulur |
| 63. | delizzjuż | | delizzju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 64. | odjuż | | odju |
| 65. | lebbruż | | lebbra |
| 66. | pikuż | | pika |
| 67. | kremuż | | krema |
| 68. | litiġjuż | litiguż! | litiġju |
| 69. | poruż | | por |
| 70. | grazzjuż | | grazzja |
| 71. | virtuż | | virtù |
| 72. | melodjuż | | melodija |
| 73. | furjuż | | furja |
| 74. | viskuż | | visk |
| 75. | interreliġjuż | | interreliġjon |
| 76. | vanituż | | vanità |
| 77. | luminuż | | lumin |

**Tabella nru 10:** Formazzjonijiet mislufin bis-suffiss *-uż* flimkien mal-bażi

Biex nidentifika hemmx restrizzjonijiet **fonoloġiċi**, inħares lejn il-formazzjonijiet bis-suffiss -*uż* u nanalizza l-forma segmentali, il-forma suprasegmentali u l-kwantità ta' sillabi fil-bażi, jiġifieri dik il-kelma sempliċi li tikkorrispondi magħhom.

Il-forma segmentali. L-analiżi tikxef li s-suffiss -*uż* jokkorri f'formazzjonijiet li n-nom korrispondenti tagħhom jispiċċa b'dawn il-fonemi: /ɐ/ (eż. *fama*), /ʊ/ (eż. *delizzju*), /tʃ/ (eż. *kapriċċ*), /k/ (eż. *viskuż*), /n/ (eż. *bżonn*), /r/ (eż. *unur*), /s/ (eż. *gassuż*), /t/(eż. *gost*) u /ts/ (eż. *prezz*). Għalkemm ma neskludix li hemm nomi li jispiċċaw b'fonemi oħra li jieħdu dan is-suffiss, hemm 6 fonemi li jekk jokkorru fl-aħħar tan-nom, ma jistgħux inisslu aġġettivi bis-suffiss -*uż*. Dawn huma: /b/, /d/, /ɛ/, /f/, /g/, /l/ u /ɔ/. Biex nikkonferma din l-osservazzjoni, fittixt fil-korpus kliem li jispiċċaw bis-sekwenza [buż], [duż], [euż] u l-bqija.

Hemm numru mdaqqas ta' eżempji li n-nom korrispondenti jispiċċa b'xi konsonanti ġeminati, bħal *bżonn*, *kapriċċ*, *kuraġġ*, *suspett* u *vantaġġ*. Dawn il-ġeminati ntirtu mil-lingwa

sors jew kienu kawża tal-bidliet fonoloġiċi li għamel il-Malti biex jadatta l-kliem misluf għall-widna Maltija.

Il-forma suprasegmentali. M'hemm xejn x'jindika li s-suffiss *-uż* huwa kkundizzjonat mill-pożizzjoni tal-aċċent fin-nom. Hemm kelmiet li l-aċċent jaqa' fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar, bħal *diżastru* u *velenu*, waqt li oħrajn, bħal *vanità* u *dover*, għandhom l-aċċent primarju fuq is-sillaba tal-aħħar.

Il-kwantità ta' sillabi. Lanqas ma jidher li hemm xi relazzjoni bejn in-numru ta' sillabi u l-formazzjonijiet b'*-uż*. Insibu bażijiet b'sillaba waħda (eż. *gost*), oħrajn bi tnejn (eż. *glorja* u *studju*) u oħrajn b'aktar minn tnejn (eż. *avventura* u *muntanja*).

La Katsouda (2016) u lanqas Wandruszka (2004) ma jsemmu xi tip ta' restrizzjoni fonoloġika fid-dawl tas-suffiss *-oso* fit-Taljan jew *-ozos* fil-Grieg. Mill-eżempji li jagħtu, ma jidhirx li hemm restrizzjonijiet kkundizzjonati mill-forma suprsegmentali jew mill-kwantità ta' sillabi.

Jidher li hemm restrizzjoni **sintattika** ewlenija li m'għandhiex eċċezzjonijiet. L-aġġettivi kumplessi bis-suffiss *-uż*, mislufin mir-Rumanz, għandhom ilkoll nom sempliċi korrispondenti. Din ir-restrizzjoni, mela, jidher li ntirtet mil-lingwa sors u nistgħu nippreżentawha permezz tan-notazzjoni, [ N – ] (ara taqsima 2.2.2.4.). B'mod aktar formali, nistgħu nqegħduha b'dan il-mod (ara taqsima 4.1.3.):

a. *fam(a)* + *-uż* > *famuż* $[[\text{fam(a)}_N]\text{-uż}]_A$
b. *difett* + *-uż* > *difettuż* $[[\text{difett}_N]\text{-uż}]_A$

Niddiskuti r-restrizzjonijiet **semantiċi** u **pragmatiċi** flimkien. Kundizzjoni semantika li jsemmu Katsouda u Wandruszka u li ddiskutejt f'taqsima 2.2.2.5., tikkonċerna l-konnotazzjoni tas-suffiss. Skont Katsouda (2016, p. 236), Magni (2001) jargumenta li l-aġġettivi bis-suffiss *-oso* għandhom konnotazzjoni peġġorattiva. Din l-istqarrija tinftiehem aħjar fid-dawl tal-kelma kumplessa maħluqa u mhux tal-proċess innifsu (*output*) (ara taqsima 2.2.2.1.). Biss, Dixon (2014, p. 245) jippreżenta din l-osservazzjoni mil-lat tal-proċess tal-affissazzjoni (*input*). Jgħid

li użu komuni ta' dan is-suffiss huwa ma' nomi li jirreferu għal xi ħaġa ħażina, imbagħad joħloq aġġettiv li jesprimi kwalità mhux mixtieqa assoċjata man-nom.

Jekk inħarsu bir-reqqa lejn il-formazzjonijiet aktar 'il fuq, ninnutaw li għalkemm hemm għadd minnhom li jġorru konnotazzjonijiet negattivi (eż. *nervuż*, *pikuż* u *skrupluż*), hemm oħrajn li huma newtrali fil-konnotazzjonijiet tagħhom (eż. *avventuruż*, *misterjuż* u *voluminuż*) jew saħansitra jirreferu għal kwalitajiet sbieħ u mixtieqa (eż. *famuż*, *maestuż* u *meraviljuż*). Din l-osservazzjoni taqbel mal-konklużjoni aħħarija li tiġbed Katsouda (2016, p. 237) fid-dawl tal-formazzjonijiet b'dan is-suffiss li ssellef il-Grieg mir-Rumanz. Skontha, il-formazzjonijiet bis-suffiss jiffurmaw aġġettivi li jistgħu jġorru kemm konnotazzjonijiet pożittivi u kemm negattivi.

Punt ieħor li nista' nikklassifika bħala restrizzjoni semantika huma l-partikolaritajiet preżenti fil-bażi li jokkorru ta' spiss fl-eżempji miġbura. Fid-diskussjoni fuq ir-restrizzjonijiet sintattiċi rajna li l-kelma sempliċi korrispondenti hija dejjem nom fl-eżempji miġbura hawn fuq. Niffoka issa fuq il-kwalitajiet tan-nom li jaġixxi bħala l-bażi tal-kelma kumplessa. Mill-eżempji miġbura, in-nomi kollha huma komuni u huma jew konkreti jew astratti, jiġifieri jirreferu għal kwalitajiet jew kundizzjonijiet. Dawn tal-aħħar l-aktar li jiddominaw, ngħidu aħna, *briju*, *lussu*, *riskju*, *silenzju* u *vantaġġ*.

Osservazzjoni oħra semantika tikkonċerna r-referent tal-formazzjoni kumplessa. Hemm żewġ tipi ewlenin, dawk li r-referent tagħhom huwa animat (eż. *gustuż*, *studjuż*, *skifuż*) u oħrajn li jintużaw ma' oġġetti jew kunċetti mhux-umani (eż. *lussuż*, *muntanjuż*). Tkun aktar loġika li din l-osservazzjoni tiġi studjata mil-lenti tal-kelma kumplessa maħluqa u mhux mil-lenti tal-proċess.

Hemm diversi osservazzjonijiet li nistgħu niġbru taħt ir-restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Qabelxejn, ladarba t-tabella nru 10 teskludi formazzjonijiet lokali jew ibridi, nistgħu nargumentaw li, etimoloġikament, is-suffiss *-uż* jingħaqad biss ma' bażijiet t'oriġini Rumanza li fil-maġġorparti huma jew mit-Taljan u/jew mill-Isqalli.

Restrizzjoni morfoloġika oħra li ddiskutejt f'kapitlu 2, taqsima 2.2.2.3., tibbaża fuq il-preżenza jew in-nuqqas ta' affiss partikolari fil-bażi. Mill-eżempji kollha miġbura, nistgħu nargumentaw li s-suffiss *-uż* ma jeħtieġx suffiss ieħor qablu biex jiġi miżjud. Biss, hemm 2 formazzjonijiet, *dinjituż* u *vanituż*, li fihom, is-suffiss *-uż* jokkorri wara suffiss derivattiv ieħor *-ità*. Hemm ukoll kelma waħda, *interreliġjuż*, li għandha kemm suffiss derivattiv, kif ukoll prefiss. F'dan l-eżempju, però, il-prefiss mhuwiex obbligatorju, jiġifieri m'hemmx xi forma ta' korrelazzjoni pożittiva, tant li nsibu l-formazzjoni *reliġjuż*.

4.3.2. Formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-uż*

Mill-eżempji miġbura, hemm 12-il formazzjoni kumplessa bis-suffiss *-uż*, li ma jokkorrux fit-Taljan, fl-Isqalli jew f'xi lingwa oħra li l-Malti kellu kuntatt magħha. Ma' dawn it-12, ninkludi wkoll il-formazzjoni *meruż* li għalkemm ma tokkorrix fil-korpus, tokkorri ta' spiss f'sorsi oħrajn. Ma sibtx tagħrif fuq meta dawn il-formazzjonijiet tfaċċaw għall-ewwel darba jew x'kienu l-fatturi jew l-esiġenzi lingwistiċi li wasslu għall-ħolqien tagħhom. Li naf hu, li l-ebda waħda minnhom ma tokkorri fuq Treccani jew De Mauro, iżda kollha, għajr *meruż*, qegħdin fuq il-korpus u wħud minnhom itihom Aquilina (1987-1991) fid-dizzjunarju tiegħu.

Kif iddiskutejt f'taqsima 1.5.2.2., il-proċess li bih jinħalaq dan il-kliem fil-lingwa huwa twil u kumpless. Huwa proċess li jista' jinqasam fi tnejn. Il-lingwa l-ewwel tissellef kliem kumpless u wara, tislet il-binja strutturali morfoloġika minn dawn il-kelmiet. Dan il-pass jagħti lok għall-affissazzjoni ma' bażijiet oħra fil-lingwa.

F'din it-taqsima nanalizza dawn it-13-il formazzjoni mil-lenti ta' restrizzjonijiet waqt li nqabbel il-mekkaniżmi lingwistiċi fihom mal-formazzjonijiet kumplessi li ddaħħlu b'mod sħiħ u li ddiskutejt fit-taqsima ta' qabel.

Bħalma għamilt fit-taqsima preċedenti, nippreżenta l-formazzjonijiet lokali f'tabella flimkien mal-bażi li tikkorrispondi magħhom. Għalkemm ma nagħtix l-okkorrenzi hawn, l-ordni tiddependi min-numru ta' tokens fil-korpus. *Żuffjettuż* hija l-aktar formazzjoni li għandha

tokens (197), bil-kontra ta' *kustinjuż* (10 tokens). Taħt nett nippreżenta l-forma *meruż* li nanalizza flimkien mal-oħrajn.

| | -*uż* types | Bażi |
|---|---|---|
| 1. | żuffjettuż | żuffjett |
| 2. | polemikuż | polemika |
| 3. | libelluż | libell |
| 4. | aċiduż | aċtu |
| 5. | storbjuż | storbju |
| 6. | umduż | umdu |
| 7. | ribelluż | ribell |
| 8. | infettuż | infezzjoni/infettiv/infetta |
| 9. | (i)nkejjuż | (i)nkejja |
| 10. | traffikuż | traffiku |
| 11. | panikuż | paniku |
| 12. | kustinjuż | kwestjoni/kustjoni |
| 13. | meruż | miera |

**Tabella nru 11:** Formazzjonijiet lokali bis-suffiss -*uż* flimkien mal-bażi

4.3.2.1. Kelmtejn fuq kull formazzjoni

Qabel niddiskuti r-restrizzjonijiet, naqbad kelma kelma u niddiskutiha f'termini ta' bażi u affiss. Fuq il-bażi, niddiskuti l-provenjenza u ngħaddi xi kummenti fuq is-semantika. Ngħid ukoll tinsabx f'Aquilina u nagħti xi eżempji mill-korpus u/jew minn Google biex nuri l-kuntest li fih jokkorru dawn il-formazzjonijiet.

Fuq *żuffjettuż*. Il-bażi *żuffjett* tokkorri fil-Malti bit-tifsira ta' "*playing practical jokes on people; frivolous passtime*" (Aquilina, 1987-1991, p. 1629). Aquilina jagħti l-formazzjoni *żuffjettuż* li jiddefiniha bħala "*prankful*, *prankish*" u jissuġġerixxi li l-etimoloġija tal-bażi ġejja minn *soffietto*, magħmula minn *soffio* u s-suffiss diminuttiv -*etto* bit-tifsira, "*articoletto di giornale a favore di qualche persona o qualche cosa, per dare notorietà*". Dan is-sens, insibuh fi Treccani bid-differenza li l-artiklu fil-gazzetta għandu l-għan li jeżalta jew ipoġġi

f'dawl favorevoli persuna partikolari. Hi x'inhi l-oriġini tal-bażi jew id-definizzjoni tagħha fil-lingwa sors, nistgħu faċilment nargumentaw li kien hemm xi bidla jew żvilupp fis-semantika fil-proċess tal-adattament. Mill-eżempji li nagħti hawn taħt u mit-tifsira tas-suffiss *-uż*, li rajna qabel, niddefinixxi l-formazzjoni kumplessa *żuffjettuż* bħala xi ħadd li fih tispikka t-tendenza li jirredikola jew iwaqqa' għaċ-ċajt xi ħaġa jew lil xi ħadd.

(17a) L-istrixxiklu elettroniku żuffjettuż jissokta. (MLRS v3.0 opinion2160)

(17b) Il-karba esklamatorja kontra l-kefrija tal-karattru Naxxari mhix għajr gravità żuffjettuż bil-pika banali, iżda fanatika, bejn l-irħula fil-ħeġġa tagħhom biex jaffermaw identità raħlija indipendenti. (Google; Micallef, 2013, p. 9)

Il-formazzjoni *polemikuż* mhijiex f'Aquilina minkejja li jagħti formazzjonijiet kumplessi oħra mibnijin fuq l-istess bażi bħal *polemiku* u *polemista*. Jidher li l-bażi *polemika* ġejja mit-Taljan *polemica* u ġġorr l-istess tifsira fil-lingwa sors u fil-Malti, jiġifieri "*polemics, controversy*" (p. 1066). Mit-tifsira tas-suffiss u mill-eżempji f'kuntest li nagħti hawn, niddefiniha bħala xi ħadd li ta' spiss jaqla' l-polemika, il-kontroversji jew l-argumenti.

(18a) Hawn min iħobb ikun polemikuż u joħloq kontroversja, forsi għaliex hekk jaqbillu. (MLRS v3.0 news118563)

(18b) Kont se ssemmi kif il-Maltin kellhom idea żbaljata ta' Brussell, billi l-biċċa l-kbira minnhom jitilgħu fuq xogħol u qatt ma jiskopru l-ispirtu veru tal-belt. Iżda qgħadt lura. Ma kellekx aptit tkun polemikuż. (MLRS v3.0 literature20)

Aquilina (p. 745) jagħti l-formazzjoni *libelluż* bit-tifsira "*libellous*". Hija kelma li ma teżistix fit-Taljan għajr għall-bażi tagħha li wħud mis-sensi tagħha slifniehom fil-Malti. Skont it-tifsira li jagħti Aquilina, din il-formazzjoni kumplessa fil-Malti tirreferi għal xi ħaġa (xi artiklu jew rapport) li huwa defamatorju u jikkostitwixxi libell.

(19a) Il-ġurnal l-orizzont ma nstabx ħati li mmalafama lill-Viċi-President tal-GRTU Mario Debono wara li l-Maġistrat Francesco Depasquale kkonkluda li rapport li deher dwaru ma kien fih xejn libelluż u malafamanti. (MLRS v3.0 news103930)

(19b) L-Air Malta b'dispjaċir tinnota li l-kontenut huwa ineżatt, deliberatament qarrieq u libelluż [...] (MLRS v3.0 news160508)

Fuq il-kelma *aċiduż*, Aquilina (p. 6) jgħid li hija forma lokali bit-tifsira, "*acid, sour*". Il-bażi tokkorri kemm fil-lingwa sors, jiġifieri fit-Taljan u fl-Isqalli, u kemm fil-Malti u ma jidhirx li kien hemm xi żvilupp semantiku fil-proċess ta' self. Minn dawn l-eżempji, il-kelma *aċiduż* tintuża biex tirreferi għal xi ħaġa li fiha jispikka l-aċtu u/jew hemm kontenut għoli ta' aċtu.

(20a) [...] fil-każ ta' prodotti magħmula minn varjetajiet tad-dielja li tipproduċi għeneb relattivament aċiduż u li huma magħmulin minn għeneb maħsud f'ċerti reġjuni [...] (MLRS v3.0 european2606)

(20b) Il-baħar qed isir iktar u iktar aċiduż u dik għandha impatt fuq il-qroll u affarijiet oħra [...] (Google)

Il-kelma *storbjuż* ma tokkorrix fit-Taljan. Insibu però, il-verb *sturbare*, li Aquilina jniżżlu bħala l-oriġini tal-kelma (p. 1367), li iżda jfisser 'tfixkel, tipprevjeni, tinterrompi' (Treccani) u n-nom *disturbo* li jfisser 'inkwiet, inkonvenjent' (Treccani). Minflok xi forma bħal **sturbioso*, fit-Taljan hemm l-aġġettiv *rumoroso* li kważi jġorr l-istess sens ta' *storbjuż* fil-Malti. Jekk nibqgħu mal-ipoteżi li *storbju* fil-Malti daħlet minn *sturbare* jew *sturbioso* nistgħu nargumentaw li kien hemm xi bidla semantika.

Il-forma *storbjuż* itiha Aquilina u jiddefiniha bħala '*noisy*'. Hija mela dik il-karatteristika li tispikka f'xi ħadd jew xi ħaġa li għandha tendenza tqajjem jew tikkawża ħafna ħoss.

(21a) L-Għasafar tal-Bejt iħobbu ħafna jinġabru flimkien, u t-tpespis storbjuż tagħhom jikxef il-preżenza tagħhom. (MLRS v3.0 news46805)

(21b) It-twerżiq ta' Wlied il-Lejl mal-waqgħa tal-ġebel kien aktar storbjuż mill-ħoss tat-tiġrif innifsu. (MLRS v3.0 literature32)

*Umduż* qiegħda f'Aquilina li jiddefiniha bħala "*damp*, *moist*" (p. 1494). Il-bażi tokkorri fit-Taljan u fil-Malti bl-istess tifsira. **umidoso* fit-Taljan ma teżistix. L-eżempji mill-korpus jikkonfermaw li l-forma kumplessa tirreferi għal xi ħaġa li fiha jew fuqha hemm livell intensiv ta' tixrib bl-ilma.

(22a) Wara l-ħalba xita kien hemm fl-arja dik ir-riħa ta' frisk u żlieġa mal-art tleqq mit-tixriba, u fit-triq it-tajers tal-karozzi żgiċċaw lixxi lixxi mat-tarmak umduż. (MLRS v3.0 literature20)

(22b) [...] bħalissa Malta għaddejja minn perjodu sħun u umduż li mistenni jintensifika [...] (MLRS v3.0 news214492)

Il-bażi ta' *ribelluż*, *ribell*, tokkorri kemm fil-Malti u kemm fit-Taljan (*ribelle*) bl-istess tifsira. Għalkemm Aquilina, fid-dizzjunarju tiegħu (p. 1212), jimplika li l-forma kumplessa tokkorri fit-Taljan (**ribelloso*), la sibtha fuq Treccani u lanqas fuq De Mauro. L-aġġettiv *ribelluż*, Aquilina jtih bħala "*rebellious*", jiġifieri xi ħadd li jkun predispost għal imġiba ribelluża.

(23a) Caravaggio kien meqjus bħala bniedem enigmatiku, ribelluż u perikoluż. (MLRS v3.0 news116695)

(23b) Il-Qorti qalet li l-imputat minuri għandu karattru ribelluż u diffiċli [...] (MLRS v3.0 news199350)

L-identifikazzjoni tal-bażi tal-forma kumplessa *infettuż* hija ftit jew wisq problematika. Ibda biex, din il-forma kumplessa ma nsibuhiex fid-dizzjunarju ta' Aquilina. Li kieku kellna nimxu bl-istess mod u nagħżlu l-forma nominali korrispondenti, il-bażi tkun *infezzjoni*. Biss, l-intuwizzjoni hi, li għal raġunijiet fonetiċi u fonoloġiċi, il-moħħ nattiv żviluppa l-forma *infettuż* fuq l-aġġettiv *infettiv* jew il-verb *infetta*. Hi x'inhi l-bażi, nistgħu nargumentaw li t-tifsira ta' din il-kelma kumplessa tixbah it-tifsira tal-kelma *infettiv*, jiġifieri xi marda jew problema

medika li faċilment tittieħed u tinxtered. Dan narawh mill-eżempji t'hawn taħt, meħudin mill-korpus.

(24a) [...] l-annimali ma jkunux sofrew minn xi mard kontaġġjuż jew infettuż fuq il-lista mħejjija [...] (MLRS v3.0 european3534)

(24b) [...] l-konferma ta' xi mard infettuż jew li jittieħed fir-razza taż-żwiemel imsemmija [...] (MLRS v3.0 european7180)

Il-forma *(i)nkejjuż* hija interessanti. Hija forma kumplessa li ma nbnietx fuq bażi Rumanza jew Ingliża iżda fuq l-għerq √nkj. Din il-kelma ibrida hija lokali ladarba l-għerq √nkj ma jokkorrix fir-Rumanz u/jew fl-Ingliż. It-tifsira li jagħti Aquilina (p. 900) hija "*annoying, vexing, spiteful*".

(25a) U Seksieku kien ta' kelmtu daqskemm kien makakk u nkejjuż [...] (MLRS v3.0 literature23)

(25b) Ninu kien tassew inkejjuż, u dik il-ħabta kien qabad ma' Pietru bħal qarnita. (MLRS v3.0 literature33)

Fid-dizzjunarju, Aquilina jikkonferma li l-kelma *traffikuż* hija forma lokali (p. 1473). Jiddefiniha bħala "*full of traffic; having many vehicles moving along*". Il-bażi tokkorri kemm fil-Malti u kemm fil-lingwa sors bl-istess tifisiriet.

(26a) Il-belt għandha l-akbar port fl-Ewropa u sa ftit ilu l-aktar port traffikuż fid-dinja. (MLRS v3.0 news173300)

(26b) Fil-Fgura li huwa raħal iktar traffikuż insibu li wieħed minn kull tmienja jbati bl-asthma. (MLRS v3.0 parl3921)

Aquilina jikteb li l-kelma *panikuż* hija forma lokali li ma tokkorrix fit-Taljan u li tfisser, "*panicky*", jiġifieri xi ħadd li ta' spiss jippanikja. Il-bażi tokkorri kemm fil-Malti (*paniku*) u kemm fit-Taljan bl-istess tifsira.

(27a) X'uħud mill-mexxejja tal-Unjoni qegħdin jitkellmu b'mod isteriku u panikuż. (MLRS v3.0 news107184)

(27b) Daniel kien panikuż, u rikeb fil-karozza. (MLRS v3.0 news47075)

Fuq il-kelma *kustinjuż*. Aquilina jtiha taħt il-lemma *kwestjoni*/*kustjoni* u jgħid li hija forma lokali li tfisser, "*litigious, one who picks holes in an argument*." Għal xi raġuni, m'hemmx eżempji rilevanti ta' din il-forma f'kuntest fil-korpus, tant li titfaċċa biss b'referenza għal sqaq partikolari (*Sqaq il-Kustinjuż*). Biss, hija kelma li smajtha tintuża kemm-il darba mill-kelliema nattivi u tokkorri wkoll f'xi dokumenti fosthom fil-lista alfabetika ta' Deċiżjonijiet 1 (Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008, p. 8).

Fl-aħħar nett hemm il-formazzjoni lokali *meruż* li bħal *(i)nkejjuż*, tinbena fuq bażi t'oriġini Għarbija. Aquilina jinkludi dan l-aġġettiv taħt il-lemma *miera* fid-dizzjunarju u jiddefinih bħala "*contradictious*" (p. 825). Mal-għerq √mrj u l-verb *miera*, jingħaqad is-suffiss derivattiv misluf mit-Taljan -*uż* biex isawwar dan l-aġġettiv.

Biex nagħlaq, niġbor xi konklużjonijiet mill-osservazzjonijiet li għamilt fuq dawn it-13-il kelma kumplessa. Għajr għall-kelmiet *(i)nkejjuż* u *meruż*, il-forom kollha l-oħra jagħtu l-impressjoni li huma Taljani/Sqallin iżda m'hemmx forom korrispondenti fil-lingwi sors. Kif għidt qabel, dan il-fenomenu mhuwiex uniku għall-Malti tant li anke fid-djaletti Griegi hemm 6 formazzjonijiet li jagħtu l-impressjoni li huma Taljani imma mhumiex (Katsouda, 2016, p. 245). Il-bażi ta' dawn il-formazzjonijiet kollha jokkorru fit-Taljan/Sqalli għalkemm f'xi wħud, kien hemm żvilupp semantiku. Mill-ġabra li preżentajt, ma jidhirx li hemm formazzjonijiet li jinbnew fuq bażi Ingliża.

B'mod konsistenti, is-suffiss -*uż* joħloq aġġettivi li jesprimu b'mod intensiv jew jikxfu tendenzi persistenti marbutin ma' xi kwalità partikolari. Mit-13-il formazzjoni, 11 itihom Aquilina fid-dizzjunarju waqt li 2 minnhom, *polemikuż* u *infettuż*, ma jtihomx. Tal-ewwel tokkorri 147 darba fil-korpus waqt li *infettuż* tokkorri 33 darba.

4.3.2.2. Ir-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet lokali

L-istess bħalma għamilt għall-analiżi tal-formazzjonijiet mislufin bis-suffiss *-uż*, nanalizza bir-reqqa dawn it-13-il formazzjoni u b'mod sistematiku nara hemmx restrizzjonijiet speċifiċi li jikkundizzjonaw it-tiżwiġ tal-bażi mal-affiss.

Nibda mir-restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. Interessanti li l-bażi, jiġifieri l-kelma korrispondenti sempliċi li fuqha tinbena l-kelma kumplessa, tispiċċa dejjem jew bil-vokali /ɐ/, /ɪ/ jew /ʊ/, jew bil-konsonanti ġeminati /l/ jew /t/. Fl-analiżi tal-forma segmentali tal-formazzjonijiet mislufin, ma kienx hemm formazzjoni waħda li l-bażi korrispondenti tispiċċa bil-likwida, jiġifieri /l/. Hemm formazzjonijiet mislufin li l-bażi nominali korrispondenti jispiċċaw bl-erba' fonemi l-oħra.

Simili għall-konklużjonijiet li ġbidt abbażi tal-formazzjonijiet mislufin, ma jidhirx li l-forma suprasegmentali u l-kwantità ta' sillabi jikkundizzjonaw il-proċess tal-affissazzjoni.

Analiżi tar-restrizzjonijiet **sintattiċi** vis-à-vis dawn it-13-il formazzjoni tikxef li, bħalma ġara fil-każ tal-formazzjonijiet mislufin, il-bażi li fuqha tinbena l-kelma kumplessa tkun dejjem nom. L-uniċi 2 eżempji problematiċi huma *meruż* u *infettuż*. Il-bażi ta' *meruż*, kif jikkonferma Aquilina (p. 825), huwa l-verb *miera* waqt li l-bażi ta' *infettuż* tista', teoretikament, tkun kemm in-nom *infezzjoni*, kif ukoll l-aġġettiv *infettiv* jew il-verb *infetta*. Jekk ninjoraw għall-ftit iż-2 formazzjonijiet problematiċi, nistgħu nippreżentaw din il-kundizzjoni formalment permezz tan-notazzjoni, [ N – ].

Fil-każ tal-kelmiet kumplessi mislufin, ikkonkludejt li, **semantikament**, il-bażi jew l-aġġettiv maħluq jista' jġorr konnotazzjoni negattiva, pożittiva jew newtrali. Biss, f'dan il-każ, jidher li l-formazzjonijiet lokali kollha jinbnew fuq nom li għandu konnotazzjonijiet negattivi. It-13-il bażi huma kollha peġġorattivi u jesprimu kwalitajiet jew sitwazzjonijiet li mhumiex daqstant sbieħ jew pjaċevoli. Din l-osservazzjoni taqbel mal-argument li jressaq Dixon (2014, p. 245) li użu komuni ta' dan is-suffiss huwa ma' nomi li jirreferu għal xi ħaġa ħażina.

Osservazzjoni semantika oħra tikkonċerna r-referent. Simili għall-osservazzjonijiet li tagħmel Katsouda (2016, p. 249) fid-dawl tal-formazzjonijiet ġodda b'dan is-suffiss fil-Grieg, uħud mill-formazzjonijiet ġodda fil-Malti għandhom referent animat (eż. *panikuż*) waqt li oħrajn għandhom referent li mhuwiex uman u huwa jew oġġett jew kunċett (eż. *umduż* u *traffikuż*). Biss, ta' min ngħidu, li wħud minn dawn it-13-il formazzjoni jistgħu jintużaw kemm b'referenza għall-umani (eż. *tfajla storbjuża*) kif ukoll għal oġġetti jew kunċetti mhux-umani (eż. *karozza storbjuża*).

Osservazzjoni oħra semantika tikkonċerna l-kategorija grammatikali tan-nom. It-13-il bażi huma lkoll nomi komuni li jinqasmu f'astratti u konkreti. L-unika 2 bażijiet li jistgħu, sa ċertu punt, jiġu kkunsidrati bħala konkreti huma n-nomi *aċtu* u *umdu*. Il-bqija huma kollha astratti.

Ngħid kelmtejn fuq ir-restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Għajr għall-kelmiet *(i)nkejjuż* u *meruż*, dan is-suffiss aġġettivali jingħaqad qabelxejn ma' bażijiet li ġejjin mit-Taljan jew mill-Isqalli. Kif argumentajt f'taqsima 2.2.2.3., u kif jagħmel Peter (2015, p. 920) fl-artiklu tiegħu fuq ir-restrizzjonijiet morfoloġiċi fl-Ingliż, dan l-aspett etimoloġiku nikklassifikah taħt ir-restrizzjonijiet morfoloġiċi.

Ma jidhirx li hemm restrizzjonijiet morfoloġiċi oħra. M'hemmx, ngħidu aħna, xi affiss partikolari li jeħtieġ li jingħaqad mal-bażi qabel jingħaqad is-suffiss *-uż*. U mill-banda l-oħra, abbażi tal-konklużjonijiet li ġbidt f'taqsima 4.3.1., ma naħsibx li huwa impossibbli li dan is-suffiss jingħaqad ma' kelmiet kumplessi li jkun fihom is-suffiss derivattiv *-ità*.

Nagħlaq din it-taqsima b'analiżi tal-formazzjonijiet kumplessi bis-suffiss *-uż* fir-rigward tal-fenomenu tal-**ibblukkar** (ara taqsima 2.2.2.8.). Għal din id-diskussjoni, niffoka fuq 4 kelmiet kumplessi: *aċiduż* u *infettuż* li ddiskutejt f'din it-taqsima tal-formazzjonijiet kumplessi, u *kriminuż* u *tedjuż* li huma mniżżlin f'tabella f'taqsima 4.2. Nippreżentahom f'tabella flimkien mal-kelma kumplessa korrispondenti li ġġorr l-istess tifsira.

| | **Formazzjonijiet** | **Tokens fil-** | **Formazzjonijiet** | **Tokens fil-** |
|---|---|---|---|---|

| | kumplessi | korpus | kumplessi b'tifsira simili | korpus |
|---|---|---|---|---|
| 1. | aċiduż | 41 | aċidità | 188 |
| 2. | infettuż | 33 | infettiv | 655 |
| 3. | kriminuż | 20 | kriminali | 23,567 |
| 4. | tedjuż | 9 | tedjanti | 267 |

**Tabella nru 12:** L-ibblukkar fil-formazzjonijiet bis-suffiss *-uż*

L-okkorrenza ta' żewġ kelmiet kumplessi, mibnijin fuq l-istess bażi mhuwiex fenomenu uniku għall-Malti. Fl-Ingliż, ngħidu aħna, Peter (2015, p. 919) jargumenta li sal-1750, ma kienx hemm regoli stretti dwar l-għażla ta' ċertu suffissi u dan irriżulta fl-eżistenza ta' żewġ, tliet jew erba' formazzjonijiet li jesprimu l-istess kunċett. F'termini tal-ibblukkar, dan il-fenomenu nistgħu nikklassifikawh bħala *type blocking* ladarba l-kelma kumplessa fl-ewwel kolonna ma tokkorrix wisq għax teżisti formazzjoni oħra li hi mifruxa aktar u li preżentajt fit-tieni kolonna.

Fil-każ ta' dawn l-4 formazzjonijiet, il-formazzjoni bis-suffiss *-uż* mhijiex ibblukkata għalkollox. Biss huwa evidenti li l-formazzjonijiet korrispondenti jokkorru ħafna aktar u huma aktar mifruxin. Kif argumentajt, permezz ta' Rainer, f'taqsima 2.2.2.8., l-effett tal-ibblukkar isir aktar b'saħħtu aktar ma tinfirex il-formazzjoni korrispondenti, speċjalment jekk semantikament, iż-żewġ formazzjonijiet ikunu jixxiebhu ħafna mil-lat ta' konnotazzjonijiet.

## 4.4. Konklużjoni

F'din l-aħħar taqsima nagħlaq il-kapitlu b'analiżi komparattiva ħafifa bejn ir-restrizzjonijiet osservati fil-formazzjonijiet mislufin u dawk lokali. Nelenka xi punti li joħorġu fid-dieher ix-xebh u d-differenzi bejn dawn iż-żewġ tipi.

- Restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. Jidher li hemm xi forma ta' affinità bejn bażijiet li jispiċċaw bil-vokali jew b'xi konsonanti ġeminati u s-suffiss *-uż*. Dan il-fenomenu jitfaċċa kemm fil-formazzjonijiet mislufin u kemm f'dawk lokali. Iż-żewġ tipi ta' formazzjonijiet juruna wkoll li l-forma suprasegmentali u l-kwantità ta' sillabi mhumiex fatturi li jikkundizzjonaw it-tiżwiġ tal-bażi ma' dan is-suffiss.

- Restrizzjonijiet **sintattiċi**. Għajr għall-eżempji problematiċi *meruż* u *infettuż*, il-bażijiet ta' dawn il-formazzjonijiet kumplessi, kemm mislufin u kemm lokali, huma lkoll nomi.

- Hemm ħafna xi tgħid fuq ir-restrizzjonijiet **semantiċi** vis-à-vis dan is-suffiss. Qabelxejn, il-konnotazzjonijiet tal-formazzjonijiet mislufin huma jew negattivi, jew newtrali jew saħansitra jirreferu għal kwalitajiet sbieħ u mixtieqa. Mill-banda l-oħra, il-formazzjonijiet lokali kollha jinbnew fuq nomi li għandhom konnotazzjoni negattiva. Lil hinn mill-konnotazzjonijiet, iż-żewġ tipi ta' formazzjonijiet jaqblu bejniethom fejn jidħol ir-referent. Uħud għandhom referent animat waqt li oħrajn għandhom referent li huwa oġġetti jew kunċett mhux-uman.

- Restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Jekk nieħdu l-etimoloġija tal-bażijiet kollha, nistgħu nikkonkludu li, għajr għall-eżempji *inkejjuż* u *meruż*, dan is-suffiss juri preferenza għall-bażijiet li ġejjin mit-Taljan jew mill-Isqalli. Iż-żewġ tipi ta' formazzjonijiet juruna wkoll li dan is-suffiss ma jeħtieġx suffiss ieħor qablu biex jiġi miżjud.

# 5. Is-suffiss -*ezza* u r-restrizzjonijiet

F'dan il-kapitlu nistudja b'mod sistematiku u bir-reqqa l-formazzjonijiet kumplessi bis-suffiss nominali -*ezza*.[31] L-għan huwa li nistabilixxi r-restrizzjonijiet speċifiċi li jikkundizzjonaw it-tiżwiġ ta' dan is-suffiss mal-bażi. Il-kapitlu hu maqsum f'erba' partijiet ewlenin: 1) introduzzjoni tas-suffiss li tinkludi ħarsa kritika tas-suffiss -*ezza* fit-Taljan, 2) il-ġabra ta' formazzjonijiet kumplessi fil-Malti flimkien ma' xi osservazzjonijiet fuqhom, 3) l-analiżi tar-restrizzjonijiet li jikkundizzjonaw il-kliem kumpless, kemm dawk mislufin u kemm dawk li nħalqu lokalment, u 4) konklużjoni li fuq fuq tiġbor l-aktar punti saljenti.

## 5.1. Fuq is-suffiss

### 5.1.1. Fit-Taljan u fil-Malti

Nibda minn żewġ definizzjonijiet ta' dan is-suffiss fit-Taljan skont id-dizzjunarji online ta' Treccani u De Mauro. Nippreżentahom f'tabella fil-lingwa oriġinali flimkien mat-traduzzjoni għall-Malti. L-eżempji ma nittraduċihomx ladarba nippreżenta wħud minnhom bil-Malti b'mod sistematiku aktar 'il quddiem.

| **-*ezza* skont Treccani** | |
|---|---|
| -*ézza* – Suffisso derivativo di nomi astratti tratti da aggettivi: *ampiezza*, *bellezza*, *bruttezza*, *giustezza*, *larghezza*, *tristezza* [...]. | -*ezza* - Suffiss derivattiv ta' nomi astratti mnisslin minn aġġettivi: [...]. |

**Tabella nru 13:** Definizzjoni ta' -*ezza* skont Treccani

| **-*ezza* skont De Mauro** | |
|---|---|
| suff. forma produttivamente numerosi sostantivi femminili astratti derivati spec. da aggettivi: *altezza*, *ampiezza*, *bellezza*, *biondezza*, *chiarezza*, *consapevolezza*, *durezza*, *franchezza*, *grandezza*, *larghezza*, *leggerezza*, | suffiss produttiv li jifforma bosta nomi femminili astratti derivati minn aġġettivi: [...]. |

[31] F'dan il-kapitlu neskludi għalkollox is-suffiss verbali -*izza* (eż. *organizza*).

| | |
|---|---|
| *lunghezza*, *pienezza*, *ricchezza*, *sciocchezza*, *sicurezza*, *stanchezza*, *tenerezza*, *timidezza*, *tristezza*. | |

**Tabella nru 14:** Definizzjoni ta' -*ezza* skont De Mauro

Minn dawn iż-żewġ definizzjonijiet nistgħu noħorġu b'xi għamla ta' konklużjoni li donnu hemm qbil fuqha. Is-suffiss -*ezza* fit-Taljan inissel nomi astratti minn aġġettivi. It-tieni definizzjoni tispeċifika wkoll li n-nomi mnisslin huma fil-femminil, tant hu hekk li l-eżempji mogħtija lkoll jispiċċaw bil-vokali <a>. Din il-vokali fit-Taljan, f'ħafna drabi, tista' titqies bħala markatur tal-ġens femminili.

Fix-xogħlijiet tiegħu fuq il-produttività fil-Malti, Saade (2019, p. 66; 2020, p. 454) iniżżel -*ezza* bħala suffiss deaġġettivali li jifforma n-nomi. Jagħti il-par *ċert* → *ċertezza* biex jeżemplifika dan. Fl-istess xogħol, isemmi li dan is-suffiss partikolari jista' jingħaqad ukoll ma' bażi Semitika. L-eżempju *mqarbezza*, skont l-awtur, hu nom ta' kwalità li jitnissel minn bażi Semitika aġġettivali.

Fl-analiżi tagħha tas-suffissi nominali Rumanzi, Camilleri (1993, p. 39) tgħid li dan is-suffiss "qiegħed jesprimi, b'mod astratt, stat li hu indefinibbli jiġifieri ma tistax tkejlu jew tarah." Fi kliem ieħor, l-awtriċi qed targumenta li dan is-suffiss jifforma nomi ta' kwalità astratta.

Punt ieħor li tagħmel Camilleri jikkonċerna l-produttività tal-affiss. Tikkritika lil Krier (1976) li fl-istudju tagħha targumenta li ma ltaqgħetx ma' dan is-suffiss għax il-parteċipanti tal-istudju qatt ma jużaw in-nomi kumplessi li ppreżentatilhom. Biss, kif tinnota Camilleri, in-nomi li permezz tagħhom tagħmel din il-konklużjoni, *xeħħizza* u *ħlenizza*, mhumiex mifruxin u lanqas qegħdin fid-dizzjunarju t'Aquilina (1987-1991). Għalhekk il-konklużjoni li tiġbed Krier (1976, p, 58), li dan is-suffiss ma jintużax b'mod kostanti fil-lingwa, hija problematika minħabba l-metodu lingwistiku użat għall-istudju.

Fl-aħħar nett, Camilleri ssemmi li s-suffiss għandu l-varjant -*izza* u li dawn "ħafna drabi kapaċi joqogħdu mal-istess zokk morfemiku". Tagħti x'tifhem ukoll li l-għażla bejn iż-żewġ

suffissi mhijiex kundizzjonata minn xi fatturi lingwistiċi imma tiddependi mill-kelliema. Dan il-punt nerġa' nistudjah f'taqsima 5.2.2.1.

Għal xi raġuni, la Aquilina (1987-1991) u lanqas Serracino-Inglott (1975-1989) ma jagħtu dan is-suffiss bħala entrata għalih fid-dizzjunarju. Biss, f'Aquilina, insibu s-suffiss *-ezza* taħt uħud mill-entrati, fosthom l-entrata '*ċert*' u '*sigur*'.

### 5.1.2. *-ezza* bħala suffiss

Minn lenti kemxejn teoretika, niddiskuti s-segment *-ezza* bħala suffiss fil-Malti. Jekk noqogħdu fuq id-definizzjoni ta' Bauer (2014) li ddiskutejt f'taqsima 1.5.2., li l-affiss huwa segment magħmul minn materjal fonoloġiku, li jokkorri ta' spiss, li mhuwiex bażi u li meta nsibuh f'kelma jħalli effett relattivament konsistenti fuq it-tifsira tal-kelma li magħha jingħaqad, m'għandhiex tkun problema li nqisu *-ezza* bħala affiss. U ladarba jokkorri fuq wara tal-kelma kumplessa nistgħu nirreferu għalih bħala suffiss.

Kif urejt fl-istess taqsima, jiġifieri 1.5.2., dan is-suffiss *-ezza* jsegwi l-erba' kriterji neċessarji ta' Dixon (2014), jiġifieri li kull kelma kumplessa li joħloq hija kelma waħda grammatikali, kelma waħda fonoloġika, tħalli effett semantiku u sintattiku prevedibbli fuq il-bażi u hemm numru ta' okkorrenzi b'dan is-suffiss.

Storikament, aktarx li dan is-suffiss segwa l-proċess li jelabora fuqu Rainer (2015, p. 1777) u li jien iddiskutejt f'taqsima 1.5.2.2. Aktarx li, kawża tal-kuntatt mat-Taljan, l-ewwel kien hemm influss ta' kliem kumpless bis-suffiss *-ezza* li daħal bi ftit jew xejn modifikazzjonijiet. Wara, inkonxjament, il-binja morfoloġika ġiet estratta internament mill-kliem misluf u s-suffiss *-ezza* ngħaqad ma' bażijiet oħra skont il-ħtieġa.

### 5.1.3. Ir-restrizzjonijiet tas-suffiss *-ezza* fit-Taljan

Fit-taqsima fuq *-ezza* fit-Taljan, Rainer (2004, p. 301) jiddiskuti fid-dettall dan is-suffiss flimkien mar-restrizzjonijiet lingwistiċi li jikkundizzjonaw il-proċess tat-tagħqid ma' bażijiet differenti. Niddiskuti fid-dettall l-argumenti li jressaq Rainer biex fit-taqsima 5.3., nagħmel

analiżi tal-kelmiet kumplessi b'dan is-suffiss fil-Malti vis-à-vis dawn l-osservazzjonijiet fit-Taljan.

Rainer jibda t-taqsima billi jargumenta li s-suffiss *-ezza* fit-Taljan xi kultant jiġi preżentat bħala s-suffiss default biex jifforma nomi ta' kwalità u li huwa dan is-suffiss li għandu jintuża sakemm ma jkunx hemm kundizzjonijiet li jiffavorixxu l-użu ta' suffiss ieħor. Biss, l-awtur stess jgħid li din l-istqarrija hija qarrieqa għax anke dan is-suffiss huwa kkundizzjonat minn restrizzjonijiet qawwija.[32]

"Ma' bażijiet bisillabiċi", jgħid Rainer (p. 302), "huwa ċar li *-ezza* huwa s-suffiss dominanti iżda jrid jikkompeti ma' xi għoxrin suffiss rivali". L-awtur jikkonferma dan permezz ta' analiżi ta' 265 aġġettiv bisillabiku fit-Taljan. Minn dawn il-265 formazzjoni, 133 jieħdu s-suffiss *-ezza*. It-tieni l-aktar suffiss mifrux huwa *-ità* li joqgħod ma' 43 formazzjoni. Biss, fir-rigward tal-bażijiet bisillabiċi, l-awtur jargumenta li ftit hemm neoloġiżmi attestati b'dan is-suffiss. Mill-banda l-oħra, "is-sitwazzjoni fir-rigward ta' bażijiet li għandhom aktar minn żewġ sillabi hija differenti ħafna", ikompli l-awtur. Tant hu hekk li 47 formazzjoni biss minn 260 jieħdu s-suffiss *-ezza*. Minn dawn is-47 formazzjoni, 29 jispiċċaw bis-sekwenza *-to* (eż. *assoluto*, *astratto*, *completo* u *concreto*).

Din l-affinità bejn is-suffiss *-ezza* u l-aġġettivi li jispiċċaw bis-sekwenza *-to* hija evidenti fl-analiżi ta' parteċipji lessikalizzati li wkoll jiffavorixxu dan is-suffiss. Biss, Rainer ikompli jispeċifika li l-parteċipju jrid jesprimi xi kwalità biex jaġixxi bħala bażi. Mela, il-parteċipji li jieħdu s-suffiss *-ezza* fit-Taljan: a) jispiċċaw bis-sekwenza *-to*, b) jesprimu kwalità, mhux stat u ċ) jirreferu għal dispożizzjoni umana jew kwalità estetika. Fit-Taljan, hemm żewġ gruppi ewlenin ta' bażijiet li jieħdu *-ezza*. L-ewwel grupp hu magħmul minn bażijiet li huma parteċipji lessikalizzati u li jesprimu xi dispożizzjoni umana, bħal, *raffinatezza*, *sfrenatezza* u *trascuratezza*. It-tieni grupp huwa magħmul minn aġġettivi li jesprimu ġudizzju estetiku, bħal, *elaboratezza*, *elevatezza* u *ornatezza*.

---

[32] " [...] *una tale caratterizzazione è fuorviante, dato che anche -ezza è soggetto a delle forti restrizioni*."

L-affinità partikolari osservata bejn *-ezza* u l-aġġettivi li jispiċċaw /tV/ ma tapplikax għall-aġġettivi possessivi li jispiċċaw *-ato* (**ansatezza*), *-uto* (**barbutezza*), *-ista* (**l'anticomunistezza*) u b'mod ġenerali dawk bi *-nte*. Wara kollox, l-awtur stess josserva li ħafna minn dawn l-aġġettivi għandhom aktar minn żewġ sillabi u, għalhekk, *-ezza* mhuwiex is-suffiss preferut.

Hemm imbagħad żewġ klassijiet żgħar ta' aġġettivi li għandhom aktar minn żewġ sillabi u li jieħdu s-suffiss *-ezza*, dawk li jispiċċaw *-ido* u dawk li jispiċċaw *-evole*. Għal tal-ewwel, l-awtur jagħti l-eżempji *flaccidezza*, *floridezza*, *insipidezza*, *intrepidezza* u *languidezza* waqt li għal tal-aħħar jagħti l-eżempji *agevolezza*, *amichevolezza* u *arrendevolezza*.

Il-konklużjoni tal-awtur (p. 304), hi li għalkemm is-suffiss *-ezza* jokkorri ta' spiss, l-użu tiegħu huwa ristrett u għalhekk, mhuwiex produttiv ħafna. Jintuża l-aktar ma' aġġettivi bisillabiċi u ma' parteċipji lessikalizzati li jispiċċaw bis-sekwenza *-to* u li jesprimu xi kwalità. Ma' aġġettivi li jispiċċaw *-ido* u *-evole*, is-suffiss jintuża wkoll imma mhuwiex daqstant produttiv.

Nagħlaq din it-taqsima billi nippreżenta u nikklassifika dawn ir-restrizzjonijiet abbażi tal-figura nru 3. Qabelxejn, jidher li hemm restrizzjoni **sintattika** ladarba, skont Rainer, dan is-suffiss jokkorri ma' aġġettivi u ma' parteċipji biss. Hemm ukoll xi restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. Il-maġġorparti tal-parteċipji u tal-bażijiet li għandhom aktar minn żewġ sillabi jieħdu s-suffiss -*ezza* jekk il-bażi tispiċċa /tV/. B'mod aktar speċifiku, din hija restrizzjoni fonoloġika kkundizzjonata mill-forma segmentali tal-bażi. L-osservazzjoni li l-maġġorparti tal-aġġettivi huma bisillabiċi hija fiha nnifisha restrizzjoni oħra fonoloġika li tirrestrinġi l-ħolqien tal-kliem kumpless abbażi tal-kwantità ta' sillabi fil-bażi.

Hemm grupp żgħir ta' aġġettivi li jieħdu *-ezza* u li jispiċċaw *-ido* jew *-evole*. Min-naħa, din tista' titqies bħala restrizzjoni fonoloġika kkundizzjonata mill-forma segmentali tal-bażi. Mill-banda l-oħra, b'mod partikolari fil-każ ta' *-evole*, tista' titqies ukoll bħala restrizzjoni speċifika **morfoloġika** kkundizzjonata mill-preżenza ta' affiss partikolari fil-bażi, ladarba -*evole* jitqies bħala suffiss derivattiv fit-Taljan (ara Ricca, 2004, p. 429). Anke l-osservazzjoni li

*-ezza* ma jistax jingħaqad ma' bażijiet li jispiċċaw *-ato*, *-uto, -ista* u *-nte* tista' tiġi analizzata kemm bħala restrizzjoni fonoloġika, u kemm, sa ċertu punt, bħala restrizzjoni morfoloġika. Hemm imbagħad żewġ restrizzjonijiet **semantiċi** li jikkundizzjonaw it-tiżwiġ tas-suffiss *-ezza* mal-bażi. Il-parteċipji u/jew l-aġġettivi jridu jesprimu xi għamla ta' kwalità li tkun jew dispożizzjoni umana jew kwalità estetika.

## 5.2. Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-ezza*

Nippreżenta ġabra ta' formazzjonijiet kumplessi bis-saħħa tal-korpus tal-MLRS. Din il-ġabra tinqasam fi tnejn. L-ewwel 104 formazzjonijiet huma bil-varjant *-ezza* waqt li d-9 formazzjonijiet ta' warajhom huma bil-varjant *-izza*.

| | ***-ezza* types** | **Varjanti** | **Numru ta' tokens** | **Noti fuq l-oriġini** |
|---|---|---|---|---|
| 1. | inċertezza | nċertezza[!]<br>inċetezza[!] | 4761, 50, 3 | (tr) Tal. *incertezza* |
| 2. | ċertezza | aċċertezza<br>ċertrezza[!] | 2341, 1, 1 | (tr) Tal. *certezza* |
| 3. | privatezza | pivatezza[!] | 2261, 3 | (tr) Tal. *privatezza*; (Aq.) formazzjoni lokali |
| 4. | segretezza | sekretezza[!]<br>segrettezza[!]<br>segertezza[!]<br>segretrezza[!] | 1408, 11, 2, 1, 1 | (tr) Tal. *segretezza* |
| 5. | sigurezza | sikurezza<br>sicurezza[!]<br>sugurezza[!]<br>sigirezza[!] | 1309, 9, 3, 1 | (tr) Tal. *sicurezza* |
| 6. | korrettezza | korretezza[!]<br>korettezza[!]<br>correttezza[!] | 885, 44, 18, 1 | (tr) Tal. *correttezza* |
| 7. | eżattezza | eżatezza[!]<br>esattezza[!]<br>esatezza[!] | 708, 92, 4, 2 | (tr) Tal. *esattezza* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 8. | ċarezza | kjarezza<br>chiarezza!<br>ċarrezza! | 657, 357, 6, 1 | (tr) Tal. *chiarezza*; (Aq.) Sq. *chiarizza* |
| 9. | adegwatezza | adekwatezza<br>adegwetezza!<br>adegwatwezza!<br>adegwezza! | 259, 53, 3, 1, 1 | (tr) Tal. *adeguatezza* |
| 10. | laxkezza | | 226 | (Aq.) Sq. *laschizza* |
| 11. | rikkezza | rikezza! | 221, 43 | (tr) Tal. *ricchezza* |
| 12. | ġentilezza | ġentillezza!<br>ġenitilezza! | 211, 2, 1 | (tr) Tal. *gentilezza* |
| 13. | skarsezza | iskarsezza<br>skarzezza!<br>iskarzezza!<br>skarasezza! | 208, 175, 8, 5, 1 | (tr) Tal. *scarsezza* |
| 14. | delikatezza | delekatezza!<br>delikattezza! | 206, 3, 1 | (tr) Tal. *delicatezza*; (Aq.) Sq. *delicatezza* |
| 15. | kompletezza | kumplettezza! | 186, 1 | (tr) Tal. *completezza* |
| 16. | akkuratezza | akkurezza! | 114, 4 | (tr) Tal. *accuratezza* |
| 17. | freskezza | friskezza | 114, 10 | (tr) Tal. *freschezza* |
| 18. | finezza | | 109 | (tr) Tal. *finezza* |
| 19. | speditezza | ispeditezza<br>espeditezza<br>spedittezza!<br>espidetezza!<br>espiditezza!<br>ispedittezza! | 109, 30, 11, 2, 1, 1, 1 | (tr) Tal. *speditezza* |
| 20. | bellezza | belezza! | 91, 1 | (tr) Tal. *bellezza* |
| 21. | rettezza | | 73 | (dm) Tal. *rettezza* |
| 22. | immedjatezza | immedjattezza!<br>immedjetezza! | 68, 1, 1 | (tr) Tal. *immediatezza* |
| 23. | leġġerezza | leġerezza! | 67, 1 | (tr) Tal. *leggerezza* |
| 24. | purezza | | 66 | (tr) Tal. *purezza* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 25. | prontezza | | 57 | (tr) Tal. *prontezza* |
| 26. | kuntentezza | kontentezza[!]<br>kuntintezza[!] | 51, 1, 1 | (tr) Tal. *contentezza* |
| 27. | ineżattezza | ineżatezza[!]<br>ineżżattezza[!] | 48, 1, 1 | (tr) Tal. *inesattezza* |
| 28. | frankezza | | 46 | (tr.) Tal. *franchezza* |
| 29. | sodezza | | 45 | (tr) Tal. *sodezza* |
| 30. | bassezza | baxxezza<br>basezza[!] | 40, 2, 1 | (tr) Tal. *bassezza* |
| 31. | konsapevolezza | consapevolezza[!]<br>konsapovolezza[!] | 38, 11, 1 | (tr) Tal. *consapevolezza* |
| 32. | skorrettezza | iskorrettezza<br>skoretezza[!]<br>skorettezza[!]<br>skorretezza[!]<br>iskorettezza[!]<br>iskorretezza[!] | 38, 13, 3, 2, 2, 1, 1 | (tr) Tal. *scorrettezza* |
| 33. | fermezza | | 37 | (tr) Tal. *fermezza* |
| 34. | konkretezza | | 37 | (tr) Tal. *concretezza* |
| 35. | raġonevolezza | raġjonevolezza[!]<br>raġunevolezza<br>raġenevolezza[!]<br>ragionevolezza[!] | 37, 13, 6, 2, 2 | (tr) Tal. *ragionevolezza* |
| 36. | riservatezza | riżervatezza | 33, 2 | (tr) Tal. *riservatezza* |
| 37. | adultezza | | 23 | formazzjoni lokali |
| 38. | strettezza | istretezza[!]<br>istrettezza | 23, 2, 2 | (tr) Tal. *strettezza* |
| 39. | tenerezza | tnerezza[!] | 23, 1 | (tr) Tal. *tenerezza* |
| 40. | inkorrettezza | inkorettezza[!] | 21, 1 | (tr) Tal. *incorrettezza* |
| 41. | inadegwatezza | inadekwatezza | 19, 1 | (tr) Tal. *inadeguatezza* |
| 42. | saġġezza | | 16 | (tr) Tal. *saggezza* |
| 43. | awtorevolezza | | 15 | (tr) Tal. *autorevolezza* |
| 44. | grandezza | | 14 | (tr) Tal. *grandezza* |
| 45. | vastezza | | 14 | (dm) Tal. *vastezza* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 46. | insikurezza | insigurezza | 13, 4 | (tr) Tal. *insicurezza* |
| 47. | ampjezza | ampiezza[!] | 11, 1 | (tr) Tal. *ampiezza* |
| 48. | debolezza[!] | debbolezza<br>debulezza[!] | 11, 7, 2 | (tr) Tal. *debolezza* |
| 49. | irraġonevolezza | irraggionevolezza [!]<br>irragionevolezza[!]<br>irraġunevolezza | 11, 1, 1, 1 | (tr) Tal. *irragionevolezza* |
| 50. | robustezza | | 10 | (tr) Tal. *robustezza* |
| 51. | fondatezza | | 9 | (tr) Tal. *fondatezza* |
| 52. | naturalezza | | 9 | (tr) Tal. *naturalezza* |
| 53. | brillantezza | | 8 | (tr) Tal. *brillantezza* |
| 54. | skuntentezza | iskontentezza[!]<br>iskuntentezza<br>diskuntentezza[!] | 8, 5, 2, 1 | (tr) Tal. *scontentezza* |
| 55. | sottilezza | sottiliezza[!] | 8, 1 | (tr) Tal. *sottigliezza* |
| 56. | limpidezza | | 7 | (tr) Tal. *limpidezza* |
| 57. | karezza | | 6 | (tr) Tal. *carezza* |
| 58. | affrontatezza | | 5 | formazzjoni lokali |
| 59. | approprjatezza | appropjatezza[!] | 5, 1 | (dm) Tal. *appropriatezza* |
| 60. | (i)mqarbezza | mqarbezza | 5, 4 | formazzjoni lokali |
| 61. | kompjutezza | komjutezza[!] | 5, 2 | formazzjoni lokali |
| 62. | kumpattezza | kompattezza | 5, 4 | (tr) Tal. *compattezza* |
| 63. | salvezza | | 5 | (tr) Tal. *salvezza* |
| 64. | stitikezza | istitikezza | 5, 1 | (tr) Tal. *stitichezza* |
| 65. | doppiezza[!] | doppjezza | 4, 1 | (tr) Tal. *doppiezza* |
| 66. | frivolezza | | 4 | (tr) Tal. *frivolezza* |
| 67. | tristezza | | 4 | (tr) Tal. *tristezza* |
| 68. | adattezza | | 3 | formazzjoni lokali |
| 69. | assolutezza | asssolutezza[!] | 3, 1 | (tr) Tal. *assolutezza* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 70. | inkompletezza | | 3 | (tr) Tal. *incompletezza* |
| 71. | kalmezza | | 3 | (Aq.) formazzjoni lokali |
| 72. | politezza | pulitezza | 3, 3 | (tr) Tal. *pulitezza* |
| 73. | preparatezza | | 3 | formazzjoni lokali |
| 74. | raffezza | | 3 | formazzjoni lokali |
| 75. | raffinatezza | raffinezza<br>rfinezza<br>irfinezza<br>rafinatezza[!] | 3, 3, 2, 1, 1 | (tr) Tal. *raffinatezza* |
| 76. | skjettezza | iskjettezza | 3, 2 | (tr) Tal. *schiettezza* |
| 77. | infantilezza | | 2 | formazzjoni lokali |
| 78. | kolpevolezza | kolpavolezza[!] | 2, 1 | (tr) Tal. *colpevolezza* |
| 79. | kompostezza | | 2 | (tr) Tal. *compostezza* |
| 80. | lucidezza[!] | | 2 | (tr) Tal. *lucidezza* |
| 81. | peżantezza | | 2 | (tr) Tal. *pesantezza*; (Aq.) Sq. *pisantizza* |
| 82. | timidezza | | 2 | (tr) Tal. *timidezza* |
| 83. | dedikatezza | | 1 | formazzjoni lokali |
| 84. | deliberatezza | | 1 | formazzjoni lokali |
| 85. | determinatezza | | 1 | (tr) Tal. *determinatezza* |
| 86. | diskretezza | | 1 | (tr) Tal. *discretezza* |
| 87. | durevolezza | | 1 | (tr) Tal. *durevolezza* |
| 88. | fjakkezza | | 1 | (tr) Tal. *fiacchezza* |
| 89. | fondezza | | 1 | (tr) Tal. *fondezza* |
| 90. | ġovinezza | | 1 | (tr) Tal. *giovinezza* |
| 91. | impurezza | | 1 | (tr) Tal. *impurezza* |
| 92. | indixxiplinatezza | | 1 | (tr) Tal. *indisciplinatezza* |
| 93. | isfrenatezza | | 1 | (tr) Tal. *sfrenatezza* |
| 94. | istinatezza | | 1 | (tr) Tal. *ostinatezza* |
| 95. | inakkuratezza | | 1 | (tr) Tal. *accuratezza* |
| 96. | notevolezza | | 1 | formazzjoni lokali |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 97. | prelibatezza | | 1 | (tr) Tal. *prelibatezza* |
| 98. | remotezza | | 1 | formazzjoni lokali |
| 99. | resolutezza | riżolutezza | 1, 1 | (tr) Tal. *risolutezza* |
| 100. | sanezza | | 1 | formazzjoni lokali |
| 101. | skifezza | | 1 | (tr) Tal. *schifezza* |
| 102. | solidezza | | 1 | (dm) Tal. *solidezza* |
| 103. | veritezza | | 1 | formazzjoni lokali |
| 104. | xelleratezza | | 1 | (tr) Tal. *scelleratezza* |
| 105. | kuntentizza | | 503 | (tr) Tal. *contentezza* |
| 106. | skuntentizza | iskuntentizza | 77, 59 | (tr) Tal. *scontentezza* |
| 107. | sodizza | | 42 | (tr) Tal. *sodezza* |
| 108. | debulizza[!] | debbulizza<br>debbolizza<br>debolizza[!] | 37, 19, 12, 11 | (tr) Tal. *debolezza* |
| 109. | fjakkizza | | 19 | (tr) Tal. *fiacchezza* |
| 110. | pulitizza | | 8 | (tr) Tal. *pulitezza* |
| 111. | ġentilizza | | 6 | (tr) Tal. *gentilezza* |
| 112. | privatizza | pirvatezza[!]<br>privitezza[!] | 4, 1, 1 | (tr) Tal. *privatezza*; (Aq.) formazzjoni lokali |
| 113. | imqarbizza | mqarbizza | 3, 3 | formazzjoni lokali |

**Tabella nru 15:** Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-ezza* fil-korpus

### 5.2.1. Spunti metodoloġiċi

L-analiżi telqet mill-korpus Malti tal-MLRS li permezz tiegħu fittixt it-types kollha li jieħdu s-suffiss *-ezza*. Bdejt bit-tiftixa – *ezza li tagħti 339 type differenti. Minn dawn, neħħejt il-kliem li l-istruttura interna tiegħu mhijiex bażi + s-suffiss derivattiv *-ezza*, fosthom verbi (eż. *japprezza*), kunjomijiet (eż. *Brezza*), ismijiet ta' kumpaniji (eż. *Frezza*) u kliem ieħor (eż. *mezza*). Wara, ġbart flimkien il-varjanti kollha fl-istess ringiela, anke dawk ortografikament żbaljati u dawk li normalment ma jinkitbux hekk (immarkati bis-sinjal [!]). Dan il-pass, kif jispjega Saade (2019, p. 76) huwa tedjanti iżda neċessarju u ma jistax isir b'mod awtomatiku. Minn lista ta' 339 type, il-ġabra li nippreżenta tinkludi 104 type, 30.7% tal-lista oriġinali.

Wara t-tiftixa ta' kelmiet bil-varjant *-ezza*, fittixt dawk bil-varjant *-izza*. Il-korpus jagħti 1,174 type differenti. Biss, analiżi bir-reqqa tal-ewwel 500 type tikxef li l-maġġorparti mhumiex rilevanti ladarba m'hemmx fihom dan is-suffiss derivattiv. Għadd kbir minn dawn huma verbi, ngħidu aħna, *jindirizza*, *torganizza* u *jawtorizza*. Wara eżerċizzju li fih neħħejt it-types li mhumiex rilevanti u ġbart flimkien il-varjanti tal-istess type, il-lista finali tiġbor biss 9 formazzjonijiet, jiġifieri 0.018%.

Għall-kompletezza, fittixt ukoll it-types li huma fil-plural permezz tat-tiftixa – *ezzi fuq il-korpus. Il-varjant *-izzi* eskludejtu għalkollox ladarba l-formazzjonijiet rilevanti li jagħti l-korpus huma verament ftit. Il-formazzjonijiet kumplessi fil-plural, jiġifieri dawk li jieħdu s-suffiss *-ezzi*, nanalizzahom fid-dettall fit-taqsima 5.2.2.1.

Biex nistabilixxi l-provenjenza u biex nikkonferma liema minn dawn il-formazzjonijiet huma lokali, użajt id-dizzjunarju t'Aquilina u d-dizzjunarji online ta' Treccani u De Mauro. Fejn kien meħtieġ, għamilt ukoll referenza għad-dizzjunarju tal-Isqalli (Traina, 1868).

### 5.2.2. Osservazzjonijiet fuq il-ġabra

F'din il-parti nippreżenta 4 taqsimiet li permezz tagħhom nifhmu aħjar il-ġabra ta' kelmiet kumplessi mingħajr ma nagħmel analiżi tar-restrizzjonijiet, li ssir f'taqsima 5.3.

#### 5.2.2.1. Okkorrenzi

Minn dawk li jieħdu s-suffiss *-ezza*, il-kelma *inċertezza* tokkorri l-aktar, 4,761 darba. Mill-banda l-oħra, jekk neskludu l-varjanti, hemm 22 formazzjoni li jokkorru darba waħda biss. Għalkemm Saade (2019, p. 73) jargumenta li għal ħafna skulari, l-okkorrenza ta' hapax legomena mhijiex strettament marbuta man-neoloġiżmi u li n-neoloġiżmi mhux bilfors ikunu hapax legomena, il-fatt li hemm 22 formazzjoni hija indikazzjoni li dan is-suffiss huwa, xi ftit jew wisq, produttiv. Tajjeb ma ninsewx, però, li aktarx, uħud minn dawn it-22 formazzjoni jokkorru aktar minn darba li kieku l-korpus huwa aktar aġġornat jew li kieku kellna nagħmlu referenza għall-korpus ta' Malti mitkellem, li sal-lum il-ġurnata, għad m'għandniex.

Id-9 kelmiet li jieħdu l-varjant -*izza*, kollha (100%) jokkorru bil-varjant -*ezza*. Meta nqabblu dawn id-9 formazzjonijiet b'-*izza* ma' dawk b'-*ezza*, 5 minnhom (*kuntentizza*, *skuntentizza*, *debulizza*, *fjakkizza* u *pulitizza*) għandhom aktar tokens b'-*izza*. M'hemmx wisq x'tista' tikkonkludi minn din il-konklużjoni, għajr li, kif niddiskuti aktar 'il quddiem (f'taqsima 5.2.2.4.), dawn il-varjanti mhumiex qegħdin f'distribuzzjoni kumplimentarja.

Kif semmejt qabel, fittixt is-suffiss fil-plural, -*ezzi*, li fil-korpus jagħti 98 type differenti. Wara li saffejt din il-lista u ġbart flimkien il-varjanti, spiċċajt b'elenku li jiġbor fih 29 type (ara tabella nru 16 hawn taħt), 29.6% tal-lista oriġinali.

| | ***-ezzi* types** | **Varjanti** | **Numru ta' tokens** |
|---|---|---|---|
| 1. | inċertezzi | nċertezzi[!] inċeretezzi[!] | 689, 12, 1 |
| 2. | rikkezzi | rikezzi | 291, 52 |
| 3. | ineżattezzi | ineżatezzi[!] inażettezzi[!] inażattezzi[!] ineżżattezzi[!] | 269, 10, 2, 1, 1 |
| 4. | ċertezzi | | 130 |
| 5. | bassezzi | basezzi[!] baxxezzi | 72, 1 |
| 6. | skorrettezzi | iskorrettezzi skorettezzi[!] skorretezzi[!] skoretezzi[!] skorreettezzi[!] | 51, 11, 5, 3, 2, 1 |
| 7. | finezzi | | 26 |
| 8. | karezzi | | 26 |
| 9. | skarsezzi | iskarsezzi skarezzi[!] skarzezzi[!] | 25, 15, 1, 1 |
| 10. | inkorrettezzi | inkorettezzi[!] inkorretezzi[!] nkorrettezzi[!] | 21, 3, 1, 1 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. | laxkezzi | | 9 |
| 12. | delikatezzi | | 8 |
| 13. | segretezzi | | 7 |
| 14. | debbolezzi | debolezzi[!] | 5, 5 |
| 15. | eżattezzi | | 5 |
| 16. | inadegwatezzi | inadekwatezzi | 4, 1 |
| 17. | insikurezzi | | 4 |
| 18. | kjarezzi | | 4 |
| 19. | adegwatezzi | | 3 |
| 20. | frivolezzi | | 3 |
| 21. | altezzi | | 2 |
| 22. | ampjezzi | | 2 |
| 23. | prelibatezzi | | 2 |
| 24. | strettezzi | | 2 |
| 25. | fjakkezzi | | 1 |
| 26. | ġentilezzi | | 1 |
| 27. | korrettezzi | | 1 |
| 28. | pulitezzi | | 1 |
| 29. | sottiljezzi | | 1 |

**Tabella nru 16:** Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-ezzi* fil-korpus

Il-kelmiet kollha li jieħdu l-plural *-ezzi* jokkorru fis-singular (bis-suffiss *-ezza*) fil-korpus (hawn ninjora l-varjant *-izza*). F'dan ir-rigward, ma jidhirx li hemm eċċezzjonijiet. Min-naħa l-oħra, huma biss 29 minn 104 (27.9%) li nsibuhom jokkorru fil-plural. Din l-osservazzjoni hija minnha nnifisha interessanti ladarba l-maġġorparti tan-nomi fil-Malti jieħdu l-plural mingħajr problemi. Uħud mill-formazzjonijiet kumplessi li ma jokkorrux fil-plural huma: *privatezza, sigurezza, kompletezza, akkuratezza, freskezza, speditezza, bellezza, rettezza, immedjatezza, leġġerezza, purezza, prontezza, kuntentezza, frankezza, sodezza, konsapevolezza, fermezza, konkretezza, raġonevolezza* u *riservatezza*. Biss, l-intuwizzjoni hi li wħud minn dawn il-formazzjonijiet jistgħu jokkorru fil-plural u li aktarx konna nsibuhom

attestati li kieku l-korpus kien ikbar, kien aktar aġġornat u/jew kien korpus ta' Malti mitkellem.

5.2.2.2. Oriġini

F'din it-taqsima nissintetizza l-informazzjoni dwar l-oriġini tal-104 formazzjonijiet b'*-ezza* bil-għan li noħroġ b'xi ġeneralizzazzjonijiet u nara kemm minnhom huma formazzjonijiet lokali. Il-formazzjonijiet mislufin mit-Taljan huma dawk li fl-aħħar kolonna huma mmarkati (tr) jew (dm). Dan ifisser li qegħdin fi Treccani u/jew f'De Mauro u għalhekk ma nħalqux lokalment imma ġew mislufin bħala kelmiet kumplessi. Minn dawn, hemm 4 li, skont id-dizzjunarju t'Aquilina, possibilment ġew mill-Isqalli: *ċarezza*, *laxkezza*, *delikatezza* u *peżantezza*. Ilkoll jinsabu fid-dizzjunarju tal-Isqalli ta' Traina. Mill-banda l-oħra, il-formazzjonijiet lokali ma sibthomx fid-dizzjunarji ta' Treccani/De Mauro u, għal xi wħud, hemm imniżżel li huma formazzjoniijiet lokali fid-dizzjunarju t'Aquilina.

Jekk inħarsu lejn il-ġabra u lejn dawk il-formazzjonijiet b'*-ezza*, b'kollox hemm 15 li huma lokali (14.4%), jiġifieri li ma jokkorrux fit-Taljan u/jew fl-Isqalli u li aktarx inħalqu mill-moħħ nattiv Malti. Dawn huma: *adultezza*, *affrontatezza*, *(i)mqarbezza*, *kompjutezza*, *adattezza*, *kalmezza*, *preparatezza*, *raffezza*, *infantilezza*, *dedikatezza*, *deliberatezza*, *notevolezza*, *remotezza*, *sanezza* u *veritezza*. Minn dawn il-15, 2 biss, *(i)mqarbezza* u *kalmezza*, qegħdin fid-dizzjunarju t'Aquilina. Ħafna minn dawn il-formazzjonijiet lokali mhumiex mifruxin wisq u huma hapax legomena, tant li 6 formazzjonijiet minn 15 jokkorru darba waħda biss. Madankollu, ikun għaqli li xorta waħda nanalizzahom mil-lenti tar-restrizzjonijiet speċifiċi.

Il-bqija huma mislufin direttament mil-lingwa sors. Ma' dawn qed ninkludi wkoll il-kelma *privatezza* li, għalkemm Aquilina (1991, p. 1084) iniżżel li hija formazzjoni lokali, sibtha fid-dizzjunarji ta' Treccani u De Mauro bit-tifsira li tixbah ħafna s-sens li jagħti Aquilina, jiġifieri "*privacy*". De Mauro, ngħidu aħna, jagħti żewġ sensi: "1. *l'essere privato, non pubblico* 2. *riservatezza personale | privacy*".

5.2.2.3. Il-bażi

Jekk nimxu mal-ħsieb li l-formazzjoni tal-kelma kumplessa hija marbuta ma' regoli li jispeċifikaw il-bażijiet li magħhom jista' jingħaqad suffiss derivattiv partikolari (ara taqsima 2.1.1.), tkun deċiżjoni loġika li nidentifikaw il-bażi ta' dawn il-104 formazzjonijiet.

Biss, kif juri Caruana (2022, p. 19), dan mhuwiex eżerċizzju sempliċi. Tant hu hekk li jekk nieħdu l-bażi bħala dak l-element li fuqu tinbena operazzjoni morfoloġika (ara taqsima 1.5.1.), l-identifikazzjoni tal-bażi ta' wħud mill-kelmiet kumplessi hija problematika. Fir-rigward ta' dawn il-kelmiet, ikun għaqli li nikkunsidraw l-aspett dijakroniku tas-self. Aktarx li għal uħud minnhom, il-Malti ħtieġlu jissellef il-kelma kumplessa mingħajr ma jissellef il-kelma sempliċi korrispondenti. Hi x'inhi l-istorja tal-kliem, ikun eżerċizzju siewi li nittantaw nidentifikaw il-bażi biex inħaffu l-proċess li bih nagħrfu liema huma r-restrizzjonijiet speċifiċi li jikkundizzjonaw it-tiżwiġ, kemm tal-formazzjonijiet kumplessi mislufin kif ukoll ta' dawk lokali. Għal tal-ewwel, l-identifikazzjoni tal-bażi tgħinna nagħrfu wkoll liema restrizzjonijiet huma simili għal tat-Taljan.

Mill-104 formazzjonijiet, il-bażi ta' 13 minnhom (12.5%) mhijiex attestata f'Aquilina (1987-1991). Inniżżilhom hawn f'ordni li tirrifletti n-numru ta' tokens fil-korpus: *speditezza*, *bellezza*, *konsapevolezza*, *saġġezza*, *grandezza*, *ampjezza*, *karezza*, *approprjatezza*, *kompjutezza*, *peżantezza*, *prelibatezza*, *sanezza* u *skifezza*. Minkejja li l-bażi korrispondenti tagħhom mhijiex attestata f'Aquilina, ħafna minnhom għandhom bażi sempliċi li tingħad ta' spiss u/jew tokkorri fil-korpus. Ngħidu aħna, il-bażijiet, *spedit*, *saġġ*, *peżanti* u *sana* lkoll jokkorru fil-korpus u jġorru tifsira li tixbah dik tal-kelma kumplessa korrispondenti.

(28a) It-Tribunal jista' jagħti ordnijiet biex iġib arranġament <u>spedit</u> u effettiv. (MLRS v3.0 law945)

(28b) [...] l-kor ta' servili fil-midja beda jkanta l-innijiet ta' tifħir lil dan il-Prim Ministru <u>saġġ</u> u ta' ħila diplomatika [...] (MLRS v3.0 news147399)

(28ċ) Barra minn hekk qed jinstabu mezzi kif il-proċess ma jkunx pežanti daqskemm kien fl-elezzjonijiet tal-imgħoddi. (MLRS v3.0 parl229)

(28d) [...] jiġi approvat l-abbozz ta' liġi dwar stili ta' ħajja sana biex tonqos l-obeżità. (MLRS v3.0 culture3800)

Mill-banda l-oħra, il-bażi ta' 3 minn dawn il-formazzjonijiet ma tokkorrix, la fid-diskors u wisq anqas fil-korpus, *karezza*, *prelibatezza*, *skifezza*. Għal dawn it-3, nirriserva t-terminu 'morfemi lessikali' ta' Caruana (2022, p. 9). Mil-lat ta' segmentazzjoni f'morfemi, is-sekwenzi, *kar-*, *prelibat-*,[33] u *skif-* jistgħu jitqiesu bħala *cranberry morphemes*, morfi uniċi li jokkorru darba waħda biss fil-lingwa.

5.2.2.4. Osservazzjonijiet allomorfiċi

Mhuwiex l-għan ta' din it-taqsima li nagħti rendikont dettaljat tal-bidliet allomorfiċi osservati. Minflok, insemmi fuq fuq xi mekkaniżmi u niffoka l-aktar fuq il-varjanti tas-suffiss -*ezza* ~ -*izza*. Dawn il-punti jsiru fid-dawl ta' Bezzina (2020) u tal-osservazzjonijiet allomorfiċi aktar dettaljati li għamilt vis-à-vis is-suffiss -*uż* (ara taqsima 4.2.2.4.).

Kif semmejt f'taqsima 5.2.2.1., uħud mill-kelmiet li jieħdu -*ezza*, jokkorru wkoll bis-suffiss -*izza*. Għalkemm il-kunċett tad-distribuzzjoni kumplimentarja huwa dibattibbli b'rabta mal-allomorfija (ara Bezzina, 2020, p. 21), diffiċli ngħidu li fil-każ ta' dan is-suffiss derivattiv hemm xi għamla ta' allomorfija. Wara kollox, ma jidhirx li hemm kuntesti fonoloġiċi li jesiġu -*ezza* mhux -*izza* u bil-maqlub. Għal din ir-raġuni, nikkonkludi li hemm varjazzjoni ħielsa u mhux distribuzzjoni kumplimentarja.

Apparti din il-varjazzjoni fis-suffiss, hemm għadd ta' mekkaniżmi oħra allomorfiċi li jintrabtu mal-varjazzjoni fonetika fil-morfi li jaġixxu bħala l-bażi ta' dawn il-formazzjonijiet kumplessi. Fost oħrajn, hemm bidliet fil-vokali, ngħidu aħna minn /ɪ/ għal /ɛ/ fil-par *frisk* - *freskezza*.

---

[33] Għalkemm ma jokkorrix fil-korpus, l-aġġettiv *prelibat* jokkorri fuq Google (eż. "Wara waqfa ta' xi siegħa fejn stajt anki niggosta l-ikel prelibat").

F’dan l-eżempju hemm ukoll l-armonija vokalika, proċess li jista’ jitqies bħala assimilazzjoni nonkontigwa (ara Bezzina, 2020, p. 63). Hemm ukoll bidliet kwantitattivi fil-vokali. Eżempju, il-vokali /uː/, /iː/, /ɔː/ u /ɛː/ fil-kelmiet *pur*, *fin*, *sod* u *konkret* jiqsaru u jsiru /ʊ/, /ɪ /, /ɔ/ u /ɛ/ fil-kelma kumplessa minħabba l-bidla fl-aċċent primarju. Fl-aħħar nett, hemm pari li ma jgħaddux minn bidliet fonoloġiċi u li m’hemmx fihom allomorfija, bħall-pari, *ċert* - *ċertezza* u *kalm* - *kalmezza*.

## 5.3. L-analiżi tar-restrizzjonijiet

F’din il-parti niddiskuti b’mod sistematiku dawn il-104 formazzjonijiet fid-dawl tar-restrizzjonijiet speċifiċi diskussi fid-dettall f’taqsima 2.2.2. L-idea hi li niddiskuti kemm il-formazzjonijiet kumplessi li l-Malti ssellef mit-Taljan/Sqalli, kif ukoll il-formazzjonijiet li nħalqu lokalment. B’dan il-mod, inkun nista’ nistabilixxi hemmx xebh jew differenzi fir-restrizzjonijiet bejn: a) il-formazzjonijiet Maltin u dawk fit-Taljan/Sqalli, u b) il-formazzjonijiet Maltin mislufin mit-Taljan/Sqalli u dawk li nħalqu lokalment.

### 5.3.1. Kliem misluf bis-suffiss *-ezza*

F’din l-analiżi indur bir-reqqa l-formazzjonijiet kumplessi bis-suffiss *-ezza* li huma mislufin mit-Taljan/Sqalli biex inqabbel ir-restrizzjonijiet speċifiċi ma’ dawk li jniżżel Rainer (ara taqsima 5.1.3.). L-ewwel nippreżenta l-ġabra ta’ formazzjonijiet biex wara nagħmel analiżi sistematika. Biex niffaċilita l-analiżi, nagħti l-bażi fl-aħħar kolonna, skont Aquilina (1987-1991). Ladarba hawn niffoka fuq il-formazzjonijiet li huma mislufin, nelimina minn din it-tabella l-formazzjonijiet lokali u t-13-il formazzjoni li l-identifikazzjoni tal-bażi tagħhom hija problematika. L-ordni tal-kliem tirrifletti n-numru ta’ tokens fil-korpus.

| | ***-ezza* types** | **Varjanti** | **Bażi** |
|---|---|---|---|
| 1. | inċertezza | nċertezza! inċetezza! | inċert |
| 2. | ċertezza | aċċertezza ċertrezza! | ċert |
| 3. | privatezza | pivatezza! | privat |
| 4. | segretezza | sekretezza! segrettezza! | segriet/sigriet |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | segertezza! segretrezza! | |
| 5. | sigurezza | sikurezza sicurezza! sugurezza! sigirezza! | sigur |
| 6. | korrettezza | korretezza! korettezza! correttezza! | korrett |
| 7. | eżattezza | eżatezza! esattezza! esatezza! | eżatt |
| 8. | ċarezza | kjarezza chiarezza! ċarrezza! | ċar |
| 9. | adegwatezza | adekwatezza adegwetezza! adegwatwezza! adegwezza! | adegwat/adekwat |
| 10. | laxkezza | | laxk |
| 11. | rikkezza | rikezza! | rikk |
| 12. | ġentilezza | ġentillezza! ġenitilezza! | ġentili |
| 13. | skarsezza | iskarsezza skarzezza! iskarzezza! skarasezza! | skars |
| 14. | delikatezza | delekatezza! delikattezza! | delikat |
| 15. | kompletezza | kumplettezza! | komplut/komplet |
| 16. | akkuratezza | akkurezza! | akkurat |
| 17. | freskezza | friskezza | frisk |
| 18. | finezza | | fin |
| 19. | rettezza | | rett |
| 20. | immedjatezza | immedjattezza! immedjetezza! | immedjat |
| 21. | leġġerezza | leġerezza! | leġġer |
| 22. | purezza | | pur |
| 23. | prontezza | | pront |
| 24. | kuntentezza | kontentezza! kuntintezza! | kuntent |
| 25. | ineżattezza | ineżatezza! ineżżattezza! | ineżatt |
| 26. | frankezza | | frank |
| 27. | sodezza | | sod |
| 28. | bassezza | baxxezza basezza! | baxx |
| 29. | skorrettezza | iskorrettezza skoretezza! skorettezza! | skorrett |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | skorretezza[!] iskorettezza[!] iskorretezza[!] | |
| 30. | fermezza | | ferm |
| 31. | konkretezza | | konkret |
| 32. | raġonevolezza | raġjonevolezza[!] raġunevolezza raġenevolezza[!] ragionevolezza[!] | raġonevoli |
| 33. | riservatezza | riżervatezza | riservat |
| 34. | strettezza | istretezza[!] istrettezza | strett |
| 35. | tenerezza | tnerezza[!] | teneru |
| 36. | inkorrettezza | inkorettezza[!] | inkorrett |
| 37. | inadegwatezza | inadekwatezza | inadegwat |
| 38. | awtorevolezza | | awtorevoli |
| 39. | vastezza | | vast |
| 40. | insikurezza | insigurezza | sigur |
| 41. | debolezza[!] | debbolezza debulezza[!] | debboli |
| 42. | irraġonevolezza | irraggionevolezza[!] irragionevolezza[!] irraġunevolezza[!] | irraġonevoli |
| 43. | robustezza | | robust |
| 44. | fondatezza | | fondat |
| 45. | naturalezza | | naturali |
| 46. | brillantezza | | brillanti |
| 47. | skuntentezza | iskontentezza[!] iskuntentezza diskuntentezza[!] | skuntent |
| 48. | sottilezza | sottiliezza[!] | sottili |
| 49. | limpidezza | | limpidu |
| 50. | kumpattezza | kompattezza | kumpatt/kompatt |
| 51. | salvezza | | salv |
| 52. | stitikezza | istitikezza | stitiku |
| 53. | doppiezza[!] | doppjezza | doppju |
| 54. | frivolezza | | frivolu |
| 55. | tristezza | | trist |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 56. | assolutezza | asssolutezza! | assolut |
| 57. | inkompletezza | | inkomplut<br>inkomplet |
| 58. | politezza | pulitezza | pulit |
| 59. | raffinatezza | raffinezza rfinezza<br>irfinezza rafinatezza! | raffinat |
| 60. | skjettezza | iskjettezza | skjett |
| 61. | kolpevolezza | kolpavolezza! | kolpevoli |
| 62. | kompostezza | | kompost |
| 63. | lucidezza! | | luċidu |
| 64. | timidezza | | timidu |
| 65. | determinatezza | | determinat |
| 66. | diskretezza | | diskret |
| 67. | durevolezza | | durevoli |
| 68. | fjakkezza | | fjakk |
| 69. | fondezza | | fond |
| 70. | ġovinezza | | ġuvni |
| 71. | impurezza | | impur |
| 72. | indixxiplinatezza | | indixxiplinat |
| 73. | isfrenatezza | | sfrenat |
| 74. | istinatezza | | stinat |
| 75. | inakkuratezza | | inakkurat |
| 76. | resolutezza | riżolutezza | riżolut |
| 77. | solidezza | | solidu |
| 78. | xelleratezza | | xellerat |

**Tabella nru 17:** Formazzjonijiet mislufin bis-suffiss *-ezza* flimkien mal-bażi

Nibda mir-restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. Nanalizza l-ewwel tip ta' restrizzjoni fonoloġika billi nħares lejn il-fonemi aħħarin tal-bażijiet u nara hemmx xi grupp ta' ħsejjes li meta jokkorru fl-aħħar tal-kelma, is-suffiss derivattiv ma jiżdiedx. Analiżi tal-bażijiet miġbura fl-aħħar kolonna turi li ma jidhirx li hemm kundizzjonament ta' dan it-tip. Hemm bażijiet li jispiċċaw

bi ħsejjes sonoranti, kemm nażali (/m/, /n/) u kemm approssimanti (/r/), b'vokali (/ɪ /, /ʊ/) u bi ħsejjes ostruwenti, fosthom plożivi ( /t/, /d/ u /k/) u frikattivi (/s/, /v/ u /ʃ/). L-aktar li tispikka hija l-fonema /t/ fit-tarf tal-bażi. Din l-osservazzjoni tagħmel sens ladarba fit-Taljan, kif josserva Rainer (2004, p. 302), hemm affinità bejn is-suffiss *-ezza* u l-aġġettivi, li għandhom aktar minn żewġ sillabi, u l-parteċipji passivi li jispiċċaw *-to*. Fil-Malti, minħabba l-proċess tat-twaqqigħ tal-aħħar vokali, ħafna mill-bażijiet jispiċċaw bl-alveolari /t/ għax huma aġġettivi li fit-Taljan jispiċċaw *-to* (eż. *privat* < *privato*, *pront* < *pronto*) jew parteċipji passivi li fil-Malti jieħdu s-suffiss *-at* (eż. *raffinat*, *determinat*) jew *-ut* (eż. *komplut*, *riżolut*).

Ma jidhirx li hemm restrizzjonijiet fonoloġiċi tat-tieni tip. Il-forma suprasegmentali tal-bażi, jiġifieri l-pożizzjoni tal-aċċent primarju fil-kelma, mhuwiex fattur li jikkundizzjona l-proċess tal-affissazzjoni. L-aħħar tip ta' restrizzjoni fonoloġika tikkonċerna l-kwantità ta' sillabi fil-bażi. Ħarsa lejn il-kolonna tal-bażijiet turi li dan mhuwiex fattur determinanti, minkejja li fit-Taljan, *-ezza* jitfaċċa l-aktar ma' aġġettivi bisillabiċi. Hemm anke għadd ta' bażijiet li huma monosillabiċi, (eż. *ċert*, *ċar*, *laxk*, *rikk*), okkorrenza li ma teżistix fit-Taljan ladarba ħafna mill-aġġettivi f'din il-lingwa huma bisillabiċi jew akbar.

Ngħid kelma fuq ir-restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Tal-ewwel tip huma dawk li huma kkundizzjonati minn xi kategorija grammatikali jew kategorija etimoloġika partikolari. Jekk inħarsu biss lejn dawn il-formazzjonijiet miġbura hawn, nistgħu nargumentaw li huma kkundizzjonati morfoloġikament u li jeħtieġu bażi Rumanza.

Niddiskuti r-restrizzjonijiet morfoloġiċi tat-tieni u tat-tielet tip f'daqqa. Għajr għall-bażijiet li huma parteċipji u għal dawk li jispiċċaw bis-suffiss *-evoli* (*raġonevoli*, *awtorevoli*, *kolpevoli* u *durevoli*) il-maġġorparti tal-bażijiet huma lkoll aġġettivi sempliċi. Rainer isemmi wkoll il-bażijiet li fit-Taljan jispiċċaw bis-suffiss *-ido* u jieħdu dan is-suffiss nominali. Biss m'iniex konvint li nistgħu nirreferi għal *-idu* (fi kliem bħal *limpidu*, *luċidu*, *timidu*) bħala suffiss fil-Malti abbażi l-kriterji ta' Dixon (ara taqsima 1.5.2.). Fil-qosor, il-bażi morfoloġika hija ristretta li tkun jew sempliċi, jew derivata bis-suffiss Taljan *-at* tal-parteċipju passiv jew bis-

suffiss *-evoli*. Hemm ukoll ftit bażijiet li għandhom prefiss li jesprimi l-oppost (eż. *irraġonevoli* u *indixxiplinat*).

Kif jixhed l-isem tagħhom (nomi ta' kwalità), il-funzjoni ta' dawn il-kelmiet kumplessi, skont Rainer (2004, p. 293), hija li jnisslu nomi li jirreferu għall-kwalità li jesprimi l-aġġettiv li minnhom jitnisslu. Rainer (p. 296) ikompli li l-maġġorparti tal-bażijiet tan-nomi ta' kwalità, li taħthom jaqa' s-suffiss *-ezza*, huma aġġettivi, ladarba hija din il-parti tad-diskors li l-aktar li tesprimi xi tip ta' kwalità. Fil-każ ta' *-ezza* fil-Malti, din ir-restrizzjoni **sintattika** tapplika wkoll, tant li l-bażijiet huma jew aġġettivi jew partiċipji. Mill-ġabra t'hawn fuq, ħafna mill-bażijiet huma aġġettivi waqt li ≈15 minnhom huma partiċipji.

**Semantikament**, biex partiċipju jkun jista' joqgħod bħala l-bażi ta' nom ta' kwalità, irid ikun għadda minn proċess ta' lessikalizzazzjoni li jqarrbu lejn aġġettiv prototipiku u jesprimi kwalità inerenti, kwalità intrinsika.[34] Din l-osservazzjoni neżemplifikaha bil-partiċipju *raffinat*. Il-formazzjoni *raffinatezza* hija aċċettabbli biss f'kuntesti simili ta' (29b), meta tintuża b'referenza għall-kwalità intrinsika u li tkun tqarreb aktar lejn aġġettiv.

(29a) iz-zokkor raffinat / *ir-raffinatezza taz-zokkor

(29b) il-mod raffinat kif iġib ruħu / ir-raffinatezza fl-imġiba tiegħu

Simili għat-Taljan, l-aktar li jispikkaw huma l-bażijiet li jesprimu dispożizzjoni umana (eż. *delikat*, *raffinat*, *timidu*, *determinat*, *sfrenat* u *stinat*) jew ġudizzju estetiku (eż. *ċar*, *rikk*, *ġentili*, *fin*, *pur*, *sod* u *robust*). Kif semmejt f'taqsima 5.1.3., anke din hija forma ta' restrizzjoni semantika.

---

[34] "*Per qualificarsi come base per un nome di qualità un participio deve aver percorso un processo di lessicalizzazione che lo avvicina semanticamente a un aggettivo prototipico designante una qualità inerente*" (Rainer, 2004, p. 296).

5.3.2. Formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-ezza*

Kif semmejt f'taqsima 5.2.2.2., hemm 15-il formazzjoni mill-104 li huma lokali, jiġifieri ma jokkorrux fit-Taljan u/jew fl-Isqalli iżda huma attestati fil-korpus. Hu u jitkellem fuq il-morfoloġija Rumanza fl-Ingliż, Bauer (2006, p. 183) jgħid li nistgħu nibdew inqisu segment misluf bħala suffiss fil-lingwa meta jibda jokkorri jew ma' bażijiet lokali jew ma' bażijiet mislufin li ma jkollhomx formazzjoni kumplessa korrispondenti attestata fil-lingwa sors. Dawn il-formazzjonijiet lokali, mela, huma konferma li s-segment misluf *-ezza* jista' jitqies bħala suffiss fil-Malti.

F'din it-taqsima, nippreżenta b'mod sistematiku l-15-il formazzjoni flimkien mal-bażi tagħhom, ngħid kelmtejn introduttorji fuq kull waħda u niddiskutihom fid-dettall vis-à-vis ir-restrizzjonijiet speċifiċi. L-aktar formazzjoni li għandha tokens attestati fil-korpus hija adultezza (23 darba), waqt li, kif osservajt qabel, 6 mill-15 jokkorru darba waħda biss. Dawn m'iniex se neskludihom għar-raġuni li, ladarba jokkorru fil-korpus, aktarx li jokkorru wkoll fit-taħdit, fid-diskors spontanju. Neskludi però, il-formazzjonijiet *kompjutezza* u *sanezza* ladarba, skont Aquilina, m'għandhomx bażi sempliċi korrispondenti fil-Malti (ara taqsima 5.2.2.3.).

| | ***-ezza* types** | **Bażi** |
|---|---|---|
| 1. | adultezza | adult |
| 2. | affrontatezza | affrontat |
| 3. | (i)mqarbezza/(i)mqarbizza | (i)mqareb |
| 4. | adattezza | adatt |
| 5. | kalmezza/kalmizza | kalm |
| 6. | preparatezza | preparat |
| 7. | raffezza | raff |
| 8. | infantilezza | infantili |
| 9. | dedikatezza | dedikat |
| 10. | deliberatezza | deliberat |
| 11. | notevolezza | notevoli |

| | | |
|---|---|---|
| 12. | remotezza | remot |
| 13. | veritezza | vera/verità |

**Tabella nru 18:** Formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-ezza* flimkien mal-bażi

5.3.2.1. Kelmtejn fuq kull formazzjoni

Ngħid kelmtejn fuq kull formazzjoni kumplessa billi, fost oħrajn, niddiskuti l-provenjenza u ngħaddi xi kummenti fuq is-semantika. Ngħid ukoll tinsabx f'Aquilina u nagħti xi eżempji mill-korpus biex nuri l-kuntest li fih jokkorru dawn il-formazzjonijiet.

Il-formazzjoni kumplessa *adultezza* mhix qiegħda f'Aquilina. Hija formazzjoni lokali li tinbena fuq il-bażi *adult* li tokkorri kemm fil-Malti, kif ukoll fit-Taljan (*adulto*). Abbażi tal-eżempji mogħtija hawn, *adultezza* tirreferi għall-perjodu fil-ħajja li jsegwi t-tfulija.

(30a) L-Imsida seta' jerġa' jara t-toroq ta' ħajja li għaddiet u li kien komdu fiha, l-ewwel adultezza li kien iħossu xxurtjat isejħilha estensjoni twila ħafna taż-żgħożija [...] (MLRS v3.0 literature35)

(30b) Ħabbitu meta bejniethom kien hemm jifridhom kollox u kulħadd: medda ta' għoxrin sena, ta' tfulija u adultezza [...] (MLRS v3.0 literature56)

Lanqas il-formazzjoni *affrontatezza* mhi qiegħda f'Aquilina. Minkejja li l-bażi verbali (*affrontare*) u l-parteċipju passiv (*affrontato*) huma mislufin mit-Taljan, il-proċess tan-nominalizzazzjoni ma jokkorrix fit-Taljan.

(31) [...] dan il-Gvern arroganti, li bl-ikbar affrontatezza ma jiddardarx jistqarr pubblikament li dawk li jiġu eletti biex jiggvernaw lill-poplu għandhom kull dritt u s-setgħa [...] (MLRS v3.0 news146812)

Fuq *(i)mqarbezza/(i)mqarbizza*. Din il-formazzjoni kumplessa hija interessanti għax hija ibrida u tinbena fuq bażi Għarbija. L-għerq √qrb isir aġġettiv (*mqareb*) u miegħu jiżdied is-suffiss nominali *-ezza* biex jifforma n-nom astratt. Għalkemm ma jgħidx li hija formazzjoni

lokali, Aquilina (p. 1159) itiha fid-dizzjunarju u jiddefiniha bħala "*naughtiness, restless liveliness*". Hija kelma li tingħad ta' spiss fid-diskors iżda tokkorri bi ftit tokens fil-korpus.

(32a) L-imqarbezza tikber f'għajnejha. (MLRS v3.0 literature14)

(32b) Ommi diġà ressqitni għand psikjatra biex forsi jagħtini xi ħaġa għall-qilla u l-imqarbizza li għandi. (MLRS v3.0 news68173)

Aquilina ma jagħtix il-formazzjoni *adattezza* taħt l-aġġettiv *adatt*. Il-bażi hija Taljana minkejja li l-formazzjoni kumplessa b'*-ezza* ma tokkorrix fil-lingwa sors. Kif juri l-eżempju hawn taħt, din il-formazzjoni tirreferi għall-kwalità ta' xi ħaġa adatta bħala entità.

(33) Tali verifiki għandhom jiffukaw fuq l-adattezza u l-effettività tas-sistema tal-verifika [...] (MLRS v3.0 european1413)

Aquilina jniżżel il-formazzjoni *kalmezza*/*kalmizza* bħala waħda lokali fid-dizzjunarju. It-tifsira li jagħti hija "*calmness; phlegm; placidity (the attitude of one who takes things easily, is not flurried*)". Il-bażi huwa l-aġġettiv *kalm* li nsibuh ukoll fit-Taljan (*calma*).

(34) Il-Pulizija u xi nies konnessi mal-kamra tan-nar xejn ma ħadu gost bina, imma bħas-soltu, it-tbissima u l-kalmezza ta' Albert għenuna nirbħu s-simpatija tagħhom [...] (MLRS v3.0 news164245)

Il-formazzjoni *preparatezza* mhix qiegħda f'Aquilina u lanqas ma tokkorri fit-Taljan. Jekk, abbażi ta' Rainer (ara taqsima 5.1.3.), il-bażi ta' dawn in-nomi astratti jrid ikun jew aġġettiv jew partiċipju lessikalizzat, il-bażi tkun il-partiċipju *preparat*, forma li teżisti fil-Malti u fil-lingwa sors (*preparato*) bl-istess tifsira. Xi eżempji mill-korpus jinkludu:

(35a) F'Novembru 2001 il-Kummissjoni organizzat simposju dwar il-preparatezza tal-pandemiċi tal-influwenza fil-bniedem. (MLRS v3.0 european10347)

(35b) [...] il-Komunità għandha tippromwovi taħlita adegwata ta' preparatezza u prevenzjoni [...]     (MLRS v3.0 european10977)

Kontra tal-formazzjonijiet l-oħra, *raffezza* hija ibrida għax tinbena fuq bażi ta' provenjenza Ingliża (*rough*). Hija formazzjoni li ma tokkorrix fit-Taljan u lanqas ma tinsab fid-dizzjunarju t'Aquilina. Interessanti li t-tliet okkorrenzi tagħha fil-korpus ma jintużawx b'referenza għall-bniedem imma jgħaddu ġudizzju estetiku ta' oġġett inanimat.

(36) [...] Il-padding tal-istruttura tal-qafas tas-sedil għandu wkoll jevita raffezza perikoluża u xfarijiet li jaqtgħu [...]     (MLRS v3.0 european2431)

*Infantilezza* mhix qiegħda f'Aquilina. L-identifikazzjoni tal-bażi mhix daqshekk sempliċi ladarba jeżisti n-nom bażiku *infanzja*. Biss, jekk noqogħdu fuq Rainer li l-bażi trid tkun jew aġġettiv, jew parteċipju, nassumi li l-bażi tagħha huwa l-aġġettiv invarjabbli *infantili*. Fuq il-korpus hemm żewġ okkorrenzi tagħha. Waħda hija ftit jew wisq metaforika waqt li l-oħra tesprimi l-perjodu taż-żmien fil-fażi bikrija tat-tfulija.

(37a) Charlie Hebdo, bl-irreverenza u ħafna drabi l-infantilezza tiegħu, sar simbolu tal-libertà tal-kelma.   (MLRS v3.0 opinion139)

(37b) Finalment hemm il-memorja tal-infantilezza. Huma ħafna t-tfal ta' xi sentejn li jigdmu. (MLRS v3.0 opinion78)

Il-bażi ta' *dedikatezza* hija l-parteċipju *dedikat*. Il-formazzjoni kumplessa nominali mhix qiegħda f'Aquilina, ma tokkorrix fit-Taljan u fil-korpus għandha token wieħed biss. L-eżempju tal-korpus u t-tifsira tas-suffiss jikkonfermaw li din il-kelma kumplessa tirreferi għall-kwalità astratta marbuta mal-parteċipju *dedikat*.

(38) Il-ħaddiema, l-infermiera, it-tobba u l-professuri jħabbtu wiċċhom ma' diversi problemi ta' kuljum, iżda bid-dedikatezza u l-paċenzja tagħhom, ħafna drabi, dawn il-problemi, jiġu solvuti [...]  (MLRS v3.0 news212173)

Il-kelma *deliberatezza* ma teżistix fit-Taljan u mhix qiegħda f'Aquilina. Il-bażi tagħha huwa l-parteċipju passiv *deliberat* li jokkorri wkoll fit-Taljan (*deliberato*). Fil-korpus hemm eżempju wieħed biss u jintuża bħala nom astratt li jesprimi dispożizzjoni umana.

(39) [...] u qed jgħaġġel f'ċerti oqsma fejn m'għandux jgħaġġel imma għandu jaħdem b'ċerta <u>deliberatezza</u> u b'ċertu ħsieb [...] (MLRS v3.0 parl2383)

*Notevolezza* mhix qiegħda f'Aquilina u għandha token wieħed biss fil-korpus. Il-bażi tagħha huwa l-aġġettiv *notevoli* li nsibuh f'Aquilina u jokkorri fit-Taljan bl-istess tifsira (*notevole*). In-nom huwa astratt u jesprimi kwalità li tikkorrispondi mal-aġġettiv *notevoli*.

(40) [...] illum li qegħdin niddiskutu din il-liġi ta' ċertu importanza u <u>notevolezza</u> [...] (MLRS v3.0 parl6036)

Il-bażi ta' *remotezza*, *remot*, ġejja mit-Taljan *remoto* u ġġorr l-istess tifisra. Huwa aġġettiv li jirreferi għall-post jew ħaġa li tinsab 'il bogħod mill-kelliem.

(41) [...] b'mod partikolari minħabba r-<u>remotezza</u> tagħhom mill-art prinċipali Griega [...] (MLRS v3.0 european4609)

L-identifikazzjoni tal-bażi tal-formazzjoni *veritezza* mhuwiex proċess sempliċi. Ipotetikament, jista' jkun jew in-nom *verità* jew l-aġġettiv *vera*. Il-fonetika tal-forma kumplessa tipponta lejn tal-ewwel waqt li l-bqija tal-eżempji u l-letteratura Taljana jippuntaw lejn it-tieni. L-eżempju tal-korpus jissuġġerixxi li s-semantika tal-forma tixbah ħafna 'l dik tal-kelma kumplessa *verità*.

(42) [...] imma jekk il-Ministru ma jridx jikkoreġi ruħu, allura s-Sedja jkollha tiddikjara l-<u>veritezza</u> ta' dak li qed jingħad f'din il-Kamra [...] (MLRS v3.0 parl12005)

Biex nagħlaq, nissintetizza l-informazzjoni fuq dawn it-13-il formazzjoni lokali. L-oriġini tal-bażi tvarja minn kelma għal oħra u jistgħu jiġu kklassifikati fi tlieta. Il-maġġorparti, 11

minnhom, jinbnew fuq kelma/bażi mislufa mit-Taljan. Il-Malti ssellef l-aġġettiv jew il-partiċipju u fforma n-nom bil-proċess tal-affissazzjoni. Hemm imbagħad formazzjoni waħda li tinbena fuq aġġettiv ta' provenjenza Għarbija ((*i*)*mqarbezza/*(*i*)*mqarbizza*) u waħda li tinbena fuq aġġettiv misluf mill-Ingliż (*raffezza*). Dawn it-tliet tipi ta' formazzjonijiet isemmihom Saade (2019, p. 67) fit-tipoloġija tiegħu tal-formazzjonijiet li jiffurmaw bil-morfoloġija Taljana. Tal-ewwel jaqgħu taħt il-formazzjonijiet b'bażi Taljana li l-prodott mhuwiex attestat fit-Taljan (Saade, p. 71), it-tieni taqa' taħt il-grupp ta' formazzjonijiet b'bażi Għarbija/Semitika (Saade, p. 68) waqt li *raffezza* tagħmel mal-formazzjonijiet b'bażi Ingliża (Saade, p. 69).

Għal xi raġuni, il-maġġorparti ta' dawn il-formazzjonijiet kumplessi mhumiex qegħdin fid-dizzjunarju t'Aquilina. 2 biss mit-13-il formazzjoni huma f'Aquilina, (*i*)*mqarbezza/*(*i*)*mqarbizza* u *kalmezza*/*kalmizza*. Il-formazzjonijiet kollha, b'mod konsistenti, joħolqu nomi li jirreferu għall-kwalitajiet li jesprimu l-aġġettiv jew il-partiċipju li minnhom jitnisslu, u jittrattawhom bħala entitatjiet.

5.3.2.2. Ir-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet lokali

Il-funzjoni tan-nomi ta' kwalità hija li joħolqu nomi li jirreferu għall-kwalitajiet espressi mill-bażi. Biss, kif semmejt f'taqsima 5.1.3., u abbażi ta' Rainer (2004, p. 296), dan il-proċess ta' nominalizzazzjoni huwa kkundizzjonat minn restrizzjonijiet speċifiċi. Nanalizza dawn it-13-il formazzjoni mil-lenti ta' dawn ir-restrizzjonijiet u, fejn meħtieġ, inqabbel mal-osservazzjonijiet li saru fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-formazzjonijiet kumplessi mislufin mil-lingwa sors.

Nibda bir-restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. 7 mit-13-il formazzjoni lokali jispiċċaw bil-fonema alveolari /t/. Dan hu mistenni ladarba, il-maġġorparti tal-bażijiet tal-formazzjonijiet b'*-ezza* fit-Taljan huma aġġettivi li jispiċċaw *-to* jew huma partiċipji passivi. Tal-ewwel neħħew il-vokali aħħarija meta daħlu fil-lingwa u qagħdu għall-fonetika Maltija (eż. *adult* < *adulto*, *adatt* < *adatto*) waqt li l-morfema tal-partiċipju tal-kliem misluf fil-Malti hija *-at*, *-ut* u *-it* (eż. *preparat* < *preparato*, *dedikat* < *dedicato*). Hemm mela, affinità bejn il-fonema aħħarija /t/ u

t-tiżwiġ mas-suffiss *-ezza*. Bħall-formazzjonijiet mislufin sħaħ, il-forma suprasegementali mhux fattur determinanti. Hemm imbagħad xi osservazzjonijiet li nistgħu nisiltu rigward il-kwantità ta' sillabi fil-bażi. Minn dawn it-13, hemm bażijiet b'żewġ sillabi (eż. *adult*), bi tlieta (eż. *dedikat*) u b'erbgħa (eż. *notevoli*). Għalkemm fit-Taljan, dan is-suffiss joqgħod l-aktar ma' bażijiet b'żewġ sillabi, fil-Malti, din ir-restrizzjoni mhix daqstant b'saħħitha. Minħabba l-bidliet fonetiċi li ġarrbu wħud mill-kelmiet meta daħlu fil-Malti, hemm ukoll formazzjonijiet b'sillaba waħda (*kalm* u *raff*), okkorrenza li ma teżistix fit-Taljan.

Fuq ir-restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Għajr għal żewġ eċċezzjonijiet (*(i)mqarbezza/(i)mqarbizza* u *raffezza*), is-suffiss *-ezza* juri preferenza għall-bażijiet li ġejjin mit-Taljan jew mill-Isqalli. Fuq l-affissi fil-bażi nistgħu naqsmuhom fi tlieta. Hemm bażijiet bħal *kalm*, *raff* u *remot* li mhumiex derivati u ma fihomx suffissi fil-bażi, hemm oħrajn bħal *preparat* u *deliberat* li huma derivati u li fihom is-suffiss misluf tal-parteċipju passiv waqt li *notevoli* hija l-unika eżempju ta' formazzjoni li hija derivata u li fiha s-suffiss *-evoli*. Mill-bqija, ma jidhirx li hemm tipi oħra ta' bażijiet derivati jew suffissi oħra fil-bażi. Din ir-restrizzjoni morfoloġika, għalhekk, hija importanti għall-Malti ladarba anke l-formazzjonijiet lokali nbnew fuq bażijiet li huma sija aġġettivi sempliċi, sija parteċipji passivi bis-suffiss derivattiv misluf u sija bażijiet bis-suffiss aġġettivali *-evoli*.

Ir-restrizzjonijiet **sintattiċi** diġà implikajthom f'din it-taqsima. Il-partijiet tad-diskors tal-bażijiet huma jew aġġettivi jew parteċipji. Huma l-aġġettivi li l-aktar li jesprimu xi forma ta' kwalità fost il-partijiet tad-diskors. Nifhmu għalhekk in-numru sinifikanti ta' aġġettivi li jaġixxu bħala bażi. Il-parteċipji, mill-banda l-oħra, jistrieħu fuq restrizzjoni semantika biex jikkwalifikaw bħala l-bażi ta' nom li jesprimi kwalità – il-parteċipju jrid ikun għadda minn proċess ta' lessikalizzazzjoni li semantikament iġibu jixbah aġġettiv prototipiku li jindika kwalità inerenti. Minħabba n-numru baxx ta' tokens, din ir-restrizzjoni semantika tal-parteċipju bħala l-bażi, ma tistax tiġi analizzata kif inhu xieraq.  Biss, nittanta neżemplifika din id-distinzjoni bil-parteċipju *affrontat*:

(43a) it-tifla affrontat 'il Pietru/ *l-affrontatezza tat-tifla

(43b) il-politiku jaffronta il-problemi b'mod Makkjavelljan / l-affrontatezza tal-politiku

Fl-aħħar nett hemm ir-restrizzjonijiet **semantiċi**. Diġà semmejt li l-parteċipju huwa kkundizzjonat minn restrizzjoni semantika biex joqgħod bħala l-bażi. Biss, hemm restrizzjoni semantika oħra. Kemm l-aġġettivi u kemm il-parteċipji jridu jirreferu għal dispożizzjoni umana (eż. *preparat* u *dedikat*) jew kwalità estetika (eż. *raff* u *notevoli*) biex ikunu jistgħu jingħaqdu mas-suffiss nominali *-ezza*.

## 5.4. Konklużjoni

Nagħlaq permezz ta' analiżi komparattiva ħafifa li tqabbel ir-restrizzjonijiet speċifiċi osservati fil-kelmiet kumplessi ma' dawk tal-formazzjonijiet lokali.

- Restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. Għalkemm ma jidhirx li hemm xi restrizzjoni stretta li tikkonċerna l-forma segmentali tal-bażi, hemm għadd imdaqqas ta' formazzjonijiet mislufin u lokali li jżidu *-ezza* meta l-bażi tispiċċa bil-fonema /t/. Din, kif iddiskutejt qabel, hija fdal tat-Taljan li għandu numru sostanzjali ta' formazzjonijiet astratti b'-*ezza* li l-bażi tagħhom tispiċċa *-to*. Il-forma suprasegmentali mhijiex fattur, sija fil-formazzjonijiet mislufin u sija f'dawk lokali. Lanqas il-kwantità ta' sillabi fil-Malti mhuwa fattur determinanti, tant li hemm numru ta' bażijiet b'sillaba waħda, b'żewġ sillabi u anke b'aktar. Din l-osservazzjoni toħloq kuntrast mat-Taljan li juri preferenza għall-bażijiet b'żewġ sillabi.

- Restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Jekk nieħdu l-formazzjonijiet mislufin u dawk lokali f'daqqa, nistgħu nargumentaw li dan is-suffiss jingħaqad l-aktar ma' bażijiet imnisslin mit-Taljan/Sqalli. Morfoloġikament, il-bażi tat-tnejn trid tkun jew sempliċi, jew derivata bil-morfema tal-parteċipju passiv jew bis-suffiss aġġettivali *-evoli*. Hemm uħud li fihom ukoll il-prefiss li jesprimi l-oppost.

- Restrizzjonijiet **sintattiċi**. Jekk neskludu l-formazzjoni lokali *veritezza*, il-formazzjonijiet kumplessi kollha b'*-ezza* jinbnew fuq aġġettivi jew parteċipji passivi bis-suffiss misluf *-at* jew *-ut*. Kif iddiskutejt f'taqsima 5.3.2.1., l-identifikazzjoni tal-bażi ta' *veritezza* hija problematika u possibilment tista' tkun jew l-aġġettiv *vera* jew in-nom kumpless *verità*. Il-parteċipju jrid ikun lessikalizzat biex jaġixxi bħala bażi, jiġifieri, semantikament, jiġi jixbah aġġettiv li jindika kwalità intrinsika.

- Restrizzjonijiet **semantiċi**. Il-maġġorparti tal-bażijiet, speċjalment dawk lokali, għandhom bażi li tirreferi għal dispożizzjoni umana jew kwalità estetika.

# 6. Is-suffiss *-erija* u r-restrizzjonijiet

F'dan il-kapitlu nagħmel analiżi morfoloġika fid-dettall tas-suffiss derivattiv misluf *-erija* fil-Malti. Ir-restrizzjonijiet speċifiċi nanalizzahom bir-reqqa biex nistabilixxi liema restrizzjonijiet ġew mgħoddija mit-Taljan għall-Malti u jekk dawn ir-restrizzjonijiet humiex osservati fil-formazzjonijiet lokali, jiġifieri f'dawk il-formazzjonijiet li ma jeżistux fil-lingwa sors. Il-kapitlu jinqasam f'erbgħa. Fl-ewwel parti nagħti ħarsa lejn il-letteratura lokali u Taljana li tiffoka fuq ir-restrizzjonijiet, fit-tieni nippreżenta l-ġabra ta' formazzjonijiet flimkien ma' xi osservazzjonijiet u fl-aħħar parti nagħmel analiżi dettaljata tar-restrizzjonijiet osservati fil-ġabra. Nagħlaq il-kapitlu b'konklużjoni li fiha nqabbel ir-restrizzjonijiet tal-formazzjonijiet mislufin ma' dawk lokali.

## 6.1. Fil-Malti u fit-Taljan

F'din it-taqsima, nagħti ħarsa lejn il-letteratura lokali u Taljana biex nara xi nkiteb fuq is-suffiss *-erija* vis-à-vis ir-restrizzjonijiet. Din it-taqsima sservi wkoll bħala introduzzjoni ġenerali għas-suffiss.

### 6.1.1. *-erija* fil-Malti

Mhux wisq inkiteb fuq dan is-suffiss derivattiv fil-Malti. Kontra ta' suffissi derivattivi oħrajn, Aquilina (1987-1991) ma jagħtix dan is-suffiss bħala lemma għaliha fid-dizzjunarju. Lanqas fix-xogħol ta' Brincat u Mifsud (2016) fuq il-formazzjoni tal-kelma fil-Malti u ta' Saade (2019; 2020) fuq il-produttività ma sibt referenza għal dan is-suffiss. Borg u Azzopardi-Alexander (1997) isemmuh biss f'elenku ta' suffissi derivattivi li jiffurmaw nomi astratti minn forom aġġettivali.

Camilleri (1993), imbagħad, tiddiskutih fi ftit aktar dettall. Tgħid li, flimkien mas-suffiss nominali *-arju*, is-suffiss *-erija* fi kliem bħal *birrerija*, *ġelaterija*, *spiżerija*, *infermerija*, *funderija* u *arġenterija* juri "postijiet jew fejn jinħadmu xi prodotti bħall-fabbriki partikolari jew fejn jinbiegħu l-prodotti jiġifieri ismijiet ta' ħwienet" (p. 78). Apparti din il-funzjoni, l-

awtriċi (p. 80) issemmi l-funzjoni astratta. Is-suffiss *-erija* fil-formazzjonijiet *ġentlomerija* u *stramberija* jifforma tifsira astratta.

6.1.2. *-eria* fit-Taljan

Nibda billi nippreżenta xi definizzjonijiet tas-suffiss *-eria* fit-Taljan biex minnhom nislet xi punti dwar il-forma u l-funzjoni ta' dan is-suffiss. Id-definizzjonijiet intihom bil-lingwa oriġinali flimkien mat-traduzzjoni fil-Malti. Ninkludi anke l-eżempji kif ituhom is-sorsi biex nifhmu aħjar il-kunċetti deskritti. Wara niddiskuti l-funzjonijiet differenti ta' dan is-suffiss, kif preżentati fil-letteratura, flimkien mar-restrizzjonijiet formali u semantiċi.

| ***-eria* skont Treccani** | |
|---|---|
| *-erìa* – Suffisso derivativo di nomi di negozi, laboratori, attività commerciali (per lo più tratti da nomi ma anche da verbi: *acciaieria*, *birreria*, *distilleria*, *falegnameria*, *libreria*, *macelleria*), di nomi con valore collettivo (*argenteria*, *artiglieria*, *biancheria*, *fanteria*, *tifoseria*), di nomi astratti, spesso carichi di una connotazione spregiativa, tratti da aggettivi o nomi usati attributivamente (*fantasticheria*, *furberia*, *porcheria*, *poltroneria*, *tirchieria*). | *-erija* - Suffiss derivattiv li jnissel nomi ta' negozji, postijiet tax-xogħol, attivitajiet kummerċjali (l-aktar imnisslin min-nomi, imma hemm ukoll minn verbi: [...]), nomi b'valur kollettiv ([...]), nomi astratti, ħafna drabi b'konnotazzjoni dispreġjattiva, imnisslin minn aġġettivi jew nomi li jintużaw b'mod attributtiv ([...]). |
| ***-eria* skont De Mauro** | |
| suff. forma produttivamente sostantivi femminili astratti che indicano attività connesse con nomi di mestiere: *marineria*, *pirateria* \| forma produttivamente sostantivi femminili denominali concreti che indicano negozi, laboratori, luoghi adibiti alla produzione o alla vendita di ciò che è indicato dal sostantivo di base, o comunque in qualche modo connessi con esso: *calzoleria*, *gelateria*, *latteria*, *libreria*, *macelleria*, *oreficeria*, *pasticceria*, *profumeria*, *salumeria*; limitato il numero di formazioni che hanno come base un | suffiss li b'mod produttiv jifforma nomi femminili astratti li jindikaw attivitajiet kummerċjali: [...]\| b'mod produttiv jifforma nomi femminili denominali konkreti li jindikaw negozji, postijiet tax-xogħol, postijiet użati għall-produzzjoni jew il-bejgħ ta' xi oġġett li jagħmel referenza għalih in-nom bażiku: [...]; hemm numru limitat ta' formazzjonijiet li jinbnew fuq verb: [...]; jifforma nomi verbali li huma nomi ta' azzjoni: [...]\| jifforma nomi femminili li għandhom valur kollettiv: [...]\|b'mod produttiv jifforma nomi femminili astratti b'konnotazzjonijiet |

| | |
|---|---|
| verbo: *fonderia*, *stireria*, *venderia*; forma rari sostantivi deverbali con valore di nomi d'azione: *conforteria*, *giocoleria*, *pagaria*, *piag geria* \| forma sostantivi femminili di valore collettivo: *argenteria*, *biancheria*, *fanteria*, *posateria* \| fo rma produttivamente sostantivi femminili astratti con connotazione peggiorativa derivati da aggettivi o da sostantivi che in genere già indicano qualità, condizioni, considerate negative, riferite spec. a persone: *asineria*, *poltroneria*, *vigliaccheria*, ma anche da aggettivi e sostantivi connotati in modo positivo o neutro: *fantasticheria*, *furberia*, *romanticheria* ; può a volte indicare un atto tipico di chi manifesta queste qualità: *porcheria* | peġġorattivi derivati minn aġġettivi jew nomi li minnhom innifishom jindikaw kwalitajiet jew kundizzjonijiet li ġeneralment jitqiesu negattivi, b'referenza partikolari għan-nies: [...], imma wkoll minn aġġettivi u nomi li jġorru konnotazzjoni pożittiva jew newtrali: [...]; kultant jistgħu jindikaw att tipiku ta' dawk li jimmanifestaw dawn il-kwalitajiet [...]. |

**Tabella nru 19:** Definizzjoni ta' -*eria* skont Treccani u De Mauro

Minn dawn iż-żewġ definizzjonijiet dettaljati, hemm xi punti li jidher li hemm qbil fuqhom. Qabelxejn, dan is-suffiss derivattiv inissel nomi femminili li m'għandhomx funzjoni waħda imma għadd ta' funzjonijiet li huma lkoll, b'xi mod jew ieħor, relatati man-nom bażiku li minnhom jitnisslu.

Iż-żewġ definizzjonijiet jagħtu għadd ta' sensi li l-kliem kumpless b'dan is-suffiss joħolqu. It-tnejn isemmu formazzjonijiet kumplessi li jirreferu għal negozji, ħwienet u postijiet kummerċjali. Il-maġġorparti ta' dawn il-formazzjonijiet kumplessi jitnisslu min-nomi, biss hemm uħud li jitnisslu mill-verbi. Iż-żewġ definizzjonijiet isemmu wkoll formazzjonijiet kumplessi li jġorru valur kollettiv (jiġ., sett ta' xi ħaġa) u nomi astratti b'konnotazzjoni negattiva. Fuq din tal-aħħar, id-definizzjoni ta' De Mauro tispeċifika li jeżistu formazzjonijiet kumplessi li mhux bilfors ikollhom konnotazzjoni negattiva imma jkollhom, saħansitra, konnotazzjoni pożittiva jew newtrali.

L-osservazzjoni li s-suffiss -*eria* fit-Taljan m'għandux funzjoni waħda biss jikkonfermaha Rainer (2004, p. 254) li jgħid, li bħal -*ata*, dan is-suffiss huwa frammentat ħafna. Dan hu evidenti anke fit-tqassim tax-xogħol '*La Formazione delle parole in Italiano*' li jiddiskuti s-

suffiss *-eria* f'partijiet differenti tal-ktieb skont il-funzjoni. B'mod sistematiku, u għall-prattiċità, niddiskuti s-suffiss fit-Taljan skont dan it-tqassim.

Qabelxejn, is-suffiss jiġi diskuss f'formazzjonijiet li jiddenotaw **postijiet** (Lo Duca, 2004, p. 236). Lil hinn mill-funzjoni, l-awtriċi tibda b'nota storika. Is-suffiss *-eria* fit-Taljan ġie ffurmat mill-għaqda tas-segment *-ar-* (minn *-arius*) ma' *-ia*, it-tnejn t'orġini Griega. Is-suffiss stabbilixxa ruħu fil-Franċiż (*-erie*) qabel ma nfirex fil-Ġermaniż (*-aires*) u fit-Taljan (*-eria*). Huwa l-aktar mekkaniżmu produttiv fit-Taljan fost is-suffissi denominali biex jifforma n-nom tal-post. Meta l-bażi tiddenota prodott industrijali, il-kelma kumplessa tindika l-post (fabbrika, stabbiliment, uffiċċju) fejn jiġi mmanifatturat il-prodott jew il-ħanut fejn jinbiegħ (eż. *biglietteria*, *libreria*, *occhialeria* u *tabaccheria*). Xi daqqiet, il-bażi tkun nom tal-aġent li jirreferi għall-produttur u mhux għall-prodott (eż. *ebanisteria* u *carpenteria*). Meta l-bażi jkollha l-karatteristika '+jittiekel', il-formazzjoni derivata tista' tindika l-post pubbliku li fih jiġi kkunsmat dan l-ikel (eż. *gelateria* u *pizzeria*). Anke Rainer (2014, p. 254) jikkummenta fuq din il-funzjoni. Bħal Lo Duca (2004, p. 236) isemmi wkoll li l-bażi ta' wħud tirreferi għal min jipprattika l-professjoni u mhux għall-prodott.

It-tieni funzjoni ewlenija ta' dan is-suffiss għandha x'taqsam mal-formazzjoni ta' kliem li juri sett wieħed ta' oġġetti fil-**kollettiv**. Grossmann (2004, p. 247) taqsamhom fi tnejn. Tal-ewwel huma dawk li l-bażi tagħhom ikollhom il-karatteristika '+bniedem'. Kif inhu mistenni, ħafna minn dawn il-formazzjonijiet għandhom it-tifsira kollettiva "sett ta' xi ħaġa". B'mod metonimiku, oħrajn jiddenotaw ukoll azzjonijiet, attitudnijiet, mod ta' ħsieb jew imġiba tipika ta' xi klassi ta' referenti (eż. *avvocateria* u *tedescheria*) waqt li oħrajn jirreferu għall-uffiċċju jew il-kariga ta' xi nies (eż. *segreteria*). Biss, tkompli l-awtriċi, hemm numru ta' formazzjonijiet attestati b'tifsira kollettiva biss, mingħajr ebda żvilupp metonimiku (eż. *cadetteria*, *democristianeria* u *frateria*).

It-tieni tip, imbagħad, huma dawk it-tipi, kollezzjonijiet jew ġabriet li jitnisslu minn bażijiet nominali li jkollhom il-karatteristika '-animat' (eż. *argenteria*, *quaderneria* u *viteria*). Dawn jistgħu jerġgħu jinqasmu fi tnejn skont l-awtriċi. Dawk li, bħal *argenteria*, għandhom fihom

żvilupp metonimiku u dawk li huma ġeneriċi, bħal *valigeria*. Il-formazzjoni kumplessa *argenteria* ma tirreferix għal ġabra ta' fidda imma ta' grupp ta' oġġetti magħmulin mill-fidda. *Valigeria*, imbagħad, hija ġabra ta' bagalji. L-awtriċi tagħlaq billi tgħid li formazzjonijiet li jiddenotaw sett ta' xi ħaġa u li għandhom konnotazzjoni negattiva huma verament rari. Tagħti l-eżempji *rimeria*, li hija sett ta' linji poetiċi ta' ftit valur artistiku.

L-aħħar funzjoni ewlenija tas-suffiss *-eria* fit-Taljan tikkonċerna l-formazzjoni tan-nomi ta' **kwalità**. Skont Rainer (2004, p. 306), f'xi każijiet, dan is-suffiss mhux biss jaqleb il-parti tad-diskors imma jżid ġudizzju peġġorattiv mal-bażi nominali. Biss, dan il-proċess tal-affissazzjoni juri preferenza għal bażijiet semantikament negattivi. L-awtur ikompli li s-suffiss *-eria* jista' jingħaqad ma' bażijiet li prototipikament jiddenotaw kwalità umana (eż. *bacchettoneria* u *castroneria*). Fid-dawl tar-restrizzjonijiet speċifiċi, is-suffiss *-eria* jirrestrinġi ruħu abbażi ta' kunsiderazzjonijiet morfoloġiċi u semantiċi. *-eria* jingħaqad ma' bażijiet li jispiċċaw b'*-one* (restrizzjoni morfoloġika) u huwa limitat għal bażijiet li jesprimu dispożizzjoni psikika negattiva (restrizzjoni semantika).

6.1.3. -erija bħala suffiss

Abbażi tad-diskussjoni teoretika fuq il-forma u l-funzjoni tal-affiss f'taqsima 1.5.2., m'għandhiex tkun problema li nikklassifika s-segment *-erija* bħala suffiss fil-Malti. Mhux biss iħalli effett relattivament konsistenti fuq it-tifsira tal-formazzjoni kumplessa meta jingħaqad mal-bażi, talli jissodisfa l-erba' kriterji neċessarji tal-affissi li jelenka Dixon. Kwalunkwe kelma kumplessa bis-suffiss *-erija* hija kelma waħda grammatikali u fonoloġika u għandha effett semantiku u/jew sintattiku prevedibbli. Hemm ukoll numru ta' okkorrenzi b'dan is-suffiss. Barra minn hekk, dan is-suffiss jissodisfa ż-żewġ kriterija suffiċjenti, jiġifieri li huwa suffiss produttiv u mhuwiex morf ħieles.

Ngħid kelmtejn fuq dan is-suffiss fid-dawl tal-polisemija affissali (*affixal polysemy*, traduzzjoni tiegħi). Dan il-kunċett jirreferi għal affiss wieħed li jkollu diversi tifsiriet relatati (Lieber, 2022, p. 45). Normalment, jiġi diskuss u eżemplifikat bis-suffiss *-er* fl-Ingliż li jista' jiddenota kemm in-nom tal-ħaddiem (eż. *writer*), kif ukoll in-nom tal-għodda (eż. *printer*).

Din l-okkorrenza mhijiex ristretta biss għall-Ingliż; ngħidu aħna, anke l-Olandiż, il-Yoruba (Lieber, 2022, p. 45) u l-Malti (Mifsud, 1995, p. 155) għandhom suffiss partikolari li jista' jiddenota kemm l-aġent u kemm l-għodda. Biss, mhux faċli tara xi forma ta' relazzjoni bejn id-diversi funzjonijiet tas-suffiss *-erija*, jiġifieri, bejn post, grupp ta' oġġetti u nom astratt li juri kwalità. Għal din ir-raġuni, noqgħod lura milli ngħid li fis-suffiss *-erija* hemm xi forma ta' polisemija affissali. Minflok, inħossni aktar konvint nargumenta li f'dan is-suffiss nosservaw omonimija affissali (fuq dan ara, eż. Gaeta, 2015).

## 6.2. Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-erija*

F'din it-taqsima nippreżenta ġabra ta' formazzjonijiet Maltin bis-suffiss *-erija* li jokkorru fil-korpus tal-MLRS u wara nagħmel xi osservazzjonijiet fuq din il-ġabra mingħajr ma niddiskuti r-restrizzjonijiet osservati li nanalizzahom fit-taqsima 6.3. L-ordni tal-ġabra tirrifletti l-ordni tat-tokens fil-korpus.

| | ***-erija* types** | **Varjanti** | **Numru ta' tokens** | **Noti fuq l-oriġini** |
|---|---|---|---|---|
| 1. | ħbiberija | hbiberija[!]<br>ħbieberija[!] | 4411, 38, 23 | (Aq.) formazzjoni lokali |
| 2. | biċċerija | biċerija[!]<br>biċċċerija[!]<br>biċċierija[!] | 4083, 3, 2, 1 | (Aq.) Sq. *vucciria* |
| 3. | librerija | liberija[!] | 3331, 11 | (tr) Tal. *libreria* |
| 4. | ispiżerija | spiżerija<br>ispiżjerija[!]<br>spiżjerija[!]<br>ispeżerija[!]<br>iżpiżerija[!] | 2806, 1210, 20, 15, 5, 2 | (Aq.) Sq. *spizziaria* |
| 5. | inġinerija | inġenerija[!]<br>enġinerija[!]<br>nġinerija[!]<br>inġinjerija[!]<br>inġenjerija[!]<br>iniġinerija[!] | 2389, 52, 28, 13, 11, 9, 2 | (tr) Tal. *ingegneria* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 6. | istamperija | stamperija[!]<br>istameperija[!]<br>istaperija[!] | 871, 325, 2, 2 | (tr) Tal. *stamperia* |
| 7. | pixkerija | pixxkerija[!] | 812, 2 | (tr) Tal. *pescheria*; (Aq.) Sq. *piscaria* |
| 8. | piraterija | | 612 | (tr) Tal. *pirateria* |
| 9. | ġojjellerija | ġojellerija[!]<br>ġojjelerija[!]<br>ġollerija[!]<br>ġejjellerija[!] | 443, 39, 21, 3, 1 | (tr) Tal. *gioielleria* |
| 10. | kavallerija | kavellerija[!]<br>kavalerija<br>kavvalerija[!] | 350, 4, 3, 2 | (tr) Tal. *cavalleria* |
| 11. | kafetterija | kafeterija[!]<br>kaffeterija[!]<br>kaffetterija[!]<br>cafeterija[!]<br>kafatterija[!]<br>kefetterija[!] | 311, 138, 6, 6, 2, 1, 1 | (tr) Tal. *caffetteria* |
| 12. | armerija | | 295 | (tr) Tal. *armeria* |
| 13. | karozzerija | karrozzerija | 246, 39 | (tr) Tal. *carrozzeria* |
| 14. | artillerija | artellerija[!] | 200, 1 | (tr) Tal. *artiglieria* < Fran. *artillerie* |
| 15. | birrerija | birerija[!] | 197, 4 | (tr) Tal. *birreria* |
| 16. | senserija | | 173 | (tr) Tal. *senseria* |
| 17. | infermerija | infirmerija | 171, 24 | (tr) Tal. *infermeria* |
| 18. | foresterija | aforesterija[!]<br>fresterija[!] | 151, 1, 1 | (tr) Tal. *foresteria* |
| 19. | segreterija | | 135 | (tr) Tal. *segreteria* |
| 20. | makakkerija | makkakerija[!]<br>makkerija[!]<br>makkakkerija[!]<br>makekkerija[!]<br>makkekerija[!] | 130, 21, 20, 5, 1, 1 | (Aq.) formazzjoni lokali |
| 21. | mażunerija | | 129 | (tr) Tal. *massoneria* < Fran. *franc-maçonnerie* |
| 22. | pastizzerija | | 116, 13 | (tr) Tal. *pasticceria* < Fran. *pâtisserie* |
| 23. | raffinerija | raffinnerija[!] | 104, 1 | (tr) Tal. *raffineria* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 24. | funderija | fonderija | 103, 44 | (tr) Tal. *fonderia* |
| 25. | simenterija | | 98 | (tr) Tal. *cementeria* |
| 26. | bjankerija | | 97 | (tr) Tal. *biancheria* |
| 27. | musketterija | | 95 | (tr) Tal. *moschetteria* |
| 28. | porkerija | purkerija | 86, 8 | (tr) Tal. *porcheria* |
| 29. | istramberija | stramberija | 84, 68 | (tr) Tal. *stramberia* |
| 30. | distillerija | distellerija[!] | 81, 2 | (tr) Tal. *distilleria* |
| 31. | pizzerija | | 62 | (tr) Tal. *pizzeria* |
| 32. | ġentlomerija | ġentilomerija[!] | 60, 1 | (Aq.) formazzjoni lokali |
| 33. | infanterija | fanterija | 60, 7 | (tr). *infanteria* |
| 34. | tapezzerija | tapizzerija<br>tappezzerija[!]<br>tappizzerija[!] | 59, 28, 4, 2 | (tr) Tal. *tappezzeria* < Fran. *tapisserie* |
| 35. | teżorerija | | 57 | (tr) Tal. *tesoreria* |
| 36. | falkunerija | faikunerija[!] | 50, 1 | (tr) Tal. *falconeria* |
| 37. | viljakkerija | | 48 | (tr) Tal. *vigliaccheria* |
| 38. | kartolerija | | 44 | (tr) Tal. *cartoleria* |
| 39. | kanċellerija | kanċillerija | 37, 3 | (tr) Tal. *cancelleria* < Lat. *cancellaria* |
| 40. | ġelaterija | | 32 | (tr) Tal. *gelateria* |
| 41. | kattiverija | | 25 | (tr) Tal. *cattiveria* |
| 42. | dolċerija | | 24 | formazzjoni lokali |
| 43. | banditerija | | 16 | formazzjoni lokali |
| 44. | avukaterija | | 12 | (tr) Tal. *avvocateria* |
| 45. | lavanderija | | 10 | (tr) Tal. *lavanderia* |
| 46. | konzerija | | 8 | (tr) Tal. *conceria* |
| 47. | ġendarmerija | | 5 | (tr) Tal. *gendarmeria* < Fran. *gendarmerie* |
| 48. | salvaġġerija | selvaġġerija | 5, 2 | (Aq.) formazzjoni lokali |
| 49. | ferrerija | | 4 | (tr) Tal. *ferreria* |
| 50. | galantomerija | | 4 | (tr) Tal. *galanteria* |
| 51. | stregonerija | | 4 | (tr) Tal. *stregoneria* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 52. | penitenzerija | | 3 | (tr) Tal. *penitenzieria* |
| 53. | profumerija | perfumerija[!] | 3, 2 | (tr) Tal. *profumeria* |
| 54. | barunerija | | 2 | formazzjoni lokali |
| 55. | bombastikerija | | 2 | (Aq.) formazzjoni lokali |
| 56. | fażullerija | | 2 | formazzjoni lokali |
| 57. | salumerija | | 2 | (tr) Tal. *salumeria* |
| 58. | arġenterija | | 1 | (tr) Tal. *argenteria* |
| 59. | biljetterija | | 1 | (tr) Tal. *biglietteria* |
| 60. | brikkunerija | | 1 | (tr) Tal. *bricconeria* |
| 61. | ispavalderija | | 1 | (tr) Tal. *spavalderia* |
| 62. | karpinterija | | 1 | (tr) Tal. *carpenteria* |
| 63. | moqżiżerija | | 1 | formazzjoni lokali |
| 64. | oroloġġerija | | 1 | (tr) Tal. *orologeria* |

**Tabella nru 20:** Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-erija* fil-korpus

6.2.1. Spunti metodoloġiċi

Niddiskuti l-għażliet metodoloġiċi li bihom bnejt dan l-elenku ta' formazzjonijiet. It-tiftixa *erija fil-korpus tal-MLRS tagħti 41,728 token u 333 type. Fil-korpus, mela, hemm 333 kelma differenti li tispiċċa bis-sekwenza *-erija*. Biss, il-maġġorparti mhumiex formazzjonijiet kumplessi komposti minn bażi u s-suffiss derivattiv *-erija*. Fost dawn, neħħejt toponimi (eż. *Ungerija* u *Pantallerija*), kliem iffurmat b'għerq u forma (eż. *ħmerija*), varjanti ortografiċi żbaljati ta' kliem li ma jkunx fih dan is-suffiss (eż. **kriterija* u **stmerija*) u kliem bis-suffiss *-ija* mhux *-erija* (eż. *Ġemaħerija* u *fraterija*). Dan l-eżerċizzju tedjanti sar bl-għajnuna tad-dizzjunarji t'Aquilina u ta' Treccani/De Mauro.

Wara dan l-eżerċizzju, ġbart flimkien il-varjanti kollha ortografiċi, anke dawk żbaljati, jew dawk li normalment ma jinkitbux hekk (immarkati bis-sinjal [!] wara l-kelma) fl-istess ringiela, għall-prattiċità. Dan il-pass sar ukoll bl-għajnuna tad-dizzjunarju t'Aquilina. Dawn iż-żewġ eżerċizzji wasslu għal-lista preżentata fit-tabella hawn fuq li tiġbor 64 type, 19.2% tal-lista oriġinali.

L-aħħar kolonna tiġbor informazzjoni fuq l-oriġini tal-formazzjonijiet. Qabelxejn, fittixthom fuq id-dizzjunarju ta' Treccani biex nara jokkorrux fit-Taljan. Użajt ukoll id-dizzjunarju online ta' De Mauro biex nikkonferma fejn meħtieġ. Għal uħud mill-eżempji niżżilt anke l-etimoloġija tagħhom, dejjem skont id-dizzjunarji ta' Treccani/De Mauro. Dawk il-formazzjonijiet li ma jokkorrux fit-Taljan u nsibuhom biss fil-Malti huma l-formazzjonijiet lokali. Kemm il-formazzjonijiet mislufin u kemm lokali mhux kollha sibthom f'Aquilina, minkejja li jokkorru fil-korpus.

Għalkemm fil-korpus hemm għadd sabiħ minn dawn il-formazzjonijiet nominali, ma neskludix li hemm aktar types li jingħadu fit-taħdit jew li kont insibhom fil-korpus li kieku kien akbar jew aktar aġġornat. Biss, din il-lista għandha tkun ġabra rappreżentattiva u hija biżżejjed għall-analiżi tar-restrizzjonijiet.

Għall-kompletezza, fittixt ukoll kliem li jispiċċa *-irija*, *-arija* u *-erja*. Fil-każ ta' *-irija* sibt biss żewġ eżempji rilevanti, *biċċirija* u *tapezzirija*, waqt li t-tiftixa – *arija ma tat l-ebda kelma rilevanti. It-tiftixa – *erja tagħti 172 type differenti li minnhom, 9 huma rilevanti. Dawn id-9 formazzjonijiet niddiskutihom fi ftit aktar dettall f'taqsima 6.2.2.1.

### 6.2.2. Osservazzjonijiet fuq il-ġabra

Nippreżenta issa xi osservazzjonijiet fuq il-ġabra li jikkonċernaw l-okkorrenza, l-oriġini tal-formazzjonijiet u l-identifikazzjoni tal-bażi. Neskludi minn din it-taqsima diskussjoni fuq ir-restrizzjonijiet speċifiċi li ssir fit-taqsima li jmiss.

#### 6.2.2.1. Okkorrenzi

Nissintetizza hawn l-informazzjoni miġbura fit-tielet kolonna tal-ġabra, jiġifieri n-numru ta' tokens ta' kull formazzjoni kumplessa. Il-kelma bl-aktar tokens hija *ħbiberija* li tokkorri 4,411-il darba waqt li hemm 7 kelmiet li jokkorru darba. Minkejja li jokkorru darba biss, il-maġġorparti ta' dawn is-7 formazzjonijiet huma mislufin mit-Taljan, għandhom is-suffiss derivattiv *-erija* u smajthom jingħadu minn kelliema nattivi. Barra minn hekk, il-kuntest li

fihom jokkorru fil-korpus jikkonferma li tabilħaqq qegħdin iġorru l-istess funzjoni grammatikali ta' formazzjonijiet li jokkorru aktar ta' spiss. Għal din ir-raġuni, ma kinitx tkun deċiżjoni għaqlija li neskludihom mill-analiżi.

Ngħid kelma fuq dawk id-9 formazzjonijiet bis-suffiss *-erja* li nippreżenta hawn.

| | ***-erja* types** | **Varjanti** | **Numru ta' tokens** |
|---|---|---|---|
| 1. | kattiverja | | 70 |
| 2. | ispiżerja[!] | spiżerja[!] | 12, 5 |
| 3. | ħbiberja[!] | ħbibierja[!] | 8, 2 |
| 4. | lotterja[!] | | 7 |
| 5. | inġinerja[!] | | 5 |
| 6. | librerja[!] | | 5 |
| 7. | biċċerja[!] | | 4 |
| 8. | istamperja[!] | | 1 |
| 9. | kafeterja[!] | | 1 |

**Tabella nru 21**: Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-erja* fil-korpus

Għajr għall-formazzjoni *kattiverja*, il-formazzjonijiet kollha huma varjanti inaċċettabbli ta' xi formazzjoni oħra. Għalkemm Aquilina ma jagħtix il-varjant *kattiverja* fid-dizzjunarju, tokkorri f'diversi testi letterarji u tingħad minn xi kelliema nattivi. Neżemplifika din il-formazzjoni bis-saħħa tal-korpus:

(44a) Estella kienet iddeċidiet li tiffoka l-antipatija u l-kattiverja kollha tagħha fuq Tommy. (MLRS v3.0 literature24)

(44b) Mhux għall-ħeffa li biha ħarbtilha kollox jew għall-kattiverja tiegħu. (MLRS v3.0 literature24)

Hija wkoll l-unika formazzjoni minn dawn l-10 li tokkorri aktar bil-varjant *-erja* (70 darba) milli b'*-erija* (25 darba).

Nagħti ħarsa lejn it-tokens fil-korpus li jispiċċaw – *eriji. Nippreżenta l-formazzjonijiet rilevanti f’tabella biex imbagħad niddiskutihom fuq fuq.

| | ***-eriji* types** | **Varjanti** | **Numru ta’ tokens** |
|---|---|---|---|
| 1. | libreriji | liberiji[!]<br>libereriji[!] | 2273, 8, 4 |
| 2. | ispiżeriji | spiżeriji<br>ispiżjeriji[!]<br>spiżjeriji[!]<br>ispeżeriji[!] | 1682, 1068, 6, 3, 1 |
| 3. | lotteriji | lottreriji[!] | 1630, 1 |
| 4. | biċċeriji | biċċieriji[!] | 582, 1 |
| 5. | ħbiberiji | hbiberiji[!]<br>ħbieberiji[!] | 264, 1, 1 |
| 6. | istamperiji | stamperiji<br>istmaperiji[!] | 132, 24, 1 |
| 7. | raffineriji | reffineriji[!]<br>rifineriji[!] | 117, 1, 1 |
| 8. | funderiji | fonderiji | 113, 8 |
| 9. | kafetteriji | kafeteriji[!]<br>kaffeteriji[!] | 77, 45, 3 |
| 10. | stramberiji | istramberiji | 51, 33 |
| 11. | birreriji | bireriji[!] | 41, 2 |
| 12. | pixkeriji | | 40 |
| 13. | porkeriji | purkeriji | 32, 1 |
| 14. | pizzeriji | | 24 |
| 15. | distilleriji | | 23 |
| 16. | senseriji | | 20 |
| 17. | pastizzeriji | | 15 |
| 18. | armeriji | | 12 |
| 19. | dolċeriji | | 12 |
| 20. | mażuneriji | | 9 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 21. | tapizzeriji | tapezzeriji | 9, 6 |
| 22. | viljakkeriji | | 9 |
| 23. | pirateriji | | 8 |
| 24. | inġineriji | | 6 |
| 25. | biljetteriji | | 5 |
| 26. | ġojjelleriji | | 5 |
| 27. | kanċelleriji | kanċilleriji | 5, 1 |
| 28. | segreteriji | | 5 |
| 29. | makakkeriji | makkakeriji[!] | 4, 1 |
| 30. | fesseriji | fisseriji | 3, 1 |
| 31. | kattiveriji | | 3 |
| 32. | musketteriji | | 3 |
| 33. | bjankeriji | | 2 |
| 34. | ġelateriji | | 2 |
| 35. | arġenteriji | | 1 |
| 36. | artilleriji | | 1 |
| 37. | brikkuneriji | brikkkuneriji[!] | 1, 1 |
| 38. | fażulleriji | | 1 |
| 39. | profumeriji | | 1 |
| 40. | qaħberiji | | 1 |
| 41. | tabakkeriji | | 1 |
| 42. | teżoreriji | | 1 |

**Tabella nru 22:** Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-eriji* fil-korpus

B'kollox, il-korpus jagħti 110 token li jispiċċa bil-plural *-eriji*. Wara l-eżerċizzju li fih neħħejt il-formazzjonjiet li mhumiex rilevanti u ġbart il-varjanti tal-istess kelma fl-istess ringiela, anke jekk ortografikament żbaljati, il-lista finali tinkludi 42 formazzjoni. Minn dawn it-42 formazzjoni, 3 biss ma jokkorrux fis-singular fil-korpus: *fesseriji/fisseriji*, *qaħberiji* u *tabakkeriji*. Tal-ewwel hi mislufa mit-Taljan *fesseria* u, abbażi tal-kuntest li fih tokkorri fil-korpus, iġġorr l-istess tifsir tal-lingwa sors. *Qaħberija* hija interessanti għax ibrida, bis-suffiss

ta' nisel Rumanz magħqud mal-bażi ta' nisel Għarbi. *Tabakkerija* ġejja mit-Taljan, *tabaccheria*, u għandha l-istess sens.

Mill-banda l-oħra, hemm 26 formazzjoni li jokkorru fis-singular u li fil-korpus ma jokkorrux fil-plural: *kavallerija*, *karozzerija*, *infermerija*, *foresterija*, *simenterija*, *ġentlomerija*, *infanterija*, *falkunerija*, *kartolerija*, *banditerija*, *avukaterija*, *lavanderija*, *konzerija*, *ġendarmerija*, *salvaġġerija/selvaġġerija*, *ferrerija*, *galantomerija*, *stregonerija*, *penitenzerija*, *barunerija*, *bombastikerija*, *salumerija*, *ispavalderija*, *karpinterija*, *moqżiżerija* u *oroloġġerija*. Biss, ma neskludix li dawn is-26 formazzjoni jistgħu jokkorru fil-plural, tant li wħud minnhom smajthom jintużaw fil-plural fid-diskors jew saħansitra qegħdin fuq Google. Ngħidu aħna:

(45) Għalhekk huwa importanti li ssir distinzjoni ċara u bbażata fuq l-iskop bejn tipi ta' trejlers u karozzeriji. (Google)

(46) [...] ħatar lil Fr Vincent Magri bħala d-Delegat tiegħu għall-Ġiżwiti li għalqu 75 sena u jkun inkarigat mill-infermeriji kollha fil-Provinċja Ewro-Mediterranja. (Google)

(47) Hu kien ġej minn baruneriji, b'ħafna propjetà u ħafna flejjes [...] (Google)

6.2.2.2. Oriġini

Permezz tal-aħħar kolonna tat-tabella nru 20, nissintetizza l-informazzjoni dwar l-oriġini tal-formazzjonijiet mingħajr ma nidħol f'wisq dettall. Minn dan il-lat, il-kliem jinqasmu f'żewġ klassijiet ewlenin. Fuq naħa hemm dawk li huma mislufin mit-Taljan jew mill-Isqalli u li għaddew minn xi bidliet żgħar fil-bixra fonetika tagħhom. Minn dawn hemm 3 li aktarx daħlu mill-Isqalli u mhux mit-Taljan: *biċċerija*, *spiżerija* u *pixkerija*. Ilkoll qegħdin fid-dizzjunarju tal-Isqalli ta' Traina (1868). Fuq in-naħa l-oħra hemm formazzjonijiet li l-Malti ma ssellifhomx mit-Taljan jew mill-Isqalli imma li ħalaq, skont l-esiġenzi, b'analoġija ta' formazzjonijiet kumplessi oħra. Mil-lat storiku, aktarx li l-formazzjonijiet lokali nħalqu wara li l-Malti ssellef il-formazzjonijiet mislufin.

Niddiskuti l-ewwel il-formazzjonijiet mislufin mil-lingwa sors. Dawn huma formazzjonijiet bħal *librerija*, *spiżerija* u *inġinerija* li jeżistu wkoll fit-Taljan jew fl-Isqalli b'konnotazzjonijiet u tifsiriet li jixxiebhu ħafna. Biss, hemm xi wħud li ġarrbu bidliet semantiċi mil-lingwa sors għall-Malti. Eżempju, il-kelma *ferreria* fit-Taljan tfisser grupp ta' oġġetti tal-ħadid, skont Treccani, waqt li fil-Malti, skont Aquilina (p. 326), tintuża l-aktar fis-sens polisemiku ta' "*forge*", jiġifieri l-post fejn jinħadem il-ħadid. Għal uħud mill-formazzjonijiet, is-sit Treccani jagħti wkoll l-oriġini tal-kelma. Hemm ftit li ġejjin mil-Latin waqt li oħrajn mill-Franċiż. Dan jagħmel sens, ladarba, kif iddiskutejt f'taqsima 6.1.2., is-suffiss stabilixxa ruħu l-ewwel fil-Franċiż, bil-forma *-erie*. Skont l-aħħar kolonna, hemm b'kollox 54 formazzjoni (84.3%) li mhumiex lokali, jiġifieri li huma mislufin mit-Taljan jew mill-Isqalli.

Hemm imbagħad 10 formazzjonijiet (15.6%) lokali: *ħbiberija*, *makakkerija*, *ġentlomerija*, *dolċerija*, *banditerija*, *salvaġġerija/selvaġġerija*, *barunerija*, *bombastikerija*, *fażullerija* u *moqżiżerija*. 5 minnhom (*ħbiberija*, *makakkerija*, *ġentlomerija*, *salvaġġerija/selvaġġerija* u *bombastikerija*) qegħdin fid-dizzjunarju t'Aquilina li jikkonferma li huma lokali. Hemm 4 li mhumiex fid-dizzjunarju t'Aquilina u ma jokkorrux fit-Taljan jew fl-Isqalli, tant li la sibthom fid-dizzjunarju ta' Treccani u lanqas ta' De Mauro: *banditerija*, *barunerija*, *fażullerija* u *moqżiżerija*. Fl-aħħar nett, hemm *dolċerija* li l-oriġini tagħha hija xi ftit jew wisq problematika. Aquilina jgħid li hi mislufa mit-Taljan, mill-kelma *dolceria*. Biss, din il-forma ma sibtha fl-ebda dizzjunarju Taljan, u għalhekk qed nikkunsidraha lokali.[35]

6.2.2.3. Il-bażi

Biex inħaffef l-analiżi tar-restrizzjonijiet speċifiċi nidentifika l-bażi tal-kelmiet kumplessi. Abbażi ta' Haspelmath u Sims (2010, pp. 36, 321), għal din l-analiżi, nirreferi għall-bażi bħala dak l-element li fuqu tinħadem operazzjoni morfoloġika. Fid-dawl ta' din id-definizzjoni, nuża d-dizzjunarju t'Aquilina u nikkategorizza l-64 formazzjoni kumplessa b'*-erija* fi tnejn.

---

[35] Għalkemm mhix qiegħda fid-dizzjunarji ta' Treccani, De Mauro u ta' Traina (tal-Isqalli), sibtha tokkorri fuq Google f'xi testi Taljani.

L-ewwel grupp ta' kliem huwa dak li għandu bażi attestata. Il-maġġorparti tal-formazzjonijiet b'*-erija* għandhom bażi attestata fil-Malti. F'xi każijiet, mhux faċli tgħid jekk, dijakronikament, kinitx il-bażi jew il-formazzjoni kumplessa li daħlet l-ewwel. Ngħidu aħna, kienet il-forma *inġinerija* jew *inġinier* li l-ewwel stabiliet ruħha fi lsien il-Malti nattiv? Hi x'inhi t-tweġiba, nistgħu xorta nargumentaw li l-bażi ta' *inġinerija* hija *inġinier*. Dan l-argument nibbażah fuq il-letteratura Taljana. Qabelxejn, fid-definizzjoni ta' *ingegneria*, is-sit Treccani jgħid espliċitament li hija derivata minn *ingegnere*. U Lo Duca (2004, p. 236), fid-diskussjoni tagħha fuq is-suffiss *-eria* fit-Taljan, tgħid li għal xi formazzjonijiet, il-bażi hija nom tal-aġent u li f'xi forom irridu nassumu derivazzjoni min-nom tal-aġent.[36]

Hemm imbagħad 5 formazzjonijiet li l-identifikazzjoni tal-bażi tagħhom hija problematika u li mhijiex attestata f'Aquilina: *infanterija*, *lavanderija*, *ferrerija*, *stregonerija* u *spavalderija*. Fil-Malti m'hemmx bażi korrispondenti għal dawn il-5 kelmiet, minkejja li fit-Taljan, skont id-dizzjunarju Treccani, teżisti bażi li minnha tinbena l-formazzjoni nominali. Il-bażijiet ta' dawn il-5 formazzjonijiet fit-Taljan huma: *infante*, *lavandaio*, *ferro*, *stregone* u *spavaldo*. Aktarx li, ladarba teżisti forma bl-istess semantika fil-Malti (*suldat*, *ħassiel*, *ħadid*, *saħħar* u *arroganti*), dawn il-5 kelmiet ma daħlux fil-lingwa kawża tat-*token blocking*.

## 6.3. L-analiżi tar-restrizzjonijiet

Għal din l-analiżi ndur bir-reqqa l-formazzjonijiet kollha bis-suffiss misluf *-erija* biex niddiskuti r-restrizzjonijiet speċifiċi osservati fil-proċess tal-affissazzjoni. L-ewwel niddiskuti l-formazzjonijiet mislufin sħaħ mil-lingwa sors u wara dawk lokali. L-għan huwa li nqabbel iż-żewġ tipi ta' formazzjonijiet mal-formazzjonijiet b'*-eria* fit-Taljan biex nara hemmx punti ta' xebh bejn il-kliem kumpless misluf fil-Malti u dak li ġie ffurmat lokalment.

---

[36] *"Talvolta la base è un nome di agente, [...]: così in copisteria, ebanisteria, erboristeria, falegnameria, modisteria, oreficeria."*

### 6.3.1. Kliem misluf bis-suffiss *-erija*

Nanalizza l-ewwel l-54 formazzjoni li mhumiex lokali. Hawn, mela, neskludi t-12-il formazzjoni lokali. Neskludi wkoll, għall-prattiċità, il-5 formazzjonijiet (*infanterija*, *lavanderija*, *ferrerija*, *stregonerija* u *spavalderija*) li l-identifikazzjoni tal-bażi tagħhom hija problematika. Abbażi ta' dawn id-deċiżjonijiet, nippreżenta ġabra b'49 formazzjoni li tinkludi t-types, il-varjanti ta' kull type u l-bażi tagħhom. L-ordni tirrifletti n-numru ta' tokens fil-korpus.

| | ***-erija* types** | **Varjanti** | **Bażi** |
|---|---|---|---|
| 1. | biċċerija | biċerija[!] biċċcerija[!] biċċierija[!] | biċċier |
| 2. | librerija | liberija[!] | librar |
| 3. | ispiżerija | spiżerija ispiżjerija[!] spiżjerija[!] ispeżerija[!] iżpiżerija[!] | spiżjar |
| 4. | inġinerija | inġenerija[!] enġinerija[!] nġinerija[!] inġinjerija[!] inġenjerija[!] iniġinerija[!] | inġinier |
| 5. | istamperija | stamperija[!] istameperija[!] istaperija[!] | stampa$_{(V)}$ |
| 6. | pixkerija | pixxkerija[!] | pixka/piska |
| 7. | piraterija | | pirata |
| 8. | ġojjellerija | ġojellerija[!] ġojjelerija[!] ġollerija[!] ġejjellerija[!] | ġojjell |
| 9. | kavallerija | kavellerija[!] kavalerija kavvalerija[!] | kavallier |
| 10. | kafetterija | kafeterija[!] kaffeterija[!] kaffetterija[!] cafeterija[!] kafatterija[!] kefetterija[!] | kafè |
| 11. | armerija | | arma |
| 12. | karozzerija | karrozzerija | karozza |
| 13. | artillerija | artellerija[!] | artillier |
| 14. | birrerija | birerija[!] | birra |
| 15. | senserija | | sensar |
| 16. | infermerija | infirmerija | infermier |
| 17. | foresterija | aforesterija[!] fresterija[!] | foresta |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 18. | segreterija | | segretarju |
| 19. | mażunerija | | mażun |
| 20. | pastizzerija | | pastizz |
| 21. | raffinerija | raffinnerija[!] | irfina(V) |
| 22. | funderija | fonderija | iffonda(V) |
| 23. | simenterija | | siment |
| 24. | bjankerija | | bjank |
| 25. | musketterija | | muskett |
| 26. | porkerija | purkerija | porku |
| 27. | istramberija | stramberija | stramb(A) |
| 28. | distillerija | distellerija[!] | iddistilla(V) |
| 29. | pizzerija | | pizza |
| 30. | tapezzerija | tapizzerija tappezzerija[!] tappizzerija[!] | tapizzar/tapizzier |
| 31. | teżorerija | | teżor |
| 32. | falkunerija | faikunerija[!] | falkunier |
| 33. | viljakkerija | | viljakk(A) |
| 34. | kartolerija | | karta |
| 35. | kanċellerija | kanċillerija | kanċillier |
| 36. | ġelaterija | | ġelat |
| 37. | kattiverija | | kattiv(A) |
| 38. | avukaterija | | avukat |
| 39. | konzerija | | ikkonza(V) |
| 40. | ġendarmerija | | ġendarm |
| 41. | galantomerija | | galantom(A) |
| 42. | penitenzerija | | penitenza |
| 43. | profumerija | perfumerija[!] | profum/porfum |
| 44. | salumerija | | salami/salumi |
| 45. | arġenterija | | arġentier |
| 46. | biljetterija | | biljett |
| 47. | brikkunerija | | brikkun (A) |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 48. | karpinterija | | karpentier/karpinti er |
| 49. | orologġerija | | arluġġar |

**Tabella nru 23:** Formazzjonijiet mislufin bis-suffiss *-erija* flimkien mal-bażi

Nibda bir-restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. Qabelxejn, il-forma segmentali tal-bażi ma jidhirx li huwa fattur li jirrestrinġi l-proċess tal-affissazzjoni. Hemm bażijiet li jispiċċaw kemm bi ħsejjes sonoranti (eż. *pirata*, *arma*, *artillier* u *galantom*) u kemm b'ostruwenti (eż. *siment*, *stramb* u *tabakk*). Il-fonemi aħħarin tal-bażi ma jikkundizzjonawx iż-żieda tal-affiss derivattiv *-erija* fil-Malti. Fil-letteratura Taljana, din it-tip ta' restrizzjoni fonoloġika ma tissemmiex, aktarx għax, bħall-Malti, il-forma segmentali tal-bażi mhijiex fattur importanti. Lanqas il-forma suprasegmentali u l-kwantità ta' sillabi fil-bażi mhuma fatturi determinanti fil-forom mislufin. Tant hu hekk li hemm bażijiet li għandhom l-aċċent fuq l-aħħar sillaba (eż. *biċċier* u *siment*) u bażijiet bl-aċċent fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar (eż. *karozza* u *pizza*). Hemm ukoll bażijiet b'sillaba waħda (eż. *bjank*), b'żewġ sillabi (eż. *mażun* u *teżor*) u bi tliet sillabi jew aktar (eż. *kanċillier* u *penitenza*).

Ir-restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Ladarba l-formazzjonijiet miġbura f'tabella nru 23 huma kollha mislufin, nistgħu nargumentaw li dawn il-kelmiet kumplessi jeħtieġu bażi t'oriġini Rumanza biex jieħdu s-suffiss *-erija*. Apparti l-etimoloġija tal-bażi, jidher li hemm restrizzjoni morfoloġika oħra. Uħud mill-bażijiet huma derivati u fihom suffiss derivattiv. Qed nirreferi għal forom bħal *biċċier* u *sensar* li huma bażijiet derivati għax fihom il-morfema tan-nom tal-ħaddiem. Interessanti li, bħat-Taljan, il-bażijiet li fihom is-suffiss derivattiv tan-nom tal-aġent, għandhom is-suffiss *-ar*, mhux *-atur*. Ma jidhirx li hemm bażijiet li huma nomi tal-aġent, li fihom is-suffiss *-atur* u li jieħdu *-erija*. Il-bqija tal-bażijiet huma sempliċi, jiġifieri mhumiex derivati u ma fihom l-ebda affiss derivattiv. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, nistgħu nikkonkludu li morfoloġikament, il-bażijiet mislufin li jieħdu *-erija* jridu jkunu jew sempliċi jew nomi tal-aġent bis-suffiss *-ar/-ier*.

Kelmtejn fuq ir-restrizzjonijiet **sintattiċi**. Jidher li l-bażi tal-formazzjonijiet b'*-erija* tista' tkun nom, verb jew aġġettiv. Il-parti tad-diskors tal-formazzjonijiet mislufin fil-Malti tingħata

ħdejn uħud mill-bażijiet fit-tielet kolonna f'tabella nru 23. Xi ftit huma verbi ($_{(V)}$), oħrajn aġġettivi ($_{(A)}$) waqt li dawk li m'għandhom xejn huma nomi. Dawn tal-aħħar jirrappreżentaw il-maġġorparti tal-bażijiet. Hemm biss 5 li huma verbi u 6 li huma aġġettivi. Li l-bażi tista' tkun kemm nom u kemm verb fit-Taljan insibuha fid-definizzjoni ta' *-eria* fid-dizzjunarji ta' Treccani u ta' De Mauro. Biss, fil-letteratura Taljana ma tissemmiex il-possibiltà li l-bażi jkun aġġettiv, minkejja li, skont Treccani, il-bażijiet ta' *stramberia*, *vigliaccheria*, *cattiveria*, *galanteria* u *bricconeria* huma l-aġġettivi *strambo*, *vigliacco*, *cattivo*, *galante* u *briccone* rispettivament.

Nagħlaq bir-restrizzjonijiet **semantiċi**. Kif iddiskutejt f'taqsima 2.2.2.5., ċerti suffissi huma ristretti li jingħaqdu biss ma' ċerti klassijiet ta' bażijiet. Fil-każ ta' *-erija*, jingħaqad biss ma' tliet tipi ta' bażijiet biex jifforma nomi ta' postijiet, nomi kollettivi jew nomi ta' kwalità (ara taqsima 6.1.2.). Nikklassifika l-formazzjonijiet mislufin f'dawn it-tliet kategoriji skont il-kuntest fil-korpus biex wara niddiskutihom kategorija kategorija. Il-formazzjonijiet nippreżentahom f'ordni li tirrappreżenta n-numru ta' tokens fil-korpus.

| **Nomi tal-post** |
|---|
| biċċerija, librerija, spiżerija, stamperija, pixkerija, ġojjellerija, kafetterija, armerija, karozzerija, birrerija, infermerija, pastizzerija, raffinerija, funderija, simenterija, distillerija, pizzerija, ġelaterija, konzerija, salumerija, biljetterija |
| **Nomi kollettivi** |
| inġinerija, piraterija, kavallerija, artillerija, senserija, foresterija, segreterija, mażunerija, bjankerija, musketterija, tapezzerija, teżorerija, falkunerija, kartolerija, kanċellerija, avukaterija, ġendarmerija, penitenzerija, profumerija, arġenterija, karpinterija, oroloġġerija |
| **Nomi ta' kwalità** |
| porkerija, stramberija, viljakkerija, kattiverija, galantomerija, brikkunerija |

**Tabella nru 24:** Klassifika tal-formazzjonijiet mislufin skont il-funzjoni

Hemm b'kollox 21 formazzjoni li jiddenotaw nom tal-post, jiġifieri jirreferu għall-post fejn il-prodott jiġi mmanifatturat (eż. *birrerija* u *simenterija*) jew il-ħanut fejn jinbiegħ (eż. *pastizzerija* u *ġelaterija*). Fit-Taljan, skont Lo Duca (2004, p. 236), is-suffiss *-eria* huwa l-aktar mekkaniżmu produttiv fil-formazzjoni tan-nom tal-post fost id-denominali. Jidher li l-Malti

sellef għadd ta' formazzjonijiet b'din il-funzjoni (nom tal-post) kif jixhdu n-numru ta' formazzjonijiet li jokkorru fil-korpus. Ħafna minn dawn il-formazzjonijiet huma mnisslin minn nom jew minn verb.

Kif iddiskutejt f'taqsima 6.1.2., hemm żewġ tipi ta' nomi kollettivi, dawk li jiddenotaw sett ta' oġġett partikolari jew dawk li jirreferu għal xi uffiċċju jew kariga ta' xi nies, jiġifieri xi mestier jew teknika speċifika. Skont il-klassifika, hemm 22 formazzjoni ta' dan it-tip. Minnhom hemm uħud li jirreferu għal sempliċiment grupp ta' oġġetti (eż. *artillerija* u *arġenterija*) waqt li oħrajn jirreferu għall-professjoni ta' grupp ta' nies (eż. *piraterija* jew *segreterija*). In-nomi kollettivi, skont Grossman (2004, p. 247), għandhom dimensjoni oħra li tifridhom. Hemm uħud li l-bażi tagħhom hija animata (eż. *falkunerija* u *ġendarmerija*) waqt li oħrajn hija inanimata (eż. *musketterija* u *kartolerija*). Minħabba r-rabta tagħhom ma' xi teknika jew mestier, ħafna minn dawn in-nomi kollettivi huma mnisslin min-nom tal-aġent.

Mhux diffiċli tinnota qrubija bejn in-nom tal-post u n-nom tal-kollettiv. Hemm formazzjonijiet li jistgħu jaqdu ż-żewġ funzjonijiet. *Armerija*, ngħidu aħna, hija kemm il-post fejn jinżammu l-armi (48a) kif ukoll ġabra ta' armi (48b).

(48a) Kien fi żmien il-Gran Mastru Alof de Wignacourt li nħolqot l-<u>Armerija</u> fejn bdew jinżammu l-armi u l-ilbies ta' membri tal-Ordni li jitilfu ħajjithom. (MLRS v3.0 news115018)

(48b) Ikollna nassistu għall-attentati antidemokratiċi bla ma għandna fl-<u>armerija</u> tagħna ebda arma biex timbarra u treġġa' lura l-politika ta' [...] (MLRS v3.0 news148347)

Hemm imbagħad xi formazzjonijiet li fit-Taljan huma meqjusin bħala nomi tal-post, skont Treccani jew De Mauro, iżda fil-Malti, aktar jintużaw f'sens kollettiv. Ngħidu aħna, skont Treccani, *profumeria* hija fabbrika jew laboratorju fejn tiġi mmanifatturata l-fwieħa, waqt li *profumerija* fil-korpus tal-MLRS tintuża aktar f'sens kollettiv (49).

(49) [...] litru spiriti jew żewġ litri ta' prodotti intermedjarji u nbid spumanti; ( iii ) żewġ litri nbid; (iv) ħamsin gramma profumerija u 0.25 litru toilet water [...] (MLRS v3.0 law1717)

Anke *kartolerija* tvarja ftit fis-semantika tagħha mil-lingwa sors. Fit-Taljan, skont De Mauro, tirreferi għall-ħanut li jbigħ il-karti, dokumenti eċċ, waqt li fil-Malti tintuża biex tirreferi għal grupp ta' oġġetti.

(50) [...] li wieħed ma jkollux il-kartolerija jew materjal ieħor meħtieġ biex jitħaddem il-cash register fiskali [...] (MLRS v3.0 law1717)

Fl-aħħar nett hemm 6 formazzjonijiet li jitqiesu nomi ta' kwalità. Kif iddiskutejt, abbażi ta' Rainer, f'taqsima 6.1.2., dan il-mekkaniżmu fit-Taljan huwa l-aktar produttiv ma' bażijiet li jiddenotaw kwalità umana u li huma semantikament negattivi. Għajr għal *porkerija*, il-formazzjonijiet l-oħra kollha jirreferu għal kwalità umana. Abbażi ta' dawn is-6 formazzjonijiet, nistgħu wkoll nargumentaw li, bl-eċċezzjoni ta' *galantomerija*, il-bażijiet jesprimu dispożizzjoni psikika negattiva.

6.3.2. Formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-erija*

Hemm b'kollox 11-il formazzjoni lokali. Dawn ma jokkorru fl-ebda dizzjunarju Taljan/Sqalli iżda huma attestati fil-Malti. Magħhom ninkludi l-formazzjoni *qaħberiji* li fil-korpus tokkorri biss fil-plural. L-ewwel nippreżentahom f'tabella flimkien mal-bażi korrispondenti biex wara niddiskutihom kelma kelma u nanalizza r-restrizzjonijiet. L-għan, mela, huwa li nqabbel ir-restrizzjonijiet mal-formazzjonijiet mislufin biex nara hemmx xebh jew differenzi bejniethom.

| | ***-erija* types** | **Varjanti** | **Bażi** |
|---|---|---|---|
| 1. | ħbiberija | hbiberija[!] ħbieberija[!] | ħbieb |
| 2. | makakkerija | makkakerija[!] makkerija[!] makkakkerija[!] makekkerija[!] | $makakk_{(A)}$ |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | makkekerija[!] | |
| 3. | ġentlomerija | ġentilomerija[!] | ġentlom$_{(A)}$ |
| 4. | dolċerija | | dolċier |
| 5. | banditerija | | bandit |
| 6. | salvaġġerija | selvaġġerija | salvaġġ/selvaġġ$_{(A)}$ |
| 7. | barunerija | | baruni |
| 8. | bombastikerija | | bombastiku$_{(A)}$ |
| 9. | fażullerija | | fażull$_{(A)}$ |
| 10. | moqżiżerija | | moqżież$_{(A)}$ |
| 11. | qaħberiji | | qaħba |

**Tabella nru 25:** Formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-erija* flimkien mal-bażi

6.3.2.1. Kelmtejn fuq kull formazzjoni

Qabel niddiskuti r-restrizzjonijiet, naqbad kelma kelma u niddiskuti l-oriġini, is-semantika u nagħti xi eżempji mill-korpus. Ngħid ukoll tinsabx f'Aquilina.

Il-formazzjoni *ħbiberija* jtiha Aquilina fid-dizzjunarju (p. 467) u jiddefiniha bħala "*friendship; good relations; familiarity*". Hija kelma ibrida li tinbena fuq l-għerq t'oriġini Għarbija √ħbb u li magħha tiżdied il-morfema tal-plural u s-suffiss nominali derivattiv *-erija*. Tokkorri kemm-il darba fil-korpus u fid-diskors.

(51a) Flaubert baqa' l-gwida letterarju tiegħu waqt li l-<u>ħbiberija</u> ta' Maupassant mal-aħwa Goncourt ma damitx wisq [...] (MLRS v3.0 academic135)

(51b) Denise kienet konvinta li xi tip ta' <u>ħbiberija</u> kienet se tagħmillu ġid 'il Thomas. (MLRS v3.0 literature11)

Fuq *makakkerija*. Qiegħda fuq Aquilina li jgħid li hija formazzjoni lokali u jiddefiniha bħala "*cunning; shrewdness*". Il-bażi tokkorri fit-Taljan (*macaco*) iżda s-sens figurattiv ivarja mill-Malti. Skont Treccani huwa aġġettiv li jirreferi għal xi ħadd ikrah u iblah u mhux għal xi ħadd li għandu moħħu jilħaqlu.

(52a) Imma ħadd ma ta kas tal-makakkerija fina t'Irene u kulħadd qal iva. (MLRS v3.0 literature16)

(52b) Jekk qatt kienet iltaqgħet ma' xi ħadd b'moħħ mimli ħażen u makakkerija, din kienet żgur Ġingo li dejjem kienet tkun mill-inqas diġà ħames passi 'l quddiem minn ħaddieħor fil-ħsibijiet tagħha. (MLRS v3.0 literature24)

*Ġentlomerija* hija interessanti għax il-bażi, *ġentlom*, ġejja mill-Isqalli, *gentilomu*, iżda t-tifsira tagħha ġejja mill-Ingliż, *gentleman*.[37] Aquilina jagħti l-formazzjoni kumplessa fid-dizzjunarju (p. 389) u jiddefiniha bħala "*gentlemanly behaviour*."

(53a) Forsi hawn min jaħseb li Busuttil qiegħed japprofitta ruħu mill-ġentlomerija u l-id tal-ħbiberija li qed joffri Muscat [...] (MLRS v3.0 news105350)

(53b) Kemm ilek li sirt Ministru qed titlifha l-ġentlomerija. (MLRS v3.0 parl424)

Il-formazzjoni *dolċerija* hi partikolari għax tidher mislufa sħiħa mit-Taljan. Anke Aquilina jgħid li hi mislufa mit-Taljan, mill-forma *dolceria*. Biss, tiftixa fid-dizzjunarji ta' Treccani u tikkonferma li dan mhux minnu.[38] Min-naħa l-oħra, il-bażi, *dolċier* tokkorri fil-Malti u fil-lingwa sors, *dolciere*, u għandhom l-istess tifsira, jiġifieri xi ħadd li jsajjar il-ħelu. Abbażi tat-tifsira tas-suffiss *-erija*, *dolċerija* tirreferi għall-post jew ħanut fejn isir jew jinbiegħ il-ħelu.

(54a) Il-Ħofra, fejn kont tiltaqa' anki ma' nies bħal Chris, jgħix l-iljieli jaħmi fid-dolċerija ta' zijuh [...] (MLRS v3.0 literature35)

(54b) [...] ħalliel mgħammad u armat b'arma tan-nar daħal f'dolċerija u talab il-flus lit-tfajla li kienet xogħol fil-post. (MLRS v3.0 news129652)

---

[37] "[...] <*Sic. gentilomu but with the meaning of Eng. gentleman* [...]" (Aquilina, 1987-1991, p. 389).

[38] Għalkemm ma sibthiex fid-dizzjunarji ta' Treccani u ta' De Mauro, tintuża fl-Isqalli fis-sens ta' *pasticceria*. (M. Spagnol, komunikazzjoni personali, 2 ta' Frar, 2023).

Il-formazzjoni kumplessa *banditerija* mhijiex f'Aquilina. Aquilina jiddefinixxi l-bażi *bandit* bħala "*bandit, outlaw*", l-istess tifsira tal-forma mit-Taljan *bandito*. *Banditerija*, mela, hija t-teknika/il-mestier tal-banditi. Kif jixhdu dawn l-eżempji mill-korpus, tintuża l-aktar fl-isfera politika biex b'mod metaforiku tirreferi għal imġiba nieqsa mill-integrità u l-onestà.

(55a) Fil-verità l-ispirtu ta' banditerija li jwassal għall-korruzzjoni u abbuż ta' poter, illum sar l-aktar parti essenzjali tar-raison d'être tal-PN. (MLRS v3.0 news83326)

(55b) Jekk il-PN ma jitnaddafx mill-element ta' banditerija; dik il-banditerija politika li mhux bilfors taqa' taħt il-kejl ta' strutturi legali [...] (MLRS v3.0 news84077)

*Salvaġġerija*/*selvaġġerija* itiha Aquilina fid-dizzjunarju (p. 1262), jgħid li hija lokali u jiddefiniha bħala "*savagery; offensive rudeness*." Il-bażi, *salvaġġ*/*selvaġġ*, tokkorri fil-Malti u fit-Taljan bl-istess tifsira u l-istess konnotazzjonijiet.

(56a) U lanqas insemmi dik is-salvaġġerija ta' sparar li żgur ma jistgħux jieħdu pjaċir biha nies bħal morda, anzjani u tfal! (MLRS v3.0 news117016)

(56b) Li, bis-selvaġġerija f'dan il-qasam tal-logħob tan-nar, żgur li l-poplu tagħna ma jiħux isem tajjeb fost nies serji. (MLRS v3.0 news115986)

Il-kelma *barunerija* mhix qiegħda fid-dizzjunarju t'Aquilina. Biss, il-bażi *baruni* hi mislufa mit-Taljan/Sqalli u ġġorr l-istess konnotazzjonijiet. Skont l-eżempji fil-korpus u t-tifsira tas-suffiss *-erija*, il-kelma kumplessa *barunerija* niddefiniha bħala l-uffiċċju/il-grad kollettiv ta' għadd ta' barunijiet.

(57) [...] li għandu r-raba' f'ta' Kortell, li jiġi fit-territorju tal-Barunerija Testaferrata Abela u li lilhom iħallas il-qbiela tar-raba' tiegħu. (MLRS v3.0 news105819)

Il-kelma *bombastikerija* hi mnissla minn bażi ta' provenjenza Ingliża, *bombastiku*. Il-formazzjoni nominali kumplessa qiegħda f'Aquilina (p. 135) u jiddefiniha bħala "*pomposity*."

(58) L-ebda ras kbira minn Malta mhu se tipprova, bl-għajjat u l-bombastikerija tagħha, tikkonvinċina li dan il-proġett huwa ta' fejda għan-nies tal-Qala. (MLRS v3.0 news139882)

Aquilina ma jagħtix il-formazzjoni *fażullerija* taħt l-entrata *fażull* fid-dizzjunarju. Il-bażi *fażull* tokkorri fit-Taljan u fil-Malti b'konnotazzjonijiet semantiċi simili, jiġifieri bħala "*fake, bogus*" (p. 314). Fil-korpus tokkorri darbtejn u tesprimi kwalità simili għall-aġġettiv li minnu titnissel.

(59a) Mela kif trid tuża indiċi tal-prezzijiet li jinkludi piż qawwi ta' oġġetti u servizzi kkonsmati mit-turisti? Dan hu insult lejn l-intelliġenza tal-poplu. Din hi fażullerija. (MLRS v3.0 news120078)

(59b) Jien ngħid li din hija fażullerija u m'għandniex inħalluha. (MLRS v3.0 parl1410)

Fuq *moqżiżerija*. Forma ibrida u lokali mnissla mill-għerq √qżż. Is-suffiss derivattiv Taljan -*erija* jingħaqad mal-aġġettiv *moqżież* biex jifforma dan in-nom astratt. Il-forma nominali mhix fid-dizzjunarju t'Aquilina iżda, abbażi tal-eżempju fil-korpus, hija kelma li tesprimi, b'mod astratt, il-kwalità tal-aġġettiv korrispondenti.

(60a) Hija l-mewt li tibdel lil ġisem il-bniedem f'"moqżiżerija"? (MLRS v3.0 news71520)

(60b) U anki hawn nissawwat meta naqraha speċjalment meta naqra l-moqżiżerija ta' kitba ta' Cassar, li wiċċ Alla żgur li mhux se jarah. (Google)

Fl-aħħar hemm il-kelma *qaħberiji* li għalkemm fil-korpus tokkorri biss fil-plural, faċli tintuża fis-singular ukoll, *qaħberija*. Bħal *ħbiberija* u *moqżiżerija* tinbena fuq bażi ta' provenjenza Għarbija, jiġifieri l-għerq √qħb, li minnu tifforma l-kelma *qaħba* u li magħha jiżdied is-suffiss derivattiv u misluf -*erija*. *Qaħberija* mhix fid-dizzjunarju t'Aquilina imma abbażi tal-formazzjonijiet l-oħra, niddefiniha bħala mġiba li jkollha l-kwalitajiet ta' qaħba.

(61) Imma dan il-programm ġabuh assolutament mingħajr ebda skop għax biex wieħed jara xi tfajla li bl-iskuża li għadha ma tafx xi trid tispiċċa ddur kemm-il ġuvni hemm f'dik

it-taparsi dar li fl-aħħar mill-aħħar mhija xejn għajr studjo televiżiv f'Cinecittà. Għall-qaħberiji, f'kull sens li tista' toħroġ minn din il-kelma, tassew li m'hemmx programm ieħor li jeċċella daqs kemm il-'Grande Fratello' ta' din is-sena.

6.3.2.2. Ir-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet lokali

Fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-formazzjonijiet mislufin, niddiskuti r-restrizzjonijiet osservati f'dawn il-11-il formazzjoni lokali. Kif argumentajt permezz ta' Rainer (2004, p. 254) f'taqsima 6.1.2., is-suffiss *-erija* huwa frammentat ħafna, jiġifieri għandu diversi funzjonijiet. Nara jekk din l-istqarrija hix minnha fil-formazzjonijiet lokali.

Ma jidhirx li hemm restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. Bħall-formazzjonijiet mislufin, ma jidhirx li hemm xi fonema partikolari li jekk tkun fit-tarf tal-bażi, is-suffiss *-erija* ma jkunx jista' jiżdied. Hemm bażijiet li jispiċċaw b'sonoranti (eż. *ġentlom* u *dolċier*) u oħrajn b'ostruwenti (eż. *makakk*, *bandit* u *moqżież*). Analiżi tal-forma suprasegmentali (l-aċċent) u l-kwantità ta' sillabi fil-bażi turi li lanqas dawn mhuma fatturi determinanti. Hemm bażijiet li għandhom l-aċċent primarju fuq l-aħħar sillaba (eż. *makakk* u *fażull*) u oħrajn li l-aċċent primarju tagħhom jinsab fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar (eż. *baruni*). Hemm ukoll bażijiet b'sillaba waħda (eż. *ħbieb*), b'żewġ sillabi (eż. *dolċier* u *makakk*) u oħrajn bi tliet sillabi jew aktar (eż. *baruni* u *bombastiku*).

Kelmtejn fuq ir-restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Analiżi tal-etimoloġija tal-bażi turi li hemm tliet provenjenzi differenti. Hemm 6 formazzjonijiet li għandhom bażi ta' nisel Taljan/Sqalli (*makakk*, *dolċier, bandit*, *salvaġġ/selvaġġ, baruni* u *fażull*), formazzjoni 1 b'bażi ta' nisel Ingliż (*bombastiku*) u 3 formazzjonijiet b'bażi mill-Għarbi (*ħbieb*, *moqżież* u *qaħba*). Hemm ukoll il-formazzjoni *ġentlomerija*, li kif għidna, ġejja mill-Isqalli imma ġiet influwenzata semantikament mill-Ingliż. Osservazzjoni morfoloġika oħra hi li l-bażi tista' tkun derivata (eż. *dolċier* u *moqżież*) jew ma tkunx derivata (*baruni* u *qaħba*). Biss, bħall-formazzjonijiet mislufin, is-suffiss *-erija* jiżdied biss ma' nomi tal-aġent bis-suffiss *-ar/-ier* (eż. *dolċier*). M'hemmx bażijiet bis-suffiss tal-aġent *-atur*. Osservazzjoni oħra morfoloġika hi, li jekk

noqogħdu mal-ipoteżi li l-bażi ta' *ħbiberija* hi *ħbieb*, hija l-unika bażi fil-plural. M'hemmx bażijiet ta' formazzjonijiet mislufin li huma fil-plural.

Fid-diskussjoni fuq ir-restrizzjonijiet **sintattiċi** tal-formazzjonijiet mislufin, argumentajt li l-bażi tista' tkun kemm nom, kemm verb u kemm aġġettiv. Biss, fil-każ tal-formazzjonijiet lokali, jidher li l-bażijiet kollha huma jew nom jew aġġettiv. M'hemmx bażijiet li huma verbi. Hemm 5 bażijiet li huma aġġettivi (*ġentlom*, *salvaġġ/selvaġġ*, *bombastiku*, *fażull* u *moqżież*) u l-bqija huma nomi. Minn dawn in-nomi, hemm uħud li jistgħu jaqdu funzjoni aġġettivali skont il-kuntest (eż. *qaħba*).

Nanalizza r-restrizzjonijiet **semantiċi** bil-metodoloġija li użajt fir-rigward tal-formazzjonijiet mislufin. Abbażi tal-kuntest li fih jokkorru, nikkategorizza dawn il-11-il formazzjoni lokali u wara ngħid kelma fuq kull kategorija.

| **Nomi tal-post** |
|---|
| dolċerija |
| **Nomi kollettivi** |
| banditerija, barunerija |
| **Nomi ta' kwalità** |
| ħbiberija, makakkerija, ġentlomerija, salvaġġerija/selvaġġerija, bombastikerija, fażullerija, moqżiżerija, qaħberiji |

**Tabella nru 26:** Klassifika tal-formazzjonijiet lokali skont il-funzjoni

Hemm biss formazzjoni 1 fil-korpus li hija lokali u li tiddenota nom tal-post. Minkejja dan, hemm ħafna formazzjonijiet possibbli, fosthom, *bizzillerija* (post fejn tiġi mmanifatturata l-bizzilla) u *fenkerija* (post fejn jinżammu l-fniek) li jissuġġerixxu li s-suffiss *-erija* użat b'din il-funzjoni hu xi ftit jew wisq produttiv. Anke l-formazzjonijiet li jiffurmaw nomi kollettivi huma ftit xotti, tant, li hemm biss żewġ eżempji attestati, *banditerija* u *barunerija*. Iż-żewġ eżempji għandhom bażi animata u jirreferu għal tip ta' mestier/titlu soċjali.

Il-maġġorparti tal-formazzjonijiet lokali jesprimu nom ta' kwalità. Kif iddiskutejt fid-dawl tal-formazzjonijiet mislufin, dan il-mekkaniżmu jintuża l-aktar ma' bażijiet li jiddenotaw kwalità umana u li għandhom konnotazzjonijiet negattivi. Biss, minn dawn it-8 formazzjonijiet, hemm uħud li m'għandhomx konnotazzjonijiet negattivi. *Ħbiberija* u *ġentlomerija*, ngħidu aħna, huma nomi ta' kwalità b'konnotazzjoni pożittiva. Interessanti wkoll li n-nomi ta' kwalità huma l-aktar abbundanti fil-formazzjonijiet lokali mentri, fir-rigward tal-formazzjonijiet mislufin, huma l-anqas rappreżentati. Aktarx li l-Malti sab mekkaniżmi morfoloġiċi oħra li bihom ħoloq nomi tal-post u nomi kollettivi skont l-esiġenzi.

Nagħlaq din it-taqsima b'xi osservazzjonijiet fuq l-**ibblukkar** (ara taqsima 2.2.2.8.). Għal uħud mill-formazzjonijiet lokali, jeżistu formazzjonijiet kumplessi oħra li jixxiebhu ħafna fil-konnotazzjonijiet semantiċi. Fost dawn hemm *salvaġġerija/selvaġġerija*, *barunerija* u *qaħberiji*. Nippreżentahom f'tabella flimkien mal-kelma kumplessa attestata li ġġorr tifsira simili. Għal kull formazzjoni nagħti wkoll n-numru ta' tokens fil-korpus.

| | **Formazzjonijiet kumplessi** | **Tokens fil-korpus** | **Formazzjonijiet kumplessi b'tifsira simili** | **Tokens fil-korpus** |
|---|---|---|---|---|
| 1. | salvaġġerija/selvaġġerija | 5, 2 | salvaġiżmu/selvaġiżmu | 14, 8 |
| 2. | barunerija | 2 | barunija | 13 |
| 3. | qaħberiji | 1 | qħubija/qħubiji | 0, 0 |

**Tabella nru 27:** L-ibblukkar fil-formazzjonijiet bis-suffiss *-erija*

Kelmtejn fuq il-formazzjonijiet *salvaġġerija/selvaġġerija* u *barunerija.* Minkejja li dawn il-formazzjonijiet huma mibnijin skont ir-restrizzjonijiet speċifiċi tas-suffiss *-erija* u jġorru waħda mit-tliet funzjonijiet ewlenin ta' dan is-suffiss, qed jiġu ristretti minn formazzjonijiet li għandhom aktar tokens fil-korpus u jistonaw anqas.

Il-formazzjoni *qaħberiji* hi ftit aktar problematika. Il-formazzjoni korrispondenti *qħubiji* ma tokkorrix fil-korpus u ma sibtha attestata mkien għajr fid-dizzjunarju t'Aquilina (p. 1157) li jiddefiniha bħala "*harlotry*". Mill-banda l-oħra, Aquilina ma jagħtix il-formazzjoni *qaħberija/qaħberiji* u fil-korpus tokkorri darba biss. Għal din ir-raġuni, diffiċli nargumentaw li

waħda qed tibblokka lill-oħra. Biss, l-intuwizzjoni hi li ż-żewġ formazzjonijiet jixxiebhu ħafna fil-konnotazzjonijiet tagħhom u li, aktarx, tintgħażel waħda biss jekk jinħass il-bżonn li dan is-sens jibda jintuża aktar ta' spiss fid-diskors/miktub.

## 6.4. Konklużjoni

Nagħlaq dan il-kapitlu b'xi punti li fihom niddiskuti hemmx xebh jew differenzi fir-restrizzjonijiet speċifiċi bejn il-formazzjonijiet mislufin u dawk lokali b'*-erija*.

- Restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. Sija fil-formazzjonijiet mislufin u sija f'dawk lokali, ma jidhirx li hemm restrizzjonijiet fonoloġiċi fil-proċess tal-affissazzjoni. Il-forma segmentali, suprasegmentali u l-kwantità ta' sillabi mhumiex fatturi determinanti fiż-żewġ kategoriji.

- Restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Mill-analiżi tal-formazzjonijiet mislufin u dawk lokali nistgħu nikkonkludu li l-bażi tista' tkun kemm t'oriġini Taljana jew Sqallija, kif ukoll Ingliża jew Għarbija. Terġa', abbażi tal-formazzjonijiet mislufin u lokali, il-bażi tista' tkun kemm sempliċi u kemm derivata. Biss, fil-każ tal-bażijiet derivati, il-maġġorparti huma nomi tal-aġent bis-suffiss *-ar*/*-ier*. Osservazzjoni oħra ta' natura morfoloġika hi li, għajr għall-formazzjoni lokali *ħbiberija*, il-bażijiet huma kollha fis-singular.

- Restrizzjonijiet **sintattiċi**. Hemm bażijiet ta' formazzjonijiet mislufin li huma nomi, verbi jew aġġettivi. Biss, fil-każ tal-formazzjonijiet lokali, m'hemmx bażijiet li huma verbi.

- Restrizzjonijiet **semantiċi**. Kemm il-formazzjonijiet mislufin u kemm lokali jistgħu jinqasmu fi tliet kategoriji skont il-funzjoni li jesprimu. Uħud jesprimu nomi tal-post, oħrajn nomi kollettivi jew nomi ta' kwalità. Interessanti li n-nomi tal-post huma l-aktar abbundanti fil-formazzjonijiet mislufin imma l-anqas rappreżentati fil-formazzjonijiet lokali. Terġa', fir-rigward tal-formazzjonijiet mislufin, il-kategorija li l-anqas għandha formazzjonijiet hija n-nomi ta' kwalità. Dan jikkuntrasta mal-formazzjonijiet lokali li huma l-aktar produttivi fil-produzzjoni tan-nomi ta' kwalità. Il-kategorizzazzjoni tal-kliem f'dawn it-tliet funzjonijiet mhux dejjem hi faċli. Hemm uħud li jistgħu jesprimu żewġ funzjonijiet (eż. *armerija*) waqt li oħrajn biddlu l-funzjoni mil-lingwa sors (eż. *kartolerija*).

## 7. Is-suffiss -*aġni* u r-restrizzjonijiet

Fid-dawl tal-istqarrija ta' Bauer (2001, p. 126) li mhux kull affiss jista' jingħaqad mal-bażijiet kollha,[39] nagħmel dan l-eżerċizzju strutturat biex nara hemmx restrizzjonijiet speċifiċi li jiddettaw l-okkorrenza tas-suffiss -*aġni* fil-Malti. Nistudja għalhekk, jekk hemmx restrizzjonijiet speċifiċi, fosthom dawk fonoloġiċi, morfoloġiċi, sintattiċi u semantiċi li jistgħu jikkundizzjonaw l-applikazzjoni ta' dan is-suffiss ma' kwalunkwe bażi lessikali.

Dan l-eżerċizzju jinqasam f'erba' taqsimiet. Nibda billi ngħid kelmtejn fuq is-suffiss innifsu u nippreżenta, fost osservazzjonijiet oħra, dak li jgħidu l-lingwisti fuq is-suffiss Taljan -*aggine*. Ngħaddi mbagħad biex nippreżenta ġabra ta' formazzjonijiet b'dan is-suffiss fil-Malti flimkien ma' xi osservazzjonijiet fuq il-ġabra nnifisha. Wara, nagħmel l-analiżi tar-restrizzjonijiet u nagħlaq b'konklużjoni li telenka l-aktar punti importanti.

### 7.1. Fuq is-suffiss

#### 7.1.1. Fit-Taljan u fil-Malti

Aktarx li s-suffiss -*aġni* ġej mit-Taljan -*aggine*. Storikament, skont Pharies (2015, p. 1859), dan is-suffiss għadda minn xi bidliet semantiċi mil-Latin -*agĭne*, għat-Taljan -*aggine*. Fil-bidu, -*aggine* daħal fit-Taljan bħala suffiss li jintrabat ma' kliem mid-dinja tal-pjanti, eżempju, *piantaggine* 'pjantaġġini'. Wara, bla mistenni, beda jingħaqad ma' derivazzjonijiet ta' kliem li jġorr kwalitajiet negattivi jew difetti bħal *balordaggine* 'stupidaġni'. L-awtur jargumenta li din it-trasformazzjoni seħħet minħabba l-kontaminazzjoni semantika tas-suffiss -*āgō*, suffiss li għandu din il-funzjoni negattiva f'kelmiet bħal *vertīgō* 'sturdament'.

Nippreżenta d-definizzjoni ta' dan is-suffiss skont id-dizzjunarju ta' De Mauro. Din id-definizzjoni tikkonferma li, illum il-ġurnata, dan is-suffiss fit-Taljan jindika kwalitajiet jew kundizzjonijiet negattivi.

---

[39] "*It is well known that not all affixes can be attached to all bases.*"

| *-aggine* skont De Mauro | |
|---|---|
| suff. aggiunto produttivamente ad aggettivi, e meno frequentemente a sostantivi, forma sostantivi femminili indicanti qualità, condizioni, considerate negative, riferite spec. persone: *cocciutaggine*, *leziosaggine*, *sbadataggine*, *sgarbataggine*, *somaraggine*, *testardaggine*, *tetraggine*; a volte indica un atto manifestante queste qualità: *spiritosaggine*, *stupidaggine*; è presente in un numero limitato di sostantivi deverbali: *scelleraggine*. | suffiss miżjud b'mod produttiv mal-aġġettivi, u inqas frekwenti man-nomi, jifforma nomi femminili li jindikaw kwalitajiet, kundizzjonijiet, meqjusin negattivi, li jirreferu, speċjalment, għan-nies: [...]; kultant jindika att li jimmanifesta dawn il-kwalitajiet: [...]; jinsab f'numru limitat ta' nomi deverbali: [...]. |

**Tabella nru 28:** Definizzjoni ta' *-aggine* skont De Mauro

M'hemmx wisq kitba fuq dan is-suffiss fil-Malti. Aquilina ma jniżżlux bħala lemma għalih fid-dizzjunarju. Lanqas Saade (2019; 2020), fix-xogħlijiet tiegħu fuq il-produttività u s-self derivattiv mit-Taljan ma jsemmih. Mill-banda l-oħra, Camilleri (1993) tinkludih fix-xogħol tagħha fuq is-suffissi nominali Rumanzi u tgħid li jokkorri 21 darba (types) fid-dizzjunarju t'Aquilina (p. 16) u li "jagħti sens ta' tkabbir, ta' xi reati jew għemil ta' persuni". Tgħid ukoll li "it-tifsira li jħalli hi ġeneralment peġġorattiva għalkemm astratta".

Fi studju fuq il-lingwaġġ taż-żgħażagħ, Fabri (2011) isemmi dan is-suffiss u jgħid li qed joħloq ħafna formazzjonijiet ġodda (neoloġiżmi) li jinbnew fuq bażijiet eżistenti. Jagħti bosta kelmiet fosthom *inkazzaġni*, *blasensaġni* u *vojtaġni* biex jeżemplifika dan l-argument. Fabri jargumenta wkoll li abbażi ta' dawn il-formazzjonijiet, dan is-suffiss qed isir dejjem aktar produttiv.

7.1.2. *-aġni* bħala suffiss

Għalkemm Aquilina ma jagħtihx bħala lemma għalih, m'għandhiex tkun problema li nikklassifika s-segment *-aġni* bħala suffiss fil-Malti. Qabelxejn, huwa evidenti li *-aġni* fil-Malti daħal minn *-aggine*, li fil-letteratura Taljana, kif rajna, jitqies bħala suffiss. Barra minn hekk, skont il-kriterji ta' Dixon (ara taqsima 1.5.2.), huwa segment li jissodisfa l-erba' kriterji neċċessarji tal-affissi, jiġifieri li kwalunkwe kelma li joħloq, hija kelma waħda grammatikali u

kelma waħda fonoloġika, tħalli effett semantiku u sintattiku prevedibbli u hemm numru ta' okkorrenzi bl-affiss.

Mil-lat inflettiv, huwa suffiss li, f'xi każijiet, jieħu l-plural, *-aġnijiet*. Il-formazzjonijiet li joqogħdu fil-plural niddiskutihom f'taqsima 7.2.2.1. M'hemmx bidliet formali li jimmarkaw il-ġens, ladarba, kif għidt, huwa suffiss li jifforma dejjem nomi femminili.

7.1.3. Ir-restrizzjonijiet tas-suffiss *-aggine* fit-Taljan

Fit-Taljan, Rainer (2004, p. 306), jiddiskuti dan is-suffiss flimkien mal-formazzjonijiet li jesprimu kwalità b'*-erija* (ara taqsima 6.1.2.). L-awtur jgħid li ż-żewġ tipi ta' formazzjonijiet kwalitattivi għandhom numru ta' similaritajiet u fl-istess ħin jiddistingwu ruħhom minn suffissi oħra li jesprimu kwalità għax iżidu ġudizzju peġġorattiv mal-bażi. Minħabba din il-kwalità essenzjali, dan is-suffiss huwa kkundizzjonat li, semantikament, jingħaqad ma' bażijiet negattivi, ma' bażijiet li jesprimu dispożizzjoni psikika negattiva jew jagħżel it-tifsira negattiva ta' bażijiet polisemiċi. Restrizzjoni oħra ta' natura semantika li jsemmi l-awtur hi li, prototipikament, ir-referent tal-bażijiet ikollhom kwalità umana (eż. *pecoraggine* 'stupidaġni').

L-awtur josserva wkoll li, minkejja l-qrubija bejn dawn iż-żewġ suffissi, it-tnejn, sa ċertu punt, jokkupaw niċeċ semantiċi separati. Fost niċeċ oħrajn, *-aggine* jintuża ma' aġġettivi li għandhom x'jaqsmu mal-għażż (eż. *infingardaggine* 'għażż') waqt li l-formazzjonijiet li jiddenotaw ix-xeħħa jieħdu lkoll *-eria* (eż. *meschineria*, 'miżerja' u *pidocchieria* 'qamel').

Apparti dawn ir-restrizzjonijiet semantiċi, dan is-suffiss fit-Taljan huwa ristrett formalment għax juri preferenza għall-aġġettivi li jispiċċaw b'*-ato* jew b'*-oso*.

F'taqsima oħra tal-istess ktieb, '*La Formazione delle parole in Italiano*', l-istess awtur isemmi s-suffiss *-aggine* f'taqsima li fiha jiddiskuti s-suffissi li mhumiex daqstant produttivi fit-Taljan (2014, p. 262). Jgħid li għadu xi ftit jew wisq produttiv fil-formazzjonijiet ta' nomi li jesprimu kwalità peġġorattiva iżda jokkorri wkoll f'numru limitat ta' nomi relatati mal-pjanti.

## 7.2. Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss -*aġni*

Din il-parti tinqasam fi tnejn. Nippreżenta l-ewwel il-ġabra ta' formazzjonijiet Maltin bis-suffiss -*aġni* li jokkorru fil-korpus tal-MLRS (verżjoni 3.0), flimkien ma' xi deċiżjonijiet metodoloġiċi. Wara nagħmel xi osservazzjonijiet fuq din il-ġabra mingħajr ma niddiskuti r-restrizzjonijiet osservati.

| | **-*aġni* types** | **Varjanti** | **Numru ta' tokens** | **Noti fuq l-oriġini** |
|---|---|---|---|---|
| 1. | traskuraġni | traskuragni[!]<br>trasukraġni[!]<br>traskuaġni[!]<br>transkuraġni[!]<br>taskuraġni[!]<br>trakuraġni[!]<br>traskaraġni[!]<br>traskruaġni[!] | 2027, 31, 13, 4, 2, 1, 1, 1, 1 | (tr) Tal. *trascuraggine* |
| 2. | redikolaġni | ridikolaġni<br>redikolaġnijiet<br>ridikulaġni<br>ridkolaġni[!]<br>redikolagni[!] | 155, 13, 10, 7, 2, 1 | (tr) Tal. *ridicolaggine* |
| 3. | fittaġni | | 42 | (Aq.) formazzjoni lokali |
| 4. | ħamallaġni | ħamallaġnijiet<br>hamallagni[!]<br>ħammallaġnijiet[!]<br>ħamallagni[!] | 42, 8, 5, 3, 2 | (Aq.) formazzjoni lokali |
| 5. | stupidaġni | istupidaġni<br>stupitaġni<br>stupidaġnijiet<br>(i)stupidaġnijiet<br>stupitaġnijiet<br>(i)stupdaġni[!]<br>stupitagni[!] | 31, 15, 9, 6, 3, 2, 1, 1 | (tr) Tal. *stupidaggine* |
| 6. | (i)sfaċċataġni | sfaċċataġni<br>(i)sfattataġni[!]<br>(i)sfaċċjataġni[!]<br>sfaccatagni[!] | 34, 13, 4, 2, 2, 2, 1, 1, 1 | (tr) Tal. *sfacciataggine* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | (i)sfaċċaġni[!]<br>(i)sfaċċatagni[!]<br>(i)sfattaġni[!]<br>sfattataġni[!] | | |
| 7. | tustaġni | tostaġni | 51, 10 | (Aq.) formazzjoni lokali[40] |
| 8. | guffaġni | goffaġni<br>ilguffaġni[!] | 87, 8, 2, 1 | (tr) Tal. *goffaggine* |
| 9. | pastażaġni | | 8 | formazzjoni lokali |
| 10. | drittaġni | | 6 | formazzjoni lokali |
| 11. | vojtaġni | vujtaġni | 5, 1 | (Aq.) formazzjoni lokali |
| 12. | brikkunaġni | | 2 | (tr) Tal. *bricconaggine* |
| 13. | fanfarunaġni | | 2 | (dm) Tal. *fanfaronaggine* |
| 14. | sofistikaġni | soffistikaġni[!] | 2, 2 | (tr) Tal. *sofisticaggine* |
| 15. | xuttaġni | xottaġni | 4, 2 | (Aq.) formazzjoni lokali |
| 16. | dilettantaġni | | 1 | formazzjoni lokali |
| 17. | imposturaġni | | 1 | formazzjoni lokali |
| 18. | (i)żbozzaġni | | 1 | formazzjoni lokali |
| 19. | pompaġni | pumpaġni | 1, 1 | formazzjoni lokali |
| 20. | testardaġni | | 1 | (tr) Tal. *testardaggine* |
| 21. | vromaġni | | 1 | formazzjoni lokali |

**Tabella nru 29:** Ġabra ta' formazzjonijiet bis-suffiss *-aġni* fil-korpus

Apparti dawn il-21 formazzjoni bis-suffiss *-aġni* li jokkorru fil-korpus tal-MLRS, nippreżenta 6 formazzjonijiet oħra li ma jokkorrux fil-korpus iżda jinsabu fl-idjolett tiegħi u/jew huma mifruxin sew fost il-kelliema nattivi. Nippreżentahom f'ordni alfabetika.

| | ***-aġni* types** | **Noti fuq l-oriġini** |
|---|---|---|
| 1. | blasensaġni | formazzjoni lokali |
| 2. | inkazzaġni | formazzjoni lokali |

[40] Għalkemm mhix qiegħda fuq Treccani u De Mauro, u Aquilina jgħid li hi formazzjoni lokali, sibtha (*tostaggine*) tokkorri fuq Google f'xi testi Taljani.

| | | |
|---|---|---|
| 3. | ksuħaġni | formazzjoni lokali |
| 4. | kuċċlaġni | formazzjoni lokali |
| 5. | libaġni | formazzjoni lokali |
| 6. | żbubaġni | formazzjoni lokali |

**Tabella nru 30:** Ġabra ta' formazzjonijiet mifruxin bis-suffiss -*aġni*, li ma jokkorrux fil-korpus

### 7.2.1. Spunti metodoloġiċi

Bis-saħħa tal-korpus Malti tal-MLRS (verżjoni 3.0), fittixt il-kelmiet kollha (types) li jokkorru b'dan is-suffiss. It-tiftixa kienet tinkludi kemm il-varjant żbaljat ortografikament -*agni*, kif ukoll il-forma inflettiva tal-plural, jiġifieri -*aġnijiet*. Il-varjant inflettiv -agnijiet ġie eskluż minn din it-tiftixa għax jokkorri darba waħda biss fil-korpus (*stupidagnijiet*). Dawn il-kriterji wasslu għat-tiftixa [*aġni*,*agni] li tat 108 formazzjoni differenti. Wara, dort bir-reqqa dawn il-formazzjonijiet, neħħejt dawk li mhumiex rilevanti (eż. *paġni*, *immaġni* u *Kartaġni*) u ġbart flimkien il-varjanti kollha fl-istess ringiela. Dan ifisser li ġbart flimkien kemm il-varjanti inflettivi tal-istess lessema (eż. *redikolaġnijiet*), kif ukoll il-varjanti ortografikament żbaljati (eż. *ridkolaġni* u *redikolagni*). Ma kienx jagħmel sens li neskludi dawn tal-aħħar għax rajt li, abbażi tal-kuntest li fihom jokkorru, hemm indikazzjoni li aktarx l-awturi oriġinali ma kinux intenzjonati jagħmlu dawn l-iżbalji ortografiċi. Dan il-proċess manwali wassal għall-ġabra li nippreżenta hawn fuq, li tinkludi 21 type, 19.4% tal-lista oriġinali.

Biex nistabilixxi l-provenjenza u biex nikkonferma liema minn dawn il-formazzjonijiet huma lokali, użajt id-dizzjunarju t'Aquilina u d-dizzjunarji online ta' Treccani u De Mauro. Dawk minnhom li għalihom ma teżistix formazzjoni korrispondenti fit-Taljan jew fl-Isqalli, nimmarkahom fir-4 kolonna bit-tabella 'formazzjoni lokali'.

### 7.2.2. Osservazzjonijiet fuq il-ġabra

F'din it-taqsima niddiskuti l-okkorrenzi, il-provenjenza u l-bażi ta' dawn is-27 formazzjoni kumplessa (21 mill-korpus + 6 l-oħra). Ir-restrizzjonijiet speċifiċi ma niddiskutihomx hawn, iżda f'taqsima 7.3.

7.2.2.1. Okkorrenzi

Mill-21 formazzjoni b'*-aġni* li jokkorru fil-korpus, *traskuraġni* tokkorri l-aktar, 2,027 darba, waqt li hemm 6 formazzjonijiet li jokkorru darba biss u jistgħu jitqiesu bħala hapax legomena (*dilettantaġni*, *imposturaġni*, *(i)żbozzaġni*, *pompaġni*, *testardaġni* u *vromaġni*). Għal xi raġuni hemm qabża kbira, mil-lat ta' tokens, bejn *traskuraġni* u l-bqija.

Il-plural *-aġnijiet* jokkorri biss ma' 3 lessemi fil-korpus li lkoll jokkorru wkoll fis-singular (*redikolaġnijiet*, *ħamallaġnijiet* u *(i)stupidaġnijiet/(i)stupitaġnijiet*). Ma neskludix li hemm oħrajn li wkoll jistgħu jokkorru fil-plural, bħal, *pastażaġnijiet*.

7.2.2.2. Oriġini

Ngħid kelmtejn fuq l-aħħar kolonna taż-żewġ tabelli, jiġifieri nissintetizza l-informazzjoni fuq l-oriġini tal-formazzjonijiet. F'dan ir-rigward hemm żewġ tipi ta' formazzjonijiet. Hemm dawk li ġew direttament mit-Taljan jew mill-Isqalli u dawk li ma jeżistux fil-lingwi li l-Malti kellu kuntatt magħhom iżda nħalqu lokalment, mill-kelliema nattivi.

Tal-ewwel huma dawk li fir-4 kolonna tal-ewwel tabella huma mmarkati (tr) (dizzjunarju ta' Treccani) jew (dm) (dizzjunarju ta' De Mauro), jiġifieri li jinsabu f'wieħed minn dawn id-dizzjunarji tat-Taljan jew fit-tnejn li huma. Minn dawn hemm 9: *traskuraġni* < *trascuraggine*, *redikolaġni/ridikolaġni/ridikulaġni* < *ridicolaggine*, *(i)stupidaġni/(i)stupitaġni* < *stupidaggine*, *(i)sfaċċataġni* < *sfacciataggine*, *guffaġni/goffaġni* < *goffaggine*, *brikkunaġni* < *bricconaggine*, *fanfarunaġni* < *fanfaronaggine*, *sofistikaġni* < *sofisticaggine* u *testardaġni* < *testardaggine*. Minn dawn id-9, hemm uħud li qegħdin ukoll fid-dizzjunarju tal-Isqalli (Traina, 1868) bħal *goffaggini* (p. 1877), *sfacciataggini* (p. 3816) u *trascuraggini* (p. 4336). Biss, mhux faċli tgħid jekk il-kelmiet *guffaġni/goffaġni*, *(i)sfaċċataġni* u *traskuraġni* daħlux fil-Malti mit-Taljan jew mill-Isqalli, jew possibilment, bl-influwenza tat-tnejn.

It-18-il formazzjoni l-oħra huma lokali (66.7%), jiġifieri ma ġewx mit-Taljan/Sqalli imma nħalqu lokalment, possibilment b'analoġija tad-9 formazzjonijiet l-oħra. Minn dawn it-18, 5

minnhom jinkludihom Aquilina fid-dizzjunarju u jikkonferma li huma formazzjonijiet lokali. Dan huwa l-uniku suffiss mis-suffissi analizzati (jiġifieri minn *-uż*, *-ezza* u *-erija*) li l-formazzjonijiet lokali (18) jisbqu l-formazzjonijiet mislufin (9). Interessanti wkoll li l-maġġorparti tal-hapax legomena huma formazzjonijiet lokali. Dawn iż-żewġ osservazzjonijiet jissuġġerixxu li s-suffiss *-aġni* fil-Malti huwa, sa ċertu punt, produttiv.

#### 7.2.2.3. Il-bażi

Għal dan ix-xogħol, il-bażi hija dak l-element li fuqu tinħadem operazzjoni morfoloġika (ara taqsima 1.5.1.). Permezz tad-dizzjunarju t'Aquilina, niddiskuti liema minn dawn is-27 formazzjoni għandhom bażi attestata fil-Malti u liema daħlu bħala formazzjonijiet kumplessi sħaħ mingħajr il-bażi.

Minn dawn is-27 formazzjoni, il-bażi ta' formazzjoni waħda biss mhijiex attestata f'Aquilina, *kuċċlaġni*. Lanqas il-formazzjoni nnifisha ma tinsab f'Aquilina, aktarx, għax hija formazzjoni pjuttost riċenti li nħalqet flimkien man-nom *kuċċlu*. Fuq din il-kelma nitkellem aktar tard f'taqsima 7.3.2.1. Il-bqija, nistgħu ngħidu li l-bażijiet tal-formazzjonijiet l-oħra huma kollha attestati f'Aquilina u m'hemmx morfemi lessikali, kunċett li jiddiskuti Caruana (2022, p. 19) u li identifikajt fl-analiżi tas-suffiss *-uż* (ara taqsima 4.2.2.3.) u tas-suffissi l-oħra.

## 7.3. L-analiżi tar-restrizzjonijiet

F'din il-parti nanalizza bir-reqqa s-27 formazzjoni kumplessa bis-suffiss *-aġni*. L-għan huwa li niddiskuti kemm dawk il-formazzjonijiet li ġew mit-Taljan, kif ukoll dawk li nħalqu lokalment. Dawn iż-żewġ eżerċizzji jagħmluha possibbli li ssir analiżi komparattiva bejn iż-żewġ tipi biex nistabilixxi hemmx xebh u differenzi fir-restrizzjonijiet ta' bejniethom.

### 7.3.1. Kliem misluf bis-suffiss *-aġni*

F'din il-parti ndur il-formazzjonijiet kumplessi bis-suffiss *-aġni* li huma mislufin mit-Taljan/Sqalli biex inqabbel ir-restrizzjonijiet speċifiċi ma' dawk li jniżżel Rainer (ara taqsima 7.1.3.). L-ewwel nippreżenta l-ġabra ta' formazzjonijiet biex wara nagħmel analiżi

sistematika. Biex niffaċilita l-analiżi, nagħti l-bażi fl-aħħar kolonna, dejjem skont id-dizzjunarju t'Aquilina (1987-1991). Ladarba hawn niffoka fuq il-formazzjonijiet li huma mislufin, nelimina minn din it-tabella l-formazzjonijiet lokali. Għal raġunijiet prattiċi, biex it-tabella tkun kemm jista' jkun konċiża, neskludi għalkollox il-varjanti ortografiċi żbaljati, kif ukoll il-forom inflettivi. L-ordni tal-kliem tirrifletti n-numru ta' tokens fil-korpus.

| | ***-aġni*** **types** | **Varjanti ortografiċi aċċettabbli** | **Bażi** |
|---|---|---|---|
| 1. | traskuraġni | | traskurat |
| 2. | redikolaġni | ridikolaġni ridikulaġni | redikolu/ridikulu |
| 3. | (i)stupidaġni | (i)stupitaġni | stupidu |
| 4. | (i)sfaċċataġni | | sfaċċat |
| 5. | guffaġni | goffaġni | goff |
| 6. | brikkunaġni | | brikkun |
| 7. | fanfarunaġni | | fanfarun |
| 8. | sofistikaġni | | sofistiku |
| 9. | testardaġni | | testard |

**Tabella nru 31:** Formazzjonijiet mislufin bis-suffiss *-aġni* flimkien mal-bażi

Niddiskuti issa dan is-suffiss vis-à-vis ir-restrizzjonijiet speċifiċi. Inqabbel il-bażi mogħtija fit-tabella nru 31 mal-kelma kumplessa biex nara hemmx restrizzjonijiet fonoloġiċi, morfoloġiċi, sintattiċi jew semantiċi/pragmatiċi.

Nibda mir-restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. Ma jidhirx li l-istruttura tal-ħoss tal-bażi taffettwa b'xi mod il-proċess tal-affissazzjoni. M'hemmx relazzjoni bejn xi fonema jew grupp ta' fonemi u ż-żieda tas-suffiss *-aġni*. Lanqas il-forma suprasegmentali mhi determinanti, tant, li hemm bażijiet bl-aċċent fuq l-aħħar sillaba (eż. *fanfarun*, *testard*) u oħrajn fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar jew ta' qabilha (eż. *redikolu*, *stupidu*). Hemm ukoll bażijiet b'sillaba waħda (eż. *goff*), b'żewġ sillabi (eż. *brikkun*) u bi tliet sillabi jew aktar (eż. *fanfarun*, *sofistiku*).

Ir-restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Jekk inqisu l-etimoloġija bħala restrizzjoni morfoloġika (fuq dan id-dibattitu ara taqsima 2.2.2.3.), nistgħu nargumentaw li fid-dawl ta' dawn id-9

formazzjonijiet, il-bażi teħtieġ tkun ta' oriġini Taljana biex jingħaqad is-suffiss -*aġni*. Fuq l-istruttura morfoloġika tal-bażi u l-preżenza ta' xi affiss m'hemmx wisq x'ngħidu. Il-bażijiet mhumiex derivati, għajr għal *traskuraġni* li l-bażi tagħha, *taskurat*, huwa parteċipju passiv. Hemm ukoll nuqqas ta' qbil rigward ir-restrizzjonijiet formali fit-Taljan. Skont Rainer (ara taqsima 7.1.3.), is-suffiss -*aggine* fit-Taljan huwa ristrett formalment għax juri preferenza għall-aġġettivi li jispiċċaw b'-*ato* jew b'-*oso*. Biss, minn dawn id-9 formazzjonijiet kumplessi, *traskuraġni* biss għandha bażi li tispiċċa b'wieħed minn dawn iż-żewġ suffissi (*traskurat*). Din ir-restrizzjoni formali, mela, donnha intilfet mit-Taljan għall-Malti.

Kif argumentajt f'taqsima 2.2.2.4., il-fattur ewlieni diskuss taħt il-kappa tar-restrizzjonijiet **sintattiċi** huma l-partijiet tad-diskors. Skont id-data miġbura fit-tabella, il-bażijiet li magħha jingħaqad is-suffiss -*aġni* huma aġġettivi jew nomi li jistgħu jaqdu funzjoni aġġettivali.

Restrizzjoni aktar interessanti f'dan il-kuntest hija dik **semantika**. L-aġġettivi li magħhom jingħaqad dan is-suffiss irid ikollhom kwalità partikolari, dik li jġorru konnotazzjoni negattiva. Din ir-restrizzjoni jidher li ntirtet mit-Taljan. Rainer (2005, p. 347), ngħidu aħna, jgħid li s-suffiss astratt Taljan -*aggine* jingħaqad ma' kelmiet li jirreferu għal kwalitajiet umani negattivi. "Id-denominatur komuni hawn", ikompli jargumenta Rainer, "huwa semantiku - il-kwalità negattiva umana - ma jidhirx li l-parti tad-diskors tal-bażi hija direttament rilevanti."[41]

### 7.3.2. Formazzjonijiet lokali bis-suffiss -*aġni*

Kif semmejt f'taqsima 7.2.2.2., hemm b'kollox 18-il formazzjoni lokali. Dan in-numru jinkludi kemm dawk it-types fuq il-korpus li mhumiex ġejjin mil-lingwa sors, kif ukoll dawk il-6 kelmiet (ara tabella nru 30) li ma jokkorrux fil-korpus u li huma lkoll formazzjonijiet lokali. Dan il-persentaġġ għoli ta' formazzjonijiet lokali jikkonferma li s-segment misluf -*aġni* jista'

---

[41] "*The common denominator here is semantic – negative human quality –, while the word class of the base does not seem to be directly relevant.*"

tabilħaqq jitqies bħala suffiss fil-Malti ladarba l-moħħ nattiv Malti ħadu mill-formazzjonijiet mislufin li fih jokkorru s-suffiss u żiedu ma' bażijiet oħra skont l-esiġenza.

F'din it-taqsima nanalizza b'mod sistematiku dawn it-18-il formazzjoni fid-dawl tal-bażi korrispondenti, ngħid kelmtejn introduttorji fuq kull formazzjoni u niddiskuti r-restrizzjonijiet speċifiċi osservati. Minkejja li, la *kuċċlaġni* u lanqas *kuċċlu* mhuma attestati fid-dizzjunarju t'Aquilina, ma neskludix din il-formazzjoni mill-analiżi la hemm għadd ta' osservazzjonijiet li jistgħu jsiru.

| | ***-aġni* types** | **Varjanti ortografiċi aċċettabbli** | **Bażi** |
|---|---|---|---|
| 1. | fittaġni | | fitt |
| 2. | ħamallaġni | | ħamallu |
| 3. | tustaġni | tostaġni | tost |
| 4. | pastażaġni | | pastaż |
| 5. | drittaġni | | dritt |
| 6. | vojtaġni | vujtaġni | vojt |
| 7. | xuttaġni | xottaġni | xott |
| 8. | dilettantaġni | | dilettant |
| 9. | imposturaġni | | impostur |
| 10. | (i)żbozzaġni | | żbozz |
| 11. | pompaġni | pumpaġni | pompa |
| 12. | vromaġni | | vroma/vruma |
| 13. | blasensaġni | | bla sens |
| 14. | inkazzaġni | | inkazza/kazz |
| 15. | ksuħaġni | | kiesaħ |
| 16. | kuċċlaġni | | kuċċlu |
| 17. | libaġni | | liba |
| 18. | żbubaġni | | żobb/żbub |

**Tabella nru 32:** Formazzjonjiet lokali bis-suffiss *-aġni* flimkien mal-bażi

7.3.2.1. Kelmtejn fuq kull formazzjoni

Qabel niddiskuti r-restrizzjonijiet speċifiċi osservati fil-formazzjonijiet, niddiskuti kull formazzjoni u ngħid kelmtejn fuq l-oriġini tal-bażi u s-semantika. Ngħid ukoll jekk il-formazzjoni kumplessa jtihiex Aquilina fid-dizzjunarju u nagħti xi eżempji mill-korpus jew minn xi sorsi oħra biex nuri l-kuntest li fih jokkorru dawn il-formazzjonijiet kumplessi.

Il-formazzjoni kumplessa *fittaġni* qiegħda f'Aquilina (p. 345) li jagħti żewġ sensi polisemiċi għaliha, "*importunity*" u "*scrupulosity*". Il-bażi nnifisha, l-aġġettiv *fitt*, aktarx ġej mill-Isqalli *fittu*, skont Aquilina. L-eżempji kollha fil-korpus jikkonfermaw li l-formazzjoni *fittaġni* għandha x'taqsam mas-sens polisemiku marbut ma' "*importunity*" u mhux "*scrupulosity*".

(62a) Għal mument kienet konvinta li ried iqarraq biha u li f'moħħu kellu biss il-ħsieb li jeħles mill-fittaġni tagħha. (MLRS v3.0 literature82)

(62b) L-Ispettur Zammit żied jgħid ukoll li mill-messaġġi li l-vittma u l-akkużat kellhom fil-mowbajl tagħhom, irriżulta li kien hemm theddid u fittaġni min-naħa tal-akkużat fil-konfront tal-vittma. (MLRS v3.0 news165926)

Fuq *ħamallaġni*. Din il-formazzjoni kumplessa jtiha Aquilina fid-dizzjunarju (p. 489) taħt il-lemma *ħamallu* u jiddefiniha bħala "*vulgar, low class behaviour, words, etc*." Jidher li hemm nuqqas ta' qbil fuq l-identifikazzjoni tal-oriġini tal-bażi *ħamallu*. Aquilina jargumenta li aktarx ġejja mill-Grieg.

(63a) Anna kienet kieku ġa għolliethom mingħajr ma dgħat, m'għandniex xi ngħidu, imma kienet tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' ħamallaġni bil-litanija ta' kemm kien dejjem moħħu fis-sħab. (MLRS v3.0 literature35)

(63b) M'hemmx dubju li min kiteb dik il-ħamallaġni ta' kitba biż-żebgħa ħamra huwa fanatiku kbir ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. (MLRS v3.0 news80709)

Il-varjanti *tustaġni*/*tostaġni* qegħdin fid-dizzjunarju t'Aquilina li jgħid li huma formazzjonijiet lokali u jiddefinihom bħala "*impudence*" (p. 1468). Minkejja li l-bażi *tost* ġejja mit-Taljan *tosto*, m'hemmx fit-Taljan formazzjoni kumplessa li formalment u/jew semantikament tixbah lil *tustaġni*/*tostaġni*.

(64a) It-Tabib u l-pazjent ħarsu lejn xulxin, jippruvaw jifhmu kif biċċa tostaġni bħal din setgħet tkun deskritta bħala ġustizzja [...] (MLRS v3.0 literature2)

(64b) U b'wiċċu mimli tustaġni, xewwex li jien wieħed minn ħafna li rridu nkissru l-festi. (MLRS v3.0 news133661)

Il-kelma *pastażaġni* mhix qiegħda fid-dizzjunarju t'Aquilina. Biss, jagħti l-bażi *pastaż* (p. 1040) li jiddefiniha bħala "*vulgar*, *ill-bred*, *ill-mannered*" u jgħid li ġejja mill-Isqalli *vastasu*. Abbażi tal-formazzjonijiet l-oħra u t-tifsira tal-bażi, niddefinixxi l-kelma *pastażaġni* bħala *vulgarity* jew xi ħaġa/azzjoni ta' livell baxx.

(65) Ma nafx jien kif l-istazzjonijiet tat-televiżjoni jaslu jaċċettaw li jxandru din il-medjokrità, dan l-insult għad-diċenza, dan l-orrur, pastażaġni, oltraġġ għal dak li hu meqjus bħala xieraq u tajjeb. (MLRS v3.0 news85367)

*Drittaġni* mhijiex fid-dizzjunarju t'Aquilina. Il-bażi *dritt* għandha diversi sensi polisemiċi iżda l-eżempji tal-korpus jissuġġerixxu li huwa s-sens figurattiv ta' dritt bit-tifsira "*straight-forward*, *not complicated; (of person) honest, upright*" li fuqu tinbena l-formazzjoni kumplessa. Il-formazzjoni *drittaġni*, mela, qed tesprimi l-mod jew in-nom li jġorr din il-kwalità.

(66a) [...] il-Qorti tal-Aja kellha ssib il-kuraġġ u d-drittaġni morali biex tipprova tarresta lil dawn it-tiranni sangwinarji [...] (MLRS v3.0 news150589)

(66b) [...] qegħdin isegwu dawk li qed jistqarru pubblikament dawn in-nazzjonalisti ġenwini li għalihom id-drittaġni morali u l-integrità etika jiġu qabel kull affiljazzjoni politika. (MLRS v3.0 news146021)

Fuq *vojtaġni/vujtaġni*. Hija formazzjoni li nsibu f'Aquilina (p. 1510) u jiddefiniha bħala "*empty talk*; *nonsense*". Jikkonferma wkoll li hija formazzjoni lokali. Il-bażi *vojt*, skont Aquilina, ġejja mit-Taljan antik *voito*.

(67a) Il-popstars, il-vulgarità, il-pornografija, il-vjolenza, il-vojtaġni, dak li hu trivjali għas-salvazzjoni tal-bniedem, kull xorta ta' dekadenza. (MLRS v3.0 literature45)

(67b) Għaldaqstant irridu nsibu bilanċ bejn dak li hu tradizzjoni vera u dak li nħoloq biss biex ikattar il-vojtaġni fost in-nies tal-istess post jew biex iwassal messaġġi tal-ebda valur [...] (MLRS v3.0 news86580)

Anke *xuttaġni/xottaġni* nsibuhom f'Aquilina (p. 1584) li jgħid li huma formazzjoniiet lokali bit-tifsira "*dryness*, *aridity*, *drought*." Aquilina jgħid li l-bażi *xott* ġejja mill-Isqalli *asciuttu*. Din il-formazzjoni tintuża kemm f'sens letterali (ara (68a)) kif ukoll f'sens figurattiv (ara 68b)).

(68a) [...] remettar spiss jista' jkun effett ta' xi ħaġa aktar serja li jista' jkun hemm bżonn ta' xi operazzjoni u saħansitra tista' ġġib il-mewt, għaliex tista' twassal għal xuttaġni tal-ġisem, dehydration [...] (MLRS v3.0 news127104)

(68b) L-ewwel nett ħafna drabi jkunu miġburin b'ċerta xuttaġni u ma jkunux qed jirriflettu l-verità. (MLRS v3.0 parl4847)

Il-formazzjoni *dilettantaġni* mhijiex f'Aquilina u fil-korpus tokkorri darba. L-eżempju tal-korpus jissuġġerixxi li din il-formazzjoni kumplessa tinbena fuq is-sens "*amateur*", li huwa wieħed mis-sensi polisemiċi li jagħti Aquilina fid-dizzjunaru (p. 242) tal-bażi *dilettant*.

(69) Sfortunatament għal dan il-qassis u fortunatament għal dawk kollha li twaħħxu meta qalbulu fuqu u ħadu qatgħa madornali bid-dilettantaġni u l-medjokrità li sabu ma' wiċċhom. (MLRS v3.0 news85818)

Il-bażi ta' *imposturaġni*, *impostur*, ġejja mill-Ingliż *impostor*, xi ħadd li jippretendi li hu xi ħadd ieħor biex iqarraq jew jinganna. *Imposturaġni* tokkorri darba biss fil-korpus (ara (70))

f'sens li jiżvija daqsxejn mis-sens ta' xi ħadd li jippretendi li hu xi ħadd ieħor u ġġorr aktar is-sens ta' ipokrezija.

(70) Meta raw li l-affarijiet kienu pożittivi, l-Onor. Giovanna Debono qalet illi kien mertu tagħhom li sar il-bir ġewwa Għawdex. Ara x'imposturaġni u x'ipokrezija!

Il-formazzjoni *żbozzaġni* tinbena fuq l-aġġettiv *żbozz* li skont Aquilina (p. 1603) ifisser "*awkward*, *uncouth*". Biss l-użu ta' dan l-aġġettiv fil-korpus jissuġġerixxi li hemm sens ieħor polisemiku, li jintuża b'referenza għal xi ħadd li ma jesax kliemu (bl-Ingliż, *someone frank*, *plain-spoken*) (ara (71a) u (71b)). Il-formazzjoni *żbozzaġni*, kif tintuża fil-korpus (ara (71ċ)), tinbena fuq dan is-sens, jiġifieri huwa nom li jesprimi l-kwalità ta' xi ħadd żbozz.

(71a) L-amministratur, raġel naqra żbozz u l-kelma ma tantx jomgħodha, kien pront weġibha [...] (MLRS v3.0 news103769)

(71b) Nagħżel bidwi żbozz li l-istonku tiegħu jesa' ħobża imma ma jesax kelma [...] (MLRS v3.0 news85869)

(71ċ) Veru li kien bniedem magħruf għall-fatt li kultant kien żbozz, imma b'dik l-iżbozzaġni tiegħu dejjem kien bniedem li taf li qiegħed miegħek mija fil-mija, u jekk ikun kontra tiegħek, dan ikun fuq prinċipju u mhux fuq personalità. (MLRS v3.0 parl183)

Il-varjanti *pompaġni*/*pumpaġni* mhumiex fid-dizzjunarju t'Aquilina iżda, abbażi tal-kuntest li fih jokkorru fil-korpus (ara (72a) u (72b)), joqorbu ħafna lejn is-sens ta' *pompożità* kif jiddefiniha Aquilina (p. 1068), "*pomposity*".

(72a) Jidhru sbieħ minn barra, hemm iċ-ċerimonjali, hemm il-pompaġni, imma hemm ukoll it-tħassir, hemm id-duda li qerdet kull aspett tas-soċjetà demokratika. (MLRS v3.0 news131998)

(72b) Sar ħafna kjass dwar jekk ikunx hemm imħallef mara imma l-ebda kjass dwar id-dewmien orkestrat. Bil-pumpaġni kollha, bil-Parlament Ewropew u b'ħafna gruppi oħrajn, għaliex s'issa ma ġara xejn? (MLRS v3.0 news134748)

Bħal *ħamallaġni*, il-bażi ta' *vromaġni*, *vroma*, ġejja mill-Grieg, skont Aquilina (p. 1512). Il-kelma *vroma* jiddefiniha bħala "*complete failure*, *fiasco*." Għalkemm ma jinkludix il-formazzjoni *vromaġni* fid-dizzjunarju, mid-definizzjoni tal-bażi u mit-tifsira tas-suffiss *-aġni*, faċli nifhmu l-kelma kumplessa *vromaġni*.

(73) Dan il-UTV kien immexxi minn qassis li niftakar li kien ħa għalih sew meta jien ktibt dwar il-vromaġni ta' dan l-istazzjon. (MLRS v3.0 news85818)

*Blasensaġni* hija differenti mill-bqija għax il-bażi hija magħmula minn żewġ kelmiet u mhux kelma waħda. Biss, nistgħu xorta nargumentaw li l-kelma morfoloġikament kumplessa *blasensaġni* tinbena fuq il-bażi *bla sens* u li bejniethom hemm rabtiet semantiċi sistematiċi. Eżempju li sibt fuq Google ta' din il-formazzjoni użata f'kuntest huwa dan li ġej:

(74) Għandek xi argument aktar bis-sens x'taqsam magħna jew ħa nibdew bis-soltu bla sensaġni infantili ta' min m'għandux argumenti? (Google)

Il-formazzjoni *inkazzaġni* mhix fil-korpus imma tintuża mill-kelliema nattivi u tista' titqies bħala neoloġiżmu. Il-bażi ta' din il-formazzjoni vulgari tista' tkun kemm il-verb *inkazza* u kemm in-nom *kazz.* L-ewwel sillaba tal-formazzjoni kumplessa (*inkazzaġni*), tissuġġerixxi li l-bażi huwa l-verb, *inkazza*, u mhux in-nom, *kazz*. Skont Aquilina (p. 634), *kazz* ġejja mill-Isqalli *cazzu* jew mit-Taljan *cazzo*. Ma sibtx eżempji ta' din il-formazzjoni użata f'kuntest fuq Google.

Bħal *inkazzaġni*, *ksuħaġni* mhija attestata la fil-korpus u lanqas f'Aquilina, minkejja li tingħad ta' spiss mill-kelliema tal-Malti. Hija formazzjoni ibrida mibnija fuq l-għerq √ksħ. L-uniku eżempju li sibt fuq Google huwa dan li ġej:

(75) Dak iż-żmien l-Oppożizzjoni kienet rat din il-liġi kontra ċ-ċensura bħala eżerċizzju ta' ksuħaġni – ftit ta' snin wara ngħatajna r-raġun. (Google)

Il-formazzjoni *kuċċlaġni* tinbena fuq il-kelma *kuċċlu* li skont Spagnol (2018) ġejja mit-Taljan *cucciolo* jiġifieri ġeru jew il-ferħ ta' mammiferi oħrajn. Biss fil-Malti, *kuċċlu* tintuża b'referenza għal xi ħadd jew xi ħaġa ħelwa u għalhekk, *kuċċlaġni* tfisser ħlewwa esaġerata. Lanqas ta' din il-formazzjoni ma sibt eżempji użati f'kuntest fuq Google.

Bħal *inkazzaġni* u *kuċċlaġni*, *libaġni* u *żbubaġni* mhumiex attestati fil-korpus tal-MLRS imma jintużaw spiss fit-taħdit. Tal-ewwel hija formazzjoni vulgari mibnija fuq il-bażi *liba*. Din il-kelma għandha tliet sensi polisemiċi skont Aquilina (p. 745), u aktarx li, *libaġni* żviluppat mit-tieni sens, jiġifieri "*a term of insult to indicate a person of disgusting character*". Anke *żbubaġni* hija vulgari u tinbena fuq il-bażi *żobb/żbub*. Dawn iż-żewġ kelmiet huma formazzjonijiet ibridi għax jgħaqqdu suffiss Taljan ma' bażi t'oriġini Għarbija. M'hemmx eżempji ta' dawn il-formazzjonijiet fuq Google.

7.3.2.2. Ir-restrizzjonijiet fil-formazzjonijiet lokali

Fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-formazzjonijiet mislufin (ara taqsima 7.3.1.), niddiskuti dawn it-18-il formazzjoni lokali bil-għan li nistabilixxi l-mekkaniżmi, konxji jew inkonxji, li wasslu għall-ħolqien tagħhom.

Nibda mir-restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. Qabelxejn, ma jidhirx li hemm relazzjoni bejn il-fonema aħħarija tal-bażi u l-proċess tad-derivazzjoni. Hemm bażijiet li jispiċċaw kemm b'fonemi sonoranti (eż. /ʊ/ f'*ħamallu*, /r/ f'*impostur* u /ɐ/ *f'pompa*), kif ukoll b'fonemi ostruwenti (eż. /t/ f'*fitt* u /z/ f'*pastaż*). Lanqas l-aċċent tal-bażi u l-kwantità ta' sillabi mhuma fatturi determinanti. Hemm bażijiet b'sillaba waħda (eż. *xott*), b'żewġ sillabi (eż. *kiesaħ*) u bi tliet sillabi jew aktar (eż. *impostur*). Dawn l-istess tliet eżempji jikkonfermaw wkoll li l-pożizzjoni tal-aċċent primarju fil-kelma mhuwiex fattur determinanti.

Fuq ir-restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Jekk, bħalma għamilt f'taqsima 7.3.1., inqisu l-etimoloġija bħala restrizzjoni morfoloġika, nistgħu nargumentaw li fid-dawl ta' dawn it-18-il formazzjoni, is-suffiss *-aġni* jista' jingħaqad ma' bażijiet t'oriġini Taljana (eż. *dilettant*) jew mill-Isqalli (eż. *pastaż*), Ingliża (eż. *impostur*) jew Għarbija (eż. *kiesaħ*). Osservazzjoni morfoloġika oħra hi li

l-maġġorparti tal-bażijiet huma kelmiet sempliċi u mhumiex derivati. L-eċċezzjonijiet huma dawk li għandhom suffiss tal-aġent fil-bażi (eż. *dilettant* u *impostur*), il-parteċipju attiv *kiesaħ* u l-verb *inkazza*. Punt ieħor hu li, jekk nibqgħu mal-ipoteżi li l-bażi ta' *żbubaġni* hija *żbub*, hija l-unika bażi fil-plural. Il-bażijiet kollha l-oħra huma fis-singular.

Bħalma argumentajt fit-taqsima fuq il-formazzjonijiet mislufin, m'hemmx wisq xi tgħid fuq ir-restrizzjonijiet **sintattiċi**. Il-bażijiet kollha tat-18-il formazzjoni lokali huma aġġettivi jew nomi użati b'funzjoni aġġettivali. Anke l-frażi *bla sens* għandha funzjoni aġġettivali, kif juri dan l-eżempju mill-korpus:

(76) Wara kolazzjon ta' malajr, fejn iffiltra sewwa l-fond tal-kafè u l-kliem bla sens li s-soltu kienet tredden ommu, ħareġ 'il barra u mar lejn il-karozza. (MLRS v3.0 literature2)

L-uniku eżempju problematiku f'dan ir-rigward hija l-formazzjoni *inkazzaġni* li l-bażi tagħha hija aktarx il-verb *inkazza* u mhux in-nom *kazz*.

Fuq ir-restrizzjonijiet **semantiċi**. Kif implikajt tul dan il-kapitlu, ir-restrizzjonijiet semantiċi huma aktarx, l-aktar tip li jħoll u jorbot għas-suffiss *-aġni*. F'taqsima 7.3.1., ikkwotajt lil Rainer li jargumenta li d-denominatur komuni tal-formazzjonijiet b'*-aggine* fit-Taljan hija l-kwalità negattiva umana tal-bażijiet. Din l-osservazzjoni tista' ssir ukoll għall-Malti, tant, li l-formazzjonijiet lokali kollha huma ta' din ix-xeħta. Analiżi aktar dettaljata tat-18-il bażi differenti tal-formazzjonijiet lokali turi li dawn jistgħu jinqasmu fi tnejn. Hemm dawk li l-konnotazzjoni tagħhom hija dejjem negattiva (eż. *fitt*, *tost* u *vroma*) u dawk li l-bażi tagħhom għandha kemm konnotazzjonijiet newtrali jew saħansitra pożittivi u kemm konnotazzjonijiet negattivi (eż. *dilettant* u *vojt*). Biss, dawn tal-aħħar, jibnu l-formazzjoni kumplessa b'*-aġni* fuq is-sens polisemiku li jkollu tifsira negattiva. Ngħidu aħna, li wieħed ikun dilettant ta' xi attività jew sengħa hija xi ħaġa tajba. Il-formazzjoni *dilettantaġni*, madankollu, għandha konnotazzjonijiet mhux daqstant sbieħ għax tinbena fuq is-sens polisemiku "*amateur*" (ara taqsima 7.3.2.1.). L-uniċi żewġ eċċezzjonijiet għal dan kollu huma l-formazzjonijiet *drittaġni*

u *kuċċlaġni* li, flimkien mal-bażi tagħhom, jintużaw l-aktar f'kuntesti pożittivi u għalhekk iġorru konnotazzjonijiet pożittivi.

Nagħlaq din it-taqsima fuq is-suffiss derivattiv *-aġni* b'kelmtejn fuq il-fenomenu tal-**ibblukkar**. Għal din id-diskussjoni niffoka fuq iż-żewġ formazzjonijiet *brikkunaġni* u *dilettantaġni*. Tal-ewwel hija formazzjoni mislufa mit-Taljan (< *bricconaggine*) waqt li t-tieni hija formazzjoni lokali. Nippreżentahom f'tabella flimkien mal-formazzjoni korrispondenti li ġġorr l-istess tifsira.

| **Formazzjonijiet kumplessi** | **Tokens fil-korpus** | **Formazzjonijiet kumplessi b'tifsira simili** | **Tokens fil-korpus** |
|---|---|---|---|
| brikkunaġni | 2 | brikkunerija | 1 |
| dilettantaġni | 1 | dilettantiżmu | 142 |

**Tabella nru 33:** L-ibblukkar fil-formazzjonijiet bis-suffiss *-aġni*

Abbażi tad-diskussjoni f'taqsima 2.2.2.8., nikklassifika dan it-tip ta' bblukkar bħala *type blocking* ladarba waħda mill-kelmiet kumplessi ppreżentati fiż-żewġ ringieli qed tiġi blukkata minn formazzjoni oħra li hi mifruxa u ssegwi r-restrizzjonijiet speċifiċi tas-suffiss.

Fil-każ ta' *dilettantaġni*, in-numru ta' tokens fil-korpus jikkonfermaw li din il-formazzjoni qed tiġi blukkata minn *dilettantiżmu*. Aquilina jagħti *dilettantiżmu* fid-dizzjunarju (p. 243) u jiddefiniha bħala "*amateurishness*". Din id-definizzjoni tissuġġerixxi li ż-żewġ formazzjonijiet iġorru implikazzjonijiet simili u għalhekk, ikun jagħmel sens, li waħda timblokka 'l-oħra.

Il-każ ta' *brikkunaġni* huwa ftit aktar problematiku għax iż-żewġ formazzjonijiet, jiġifieri *brikkunaġni* u *brikkunerija*, m'għandhomx wisq attestazzjonijiet fil-korpus. Biss, aktarx li, maż-żmien, waħda tinfirex aktar mill-oħra ladarba għandhom sens li jixxiebah. Iż-żewġ formazzjonijiet qegħdin fuq Treccani li jiddefinihom hekk:

- ***bricconerìa*** *[der. di briccone]. – L'esser briccone; bricconata [...]*
- ***bricconàggine*** *[der. di briccone]. – L'esser briccone, qualità di chi è briccone [...]*

Intant, Aquilina ma jagħtix il-formazzjoni *brikkunaġni* fid-dizzjunarju iżda jagħti *brikkunerija* taħt il-lemma *brikkun* u jiddefiniha bħala "*roguery, knavery*" (p. 143).

## 7.4. Konklużjoni

F'din it-taqsima nelenka l-aktar punti saljenti li jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet speċifiċi tal-formazzjonijiet mislufin u lokali.

- Restrizzjonijiet **fonoloġiċi**. L-eżempji miż-żewġ kategoriji ta' formazzjonijiet, jiġifieri dawk mislufin u dawk lokali juru li, l-istruttura tal-ħoss, l-aċċent primarju u l-kwantità ta' sillabi fil-bażi mhumiex fatturi determinanti fil-proċess tal-affissazzjoni. Minkejja n-numru relattivament żgħir ta' eżempji, il-bażijiet tal-formazzjonijiet mislufin u lokali jvarjaw fil-fonema aħħarija tagħhom, fil-pożizzjoni tal-aċċent u fin-numru ta' sillabi.

- Restrizzjonijiet **morfoloġiċi**. Jekk nieħdu l-formazzjonijiet mislufin u lokali f'daqqa, nistgħu nargumentaw li s-suffiss *-aġni* fil-Malti jokkorri ma' bażijiet li ġejjin mit-Taljan jew mill-Isqalli, mill-Ingliż u mill-Għarbi. Il-bażijiet huma sempliċi għajr għal xi wħud li huma parteċipji jew li fihom suffiss derivattiv ieħor fil-bażi.

- Restrizzjonijiet **sintattiċi**. Il-bażijiet kollha tas-27 formazzjoni analizzati huma aġġettivi jew nomi użati b'funzjoni aġġettivali. L-unika eċċezzjoni hija l-formazzjoni *inkazzaġni* li hija aktarx mibnija fuq verb u mhux nom. Il-formazzjonijiet bis-suffiss -*aġni* huma kollha nomi.

- Restrizzjonijiet **semantiċi**. Din ir-restrizzjoni hija l-aktar waħda determinanti għas-suffiss *-aġni*. Għajr għal żewġ eċċezzjonijiet, dan is-suffiss derivattiv jagħżel formazzjonijiet li l-bażi tagħhom hija negattiva jew inkella jagħżel is-sens negattiv ta' bażijiet li huma polisemiċi. Iż-żewġ eċċezzjonijiet huma l-formazzjonijiet lokali *drittaġni* u *kuċċlaġni*.

# 8. Għeluq

Bdejt dan l-istudju b'mistoqsija – jekk fil-kelma Maltija hemmx restrizzjonijiet speċifiċi li jikkundizzjonaw it-tagħqid tas-suffissi derivattivi konkatenattivi mal-bażi. Biex nasal għal xi forma ta' tweġiba, analizzajt b'mod sistematiku erba' suffissi derivattivi mislufin, *-uż*, *-ezza*, *-erija* u *-aġni*. Ir-raġunament kien li l-konklużjonijiet li nislet minn dawn l-erba' suffissi jkunu indikattivi ta' x'jiġri fil-bqija tas-suffissi derivattivi, nominali u aġġettivali, li jokkorru fil-Malti. Dort bir-reqqa dawn is-suffissi magħżula, u permezz ta' analiżi komparattiva mal-lingwa sors, it-Taljan/Sqalli, osservajt hemmx restrizzjonijiet speċifiċi fil-kelma kumplessa Maltija, u liema tipoloġija tista' tintuża biex nikklassifikahom.

F'dan l-aħħar kapitlu nippreżenta l-aktar osservazzjonijiet saljenti fuq il-mekkaniżmi restrittivi tal-erba' suffissi studjati, niddiskuti xi osservazzjonijiet oħra ta' natura aktar ġenerali u nħalli xi spunti li fuqhom jistgħu jsiru aktar studji u riċerka 'l quddiem.

## 8.1. Konklużjonijiet fuq l-erba' suffissi analizzati

### 8.1.1. Suffiss *-uż*

L-analiżi ta' dan is-suffiss aġġettivali wriet li hemm xi restrizzjonijiet evidenti kemm fil-formazzjonijiet mislufin, kif ukoll f'dawk lokali. Il-maġġorparti ta' dawn il-formazzjonijiet b'-*uż*, jinbnew fuq bażijiet li jkunu: a) nomi, b) jispiċċaw bil-vokali jew b'xi konsonanti ġeminati, ċ) ħafna minnhom iġorru konnotazzjonijiet negattivi. Abbażi ta' dan, nifformula regola tal-formazzjoni tal-kelma (ara taqsima 2.1.1. fuq ir-RFK), għas-suffiss *-uż*:

> Regola għas-suffiss *-uż*: *-uż* jingħaqad ma' nomi, normalment ma' dawk li jġorru konnotazzjoni negattiva, u joħloq aġġettivi. Juri preferenza għal nomi li jispiċċaw b'vokali jew b'konsonanti ġeminati.

L-aġġettivi li joħloq dan is-suffiss jindikaw xi ħadd jew xi ħaġa li fihom tispikka xi kwalità (eż. *aċiduż*, *kuraġġuż*, *ribelluż*).

### 8.1.2. Suffiss *-ezza*

L-analiżi tal-formazzjonijiet mislufin u lokali turi li hemm għadd ta' restrizzjonijiet li jikkundizzjonaw dan is-suffiss. Ħafna mill-bażijiet li fuqhom tinbena l-kelma kumplessa b'-*ezza*, ikunu: a) aġġettivi jew partiċipji passivi, b) morfoloġikament sempliċi jew ikollhom is-suffissi mislufin tal-partiċipju passiv jew is-suffiss aġġettivali *-evoli*, u ċ) jirreferu għal dispożizzjoni umana jew kwalità estetika. Ir-regola tal-formazzjoni tal-kelma għas-suffiss -*ezza*, hija:

> Regola għas-suffiss *-ezza*: *-ezza* jingħaqad ma' aġġettivi jew partiċipji passivi, li jirreferu għal dispożizzjoni umana jew kwalità estetika, u joħloq nomi. Morfoloġikament, il-bażijiet li magħhom jingħaqad ikunu sempliċi jew derivati bis-suffiss tal-partiċipju passiv jew bis-suffiss *-evoli*. Minħabba dan, hemm numru ta' bażijiet li jispiċċaw bil-fonema /t/.

In-nomi li joħloq dan is-suffiss jesprimu kwalità li jesprimi l-aġġettiv/partiċipju fil-bażi (eż. *kalmezza, purezza, sottilezza*).

### 8.1.3. Suffiss *-erija*

Is-suffiss *-erija* huwa interessanti għax għandu funzjonijiet differenti. Biss, xorta hemm xi restrizzjonijiet li jispikkaw. Il-maġġorparti tal-bażijiet li magħhom jiżdied dan is-suffiss: a) huma nomi, verbi jew aġġettivi, b) ikunu morfoloġikament sempliċi jew ikunu derivati bis-suffiss tal-aġent *-ar/-ier*, u ċ) iġorru karatteristiċi semantiċi partikolari skont il-funzjoni. Meta s-suffiss *-erija* jifforma nomi tal-post, il-bażi tkun tiddenota l-produttur jew il-prodott (eż. formazzjonijiet mislufin: *biċċerija*, *librerija*, *simenterija*). Meta dan is-suffiss jifforma nomi kollettivi, il-maġġorparti tal-bażijiet jkunu jirreferu għal xi oġġett jew għal persuna li tipprattika professjoni partikolari (eż. formazzjonijiet mislufin: *inġinerija*, *piraterija*; formazzjonijiet lokali: *barunerija*). Meta jifforma nomi ta' kwalità, il-bażi, f'ħafna mid-drabi, tiddenota kwalità umana li jkollha konnotazzjonijiet negattivi (eż. formazzjonijiet mislufin: *kattiverija*, *stramberija*; formazzjonijiet lokali: *makakkerija*, *salvaġġerija*/*selvaġġerija*). Ir-regola tal-formazzjoni tal-kelma għas-suffiss *-erija*, hija:

> Regola għas-suffiss *-erija*: *-erija* jingħaqad ma' nomi jew aġġettivi li jkunu morfoġikament sempliċi jew derivati bis-suffiss tal-aġent *-ar/-ier*. Semantikament, il-bażi tkun tiddenota jew il-produttur jew il-prodott, jew tirreferi għal xi oġġett jew għal persuna li tipprattika professjoni partikolari, jew xi kwalità umana li jkollha konnotazzjonijiet negattivi, skont il-funzjoni. M'hemmx restrizzjonijiet fonoloġiċi.

In-nomi li joħloq dan is-suffiss jesprimu postijiet, oġġetti fil-kollettiv jew kwalità.

8.1.4. Suffiss *-aġni*

Mill-osservazzjonijiet li għamilt fuq is-suffiss *-aġni*, nistgħu naslu biex nifformulaw regola tal-formazzjoni tal-kelma li tkun tiġbor ir-restrizzjonijiet ta' dan is-suffiss. Din ir-regola espliċita tagħmilha ċara x'tip ta' informazzjoni kategorika, semantika jew fonoloġika, il-kelliema nattivi jafu fuq it-tip ta' bażi li magħha jista' jingħaqad dan is-suffiss. Il-verżjoni finali ta' din ir-regola hija:

> Regola għas-suffiss *-aġni*: *-aġni* jingħaqad ma' aġġettivi jew ma' nomi b'funzjoni aġġettivali, normalment ma' dawk li jġorru konnotazzjoni negattiva, u joħloq nomi semantikament negattivi. M'għandux restrizzjonijiet fonoloġiċi jew morfoloġiċi.

In-nomi li joħloq dan is-suffiss derivattiv jesprimu kwalità astratta, ħafna drabi, b'konnotazzjoni negattiva (eż. *fittaġni, pastażaġni, traskuraġni*).

## 8.2. Osservazzjonijiet aktar ġenerali

Nelenka hawn numru ta' osservazzjonijiet li joħorġu minn ħarsa usa' tal-erba' suffissi analizzati.

- Mill-klassifika ta' restrizzjonijiet speċifiċi elenkati fil-figura nru 3, huwa ċar li r-restrizzjonijiet kollha (fonoloġiċi, morfoloġiċi, sintattiċi u semantiċi/pragmatiċi) ġew osservati fl-erba' suffissi studjati għajr għar-restrizzjonijiet lessikali. Dawn, kif iddiskutejt f'taqsima 2.2.2.7., huma osservati f'suffissi li mhumiex produttivi u

jinsabu f'numru definit ta' kliem. L-erba' suffissi analizzati mhumiex ristretti lessikalment għax ilkoll huma, xi ftit jew wisq, produttivi u jokkorru f'numru mdaqqas ta' kliem kumpless.

- L-erba' suffissi analizzati għandhom types li jagħtu l-impressjoni li huma Taljani/Sqallin imma m'hemmx forom korrispondenti fil-lingwi sors, jiġifieri huma forom li nħalqu lokalment. Kif ikkummentajt fl-analiżi, (ara taqsima 4.3.2.1.), dan il-fenomenu mhuwiex uniku għall-Malti tant li anke fid-djaletti Griegi hemm xi formazzjonijiet li jagħtu l-impressjoni li huma Taljani imma mhumiex. Kelmiet bħal *umduż*, *kalmezza*, *makakkerija* u *tustaġni*/*tostaġni*, jinbnew fuq bażi mislufa mit-Taljan/Sqalli iżda mhumiex attestati fil-lingwa sors.

- Morfoloġikament, il-bażi li magħha jingħaqad is-suffiss derivattiv mhux dejjem ikun sempliċi. Ngħidu aħna, is-suffiss *-ezza* jista' jingħaqad ma' bażijiet sempliċi, iżda jingħaqad ukoll ma' bażijiet derivati bis-suffiss tal-parteċipju passiv jew bis-suffiss *-evoli*. Anke s-suffiss *-erija* jista' jingħaqad ma' bażijiet derivati, din id-darba, ma' bażijiet bis-suffiss tal-aġent *-ar/-ier*.

- L-erba' suffissi derivattivi analizzati joħolqu formazzjonijiet lokali li ma jokkorrux fil-lingwa sors. Abbażi tat-types li jokkorru fuq il-korpus tal-MLRS, dawn huma l-persentaġġi ta' formazzjonijiet lokali għal kull suffiss:

| **Suffiss** | **Numru ta' formazzjonijiet lokali** | **Persentaġġ** |
|---|---|---|
| -uż | 12 | 11.0% (12/109) |
| -ezza | 15 | 14.4% (15/104) |
| -erija | 10 | 15.6% (10/64) |
| -aġni | 18 | 66.7% (18/27) |

**Tabella nru 34:** Numru ta' formazzjonijiet lokali għall-erba' suffissi analizzati

Minn din it-tabella nistgħu naraw li, għajr għas-suffiss *-aġni*, in-numru ta' formazzjonijiet lokali huwa relattivament baxx ħdejn in-numru ta' formazzjonijiet mislufin. Is-suffiss *-aġni*, imbagħad, għandu aktar formazzjonijiet lokali milli formazzjonijiet mislufin, dejjem skont it-types li jokkorru fil-korpus tal-MLRS.

- Ħarsa aktar dettaljata lejn dawn il-formazzjonijiet lokali turi li ħafna minnhom juru preferenza għall-bażijiet li huma mislufin mit-Taljan/Sqalli. Ftit huma l-formazzjonijiet lokali li jinbnew fuq bażi li tkun ġejja mill-Ingliż jew mill-Għarbi. Fil-każ ta' *-uż*, ngħidu aħna, hemm biss żewġ formazzjonijiet lokali li jinbnew fuq bażi

Għarbija (*meruż* u *nkejjuż*) waqt li m'hemmx formazzjonijiet li jinbnew fuq bażijiet Ingliżi. Il-formazzjonijiet lokali bis-suffiss *-ezza* jinbnew kollha fuq bażijiet Rumanzi, għajr għall-eżempji (*i)mqarbezza/*(*i)mqarbizza* u *raffezza*. Din l-osservazzjoni hija kongruwenti mal-osservazzjoni li jagħmel Booij (2014) għall-Ingliż, li ħafna mis-suffissi mislufin jippreferu jingħaqdu ma' bażijiet mislufin.

- Mill-formazzjonijiet mislufin, hemm uħud li ġarrbu bidliet semantiċi mil-lingwa sors għall-Malti. Is-sens ta' *gustuż* fil-Malti jiżvija ftit minn *gustoso* fit-Taljan u *gustusu* fl-Isqalli. Eżempju ieħor hi l-kelma *profumeria* li fit-Taljan tirreferi għall-fabbrika jew laboratorju fejn tiġi mmanifatturata l-fwieħa, waqt li *profumerija* fil-korpus tal-MLRS tintuża aktar f'sens kollettiv, jiġifieri għal sett ta' fwejjaħ. Tip ieħor ta' żvilupp semantiku hu osservat fl-użu ta' xi suffissi fil-formazzjonijiet lokali. Is-suffiss *-aġni*, ngħidu aħna, inħall ftit mir-restrizzjoni semantika li twaħħdu biss ma' formazzjonijiet li jġorru konnotazzjoni negattiva, u ħalaq formazzjonijiet lokali fuq bażijiet b'konnotazzjoni pożittiva (eż. *drittaġni* u *kuċċlaġni*).

- Eċċezzjonijiet bħal *kuċċlaġni* u oħrajn, jikkonfermaw l-idea mifruxa li l-formazzjoni tal-kelma, bħall-bqija tal-lingwa, hija sistema dinamika magħmula minn regoli li mhumiex assoluti iżda li jesprimu tendenzi b'saħħithom u li, xi daqqiet, iħallu lok għall-eċċezzjonijiet.

- Fl-ewwel kapitlu (ara taqsima 1.5.2.2.), imxejt fuq l-argument ta' Rainer (2015, p. 1777) u ta' Booij (2020, p. 9), u argumentajt li l-lingwa ma taqbadx u tissellef is-suffiss waħdu biex tużah skont l-esiġenzi. Minflok, hemm proċess kemxejn aktar komplikat li jitlaq mis-self ta' għadd ta' kelmiet kumplessi bl-istess suffiss u li minnhom, imbagħad, jiġi identifikat is-suffiss abbażi tal-okkorrenza tiegħu fi kliem li għandu funzjoni simili, jiġifieri f'sett ta' kliem li fih hemm korrispondenza bejn il-forma u t-tifsir. Il-proċess tal-identifikazzjoni ta' suffiss partikolari jiġi megħjun meta l-lingwa tissellef kemm il-kelma kumplessa, kif ukoll il-bażi sempliċi korrispondenti, ngħidu aħna, *famuż - fama* u *suspettuż - suspett*. Pari bħal dawn jgħinu biex, inkonxjament, itellgħu fil-wiċċ l-istruttura interna, jagħmluha trasparenti u għalhekk, jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-morf derivattiv li jokkorri fihom.

- Argument ieħor li jissemma fil-letteratura u li jkompli jibni fuq ta' qablu hu li segment misluf jista' verament jitqies bħala suffiss fil-lingwa meta jibda jokkorri jew ma' bażijiet lokali jew ma' bażijiet mislufin li ma jkollhomx formazzjoni kumplessa korrispondenti attestata fil-lingwa sors. It-twarrib tal-morfoloġija introflessiva Għarbija, minħabba r-raġunijiet diskussi f'taqsima 1.4.1., għen mhux ftit biex jiffaċilita l-ħolqien ta' dawn il-formazzjonijiet lokali. Abbażi ta' dan, nistgħu naqsmu l-

proċess tas-self tas-suffiss fi tliet tarġiet: 1) is-self ta' għadd ta' kelmiet kumplessi bl-istess segment, 2) l-identifikazzjoni tal-istruttura interna u tas-suffiss li ssir abbażi tal-korrispondenza bejn il-forma u t-tifsir, u 3) it-tiżwiġ tas-suffiss ma' bażijiet lokali jew ma' bażijiet mislufin li ma jeżistux fil-lingwa sors.

- L-analiżi li fuqha bnejt l-osservazzjonijiet saret bis-saħħa tal-korpus tal-MLRS (verżjoni 3.0). Din l-għodda elettronika għenet qatigħ biex tiffaċilita l-ġbir tat-types ta' kull suffiss u biex niġbor eżempji rilevanti użati f'kuntest. Naqbel, għalhekk, mal-osservazzjoni li jagħmel Rainer (2005, p. 350), li l-istudju tal-formazzjoni tal-kelma huwa qasam li jista' jibbenifika minn dawn l-għodod elettroniċi. Żviluppi teknoloġiċi oħra, bħal dizzjunarji elettroniċi u l-introduzzjoni ta' korpora oħra, fosthom tal-Malti mitkellem, għandhom ikomplu jgħinuna biex nifhmu dejjem aktar dan il-qasam lingwistiku. Biss, tajjeb inżommu f'moħħna li, bħal kwalunkwe għodda oħra, huwa importanti li ma noqogħdux biss fuq in-numri u ċ-ċifri li jagħtuna dawn l-għodod, iżda ninterpretaw kollox bir-reqqa.

## 8.3. Għall-quddiem

Kif għidt fl-introduzzjoni, minħabba r-restrizzjonijiet ta' żmien u minħabba n-natura ta' dan ix-xogħol, kont kostrett li ndejjaq il-lenti tal-fokalizzazzjoni u nanalizza biss ir-restrizzjonijiet involuti f'xi suffissi derivattivi konkatenattivi mislufin, b'mod partikolari, kliem kumpless b'suffiss derivattiv wieħed. Għalhekk, nelenka hawn xi punti li fuqhom tista' ssir aktar riċerka.

- Qabelxejn, tajjeb li jsiru studji li janalizzaw ir-restrizzjonijiet involuti fit-tiżwiġ tal-morfi fi kliem imsawwar bil-morfoloġija introflessiva. Dimensjoni oħra li eskludejt minn dan ix-xogħol kienet il-ħarsa lejn ir-restrizzjonijiet involuti fl-affissi inflettivi. Terġa', ladarba dan ix-xogħol jiffoka fuq erba' suffissi derivattivi, hemm lok li ssir analiżi tar-restrizzjonijiet li jikkundizzjonaw il-bqija tas-suffissi derivattivi, u anke tal-prefissi. Għalkemm mhumiex wisq frekwenti fil-Malti, jistgħu jsiru anke studji fuq ir-restrizzjonijiet involuti fil-binja tal-kliem kompost.

- Dimensjoni oħra li tista' tiġi analizzata, u li fuqha hemm ħafna studji riċenti f'lingwi oħra, huma r-restrizzjonijiet li jiddettaw l-ordni tal-morfi f'kelma li jkun fiha aktar minn affiss derivattiv wieħed (eż. formazzjonijiet eżistenti: *awtorevolezza*, *internazzjonaliżmu*; neoloġiżmi: *mqarbizzerija*). Mill-qari li għamilt, ma jidhirx li hemm xogħol fil-Malti li janalizza dan l-aspett. Kif iddiskutejt f'taqsima 2.3.4., hemm

diversi teoriji li ġew ippostulati biex jispjegaw l-ordni tal-morfi fi kliem li jkun fih aktar minn affiss wieħed, fosthom it-teorija msejħa *Complexity-Based Ordering* ta' Hay (2002). Studji bħal dawn iwittu t-triq biex nifhmu wkoll l-istruttura tal-kelma vis-à-vis l-ordni tal-affissi derivattivi u inflettivi meta jokkorru ħdejn xulxin, u l-ordni tal-binja kumplessa komposta minn prefiss u suffiss.

- Għalkemm fit-tielet kapitlu (ara tabelli nru 6 u nru 7) tajt żewġ tabelli li kienu t-tentattiv tiegħi biex ikun hemm lista eżawrjenti ta' suffissi derivattivi mislufin fil-Malti, jixraq li jsiru aktar studji li jkomplu jibnu fuq dawn. Fost oħrajn, tajjeb li jkun hemm xi forma ta' elenku li jiġbor l-affissi kollha mislufin, jiġifieri l-prefissi u s-suffissi, derivattivi u inflettivi, li l-Malti ssellef u li llum jistgħu jitqiesu bħala affissi Maltin. Fost il-kriterji li jistgħu jintużaw biex jistabilixxu jekk segment partikolari jistax jitqies bħala affiss Malti, hemm dawk ta' Dixon li ddiskutejt f'taqsima 1.5.2., u l-argument ta' Bauer (2006), li segment misluf jibda jitqies bħala suffiss fil-lingwa meta jibda jokkorri jew ma' bażijiet lokali jew ma' bażijiet mislufin li ma jkollhomx formazzjoni korrispondenti attestata fil-lingwa sors. Ma' dan, tajjeb li jsiru studji biex jistabilixxu l-affissojdi fil-Malti u l-kriterji li jistgħu jintużaw biex jiddistingwuh mill-affiss.

- Fl-aħħar nett, ikun xieraq li wħud mill-osservazzjonijiet li saru f'dan l-istudju jiġu analizzati empirikament b'esperimenti psikolingwistiċi bħalma huma l-priming jew l-eye tracking. Esperimenti bħal dawn huma komuni fl-oqsma morfoloġiċi u jgħinuna biex nifhmu dejjem aktar kif il-lingwa taħdem fil-moħħ.

# Glossarju

Nippreżenta ġabra ta’ termini tekniċi użati f’dan ix-xogħol flimkien mad-definizzjoni tagħhom. Nagħti wkoll it-traduzzjoni ta’ dawn it-termini għall-Ingliż. L-ordni hija alfabetika.

afasja: diżordni fil-lingwa kkawżata minn korriment fil-moħħ (*aphasia*).

affiss (pl. affissi): morf(ema) magħquda li trid tingħaqad ma’ bażi u tipikament ma tokkorrix waħedha (*affix*).

affiss traspożizzjonali (pl. affissi traspożizzjonali): tip ta’ affiss li ma jkollux wisq piż semantiku u li l-funzjoni tiegħu jkun li jaqleb il-parti tad-diskors tal-bażi (*transpositional affixes*).

affissazzjoni: il-proċess li jżid affiss ma’ bażi biex tifforma kelma (*affixation*).

affissojd (pl. affissojdi): element li l-karatteristiċi tiegħu jixbhu kemm il-lessemi u kemm l-affissi. Il-letteratura ġieli tirreferi għal dan l-element bħala semiaffiss (*affixoid*, *semi-affix*).

akronimi: tip ta’ abbrevjazzjoni li tikkonsisti minn sensiela ta’ ittri li huma l-ewwel ittri ta’ xi frażi u li jinqraw bħala kelma waħda ordinarja (*acronym*).

allomorf: varjant fonoloġiku ta’ morfema (*allomorph*).

ambitu semantiku: meta affiss Ċ jingħaqad ma’ unità kumplessa AB, l-ambitu semantiku ta’ Ċ huwa usa’ minn AB (*semantic scope*).

aploloġija: limitazzjoni ġenerali li tirrestrinġi t-tqegħid ta’ żewġ sekwenzi, li jixxiebhu fil-ħoss, ħdejn xulxin, f’kelma (*haplology*).

bażi (pl. bażijiet): il-bażi ta’ kelma morfoloġikament kumplessa hija dak l-element li fuqu tinħadem operazzjoni morfoloġika (*base*).

blukkar: proċess li jwaqqaf kelma potenzjali milli tokkorri minħabba l-eżistenza ta’ oħra bl-istess tifsira u/jew funzjoni (*blocking*).

esponenza kumulattiva: forma singulari li tirrealizza għadd ta’ sensi inflettivi differenti (*cumulative exponence*).

forma (grammatikali) (pl. forom (grammatikali)): is-sekwenza konkreta li tesprimi lessema partikolari (*word-form*).

formazzjoni tal-kelma: proċess li jifforma lessemi ġodda u li jiġbor fih id-derivazzjoni u l-kliem kompost (*word-formation*).

hapax legomena: kelma li tokkorri darba biss f'xi korpus (*hapax legomena*).

kelma (pl. kliem/kelmiet): l-iżgħar unità tal-grammatika magħmula minn morfema waħda jew aktar u li tista' toqgħod waħedha bħala tlissina kompluta (*word*).

kelma eżistenti (pl. kliem eżistenti): lessema familjari mal-kelliema nattivi (*actual word*).

kelma komposta (pl. kliem kompost): kelma magħmula minn żewġ lessemi jew aktar (*compound*).

kelma (morfoloġikament) kumplessa (pl. kliem (morfoloġikament) kumpless): kelma magħmula minn aktar minn morfema waħda u li fiha hemm relazzjoni li mhix arbitrarja, bejn is-segmenti u t-tifsir (*(morphologically) complex word*).

kelma (morfoloġikament) sempliċi (pl. kliem (morfoloġikament) sempliċi): kelma magħmula minn morfema waħda (*simplex word*).

kelma potenzjali (pl. kliem potenzjali): lessema li tista' tokkorri f'lingwa partikolari u li ssegwi r-regoli tal-formazzjoni tal-kelma. Biss, hija kelma ġdida u ma tkunx attestata fil-lingwa (*possible word*, *potential word*).

klitik (pl. klitiks): element grammatikali li ma jistax jokkorri b'mod indipendenti u li għandu karatteristiċi minn tal-kelma u minn tal-affiss (*clitic*).

konverżjoni: proċess li jifforma kliem ġdid billi jibdel il-parti tad-diskors ta' kelma mingħajr ebda bidliet formali (*conversion*).

lemma: kelma li tiġbor għadd ta' forom inflettivi biex tirreferi għal-lessema partikolari, ngħidu aħna biex tirrappreżentahom f'dizzjunarju (*citation form*).

lessema: is-sens astratt ta' għadd ta' kelmiet li jiġi realizzat minn numru ta' forom inflettivi (*lexeme*).

lessiku: id-dizzjunarju mentali f'moħħ il-kelliema (*lexicon*).

limitazzjonijiet (ġenerali): fatturi ġenerali li huma indipendenti minn kunsiderazzjonijiet partikolari lingwistiċi u li jikkundizzjonaw il-binja tal-kelma (*constraints*, *universal restrictions*).

morf (pl. morfi): entità konkreta li tirrealizza l-morfema. Iz-zokk u l-affiss huma tipi ta' morfi (*morph*).

morf battal (pl. morfi battala): segment bla tifsira li normalment jokkorri bejn morf u ieħor (*empty morph*).

morf żero: tip ta' morf li ma jkollux kontenut fontetiku (*zero morph*).

morfema (pl. morfemi): il-morfema tirreferi għal grupp ta’ morfi b’kontenut sintattiku-semantiku identiku u tiġbor fi ħdanha kunċetti grammatikali astratti bħall-{Plural} (*morpheme*).

morfema lessikali (pl. morfemi lessikali): meta lingwa partikolari tissellef kelma kumplessa mingħajr il-bażi korrispondenti. Il-kelma kumplessa mislufa tissejjaħ morfema lessikali (*lexical morpheme*).

morfotattika: l-istudju fuq ir-regoli li jiddettaw is-sekwenza possibbli ta’ morfi f’kelma kumplessa (*morphotactics*).

paradigma (pl. paradigmi): sett strutturat tal-forom inflettivi ta’ lessema jew grupp ta’ lessemi (*paradigm*).

parsabilità: il-faċilità li affiss partikolari jitneħħa minn kelma kumplessa (*parsability*).

parti tad-diskors (pl. partijiet tad-diskors): grupp ta’ kliem bl-istess karatteristiċi formali, speċjalment fid-distribuzzjoni u l-funzjoni sintattika tiegħu, tan-nomi, il-verbi, l-aġġettivi eċċ. (*parts of speech*, *word class*).

polisemija affissali: affiss wieħed b’diversi tifsiriet relatati (*affixal polysemy*).

proċess li jifforma l-kliem kompost: il-formazzjoni ta’ kelma komposta (*compounding*).

ras (ras semantika): il-morfema li tiddetermina l-kategorija jew is-semantika ta’ kelma komposta jew frażi (*head*).

reduplikazzjoni: proċess morfoloġiku li jifforma kliem ġdid billi jikkopja l-bażi jew parti minnha u jgħaqqadha mal-bażi (*reduplication*).

regola tal-formazzjoni tal-kelma (pl. regoli tal-formazzjoni tal-kelma) (RFK): regola li b’mod espliċitu tispeċifika l-informazzjoni kategorika, semantika u fonoloġika ta’ bażi partikolari biex affiss jingħaqad magħha (*word formation rule*, *WFR*).

restrizzjonijiet (speċifiċi): fatturi speċifiċi li jirrelataw mal-livelli differenti ta’ analiżi lingwistika (*selectional restrictions*, *affix-specific restrictions*).

retroformazzjoni: il-formazzjoni ta’ kelma iqsar u aktar sempliċi minn kelma itwal li titqies bħala morfoloġikament kumplessa (*backformation*).

sinkretiżmu: meta żewġ ċelloli jew aktar ikollhom l-istess forma f’xi paradigma (*syncretism*).

tilqim: proċess morfoloġiku li jgħaqqad partijiet ta’ kliem differenti, li mhumiex fihom innifishom morfemi/morfi, ġo kelma waħda biex jifforma kliem ġdid (*blending*).

tqarwiż: il-proċess li jifforma kliem ġdid bit-tneħħija ta’ parti minn kelma itwal. It-tnejn iġorru l-istess semantika (*clipping*).

tlissina: sekwenza ta’ diskors separata bil-pawżi jew bis-silenzju (*utterance*).

UBH: limitazzjoni ġenerali li tgħid li affiss partikolari jista’ jingħaqad biss ma’ bażijiet li jappartjenu għall-parti tad-diskors partikolari (*Unitary Base Hypothesis* (*UBH*)).

(word) token: meta jingħaddu l-kliem f’test jew f’korpus, kull okkorrenza ta’ kelma partikolari hija token ta’ dik il-kelma.

(word) type: meta jingħaddu l-kliem f’test jew f’korpus, kull kelma differenti li tokkorri hija type.

# Referenzi

Amaira, M. (2014). *The grammatical categories of Maltese: Verbs, nouns & adjectives*. [Teżi tal-Master's, Università ta' Malta].

Anderson, S. R. (2015). The morpheme: Its nature and use. F'Matthews, B. (Ed.), *The Oxford Handbook of Inflection (Oxford Handbooks in Linguistics)* (pp. 11-34). Oxford University Press.

Aquilina, Ġ. (1987-1991). *Maltese-English dictionary*. Midsea Books.

Aronoff, M. (1976). *Word Formation in Generative Grammar*. MIT Press.

Aronoff, M. (2020). -less and -free. F'L. Körtvélyessy & P. Štekauer (Eds.), *Complex Words: Advances in Morphology* (pp. 55-64). Cambridge University Press.

Aronoff, M., & Fudeman, K. (2011). *What is morphology?* Wiley Blackwell.

Aronoff, M., & Lindsay, M. (2014). Productivity, blocking, and lexicalization. F'R. Lieber u P. Štekauer (Eds.), *The Oxford handbook of derivational morphology* (pp. 67-83). Oxford University Press.

Arregi, K., & Nevins, A. (2018). Beware Occam's syntactic razor: Morphotactic analysis and Spanish mesoclisis. *Linguistic Inquiry*, *49*(4), 625–683.

Baayen, H. (1989). *A corpus-based approach to morphological productivity: Statistical analysis and psycholinguistic interpretation*. [Teżi tad-dottorat, Free University].

Baayen, H., & Lieber, R. (1991). Productivity and English derivation: A corpus-based study. *Linguistics*, *29*(5), 801–844.

Baeskow, H. (2015). Rules, patterns and schemata in word-formation. F'P. Müller, I. Ohnheiser, S. Olsen & F. Rainer (Eds.), *Word-Formation: An International Handbook*

*of the Languages of Europe* (pp. 803-821). De Gruyter Mouton. https://doi.org/10.1515/9783110246278-001

Bauer, L. (1983). *English word-formation*. *(Cambridge textbooks in linguistics)*. Cambridge University Press.

Bauer, L. (2001). *Morphological Productivity*. Cambridge University Press.

Bauer, L. (2003). *Introducing linguistic morphology* (It-2 ed.). Edinburgh University Press.

Bauer, L. (2004). *A glossary of morphology*. Edinburgh University Press.

Bauer, L. (2005). Productivity: Theories. F'P. Štekauer & R. Lieber (Eds.), *Handbook of Word-Formation* (pp. 315-334). Springer.

Bauer, L. (2006). Competition in English word formation. F'Ans van Kemenade & Bettelou Los (Eds.), *The handbook of the history of English* (pp. 177-198). Blackwell.

Bauer, L. (2014). Concatenative Derivation. F'R. Lieber & P. Štekauer (Eds.), *The Oxford handbook of derivational morphology* (pp. 118-135). Oxford University Press.

Bauer, L. (2016). Classical Morphemics: Assumptions, Extensions, and Alternatives. F'A. Hippisley & G. Stump (Eds.), *The Cambridge Handbook of Morphology (Cambridge Handbooks in Language and Linguistics)* (pp. 331-355). Cambridge University Press. doi:10.1017/9781139814720.013

Bauer, L., Lieber, R., & Plag, I. (2015). *The Oxford reference guide to English morphology*. Oxford University Press.

Bezzina, R. (2020). *L-allomorfija fil-Malti: B'referenza speċjali għall-imtenni u d-diminuttiv*. [Teżi tal-Baċellerat, Università ta' Malta].

Booij, G. (2014). Chapter 7 morphology: The structure of words. F'F. Katamba (Ed.), *The Routledge Handbook of Morphology*. Routledge.

Booij, G. (2015). Morphological analysis. F'Bernd Heine and Heiko Narrog (Eds.), *The Oxford Handbook of Grammatical Analysis*. Oxford University Press.

Booij, G. (2020). Principles of Word Formation. F'M. Putnam & B. Page (Eds.), *The Cambridge Handbook of Germanic Linguistics* (pp. 238-258). Cambridge University Press. doi:10.1017/9781108378291.012

Borg, A., & Azzopardi-Alexander, M. (1997). *Maltese (Descriptive grammars)*. Routledge.

Brincat, J., & Mifsud, M. (2016). 183. Maltese. F'P. Müller, I. Ohnheiser, S. Olsen & F. Rainer (Ed.), *Volume 5 Word-Formation: An International Handbook of the Languages of Europe* (pp. 3349-3366). De Gruyter Mouton. https://doi.org/10.1515/9783110424942-015

Camilleri, E. (1993). *Is-suffissi nominali Rumanzi fil-Malti*. [Teżi tal-Baċellerat, Universitá ta' Malta].

Caruana, S. (2022). *-ata nominalisations in Maltese: A language contact perspective*. [Paper under review]. Sodalizio Glottologico Milanese, Università degli Studi di Milano Statale.

Chomsky, N., & Halle, M. (1991). *The sound pattern of English*. M.I.T. Press.

Comrie, B. (2009). Maltese and the World Atlas of Language Structures. F'B. Comrie, R. Fabri, E. Hume, M. Mifsud, T. Stolz, & M. Vanhove (Eds.), *Introducing Maltese linguistics: Selected papers from the 1st international conference on Maltese linguistics* (pp. 3-11). John Benjamins.

Crystal, D. (2010). *The Cambridge encyclopedia of language* (It-3 ed.). Cambridge University Press.

Cutajar, F. (2019). *Id-diminuttiv u l-akkrexxittiv fil-Malti*. [Teżi tal-Baċellerat, Università ta' Malta].

Dixon, R. (2014). *Making new words: Morphological derivation in English*. Oxford University Press.

Embick, D. (2015). *The morpheme: A theoretical introduction*. De Gruyter.

Encyclopedia.com. (n.d.). *Complex word*. F'Encyclopedia.com. https://www.encyclopedia.com/humanities/encyclopedias-almanacs-transcripts-and-maps/complex-word

Fabri, R. (1996). The construct and the pseudo-construct state in Maltese. *Rivista di Linguistica*, *8.1*, 229–244.

Fabri, R. (2011). The Language of Young People and Language Change in Maltese. F'Caruana, S., Fabri, R., & Stolz, T. (Eds.), *Variation and change: The dynamics of maltese in space, time and Society* (pp. 89-107). Akademie Verlag.

Fudge, E. C. (1994). Word, Phonological. F'R. E. Asher & J. M. Y. Simpson (Eds.), *The encyclopedia of language and linguistics* (pp. 5007-5009). Pergamon.

Gaeta, L. (2015). Restrictions in word-formation. F'P. Muller, I. Ohnheiser, S. Olsen & F. Rainer (Eds.), *Word-Formation: An International Handbook of the Languages of Europe* (pp. 858-874). De Gruyter Mouton.

Gatt, A., & Fabri, R. (2018). Borrowed affixes and morphological productivity: A case study of two Maltese nominalisations. F'P. Paggio & A. Gatt (Eds.), *The languages of Malta*, (pp. 143-169). Language Science Press.

Giegerich, H. J. (2001). Synonymy blocking and the elsewhere condition: Lexical morphology and the speaker. *Transactions of the Philological Society*, *99*(1), 65–98.

Glottopedia. (2018). *Morpheme*. Glottopedia. http://www.glottopedia.org/index.php/Morpheme

Greenberg, J. H. (1963). Some universals of grammar with particular reference to the order of meaningful elements. F'J. H. Greenberg (Ed.), *Universals of language: Report of a conference* (pp. 73-113). MIT Press.

Grossmann, M. (2004). Nomi collettivi. F'M. Grosmann & F. Rainer (Eds.), *La Formazione delle parole in Italiano* (pp. 244-247). Max Niemeyer.

Hacken, P. T. (2014). Delineating derivation and inflection. F'R. Lieber & P. Štekauer (Eds.), *The Oxford handbook of derivational morphology* (pp. 10-25). Oxford University Press.

Haspelmath, M. (2011). The indeterminacy of word segmentation and the nature of morphology and syntax. *Folia Linguistica*, *45*, 31–80.

Haspelmath, M. (2020). The morph as a minimal linguistic form. *Morphology, 30*, 117–134. https://doi.org/10.1007/s11525-020-09355-5

Haspelmath, M. (2021). Bound forms, welded forms, and affixes: Basic concepts for morphological comparison. *Voprosy Jazykoznanija*, *2021*, *1*, 7–28.

Haspelmath, M., & Sims, A. (2010). *Understanding morphology* (It-2 ed.). Hodder Education.

Hay, J. (2002). From Speech Perception to Morphology: Affix Ordering Revisited. *Language*, *78*, 527–555.

Hay, J., & Plag, I. (2004). What Constrains Possible Suffix Combinations? On the Interaction of Grammatical and Processing Restrictions in Derivational Morphology. *Natural Language & Linguistic Theory*, *22*, 565–596. https://doi.org/10.1023/B:NALA.0000027679.63308.89

Kaisse, E. M. (2005). Word-Formation and Phonology. F'P. Štekauer & R. Lieber (Eds.), *Handbook of Word-Formation* (pp. 25-48). Springer.

Katsouda, G. (2016). The Greek suffix -ozos: A case study in loan suffixation. *Journal of Greek Linguistics*, 232–265. 10.1163/15699846-01602003.

Kiparsky, P. (2020). *Morphological Units: Stems*. F'Oxford Research Encyclopedia of Linguistics. https://oxfordre.com/linguistics/view/10.1093/acrefore/9780199384655.001.0001/acrefore-9780199384655-e-542.

Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. (2008). *Deċiżjonijiet 1 tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti dwar il-varjanti ortografiċi*.

Leminen A., Lehtonen M., Bozic M., & Clahsen H. (2016). Editorial: Morphologically Complex Words in the Mind/Brain. *Front. Hum. Neurosci.*, *10*(47). doi: 10.3389/fnhum.2016.00047

Lieber, R. (2022). *Introducing morphology* (It-3 ed.). Cambridge University Press.

Lieber, R., & Štekauer, P. (2014). Introduction: The Scope of the Handbook. F'R. Lieber & P. Štekauer (Eds.), *The Oxford handbook of derivational morphology* (pp. 3-9). Oxford University Press.

Lo Duca, M. (2004). Nomi di luogo. F'M. Grosmann & F. Rainer (Eds.), *La Formazione delle parole in Italiano* (pp. 234-239). Max Niemeyer.

Lucas, C., & Čéplö, S. (2020). Maltese. F'C. Lucas & S. Manfredi (Eds.), *Arabic and contact-induced change* (pp. 265-302). Language Science Press.

Manova, S. (2015). Introduction: Affix Ordering Across Languages and Frameworks. F'S. Manova (Ed.), *Affix Ordering Across Languages and Frameworks* (pp. 1-14). Oxford University Press.

Martin, A., & Culbertson, J. (2020). Revisiting the Suffixing Preference: Native-Language Affixation Patterns Influence Perception of Sequences. *Psychological Science*, *31*(9), 1107–1116. https://doi.org/10.1177/0956797620931108

Matthews, P. (1991). *Morphology* (It-2 ed., Cambridge Textbooks in Linguistics). Cambridge University Press. doi:10.1017/CBO9781139166485

Melissaropoulou, D., & Ralli, A. (2010). Greek derivational structures: Restrictions and constraints. *Morphology*, *20*, 343–357. https://doi.org/10.1007/s11525-010-9183-0

Micallef, B. (2013, Ott. 30). *Il-Grottesk fil-Qarċilla Żwieġ la Maltija* [Taħdita].

Mifsud, M. (1995a). *Loan verbs in Maltese: A descriptive and comparative study*. Brill.

Mifsud, M. (1995b). The productivity of Arabic in Maltese. F'C. Holes (Ed.), *Proceedings of the 2nd International Conference of L' Association pour la Dialectologie Arabe* (pp. 151-160). Cambridge University Press.

Mifsud, M. (2009). "Imma l'oriġinal oriġinali?": A noun-adjective opposition in some Maltese word-classes of Romance origin. F'B. Comrie, R. Fabri, E. Hume, M. Mifsud, T. Stolz, & M. Vanhove (Eds.), *Introducing Maltese linguistics: Selected papers from the 1st international conference on Maltese linguistics* (pp. 3-11). John Benjamins.

Mugdan, J. (1986). Was ist eigentlich ein Morphem? *Zeitschrift für Phonetik, Sprachwissenschaft und Kommunikationsforschung, 39*(1–4), 29–43. https://doi.org/10.1524/stuf.1986.39.14.29.

Nida, E. A. (1958). Analysis of meaning and dictionary making. *International Journal of American Linguistics*, *24*, 279–292.

Nordquist, R. (2020, Awwissu 23). *Types of Word Formation in English*. ThoughtCo. thoughtco.com/word-formation-1692501.

Olsen, S. (2014). Delineating derivation and compounding. *The Oxford handbook of derivational morphology* (pp. 26-49). Oxford University Press.

Peter, L. (2015). 51. Morphological restrictions on English word-formation. F'P. Müller, I. Ohnheiser, S. Olsen & F. Rainer (Ed.), *Volume 2 Word-Formation: An International*

*Handbook of the Languages of Europe* (pp. 918-931). De Gruyter Mouton. https://doi.org/10.1515/9783110246278-007

Pharies, D. (2015). The origin of suffixes in Romance. F’P. Müller, I. Ohnheiser, S. Olsen & F. Rainer (Eds.), *Word-Formation: An International Handbook of the Languages of Europe* (pp. 1854-1866). De Gruyter Mouton. https://doi.org/10.1515/9783110375732-019

Plag, I. (1999). *Morphological productivity: Structural constraints in English derivation*. De Gruyter Mouton. https://doi.org/10.1515/9783110802863

Plag, I., & Baayen, H. (2009). Suffix Ordering and Morphological Processing. *Language*, *85*(1), 106–140. 10.1353/lan.0.0087

Popper, K. R. (1979). *Objective knowledge: An evolutionary approach*. Clarendon Press.

Raffelsiefen, R. (2015). Phonological restrictions on English word-formation. F’P. Muller, I. Ohnheiser, S. Olsen & F. Rainer (Eds.), *Word-Formation: An International Handbook of the Languages of Europe* (pp. 894-917). De Gruyter Mouton.

Rainer, F. (2004). Derivazione nominale deaggettivale. F’M. Grosmann & F. Rainer (Eds.), *La Formazione delle parole in Italiano* (pp. 293-313). Max Niemeyer.

Rainer, F. (2005). Constraints on productivity. F’P. Štekauer & R. Lieber (Eds.), *Handbook of Word-Formation* (pp. 335-352). Springer.

Rainer, F. (2012). Morphological metaphysics: Virtual, potential, and actual words. *Word Structure*, *5*(2), 165–182.

Rainer, F. (2015). Mechanisms and motives of change in word-formation. F’P. Müller, I. Ohnheiser, S. Olsen & F. Rainer (Eds.), *Word-Formation: An International Handbook of the Languages of Europe* (pp. 1761-1781). De Gruyter Mouton. https://doi.org/10.1515/9783110375732-013

Ralli, A. (2020). Affixoids: An Intriguing Intermediate Category. F'L. Körtvélyessy & P. Štekauer (Eds.), *Complex Words: Advances in Morphology* (pp. 217-238). Cambridge University Press. doi:10.1017/9781108780643.013

Ramat, P. (2020). *Morphological Units: Words*. Oxford Research Encyclopedia of Linguistics. https://oxfordre.com/linguistics/view/10.1093/acrefore/9780199384655.001.0001/acrefore-9780199384655-e-543.

Randall, J. (1980). -ity: A study in word formation restrictions. *Journal of Psycholinguistic Research*, *9*, 523–534. 10.1007/BF01068114.

Ricca, D. (2004). Aggettivi deverbali. F'M. Grosmann & F. Rainer (Eds.), *La Formazione delle parole in Italiano* (pp. 419-449). Max Niemeyer.

Rice, K. D. (2011). Principles of affix ordering: An overview. *Word Structure*, *4*(2), 169–200.

Saade, B. (2019). Assessing productivity in contact: Italian derivation in Maltese. *Linguistics*, *57*(1), 59–86. https://doi.org/10.1515/ling-2018-0031

Saade, B. (2020). Quantitative approaches to productivity and borrowing in Maltese derivation. *Morphology*, *30*(4), 447–467.

Saarinen, P., & Hay, J. (2014). Affix ordering in derivation. F'R. Lieber u P. Štekauer (Eds.), *The Oxford handbook of derivational morphology* (pp. 370-383). Oxford University Press.

Sailaja, P. (2014). Indo-European. F'R. Lieber & P. Štekauer (Eds.), *The Oxford handbook of derivational morphology* (pp. 443-472). Oxford University Press.

Sammut, N. (2015). *Il-produttività morfoloġika: Is-suffissi aġġettivali fil-Malti*. [Teżi tal-Baċellerat, Università ta' Malta].

Sapir, E. (1921). *Language: An introduction to the study of speech*. Harcourt, Brace.

Sawyer, J. F. A. (1994). Word of God. F’R. E. Asher & J. M. Y. Simpson (Eds.), *The encyclopedia of language and linguistics* (pp. 4989-4990). Pergamon.

Scalise, S. (1986). *Generative Morphology* (Vol. 18, Studies in Generative Grammar [SGG]). Foris.

Scalise, S., & Bisetto, A. (2008). *La Struttura delle parole*. Il Mulino.

Scalise, S., & Emiliano, G. (2005). The lexicalist approach to word-formation and the notion of lexicon. F’P. Štekauer & R. Lieber (Eds.), *Handbook of Word-Formation* (pp. 147-187). Springer.

Scalise, S., & Guevara, E. (2005). The lexicalist approach to word-formation and the notion of the lexicon. F’Štekauer, P., Lieber, R. (Eds.), *Handbook of Word-Formation* (pp. 147-187). Springer.

Serracino-Inglott, E. (1975-1989). *Il-miklem Malti*. Malta.

Shay, E. (2014). Afroasiatic. F’R. Lieber & P. Štekauer (Eds.), *The Oxford handbook of derivational morphology* (pp. 573-590). Oxford University Press.

Sims, A. D. & Parker, J. (2015). Lexical processing and affix ordering: Cross-linguistic predictions. *Morphology*, *25*, 143–182.

Spagnol, M. (2011). *A tale of two morphologies. Verb structure and argument alternations in Maltese*. [Teżi tad-dottorat, University of Konstanz].

Spagnol, M. (2018, Frar 07). *Kuċċlu*. kelmakelma. http://kelmakelma.com/posts/ku%C4%8B%C4%8Blu/

Stevens, C. (2005). Revisiting the affixoid debate: On the grammaticalization of the word. F’T. Leuschner, T. Mortelmans & S. De Groodt (Eds.), *Grammatikalisierung im Deutschen* (pp. 71-83). Mouton de Gruyter.

Sutcliffe, E. F. (1936). *A grammar of the Maltese language: With chrestomathy and vocabulary* (It-2 ed.). Geoffrey Cumberlege.

Talamo, L. (2015). Suffix combination in Italian: Selectional restrictions and processing constraints. F'S. Manova (Ed.), *Affix Ordering Across Languages and Frameworks* (pp. 175-204). Oxford University Press.

Traina, A. (1868). *Nuovo vocabolario siciliano-italiano* (edizzjoni elettronika tal-2020). Guiseppe Pedone Lauriel.

Wandruszka, U. (2004). Aggettivi di relazione. F'M. Grosmann & F. Rainer (Eds.), *La Formazione delle parole in Italiano* (pp. 382-401). Max Niemeyer.

Zsiga, E. (2013). *The sounds of language: an introduction to phonetics and phonology.* Wiley-Blackwell.

## Sorsi Elettroniċi

Dizionario Italiano de Mauro - Vocabolario Online della lingua italiana. https://dizionario.internazionale.it/

Korpus Malti v3.0: https://mlrs.research.um.edu.mt/

Treccani. https://www.treccani.it/vocabolario/